

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014**

tas-16 ta' April 2014

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/79 tat-18 ta' Diċembru 2014	L 14	1	21.1.2015
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/227 tad-9 ta' Jannar 2015	L 48	1	20.2.2015
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1278 tad-9 ta' Lulju 2015	L 205	1	31.7.2015

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 210, 7.8.2015, p. 38 (2015/1278)



REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014

tas-16 ta' April 2014

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 99(5) ir-raba sottoparagrafu; tal-Artikolu 99(6); it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 101(4); it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 394(4); ir-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 415(3) u t-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 430(2),

Billi:

- (1) Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 104(1)(j) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, bil-ħsieb li jiżiedu l-effiċjenza u tnaqqas tal-piż amministrattiv, qafas tar-rappurtar koerenti għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' sett armonizzat ta' standards.
- (2) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, billi jittrattaw reqwiziti ta' rappurtar tal-istituzzjonijiet. Biex jiżguraw koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex jiffaċilitaw perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal dawk l-obbligi, huwa mixtieq li jkunu inklużi l-istandards tekniċi regolatorji kollha meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'Regolament wieħed.
- (3) In-natura u l-komplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet bħal fil-portafoll tan-negozjar jew fil-portafoll mhux tan-negozjar u l-approċċi użati għar-riskju tal-kreditu jistabbilixxu l-livell tal-obbligi reali ta' rappurtar tal-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, u skont l-Artikolu 99(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-piż tar-rappurtar fuq l-istituzzjonijiet għandu jkun proporzjonat u għandu jiġi introdott tnaqqis fil-frekwenza

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)

▼B

ta' rappurtar ta' ċerti mudelli. Barra minn hekk, sabiex jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-istituzzjonijiet, limiti ta' materjalità speċifiċi għall-mudell, għandhom jiġu introdotti qabel jiskattaw ċerti rekwiżiti ta' rappurtar.

- (4) Meta r-rekwiżiti tar-rappurtar huma bbażati fuq limiti kwantitattivi, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għal rappurtar supervizzorju komuni, kriterji ta' dħul u ta' ħruġ speċifiċi għall-mudell għandhom jiġu introdotti.
- (5) L-istituzzjonijiet li japplikaw sena ta' kontabbiltà li hija differenti mis-sena kalendarja għandhom jitħallew jaġġustaw dati ta' referenza u d-dati ta' remittenza ta' rappurtar għar-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja, sabiex jitħaffef, għal dawn l-istituzzjonijiet, il-piż tal-preparazzjoni tal-kontijiet għal żewġ perjodi differenti.
- (6) Informazzjoni finanzjarja tkopri l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet u riskji sistemiċi potenzjali. L-informazzjoni bażika dwar is-sitwazzjoni finanzjarja hija kkumplementata b'taġhrif aktar dettaljat li jipprovdi lis-superviżuri b'informazzjoni dwar ir-riskji ta' attivitajiet differenti. L-istituzzjonijiet għandhom għalhekk jipprovdu dejta granulari u uniformi speċjalment dwar l-analiżijiet ġeografiki u settorjali u tal-kontropartijiet sinifikanti tal-iskoperturi u l-finanzjament sabiex jipprovdu lill-awtoritajiet supervizzorji bl-informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet potenzjali u ammassament ta' riskji sistemiċi.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u komparabbiltà tal-informazzjoni, fejn l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu lill-istituzzjonijiet li jirrapportaw informazzjoni dwar il-fondi tagħhom billi jużaw l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS), kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, u jestendu dan ir-rekwiżit ta' rappurtar wkoll għar-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja b'manjiera simili għal dik ta' istituzzjonijiet li jippreparaw il-kontijiet konsolidati tagħhom bl-użu tal-IFRS, kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (8) Bl-istess mod, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni, fejn l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu lill-istituzzjonijiet li jużaw l-istandards nazzjonali ta' kontabbiltà li jirrapportaw informazzjoni finanzjarja bis-saħħa tal-Artikolu 99(6), dawn l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja b'manjiera simili għal dik tal-istituzzjonijiet li jużaw l-IFRS, kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, għar-rappurtar aġġustat ibbażat fuq l-istandards tal-kontabbiltà nazzjonali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1)

▼B

- (9) Minħabba li hemm għadd kbir ta' rekwiżiti ta' rappurtar differenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għal skopijiet oħra minbarra dawk stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, tali dejta statistika, dejta monetarja, dejta taħt il-Pilastru II kull regola dwar ir-rappurtar superviżorju komuni tista' tiffirma biss parti mill-qafas kumplessiv ta' rappurtar. L-użu ta' soluzzjoni waħda tal-IT li tapplika għall-qafas kumplessiv tar-rappurtar, ikun ħafna aktar kosteffettiv meta mqabbel ma' soluzzjonijiet tal-IT differenti għal partijiet individwali ta' dak il-qafas kumplessiv ta' rappurtar. Sabiex jiġi evitat il-bżonn li l-istituzzjonijiet jiġu obbligati li jirrapportaw l-informazzjoni meħtieġa bl-użu ta' soluzzjoni waħda tal-IT speċifika filwaqt li jiġu applikati soluzzjonijiet oħra tal-IT għar-rekwiżiti ta' rappurtar oħrajn u bil-għan li tkun evitata implimentazzjoni mhux ġustifikata u spejjeż operattivi, Mudell tal-Punt tad-Dejta u kundizzjonijiet ta' preċiżjoni minimi definiti, għandhom jiġu żviluppati, sabiex jiżguraw li d-diversi soluzzjonijiet tal-IT fis-seħħ jipproduċu dejta armonizzata kif ukoll kwalità tad-dejta affidabbli. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqas il-piż ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet, bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti neċessarji huma ssodisfati għal kollox, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitħallew ikomplu jiddefinixxu preżentazzjonijiet alternattivi u formati tal-iskambju tad-dejta attwalment użati wkoll għal għanijiet oħra ta' rappurtar. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu eżentati milli jeħtieġu punti ta' dejta li jistgħu jiġu derivati minn punti ta' dejta oħra inklużi fil-mudell tal-punt tad-dejta, jew punti ta' dejta li jirreferu għal informazzjoni li tkun diġà miġbura mill-awtorità kompetenti.
- (10) Minħabba n-natura ġdida ta' rekwiżiti ta' rappurtar f'xi ġurisdiżjonijiet frabta ma' informazzjoni finanzjarja u likwidità fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rappurtar, u bil-ħsieb li jipprovdu lill-istituzzjonijiet b'biżżejjed żmien sabiex jimplementaw dawk ir-rekwiżiti b'mod li jipproduċu dejta ta' kwalità għolja, data tal-applikazzjoni differita għandha tapplika f'relazzjoni ma' dawk ir-rekwiżiti tar-rappurtar.
- (11) Minħabba l-applikazzjoni għall-ewwel darba fl-Unjoni tar-rappurtar superviżorju komuni u l-ħtieġa għall-istituzzjonijiet li jadattaw is-sistemi ta' rappurtar u tal-IT tagħhom għar-rekwiżiti komuni ta' rappurtar superviżorju, l-istituzzjonijiet ma għandux ikollhom aktar dati ta' rimessi għal rapporti ta' kull xahar matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' rappurtar superviżorju komuni.
- (12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi implementattivi sottomess mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.
- (13) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi implimentattivi li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

▼B

ADDOTTAT DAN ID-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI*Artikolu 1***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-rapportar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti, fl-oqsma li ġejjin:

- (a) Rekwiżiti ta' fondi proprji u informazzjoni ta' finanzjament skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013
- (b) Telf li ġej minn telf kollateralizzat bi proprjetà immobbli skont l-Artikolu 101(4)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (c) Skoperturi kbar u l-akbar skoperturi oħra skont l-Artikolu 394(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (d) Proporzjon ta' ingranaġ skont l-Artikolu 430 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (e) Rekwiżiti ta' Kopertura tal-Likwidità u rekwiżiti ta' Finanzjament Stabbli Nett skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

▼M1

- (f) L-interess ta' garanzija tal-assi skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

▼B

KAPITOLU 2

RAPPURTAR TA' REFERENZA U D-DATI TA' RIMESSA U LIMITI TAR-RAPPURTAR*Artikolu 2***Dati tar-referenza ta' rappurtar**

1. L-istituzzjonijiet jissottomettu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar id-dati ta' referenza ta' rappurtar segwenti:

- (a) Rappurtar ta' kull xahar: fl-aħħar jum ta' kull xahar;
- (b) Rapporti kull tliet xhur: fil-31 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju, fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Diċembru;
- (c) Kull sitt xhur: fit-30 ta' Ġunju u fil-31 ta' Diċembru.
- (d) Rappurtar annwali: fil-31 ta' Diċembru.

▼B

2. It-tagħrif mogħti skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness III u l-Anness IV skont l-istruzzjonijiet fl-Anness V li jirreferu għal ċertu perjodu jiġu rrapportati b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena tal-kontijiet għad-data ta' referenza.

3. Fejn l-istituzzjonijiet huma permessi mil-liġijiet nazzjonali biex jirrapportaw it-tagħrif finanzjarju taġġhom abbażi ta' tmiem is-sena finanzjarja taġġhom li tiddevja mis-sena kalendarja, id-dati ta' referenza tar-rappurtar jistgħu jiġu aġġustati skont kif meħtieġ, sabiex ir-rappurtar tal-informazzjoni finanzjarja isir kull tliet xhur, sitt xhur jew 12-il xahar minn tmiem is-sena finanzjarja taġġhom, rispettivament.

*Artikolu 3***Rappurtar tad-dati ta' rimessa**

1. L-istituzzjonijiet jissottomettu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti sal-ħin tal-għeluq tan-negozju f'dawn id-dati ta' rimessa:

- (a) Rappurtar ta' kull xahar: fil-15-il jum kalendarju wara d-data ta' referenza ta' rappurtar;
- (b) Rapporti kull tliet xhur: fit-12 ta' Mejju, fil-11 ta' Awwissu, fil-11 ta' Novembru u fil-11 ta' Frar;
- (c) Kull sitt xhur: fil-11 ta' Awwissu u fil-11 ta' Frar.
- (d) Rappurtar annwali: fil-11 ta' Frar.

2. Jekk il-jum tar-rimessa jkun festa pubblika fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li lilha jkollu jiġi provdut ir-rapport, jew is-Sibt jew il-Ħadd, rekwiżiti ta' rappurtar ikunu ippreżentati fil-jum tax-xogħol segwenti.

3. Fejn l-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni finanzjarja bl-użu ta' dati ta' referenza aġġustati fuq il-bażi ta' tmiem is-sena finanzjarja kif stabbilit fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, id-dati tar-rimessa jistgħu jiġu aġġustati wkoll skont dan sabiex l-istess perjodu ta' rappurtar mid-data ta' referenza ta' rappurtar aġġustat jinżamm.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jibagħtu ċifri mhux awditjati. Meta ċ-ċifri awditjati jiddevjaw minn ċifri sottomessi mhux awditjati, iċ-ċifri awditjati, riveduti, jiġu preżentati mingħajr dewmien żejjed. Ċifri mhux awditjati jkunu ċifri li ma rċevewx opinjoni ta' awditur estern filwaqt li ċifri awditjati jkunu ċifri vverifikati minn awditur estern li jesprimi opinjoni tal-awditjar.

5. Korrezzjonijiet oħra għar-rapporti sottomessi jiġu wkoll sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 4***Il-limiti tal-irrapportar — kriterji ta' dħul u ta' ħruġ**

1. L-istituzzjonijiet jibdeu jirrapportaw l-informazzjoni suġġetta għal-limiti mid-data ta' referenza ta' rappurtar li jmiss fejn ikun inqabeż il-limitu fuq żewġ dati ta' referenza ta' rappurtar konsekuttivi.

▼B

2. Għall-ewwel żewġ dati ta' referenza dwar rappurtar li l-istituzzjonijiet ikollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet jirrappurtaw l-informazzjoni soġġetta għal-limiti jekk jaqbżu l-limiti rilevanti fuq l-istess data ta' referenza tar-rappurtar.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jieqfu jirrappurtaw l-informazzjoni suġġetti għal-limiti mid-data ta' referenza tar-rappurtar li jmiss fejn dawn ikunu naqsu mil-limiti rilevanti għal tliet dati ta' referenza konsekuttivi ta' rappurtar.

KAPITOLU 3

**IL-FORMAT U L-FREKWENZA TAR-RAPPURTAR DWAR IL-FONDI
PROPRJI, IR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI U INFORMAZZJONI
FINANZJARJA**

TAQSIMA 1

***Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar fondi proprji u rekwiżiti ta'
fondi proprji***

Artikolu 5

**Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar fondi proprji u dwar
rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istituzzjonijiet fuq bażi individwali,
ħlief għal ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikolu 95 u 96
tar-Regolament (UE) Nru 575/2013**

Sabiex jirrappurtaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni kollha elenkata fil-paragrafi (a) u (b).

- (a) L-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni li ġejja bi frekwenza trimestrali:
- (1) L-informazzjoni relatata ma' fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji kif speċifikat fil-Mudelli minn 1 sa 5 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 1 tal-Anness II;
 - (2) L-informazzjoni dwar ir-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti trattati skont l-Approċċ Standardizzat kif speċifikat fil-Mudell 7 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.2 tal-Anness II;
 - (3) L-informazzjoni dwar ir-riskju tal-kreditu u tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti trattat skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna kif speċifikat fil-Mudell 8 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.3 tal-Anness II;
 - (4) L-informazzjoni dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont il-pajjiż kif speċifikat fil-Mudell 9 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.4 tal-Anness II, fejn skoperturi oriġinali mhux domestiċi fil-pajjiżi kollha "mhux domestiċi" fil-klassijiet ta' skoperturi kollha, kif irrapportat fir-ringiela 850 tal-Mudell 4 tal-Anness I, huma ugwali jew ogħla minn 10 % tal-iskoperturi totali domestiċi kif ukoll mhux domestiċi oriġinali kif irrappurtat fir-ringiela 860 tal-Mudell 4 tal-Anness I. Għal dan l-għan l-iskoperturi jiġu meqjusa bħala domestiċi fejn huma skoperturi għal kontropartijiet li jinsabu fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni hija lokalizzata. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ tal-Artikolu 4 japplikaw;

▼B

- (5) L-informazzjoni dwar skoperturi ta' ekwità trattati skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni kif speċifikat fil-Mudell 10 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.5 tal-Anness II;
 - (6) L-informazzjoni dwar ir-riskju tas-saldu kif speċifikat fil-Mudell 11 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.6 tal-Anness II;
 - (7) L-informazzjoni fuq l-iskoperturi tat-titolizzazzjonijiet trattata bl-Approċċ Standardizzat kif speċifikat fil-Mudell 12 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.7 tal-Anness II;
 - (8) L-informazzjoni dwar l-iskopertrui tat-titolizzazzjoni trattata skont Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna kif speċifikat fil-Mudell 13 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 3.8 tal-Anness II;
 - (9) L-informazzjoni dwar ir-reqwiziti ta' fondi proprji u t-telf relatat għar-riskju operattiv kif speċifikat fil-Mudell 16 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 4.1 tal-Anness II;
 - (10) L-informazzjoni dwar ir-reqwiziti ta' fondi proprji relatati mar-riskju tas-suq kif speċifikat fil-Mudelli minn 18 sa 24 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt minn 5.1 sa 5.7 tal-Anness II;
 - (11) L-informazzjoni dwar ir-reqwiziti ta' fondi proprji għar-riskju tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu li għandhom x'jaqsmu ma' kif speċifikat fil-Mudell 25 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 5.8 tal-Anness II;
- (b) L-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni li ġejja bi frekwenza semiannwali:

▼M2

- (1) L-informazzjoni dwar kull skopertura ta' titolizzazzjoni kif speċifikat fil-formola 14 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet f'punt 3.9 ta' Parti II ta' Anness II.

L-istituzzjonijiet jiġu eżentati milli jressqu dawk id-dettalji ta' titolizzazzjoni meta dawn ikunu parti minn grupp fl-istess pajjiż li fih huma soġġetti għar-reqwiziti ta' fondi proprji;

▼B

- (2) L-informazzjoni dwar telf materjali fir-rigward ta' riskju operattiv bil-mod li ġej:
 - (a) L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-reqwiziti ta' fondi proprji relatati għar-riskju operazzjonali skont il-Kapitoli 3 jew 4, it-Titolu III tal-Parti 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrapportaw din l-informazzjoni kif speċifikat fil-Mudell 17 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-Parti II, il-punt 4.2 tal-Anness II;

▼B

- (b) l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati għar-riskju operattiv skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tal-Parti 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li l-proporzjon tat-total tal-karta tal-bilanċ individwali tagħhom fuq is-somma tat-total tal-karta ta' bilanċ individwali tal-istituzzjonijiet kollha f' l-istess Stat Membru huwa inqas minn 1 % jistgħu jirrapportaw biss l-informazzjoni kif speċifikat fil-Mudell 17 tal-Anness I skont l-istruzzjonijiet tal-paragrafu 124 tal-Parti II tal-Anness II. Iċ-ċifri tat-total tal-karta tal-bilanċ ikunu bbażati fuq ċifri tal-aħħar tas-sena għas-sena ta' qabel is-sena ta' qabel id-data ta' referenza ta' rappurtar. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ tal-Artikolu 4 japplikaw;
- (c) l-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operativi skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tal-Parti III tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jkunu kompletament eżentati milli jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-Mudell 17 tal-Anness I u l-punt 4.2 tal-Parti II tal-Anness II.

Artikolu 6

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi konsolidata, ħlief għal gruppi li jikkonsistu biss f'ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikoli 95 u 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet fi Stat Membru jissottomettu:

- (a) l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5 fil-frekwenza speċifikata hemmhekk iżda fuq bażi konsolidata;
- (b) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 6 tal-Anness I skont l-istruzzjonijiet ipprovduti fil-punt 2 tal-Parti II tal-Anness II fir-rigward ta' entitajiet inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni, bi frekwenza semiannwali.

Artikolu 7

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji għal ditti tal-investment soġġetti għall-Artikoli 95 u 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali

1. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali, ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fil-Mudelli minn 1 sa 5 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II bi frekwenza trimestrali.

2. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali, ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b)(1) tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament bi frekwenza speċifikata fihom.



Artikolu 8

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji għal gruppi li jikkonsistu biss f'ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikolu 95 u 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata

1. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata, ditti tal-investment ta' gruppi li jikkonsistu biss minn ditti tal-investment, suġġetti għall-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iressqu l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata:

- (a) l-informazzjoni fuq fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji kif speċifikat fil-Mudelli minn 1 sa 5 tal-Anness I skont l-istruzzjonijiet fil-punt 1 tal-Parti II tal-Anness II, bi frekwenza trimestrali;
- (b) l-informazzjoni fuq fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji fir-rigward ta' entitajiet inklużi fl-ambitu ta' konsolidazzjoni kif speċifikat fil-Mudell 6 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet fil-punt 2 tal-Parti II tal-Anness II, b'frekwenza semiannwali.

2. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq fondi proprji u dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata, ditti tal-investment ta' gruppi li jikkonsistu minn ditti tal-investment suġġetti kemm għall-Artikolu 95 kif ukoll l-Artikolu 96, kif ukoll gruppi li jikkonsistu biss minn ditti tal-investment soġġetti għall-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iressqu l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata:

- (a) l-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b) (1) tal-Artikolu 5, bi frekwenza speċifikata hemmhekk;
- (b) l-informazzjoni fir-rigward ta' entitajiet inklużi fl-ambitu ta' konsolidazzjoni kif speċifikat fil-Mudell 6 tal-Anness I, skont l-istruzzjonijiet tal-punt 2 tal-Parti II, tal-Anness II, bi frekwenza semiannwali.

TAQSIMA 2

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar l-informazzjoni finanzjarja fuq bażi konsolidata

Artikolu 9

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar informazzjoni finanzjarja għal istituzzjonijiet suġġetti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 u istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn li japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 fuq bażi konsolidata

1. Sabiex tiġi rappurata informazzjoni finanzjarja fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 99 (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III fuq bażi konsolidata, skont l-istruzzjonijiet fl-Anness V u l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII fuq bażi konsolidata, skont l-istruzzjonijiet fl-Anness IX.

▼B

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun sottomessa skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 1 tal-Anness III bi frekwenza trimestrali;
 - (b) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness III bi frekwenza semiannwali;
 - (c) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 4 tal-Anness III bi frekwenza annwali;
 - (d) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 20 fil-Parti 2 tal-Anness III bi frekwenza trimestrali bil-manjiera prevista fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a). Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
 - (e) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 21 fil-Parti 2 tal-Anness III meta assi tanġibbli soġġetti għal kirjiet operattivi huma ugwali jew ogħla minn 10 % tat-total tal-assi tanġibbli kif irrappurtat fil-Mudell 1.1 fil-Parti 1 tal-Anness III bi frekwenza trimestrali. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
 - (f) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 22 fil-Parti 2 tal-Anness III meta l-introjt net mill-imposti u l-kummissjonijiet huwa ugwali jew ogħla minn 10 % tas-somma tad-dħul net mill-miżati u l-kummissjonijiet u dħul net mill-imgħax kif irrappurtat fil-Mudell 2 fil-Parti 1 tal-Anness III bi frekwenza trimestrali. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
 - (g) l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII għal skoperturi li l-valur ta' skopertura tagħhom huwa ikbar jew ugwali għal EUR 300 miljun imma anqas minn 10 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni bi frekwenza trimestrali.

Artikolu 10

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar informazzjoni finanzjarja għal istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 dwar bażi konsolidata, bis-saħħa tal-Artikolu 99(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Jekk awtorità kompetenti tkun estendiet ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' tagħrif finanzjarju fuq bażi konsolidata għal istituzzjonijiet fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 99(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jissottomettu informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 9.

Artikolu 11

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar l-informazzjoni finanzjarja għall-istituzzjonijiet li japplikaw oqfsa ta' kontabilità nazzjonali żviluppata skont id-Direttiva 86/635/KEE fuq bażi konsolidata

1. Meta awtorità kompetenti tkun estendiet ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' tagħrif finanzjarju fuq bażi konsolidata għal istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 99(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IV fuq bażi konsolidata, skont l-istruzzjonijiet fl-Anness V u l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII fuq bażi konsolidata, skont l-istruzzjonijiet fl-Anness IX.

▼B

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun sottomessa skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 1 tal-Anness IV bi frekwenza trimestrali;
- (b) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness IV bi frekwenza semiannwali;
- (c) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 4 tal-Anness IV bi frekwenza annwali;
- (d) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 20 fil-Parti 2 tal-Anness IV bi frekwenza trimestrali bil-manjiera prevista fil-punt (4) tal-Artikolu 5(a). Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
- (e) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 21 fil-Parti 2 tal-Anness IV fejn assi tanġibbli soġġetti għal kirjiet operattivi huma ugwali jew ogħla minn 10 % tat-total assi tanġibbli kif irrappurtat fil-Mudell 1.1 fil-Parti 1 tal-Anness IV bi frekwenza trimestrali. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
- (f) l-informazzjoni speċifikata fil-Mudell 22 fil-Parti 2 tal-Anness IV meta l-introjt nettt mill-imposti u l-kummissjonijiet huwa ugwali jew ogħla minn 10 % tas-somma tad-dħul nettt mill-miżati u l-kummissjonijiet u dħul nettt mill-imgħax kif irrappurtat fil-Mudell 2 fil-Parti 1 tal-Anness IV bi frekwenza trimestrali. Il-kriterji tad-dħul u l-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 4 japplikaw;
- (g) l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII għal skoperturi li l-valur ta' skopertura tagħhom huwa ikbar jew ugwali għal EUR 300 miljun imma anqas minn 10 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni bi frekwenza trimestrali.

KAPITOLU 4

IL-FORMAT U L-FREKWENZA TA' OBBLIGI SPEĊIFIĊI TA' RAPPURTAR DWAR IT-TELF LI ĠEJ MINN SELF KOLLATERALIZZAT PERMEZZ TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI SKONT L-ARTIKOLU 101 TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 575/2013

Artikolu 12

1. L-istituzzjonijiet jissottomettu informazzjoni kif speċifikat fl-Anness VI skont l-istruzzjonijiet fl-Anness VII fuq bażi kkonsolidata bi frekwenza semi-annwali.

2. L-istituzzjonijiet jissottomettu informazzjoni kif speċifikat fl-Anness VI skont l-istruzzjonijiet fl-Anness VII fuq bażi individwali bi frekwenza semiannwali.

3. Ferġhat fi Stat Membru ieħor ukoll jissottomettu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti informazzjoni kif speċifikat fl-Anness VI skont l-istruzzjonijiet fl-Anness VII relatati ma' dik il-ferġha bi frekwenza semiannwali.



KAPITOLU 5

IL-FORMAT U L-FREKWENZA TAR-RAPPURTAR DWAR SKOPERTURI KBAR FUQ BAŻI INDIVIDWALI U FUQ BAŻI KONSOLIDATA

Artikolu 13

1. Sabiex jirrapportaw informazzjoni dwar skoperturi kbar għal klijenti u gruppi ta' klijenti konnessi skont l-Artikolu 394(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII skont l-istruzzjonijiet fl-Anness IX, bi frekwenza trimestrali.

2. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-akbar 20 skopertura għal klijenti jew gruppi ta' klijenti konnessi skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 394(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Kapitolu 3, it-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII skont l-istruzzjonijiet fl-Anness IX, bi frekwenza trimestrali.

3. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni fuq l-akbar għaxar skoperturi għall-istituzzjonijiet kif ukoll fuq l-akbar 10 skoperturi għal entitajiet finanzjarji li ma jkunux regolati skont l-Artikolu 394(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VIII skont l-istruzzjonijiet fl-Anness IX, bi frekwenza trimestrali.

KAPITOLU 6

IL-FORMAT U L-FREKWENZA TAR-RAPPURTAR DWAR IL-PROPORZJON TA' INGRANAĠĠ FUQ BAŻI INDIVIDWALI U FUQ BAŻI KONSOLIDATA

Artikolu 14

1. Sabiex jirrapportaw informazzjoni dwar il-proporzjon tal-ingranaġġ skont l-Artikolu 430(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X skont l-istruzzjonijiet fl-Anness XI, bi frekwenza trimestrali.

2. Ir-rappurtar ta' din id-dejta jirrifletti l-metodoloġija applikabbli għall-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ, jew bħala l-medja aritmetika sempliċi ta' dejta ta' kull xahar matul it-tliet xhur, skont Artikolu 429(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu eżerċitaw id-deroga fl-Artikolu 499(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bħala proporzjon ta' ingranaġġ fi tmiem kull trimestru.

3. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 22 tal-Parti II tal-Anness XI fil-perjodu tar-rappurtar li jmiss, jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Is-sehem tad-derivattivi msemmi fil-paragrafu 15 tal-Parti II tal-Anness XI huwa aktar minn 1,5 %;
- (b) Is-sehem tad-derivattivi msemmi fil-paragrafu 15 tal-Parti II tal-Anness XI jaqbeż it-2,0 %.

▼B

Il-kriterji għad-dħul tal-Artikolu 4 japplikaw, ħlief għall-punt (b) fejn l-istituzzjonijiet jibdew jirrapportaw informazzjoni mid-data ta' referenza ta' rappurtar li jmiss fejn ikunu qabżu l-limitu fuq data ta' referenza waħda ta' rappurtar.

4. L-istituzzjonijiet li għalihom it-total bil-valur nozzjonali tad-derivati kif definit fil-paragrafu 17 tal-Parti II tal-Anness XI jaqbeż l-EUR 10 biljun jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 22 tal-Parti II tal-Anness XI, anki jekk is-sehem tad-derivattivi tagħhom ma jissodisfax il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 3.

Il-kriterji għad-dħul tal-Artikolu 4 ma japplikawx għal paragrafu 4. L-istituzzjonijiet jibdew jirrapportaw informazzjoni mid-data ta' referenza ta' rappurtar li jmiss meta jkunu qabżu l-limitu fuq data ta' referenza waħda ta' rappurtar.

5. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 23 tal-Parti II tal-Anness XI fil-perjodu tar-rappurtar li jmiss, fejn tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-volum tad-derivattivi tal-kreditu msemmija fil-paragrafu 18 tal-Parti II tal-Anness XI huwa aktar minn EUR 300 miljun;
- (b) Il-volum tad-derivattivi tal-kreditu msemmija fil-paragrafu 18 tal-Parti II tal-Anness XI jaqbeż il-EUR 500 miljun.

Il-kriterji għad-dħul tal-Artikolu 4 japplikaw, ħlief għall-punt (b) fejn l-istituzzjonijiet jibdew jirrapportaw informazzjoni mid-data ta' referenza ta' rappurtar li jmiss meta jkunu qabżu l-limitu fuq data ta' referenza waħda ta' rappurtar.

6. Fejn il-limitu li huwa speċifikat fil-paragrafu 39 tal-Parti II tal-Anness XI ma jkunx sodisfatt fil-każijiet kollha, l-istituzzjonijiet jiġu eżentati mir-rekwiżit li jirrapportaw l-informazzjoni kif speċifikat fil-paragrafu 40 tal-Parti II tal-Anness XI.

KAPITOLU 7

IL-FORMAT U L-FREKWENZA TAR-RAPPURTAR DWAR IL-LIKWIDITÀ U DWAR FINANZJAMENT STABBLI FUQ BAŻI INDIVIDWALI U FUQ BAŻI KONSOLIDATA

Artikolu 15

Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità

1. Sabiex jirrapportaw l-informazzjoni dwar ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII skont l-istruzzjonijiet fl-Anness XIII bi frekwenza ta' kull xahar.

2. L-informazzjoni stabbilita fl-Anness XII tiegħu kont tal-informazzjoni ppreżentata għad-data ta' referenza u l-informazzjoni dwar il-flussi tal-likwidità tal-istituzzjoni fuq it-30 jum kalendarju ta' wara.

▼B*Artikolu 16***Il-format u l-frekwenza ta' rappurtar dwar finanzjament stabbli**

Sabiex jirrapportaw informazzjoni dwar finanzjament stabbli skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII skont l-istruzzjonijiet fl-Anness XIII bi frekwenza trimestrali.

▼M1

KAPITOLU 7 a

IL-FORMAT U L-FREKWENZA TAR-RAPPURTAR DWAR L-INTERESS TA' GARANZIJA TAL-ASSI FUQ BAŻI INDIVIDWALI U KONSOLIDATA*Artikolu 16a***Il-format u l-frekwenza tar-rappurtar dwar l-interess ta' garanzija tal-assi fuq bażi individwali u konsolidata**

1. Sabiex jirrapportaw informazzjoni dwar l-interess ta' garanzija tal-assi b'konformità mal-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali u konsolidata, l-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XVI għal dan ir-Regolament skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII għal dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tiġi ppreżentata skont l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-informazzjoni speċifikata fil-Partijiet A, B u D tal-Anness XVI tiġi rappurtata fuq bażi trimestrali;
- (b) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti C tal-Anness XVI bi frekwenza annwali;
- (c) l-informazzjoni speċifikata fil-Parti E tal-Anness XVI bi frekwenza semi-annwali;

3. L-istituzzjonijiet mhumiex meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni fil-Partijiet B, C jew E tal-Anness XVI ladarba kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata:

- (a) l-istituzzjoni jkollha assi totali, ikkalkulati b'konformità mal-paragrafu 10 tal-punt 1.6 tal-Anness XVII, ta' inqas minn EUR 30 biljun;
- (b) il-livell ta' interess ta' garanzija tal-assi tal-istituzzjoni, kif ikkalkulat b'konformità mal-paragrafu 9, tal-punt 1.6 tal-Anness XVII, ikun inqas minn 15 %

4. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni fil-Parti D tal-Anness XVI meta joħorġu l-bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ⁽¹⁾

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

▼B

KAPITOLU 8

**SOLUZZJONIJIET TAL-IT GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' DEJTA MINN
ISTITUZZJONIJIET LILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI***Artikolu 17***▼M1**

1. L-istituzzjonijiet jissottomettu l-informazzjoni msemija f'dan ir-Regolament f'formati u rappreżentanzi tal-iskambju tad-dejta speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti, billi jirrispettaw id-definizzjonijiet inklużi fil-mudell ta' punt uniku tad-dejta speċifikat fl-Anness XIV u regoli dwar il-validazzjoni msemija fl-Anness XV kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) informazzjoni mhux meħtieġa jew mhux applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża fi preżentazzjoni ta' dejta;
- (b) il-valuri numeriċi jiġu ppreżentati bħala fatti skont dan li ġejj:
 - (i) punti ta' dejta bit-tip ta' dejta "Monetarja" jiġu rrapurtati bl-użu minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;
 - (ii) punti ta' dejta bit-tip ta' dejta "Perċentwali" jiġu espressi bħala unita b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' ċifri deċimali;
 - (iii) punti ta' dejta bit-tip ta' dejta "Integer" jiġu rrapurtati billi ma jintużawx deċimali u preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.

▼B

2. Id-dejta sottomessa mill-istituzzjonijiet tkun assoċjata mal-informazzjoni li ġejja:

- (a) Rappurtar ta' dejta ta' referenza u perjodu ta' referenza;
- (b) Munita tar-rapportaġġ;
- (c) Standards tal-kontabilità;
- (d) Identifikatur tal-istituzzjoni tar-rapportaġġ;
- (e) Livell ta' applikazzjoni bħala individwali jew konsolidati.

KAPITOLU 9

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI*Artikolu 18***Perjodu tranżizzjonali**

Id-data tar-remittenza għad-dejta bi frekwenza ta' rappurtar trimestrali relatata mad-data ta' referenza tal-31 ta' Marzu 2014 għal informazzjoni li għandha tiġi rrapportata tkun it-30 ta' Ġunju 2014 l-aktar tard.

▼ B

Għall-perjodu mill-31 ta' Marzu 2014 sat-30 ta' April 2014 bħala devjazzjoni mill-punt (a) tal-Artikolu 3(1) id-data ta' remittenza tar-rappurtar relatata mar-rappurtar ta' kull xahar tkun it-30 ta' Ġunju 2014.

Għall-perjodu mill-31 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2014 bħala devjazzjoni mill-punt (a) tal-Artikolu 3(1) id-data ta' remittenza tar-rappurtar relatata mar-rappurtar ta' kull xahar tkun it-13-il jum kalendarju wara d-data ta' referenza ta' rappurtar.

▼ M1

Fir-rigward ta' informazzjoni li għandha tiġi rappurtata skont l-Artikolu 16a, l-ewwel data ta' referenza għar-rappurtar hija l-31 ta' Diċembru 2014.

▼ M2

Mingħajr preġudizzju lejn l-Artikolu 2, l-ewwel data ta' rimessa għal formoli 18 u 19 f'Anness III tkun il-31 ta' Diċembru 2014. Ir-ringieli u l-kolonna tal-formoli 6, 9.1, 20.4, 20.5, u 20.7 f'Anness III li jirreferu għall-iskoperturi mrażżna u skoperturi improduttivi jiġu kompletati għad-data ta' remissjoni tal-31 ta' Diċembru 2014.

▼ B*Artikolu 19***Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ filjum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

L-Artikoli 9, 10 u 11 japplikaw mill-1 ta' Lulju 2014.

L-Artikolu 15 japplika mill-1 ta' Marzu 2014.

▼ M1

l-Artikolu 16a japplika mill-1 ta' Diċembru 2014.

▼ B

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

RAPPURTAR DWAR FONDI PROPRJI U DWAR REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI

FORMOLI COREP			
Numru tal-formola	Kodiċi tal-formola	Isem il-formola/grupp ta' formoli	Isem imqassar
		ADEGWATEZZA TAL-KAPITAL	CA
1	C 01.00	FONDI PROPRJI	CA1
2	C 02.00	REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI	CA2
3	C 03.00	PROPORZJONIJIET KAPITALI	CA3
4	C 04.00	ENTRATI FIL-MEMORANDUM:	CA4
		PROVVEDIMENTI TRANŻIZZJONALI	CA5
5.1	C 05.01	<i>PROVVEDIMENTI TRANŻIZZJONALI</i>	CA5.1
5.2	C 05.02	<i>STRUMENTI TA' ANTERJORITÀ: STRUMENTI LI MA JIKKOSTITWIXXUX GĦAJNUNA MILL-ISTAT</i>	CA5.2
		SOLVENZA TAL-GRUPP	GS
6.1	C 06.01	SOLVENZA TAL-GRUPP INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI — TOTAL	Total GS
6.2	C 06.02	SOLVIBILITÀ TAL-GRUPP: INFORMAZZJONI DWAR L-AFFILJATI	GS
		RISKJU TAL-KREDITU	CR
7	C 07.00	RISKJI TA' KREDITU U TA' KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR SA
		RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR IRB

FORMOLI COREP			
Numru tal-formola	Kodiċi tal-formola	Isem il-formola/grupp ta' formoli	Isem imqassar
8.1	C 08.01	RISKJI TA' KREDITU U TA' KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR IRB 1
8.2	C 08.02	RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI (Diżaggregazzjoni skont il-gradji jew il-pulijiet tal-obbliganti)	CR IRB 2
		DIŻAGGREGAZZJONI ĠEOGRAFIKA	CR GB
9.1	C 09.01	Tabella 9.1 — Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligant (skoperturi AS)	CR GB 1
9.2	C 09.02	Tabella 9.2 — Diżaggregazzjoni ġeografika tal-iskoperturi skont ir-residenza tal-obbligant (skoperturi IRB)	CR GB 2
9.3	C 09.03	Tabella 9.3 — ID-Diżaggregazzjoni ġeografika ta' skoperturi ta' kreditu rilevanti għall-finijiet tal-bafer kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni	CR GB 3
		RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR EQU IRB
10.1	C 10.01	RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI	CR EQU IRB 1
10.2	C 10.02	RISKJU TAL-KREDITU: EKWITÀ — APPROĊĊI IRB GĦAR-REKWIŻITI KAPITALI. L-ISKOPERTURI TOTALI DIŻAGGREGATI BL-APPROĊĊ PD/LGD SKONT IL-GRADI TA' OBBLIGANTI:	CR EQU IRB 2
11	C 11.00	RISKJU TAS-SALDU/KONSENJA	CR SETT
12	C 12.00	RISKJU TAL-KREDITU: TITOLIZZAZZJONIJIET — APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI	CR SEC SA
13	C 13.00	RISKJU TAL-KREDITU: TITOLIZZAZZJONIJIET — APPROĊĊ IRB GĦAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI	CR SEC IRB
14	C 14.00	INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TITOLIZZAZZJONIJIET	CR SEC Detalji
		RISKJU OPERAZZJONALI	OPR
16	C 16.00	RISKJU OPERAZZJONALI	OPR
17	C 17.00	RISKJU OPERAZZJONALI: TELF U RKUPRU MINN LINJI TAN-NEGOZJU U TIPI TA' AVVENIMENTI FL-AĦĦAR SENA	OPR Detalji
		RISKJU TAS-SUQ	MKR
18	C 18.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJI TAL-POŻIZZJONIJIET FI STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT	MKR SA TDI

▼ M2

FORMOLI COREP			
Numru tal-formola	Kodiċi tal-formola	Isem il-formola/grupp ta' formoli	Isem imqassar
19	C 19.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU SPEĊIFIKU FIT-TITOLIZZAZZJONIJIET	MKR SA SEC
20	C 20.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU SPEĊIFIKU FIL-PORTAFOLL TA' NEGOZJAR TA' KORRELAZZJONI	MKR SA CTP
21	C 21.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TAL-POŻIZZJONI FL-EKWITAJIET	MKR SA EQU
22	C 22.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦAR-RISKJU TAL-KAMBJU	MKR SA FX
23	C 23.00	RISKJU TAS-SUQ: APPROĊĊI STANDARDIZZATI GĦALL-KOMODITAJIET	MKR SA COM
24	C 24.00	MUDELLI INTERNI TAR-RISKJU TAS-SUQ	MKR IM
25	C 25.00	RISKJU TAL-AĠĠUSTAMENT TAL-VALUR TAL-KREDITU	CVA

▼ M3

C 01.00 — FONDI PROPRJI (CA1)			
Ringieli	ID	Entrata	Ammont
010	1	FONDI PROPRJI	
015	1.1	KAPITAL TA' GRAD 1	
020	1.1.1	KAPITAL TA' GRAD 1 TA' EKWITÀ KOMUNI	
030	1.1.1.1	Strumenti kapitali eliġibbli bħala Kapital CET1	
040	1.1.1.1.1	Strumenti kapitali mħallsa	
045	1.1.1.1.1*	<i>Li minnhom: Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza</i>	
050	1.1.1.1.2*	Entrata fil-memorandum: Strumenti kapitali mhux eliġibbli	
060	1.1.1.1.3	Primjum azzjonarju	
070	1.1.1.1.4	(-) Strumenti proprji CET1	
080	1.1.1.1.4.1	(-) Parteċipazzjonijiet diretti fi strumenti CET1	
090	1.1.1.1.4.2	(-) Parteċipazzjonijiet indiretti fi strumenti CET1	
091	1.1.1.1.4.3	(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi fi strumenti CET1	
092	1.1.1.1.5	(-) Obbligi reali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti proprji CET1	
130	1.1.1.2	Qligħ imfaddal	
140	1.1.1.2.1	Qligħ imfaddal fi snin preċedenti	
150	1.1.1.2.2	Profitt jew telf eliġibbli	
160	1.1.1.2.2.1	Profitt jew telf attribwibbli lil sidien tal-kumpanija prinċipali	
170	1.1.1.2.2.2	(-) Parti mill-profitt interim jew ta' tmiem is-sena mhux eliġibbli	
180	1.1.1.3	Introjtu ieħor komprensiv akkumulat	
200	1.1.1.4	Riżervi oħrajn	
210	1.1.1.5	Fondi għar-riskju bankarju ġenerali	
220	1.1.1.6	Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba strumenti Kapitali CET1 ta' anterjorità	
230	1.1.1.7	Interess minoritarju mogħti rikonoxximent f'kapital CET1	

▼ M3

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
240	1.1.1.8	Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba interessi minoritarji addizzjonali	
250	1.1.1.9	Aġġustamenti fis-CET1 minħabba filtri prudenzjali	
260	1.1.1.9.1	(-) Żidiet fl-ekwità li jirriżultaw minn assi titolizzati	
270	1.1.1.9.2	Riżerva ħeġġ tal-fluss ta' flus	
280	1.1.1.9.3	Qligħ u telf kumulattiv dovut għall-bidliet fir-riskju tal-kreditu proprju fuq obligazzjonijiet b'valur ġust	
285	1.1.1.9.4	Qligħ u telf b'valur ġust li jirriżulta mir-riskju tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni marbut mal-obbligazzjonijiet derivattivi	
290	1.1.1.9.5	(-) Aġġustamenti tal-valur minħabba rekwiżiti għal valwazzjoni prudenti	
300	1.1.1.10	(-) Avvjament	
310	1.1.1.10.1	(-) Avvjament kontabilizzat bħala assi intanġibbli	
320	1.1.1.10.2	(-) Avvjament inkluż fil-valwazzjoni ta' investimenti sinifikanti	
330	1.1.1.10.3	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' avvjament	
340	1.1.1.11	(-) Assi intanġibbli oħra	
350	1.1.1.11.1	(-) Assi intanġibbli oħra qabel it-tnaqqis ta' obligazzjonijiet ta' taxxa differita	
360	1.1.1.11.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi intanġibbli oħra	
370	1.1.1.12	(-) Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabilità futura u ma jirriżultawx minn differenzi temporanji netti ta' obligazzjonijiet ta' taxxa assoċjati	
380	1.1.1.13	(-) Nuqqas IRB tal-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu għal telf mistenni	
390	1.1.1.14	(-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti	
400	1.1.1.14.1	(-) Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti	
410	1.1.1.14.2	Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati ma' assi ta' fond tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti	
420	1.1.1.14.3	Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti li l-istituzzjoni tista' tuża mingħajr restrizzjonijiet	
430	1.1.1.15	(-) Parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi f'Kapital CET1	
440	1.1.1.16	(-) Eċċess ta' tnaqqis minn partiti minn AT1 fuq il-Kapital AT1	

▼ M3

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
450	1.1.1.17	(-) Parteċipazzjonijiet kwalifikattivi lil hinn mis-settur finanzjarju li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni għar-riskju ta' 1 250 %	
460	1.1.1.18	(-) Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni għar-riskju ta' 1 250 %	
470	1.1.1.19	(-) Konsenji bla ħlas li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni għar-riskju ta' 1 250 %	
471	1.1.1.20	(-) Pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tistabbilixxi l-ponderazzjoni għar-riskju skont l-approċċ IRB, u li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni għar-riskju ta' 1 250 %	
472	1.1.1.21	(-) Skoperturi tal-ekwità skont approċċ ta' formoli interni li alternattivament jistgħu jkunu soġġetti għal ponderazzjoni għar-riskju ta' 1 250 %	
480	1.1.1.22	(-) Strumenti CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti	
490	1.1.1.23	(-) Assi ta' taxa differita deduċibbli li jiddependu fuq il-profittabbiltà fil-futur u li jirriżultaw minn differenzi temporanji	
500	1.1.1.24	(-) Strumenti CET1 ta' entitajiet mis-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti	
510	1.1.1.25	(-) Ammont li jaqbeż il-limitu massimu ta' 17,65 %	
520	1.1.1.26	Aġġustamenti tranżizzjonali oħra fil-Kapital CET1	
524	1.1.1.27	(-) Tnaqqis addizzjonali fil-Kapital CET1 minħabba l-Artikolu 3 tas-CRR	
529	1.1.1.28	Elementi jew tnaqqis fil-Kapital CET1 — oħrajn	
530	1.1.2	KAPITAL TAL-GRAD 1 ADDIZZJONALI	
540	1.1.2.1	Strumenti kapitali eliġibbli bħala Kapital AT1	
550	1.1.2.1.1	Strumenti kapitali mħallsa	
560	1.1.2.1.2*	Entrata fil-memorandum: Strumenti kapitali mhux eliġibbli	
570	1.1.2.1.3	Primjum azzjonarju	
580	1.1.2.1.4	(-) Strumenti AT1 proprji	
590	1.1.2.1.4.1	(-) Parteċipazzjonijiet diretti fi strumenti AT1	
620	1.1.2.1.4.2	(-) Parteċipazzjonijiet indiretti fi strumenti AT1	
621	1.1.2.1.4.3	(-) Parteċipazzjonijiet sintetiċi fi strumenti AT1	

▼ M3

Ringieli	ID	Entrata	Ammont
622	1.1.2.1.5	(-) Obbligi attwali jew kontinġenti biex jinxtraw strumenti AT1 proprji	
660	1.1.2.2	Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba strumenti Kapitali AT1 ta' anterjorità	
670	1.1.2.3	Strumenti maħruġa minn sussidjarji mogħtija rikonoxximent fil-Kapital AT1	
680	1.1.2.4	Aġġustamenti tranżizzjonali minħabba rikonoxximent addizzjonali fil-Kapital AT1 ta' strumenti maħruġa minn sussidjarji	
58. Il-kriterji li ġejjin japplikaw għall-klassifikazzjoni tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali fil-klassijiet differenti ta' skoperturi (l-ewwel pass) mingħajr ħsara għat-tqassim mill-ġdid sussegwenti kkaġunat mill-użu ta' tekniki tas-CRM bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura jew għat-trattament (ponderazzjoni tar-riskju) li kull skopertura speċifika tirċievi fil-klassi tal-iskoperturi assenjata.
59. Għall-fini ta' klassifikazzjoni tal-fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali fl-ewwel pass, it-tekniki ta' CRM assoċjati mal-iskoperturi ma jittiħdux f'kunsiderazzjoni (kun af li jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod espliċitu fit-tieni fażi) sakemm effett ta' protezzjoni ma jkunx parti intrinsika mid-definizzjoni ta'

▼ M3

klassi tal-iskoperturi hekk kif inhu l-każ fil-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 112 punt (i) tas-CRR (skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli).

















60. L-Artikolu 112 tas-CRR ma jipprovdi kriterji għad-diżassoċjazzjoni tal-klassijiet tal-iskoperturi. Dan jista' jimplika li skopertura waħda tista' potenzjalment tkun ikklassifikata fi klassijiet tal-iskoperturi differenti jekk ma tkun ipprovduta ebda prijoritizzazzjoni fil-kriterji ta' valutazzjoni għall-klassifikazzjoni. L-iktar każ ovvju jiġi minn bejn skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir (l-Artikolu 112 Punt (n) tas-CRR) u skoperturi għal istituzzjonijiet (l-Artikolu 112 Punt (f) tas-CRR)/skoperturi għal korporattivi (l-Artikolu 112 Punt (g) tas-CRR). F'dan il-każ, huwa ċar li hemm prijoritizzazzjoni impliċita fis-CRR peress li l-ewwel jiġi vvalutat jekk ċerta skopertura hijiex adattata sabiex tiġi assenjata għal skoperturi b'Terminu Qasir għal istituzzjonijiet u korporattivi u wara biss isir l-istess proċess għal skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi. Inkella, ovvjament, għall-klassi ta' skoperturi msemmija fl-Artikolu 112 punt (n) tas-CRR qatt ma tiġi assenjata skopertura. L-eżempju pprovdut huwa wieħed mill-iktar eżempji ovvji iżda mhuwiex l-uniku wieħed. Ta' min jinnota li l-kriterji użati għat-twaqqif tal-klassijiet tal-iskoperturi bl-approċċ standardizzat huma differenti (kategorizzazzjoni istituzzjonali, terminu ta' skopertura, status skadut, eċċ.) u din hija r-raġuni sottostanti għal raggruppamenti mhux diżassoċjati.
61. Għal rapportar omoġenu u paragonabbli, hemm bżonn li jiġu speċifikati kriterji ta' valutazzjoni tal-prijoritizzazzjoni għall-assenjament ta' fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali skont il-klassijiet tal-iskoperturi, mingħajr ħsara għat-trattament speċifiku (ponderazzjoni tar-riskju) li kull skopertura speċifika tirċievi fil-klassi tal-iskoperturi assenjata. Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni ppreżentati hawn taħt billi tintuża skema ġerarkika tad-deċiżjonijiet huma bbażati fuq il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti b'mod espliċitu fis-CRR sabiex skopertura tkun adattata għal ċerta klassi tal-iskoperturi u, jekk inhu l-każ, fuq kwalunkwe deċiżjoni min-naħa tal-istituzzjonijiet ta' rapportar jew is-superviżur dwar l-applikabilità ta' ċerti klassijiet tal-iskoperturi. B'hekk, l-eżitu tal-proċess ta' assenjazzjoni tal-iskopertura għal skopijiet ta' rapportar ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tas-CRR. Dan ma jipprekludix lill-istituzzjonijiet milli japplikaw proċeduri ta' assenjament interni oħrajn li jistgħu jkunu wkoll konsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tas-CRR u l-interpretazzjonijiet tiegħu maħruġin mill-fora xierqa.
62. Klassi tal-iskoperturi tingħata prijorità fuq oħrajn fil-klassifikazzjoni tal-valutazzjoni fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet (jiġifieri l-ewwel jiġi vvalutat jekk tistax tiġi assenjata skopertura fiha, mingħajr ħsara għall-eżitu tal-assenjament) jekk le potenzjalment ma tiġi assenjata l-ebda skopertura lilha. Dan ikun il-każ meta finnuqqas ta' kriterji ta' prijoritizzazzjoni, klassi tal-iskoperturi minnhom tkun subsett ta' oħrajn. B'hekk, il-kriterji murija b'mod grafiku fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet li ġeja taħdem bi proċess sekwenzjali.

▼ M3

63. F'dan l-isfond, il-klassifikazzjoni tal-valutazzjoni fil-ġerarkija tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn taħt issegwi l-ordni li ġejja:
1. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;
 2. Entrati assoċjati ma' riskju partikolarment għoli;
 3. Skoperturi tal-ekwità
 4. Skoperturi f'inadempjenza;
 5. Skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv ("CIU")/Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti (klassijiet tal-iskoperturi diżassoċjati);
 6. Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli;
 7. Entrati oħrajn;
 8. Skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir;
 9. Il-klassijiet tal-iskoperturi kollha l-oħrajn (klassijiet tal-iskoperturi diżassoċjati) li jinkludu L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali; L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali; L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku; L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp; L-iskoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali; L-iskoperturi għal istituzzjonijiet; L-iskoperturi għal korporattivi u L-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur.
64. Fil-każ ta' skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv u meta jintuża l-prinċipju tat-trasparenza (l-Artikolu 132 minn (3) sa (5) tas-CRR), l-iskoperturi individwali sottostanti jitqiesu u jiġu kklassifikati fil-linja tal-ponderazzjoni tar-riskju korrispondenti tagħhom skont it-trattament tagħhom, iżda l-iskoperturi individwali kollha jiġu kklassifikati fil-klassi tal-iskoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'impriżi ta' investiment kollettiv ("CIU").
65. Fil-każ ta' "nth" għal derivattivi ta' kreditu inadempjenti speċifikati fl-Artikolu 134 (6) tas-CRR, jekk huma klassifikati, jiġu klassifikati direttament bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Jekk mhumiex klassifikati, jiġu kkunsidrati fil-klassi tal-iskoperturi "L-entrati oħrajn". F'dan l-aħħar każ, l-ammont nominali tal-kuntratt ikun irrapportat bħala l-Fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali fil-linja għal "Il-ponderazzjonijiet tar-riskju oħrajn" (il-ponderazzjoni tar-riskju użat ikun dak speċifikat mis-somma indikata skont l-Artikolu 134 (6) tas-CRR).
66. Fit-tieni pass, bħala konsegwenza tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni, l-iskoperturi jergħu jiġu allokati fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni.

▼ M3

IL-ĠERARKIJA TAD-DEĊIŻJONIJIET DWAR KIF JIĠU ASSENJATI L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORIĠINALI GĦALL-KLASSIJET TAL-ISKOPERTURI TAL-APPROĊĊ STANDARDIZZAT SKONT IS-CRR

Fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (m)?	IVA 	Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (k)?	IVA 	Entrati assoċjati ma' riskju għoli partikolari (ara wkoll l-Artikolu 128)
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (p)?	IVA 	Skoperturi tal-ekwità (ara wkoll l-Artikolu 133)
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (j)?	IVA 	Skoperturi f'inadempjenza
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punti (l) u (o)?	IVA 	Skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'impriżi ta' investiment kollettiv (CIU) Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti (ara wkoll l-Artikolu 129) Dawn iż-żewġ klassijiet tal-iskoperturi huma diżassoċjati minn xulxin (ara l-kummenti dwar il-prinċipju tat-trasparenza fit-tweġiba iktar 'il fuq). Għalhekk, l-assenjazzjoni għal waħda minnhom tkun faċli.
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassijiet tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (i)?	IVA 	Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli (ara wkoll l-Artikolu 124)
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (q)?	IVA 	Entrati oħrajn
LE 		
Hija xierqa li tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-Artikolu 112 punt (n)?	IVA 	Skoperturi għal istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir;
LE 		

Klassijiet ta' skoperturi ta' hawn taħt huma diżassoċjati minn xulxin. Għalhekk, l-assenjazzjoni għal waħda minnhom tkun faċli.

Skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali

Skoperturi għal gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali

Skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku

Skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp

Skoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali

Skoperturi għal istituzzjonijiet

Skoperturi għal korporattivi

Skoperturi fil-livell tal-konsumatur

▼ M3

3.2.4. Kjarifiki dwar l-ambitu ta' xi klassijiet tal-iskoperturi speċifiċi msemmijin fl-Artikolu 112 tas CRR

3.2.4.1. Il-klassi tal-iskoperturi “L-istituzzjonijiet”

67. Ir-rapportar ta' skoperturi intragrupp skont l-Artikolu 113 minn (6) sa (7) tas CRR isir kif ġej:

68. Skoperturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) tas CRR jiġu rrapportati fil-klassijiet tal-iskoperturi rispettivi meta jkunu rrapportati jekk ma kienx hemm skoperturi intragrupp.

69. Skont l-Artikolu 113(6) u (7) tas CRR “istituzzjoni tista' soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-iskoperturi ta' dik l-istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha, sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha jew impriża marbuta b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE”. Dan ifisser li l-kontropartijiet tal-intragrupp li mhux bilfors istituzzjonijiet iżda anki impriżi li huma assenjati fi klassijiet ta' skoperturi oħrajn, pereż. impriżi ta' servizzi anċillari jew impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE. Għalhekk, l-iskoperturi intragrupp ikunu rrapportati fil-klassi tal-iskoperturi korrispondenti.

3.2.4.2. Il-klassi tal-iskoperturi “Il-bonds koperti”

70. L-assenjament ta' skoperturi SA fil-klassi tal-iskoperturi “bonds koperti” jsir kif ġej:

71. Bonds kif definiti fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 129 minn (1) sa (2) tas CRR sabiex jiġu kklassifikati fil-klassi tal-iskoperturi “Il-bonds koperti”. L-ilħuq ta' dawk ir-rekwiżiti jrid jiġi verifikat f'kull każ. Minkejja dan, bonds skont l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE u maħruġin qabel il-31 ta' Diċembru 2007, huma assenjati wkoll fil-klassi tal-iskoperturi “Il-bonds koperti” minħabba l-Artikolu 129(6) tas-CRR.

3.2.4.3. Il-klassi ta' skoperturi “L-Impriżi ta' Investiment Kollettiv”

72. Meta tintuża l-possibilità skont l-Artikolu 132(5) tas-CRR, skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'CIUs jiġu rrapportati bħala entrati tal-karta bilanċjali skont l-Artikolu 111(1) sentenza 1 tas-CRR.

3.2.5. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
010	<p>FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORIĠINALI</p> <p>Il-valur tal-iskopertura bla ma jitqiesu l-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti, il-fatturi tal-konverżjoni u l-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bil-kwalifiki li ġejjin mill-Artikolu 111(2) tas-CRR:</p>

▼ M3

Kolonna	
	<p>Għal strumenti Derivattivi, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet ta' saldu twil u tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġini soġġetti għall-parti 3 it-titolu II il-kapitolu 6 tas-CRR jew soġġett għall-Artikolu 92(3) punt (f) tas-CRR, l-iskopertura oriġinarja tikkorrispondi għall-Valur tal-Iskopertura għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti kkalkolat skont il-metodu stabbilit fil-parti 3 it-titolu II il-kapitolu 6 tas-CRR.</p> <p>Il-valuri tal-iskoperturi għal kuntratti ta' lokazzjoni huma soġġetti għall-Artikolu 134(7) tas-CRR.</p> <p>Fil-każ ta' netting tal-karta bilanċjali stabbilit fl-Artikolu 219 tas-CRR il-valuri tal-iskopertura jiġu rrapportati skont il-kollateral fi flus riċevut.</p> <p>Fil-każ ta' ftehimiet prinċipali ta' netting li jkopru tranżazzjonijiet ta' riakkwist u/jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet u/jew tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-suq kapitali soġġetti għall-parti 3 titolu II kapitolu 6 tas-CRR, l-effett tal-Protezzjoni ta' Kreditu Finanzjata fil-forma ta' ftehimiet prinċipali ta' netting bħal fl-Artikolu 220(4) tas-CRR għandu jiġi inkluż fil-kolonna 010. Għaldaqstant, fil-każ ta' ftehimiet prinċipali ta' netting li jkopru tranżazzjonijiet ta' riakkwist soġġetti għad-dispożizzjonijiet fil-Parti 3 Titolu II Kapitolu 6 tas-CRR, E* kif ikkalkolat skont l-Artikoli 220 u 221 tas-CRR jkun rrapportat fil-kolonna 010 tal-formola CR SA.</p>
030	<p>(-) Aġġustamenti tal-valur u provvedimenti assoċjati mal-iskopertura oriġinali</p> <p>L-Artikolu 24 u 110 tas-CRR</p> <p>Aġġustamenti tal-valur u provvedimenti għal telf ta' kreditu li sar skont il-qafas tal-kontabilità li hija soġġetta għalih l-entità relatriċi.</p>
040	<p>Skopertura netta mill-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti</p> <p>Is-somma tal-kolonna 010 u 030.</p>
050-100	<p>TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA</p> <p>Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4 (57) tas-CRR li jnaqqsu r-riskju ta' kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi kif definit hawn taħt fis-Sostituzzjoni tal-iskopertura minħabba CRM.</p> <p>Jekk kollateral għandu effett fuq il-valur tal-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu bl-effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura), għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura.</p> <p>Entrati li għandhom jiġu rrapportati hawnhekk:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kollateral, inkorporat skont il-Metodu Simplifikat tal-Kollateral Finanzjarju; — protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata eliġibbli. <p>Jekk jogħġbok ara wkoll l-istruzzjonijiet tal-punt 4.1.1.</p>

▼ M3

Kolonna	
050-060	<p>Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata: valuri aġġustati (Ga)</p> <p>L-Artikolu 235 tas-CRR</p> <p>L-Artikolu 239 (3) tas-CRR jiddefinixxi l-valur aġġustat Ga ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata.</p>
050	<p>Garanziji</p> <p>— L-Artikolu 203 tas-CRR</p> <p>— Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata kif definit fl-Artikolu 4 (59) tas-CRR differenti mid-Derivati ta' Kreditu.</p>
060	<p>Derivattivi ta' kreditu</p> <p>L-Artikolu 204 tas-CRR.</p>
070-080	<p>Protezzjoni ta' kreditu finanzjata</p> <p>Dawn il-kolonna jirreferu għall-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata skont l-Artikolu 4(58) tas-CRR u l-Artikoli 196, 197 u 200 tas-CRR. L-ammonti ma jinkludux ftehimiet prinċipali ta' netting (diġà inklużi fil-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-Iskopertura Oriġinali).</p> <p>Noti Marbuta ma' Kreditu u pozzizzjonijiet fuq il-karta bilanċjali ta' netting li jirriżultaw minn ftehimiet ta' netting eliġibbli fuq il-karta bilanċjali skont l-Artikoli 218 u 219 tas-CRR jiġu trattati bħala kollateral fi flus.</p>
070	<p>Kollateral finanzjarju: metodu sempliċi</p> <p>L-Artikolu 222 minn (1) sa (2) tas-CRR</p>
080	<p>Protezzjoni ta' kreditu finanzjata oħra</p> <p>L-Artikolu 232 tas-CRR.</p>
090-100	<p>SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM</p> <p>L-Artikoli 222(3), l-Artikolu 235 minn (1) sa (2) u l-Artikolu 236 tas-CRR.</p> <p>Flussi ta' ħruġ jikkorrispondu għall-parti koperta tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-Iskopertura Oriġinali, li titnaqqas mill-klassi tal-iskoperturi tal-obbligant u sussegwentement tiġi assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni. Dan l-ammont għandu jitqies bħala Fluss ta' dħul fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni.</p> <p>Flussi ta' dħul u ta' ħruġ fl-istess klassijiet tal-iskoperturi jiġu rrapportati wkoll.</p> <p>Jittieħdu f'kunsiderazzjoni skoperturi li ġejjin minn flussi ta' dħul u ta' ħruġ possibbli minn u lejn formoli oħrajn.</p>
110	<p>SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJON</p> <p>L-ammont tal-iskopertura netta mill-aġġustamenti tal-valur wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi ta' ħruġ u ta' dħul dovuti għat-TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA</p>

▼ M3

Kolonna	
120-140	<p>TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU LI JAFFETWAW L-AMMONT TAL-ISKOPERTURA. PROTEZZJONI TA' KREDITU FINANZJATA, METODU KOMPRESIV TA' KOLLATERAL FINANZJARJU</p> <p>L-Artikoli 223, 224, 225, 226, 227 u 228 tas-CRR. Jinkludi wkoll noti marbuta ma' kreditu (l-Artikolu 218 tas-CRR)</p> <p>Noti Marbuta ma' Kreditu u pożizzjonijiet fuq il-karta bilanċjali ta' netting li jirriżultaw minn ftehimiet ta' netting eliġibbli fuq il-karta bilanċjali skont l-Artikoli 218 u 219 tas-CRR huma ttrattati bħala kollateral fi flus.</p> <p>L-effett tal-kollateralizzazzjoni tal-Metodu Kompresiv tal-Kollateral Finanzjarju applikat għal skopertura, li hija ggarantita b'kollateral finanzjarju eliġibbli, huwa kkalkolat skont l-Artikoli 223, 224, 225, 226, 227 u 228 tas-CRR.</p>
120	<p>Aġġustament fil-volatilità għall-iskopertura</p> <p>L-Artikolu 223 minn (2) sa (3) tas-CRR</p> <p>L-ammont li għandu jiġi rrapportat jingħata bl-impatt tal-aġġustament fil-volatilità għall-iskopertura $(Eva-E) = E*He$</p>
130	<p>(-) Valur aġġustat tal-kollateral finanzjarju (Cvam)</p> <p>L-Artikolu 239(2) tas-CRR.</p> <p>Għal operazzjonijiet tal-portafoll tan-negożjar jinkludi kollateral finanzjarju u komoditajiet eliġibbli għal skoperturi tal-portafoll tan-negożjar skont l-Artikolu 299 (2) punti minn (c) sa (f) tas-CRR.</p> <p>L-ammont li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal $Cvam = C*(1-Hc-Hfx)*(t-t^*)/(T-t^*)$. Għal definizzjoni ta' C, Hc, Hfx, t, T u t* ara l-Parti 3 Titolu II Kapitulu 4 Taqsima 4 u 5 tas-CRR.</p>
140	<p>(-) Li minnu: Aġġustamenti għall-volatilità u l-maturità</p> <p>L-Artikolu 223(1) tas-CRR u l-Artikolu 239 (2) tas-CRR.</p> <p>L-ammont li għandu jiġi rrapportat huwa l-impatt konġunt tal-aġġustamenti fil-volatilità u l-maturità $(Cvam-C) = C*[(1-Hc-Hfx)*(t-t^*)/(T-t^*)-1]$, meta l-impatt tal-aġġustament fil-volatilità jkun $(Cva-C) = C*[(1-Hc-Hfx)-1]$ u l-impatt tal-aġġustament fil-maturità jkun $(Cvam-Cva) = C*(1-Hc-Hfx)*[(t-t^*)/(T-t^*)-1]$</p>
150	<p>Valur tal-iskopertura totalment aġġustat (E*)</p> <p>L-Artikolu 220 (4), l-Artikolu 223 minn (2) sa (5) u l-Artikolu 228(1) tas-CRR.</p>
160-190	<p>Tqassim tal-valur tal-iskopertura totalment aġġustata tal-entrati barra l-karta bilanċjali skont il-fatturi ta' konverżjoni</p> <p>L-Artikolu 111(1) u l-Artikolu 4(56) tas-CRR. Ara wkoll l-Artikolu 222(3) u l-Artikolu 228(1) tas-CRR.</p>
200	<p>Valur tal-iskopertura</p> <p>Il-Parti 3 titolu II kapitulu 4 taqsima 4 tas-CRR.</p> <p>Il-valur tal-iskopertura wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aġġustamenti tal-valur, il-mitiganti tar-riskju ta' kreditu kollha u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu li għandu jiġi assenjat għall-ponderazzjonijiet tar-riskju skont l-Artikolu 113 u l-parti 3 titolu II kapitulu 2 taqsima 2 tas-CRR.</p>

▼ M3

Kolonna	
210	<p>Li minnhom: Jirriżulta mir-riskju tal-kreditu tal-kontraparti</p> <p>Għal Strumenti derivattivi, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet ta' saldu twil u tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġini soġġetti għall-parti 3 titolu II kapitolu 6 tas-CRR, il-valur tal-iskopertura għar-Riskju ta' kreditu tal-kontraparti kalkolat skont il-metodu stabbiliti fil-parti 3 titolu II kapitolu 6 taqsimiet 2, 3, 4, 5 tas-CRR.</p>
215	<p>Ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju qabel il-fattur ta' appoġġ tal-SMEs</p> <p>L-Artikolu 113(1) sa (5) tas-CRR bla ma jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fattur ta' appoġġ tal-SMEs skont l-Artikolu 501 tas-CRR.</p>
220	<p>Ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju wara l-fattur ta' appoġġ għall-SMEs</p> <p>L-Artikolu 113(1) sa (5) tas-CRR billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-fattur ta' appoġġ tal-SMEs skont l-Artikolu 500 tas-CRR.</p>
230	<p>Li minnhom: b'valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata</p>
240	<p>Li minnhom: b'valutazzjoni tal-kreditu miġjuba mill-gvern ċentrali</p>

ringieli	Istruzzjonijiet
010	Skoperturi totali
020	<p>li minnhom: SMEs</p> <p>Skoperturi kollha għal SME jiġu rrapportati hawn.</p>
030	<p>li minnhom: Skoperturi soġġetti għall-fattur ta' appoġġ tal-SMEs</p> <p>Huma biss l-iskoperturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 501 CRR li jiġu rrapportati hawn.</p>
040	<p>li minnhom: Iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli — Proprjetà residenzjali</p> <p>L-Artikolu 125 tas-CRR.</p> <p>Rapportati biss fil-klassi tal-iskoperturi “Garrantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli”</p>
050	<p>li minnhom: Skoperturi bl-użu parzjali permanenti tal-approċċ standardizzat</p> <p>Skoperturi ttrattati skont l-Artikolu 150(1) tas-CRR</p>
060	<p>li minnhom: Skoperturi bl-approċċ standardizzat b'permess superviżorju minn qabel għat-twertiq ta' implimentazzjoni sekwenzjali tal-IRB</p> <p>Skoperturi ttrattati skont l-Artikolu 148(1) tas-CRR</p>
070-130	<p>TQASSIM TAL-ISKOPERTURI TOTALI SKONT IT-TIPI TA' SKOPERTURI</p> <p>Il-pożizzjonijiet tal-“portafoll bankarju” tal-istituzzjoni ta' rapportar jiġu diżaggregati, billi jiġu segwiti l-kriterji pprovduti hawn taħt, fi skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu, skoperturi barra l-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu u skoperturi soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontraparti.</p>

▼ M3

ringieli	Istruzzjonijiet
	<p>Il-pożizzjonijiet tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tal-“portafoll tan-negożjar” tal-istituzzjoni ta' rapportar skont l-Artikolu 92 (3) punt (f) u l-Artikolu 299 (2) tas-CRR huma assenjati għall-iskoperturi soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Artikolu 94 (1) tas-CRR jiddizaggregaw il-pożizzjonijiet tal-“portafoll tan-negożjar” tagħhom billi jsegwu l-kriterji pprovduti hawn taħt ukoll, fi skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu, skoperturi barra l-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu u skoperturi soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti.</p>
070	<p>Skoperturi tal-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu</p> <p>Assi msemminjin fl-Artikolu 24 tas-CRR mhux inklużi f'xi kategorija oħra.</p> <p>Skoperturi, li huma entrati tal-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Differenti jkunu rrapportati fir-ringieli 090, 110 u 130 u, għalhekk, ma għandhomx ikunu rrapportati f'din ir-ringiela.</p> <p>Konsenji bla ħlas skont l-Artikolu 379(1) tas-CRR (jekk ma jitraqqisux) ma jikkostitwixxux entrata tal-karta bilanċjali, iżda xorta jkunu rrapportati f'din ir-ringiela.</p> <p>Skoperturi li ġejjin minn assi depożitati f'CCP skont l-Artikolu 4(90) tas-CRR u skoperturi tal-fondi tal-inadempjenza skont l-Artikolu 4(89) tas-CRR jiġu inklużi jekk mhux irrapportati fir-ringiela 030.</p>
080	<p>Skoperturi barra l-karta bilanċjali soġġetti għal riskju ta' kreditu</p> <p>Il-pożizzjonijiet barra l-karta bilanċjali jinvolvu dawk l-entrati elenkati fl-Anness I tas-CRR.</p> <p>Skoperturi li huma entrati barra l-karta bilanċjali u inklużi bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli, Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil jew minn Netting Kuntrattwali Bejn il-Prodotti jkunu rrapportati fir-ringieli 040, 060 u, għalhekk, ma jkunux rrapportati f'din ir-ringiela.</p> <p>Skoperturi li jirriżultaw minn assi depożitati f'CCP skont l-Artikolu 4(90) tas-CRR u skoperturi tal-fondi tal-inadempjenza skont l-Artikolu 4(89) tas-CRR jiġu inklużi jekk jitqiesu bħala entrati barra l-karta bilanċjali.</p>
090-130	<p>Skoperturi/Tranżazzjonijiet soġġetti għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti</p>
090	<p>Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli</p> <p>Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli (SFT), kif definiti fil-paragrafu 17 tad-dokument tal-Kumitat ta' Basel “L-Applikazzjoni tal-Basel II għal Attivitajiet ta' Negożjar u t-Trattament ta' Effetti ta' Inadempjenza Doppja” (traduzzjoni mhux uffċjali), jinkludu: (i) Ftehimiet ta' riakkwist u retroriakkwist definiti fl-Artikolu 4(82) tas-CRR kif ukoll tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet; (ii) tranżazzjonijiet mutwanti b'marġini kif definiti fl-Artikolu 272(3) tas-CRR.</p>
100	<p>Li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP</p> <p>L-Artikolu 306 tas-CRR għal CCPs kwalifikanti skont l-Artikoli 4(88) flimkien mal-Artikolu 301(2) tas-CRR</p> <p>Skoperturi ta' negozju għal CCP skont l-Artikolu 4(91) tas-CCR.</p>
110	<p>Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil</p> <p>Derivattivi jinkludu dawk il-kuntratti elenkati fl-Anness II tas-CRR.</p>

▼ **M3**

ringieli	Istruzzjonijiet
	Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil kif definiti fl-Artikolu 272(2) tas-CRR. Derivattivi u Tranżazzjonijiet ta' Saldu Twil li huma inklużi f'Netting bejn Prodotti Differenti u b'hekk huma rrapportati fir-ringiela 130 ma jiġux rrapportati f'din ir-ringiela.
120	Li minnhom: ikklerjati ċentralment permezz ta' QCCP L-Artikolu 306 tas-CRR għal CCPs kwalifikanti skont l-Artikoli 4(88) flimkien mal-Artikolu 301(2) tas-CRR Skoperturi ta' negozju għal CCP skont l-Artikolu 4(91) tas-CCR.
130	Minn Netting Kuntrattwali Bejn Prodotti Inkroċjati Skoperturi li, minħabba l-eżistenza ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti (kif definiti fl-Artikolu 272(11) tas-CRR ma jistgħux jiġu assenjati la bħala Tranżazzjonijiet ta' Derivattivi u ta' Saldu Twil u lanqas bħala Tranżazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli) ikunu inklużi f'din ir-ringiela.
140-280	TQASISM TA' SKOPERTURI SKONT IL-PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU
140	0 %
150	2 % L-Artikolu 306(1) tas-CRR
160	4 % L-Artikolu 305(3) tas-CRR
170	10 %
180	20 %
190	35 %
200	50 %
210	70 % L-Artikolu 232(3) punt (c) tas-CRR.
220	75 %
230	100 %
240	150 %
250	250 % L-Artikolu 133(2) tas-CRR
260	370 % L-Artikolu 471 tas-CRR
270	1 250 % L-Artikolu 133(2) tas-CRR
280	Ponderazzjonijiet tar-riskju oħrajn Din ir-ringiela mhijiex disponibbli għal klassijiet tal-iskoperturi Governattivi, Korporattivi, Istituzzjonijiet u fil-Livell tal-Konsumaturi.

▼ M3

ringieli	Istruzzjonijiet
	<p>Għar-rapportar ta' dawk l-iskoperturi mhux soġġetti għall-ponderazzjonijiet tar-riskju elenkati fil-formola.</p> <p>L-Artikolu 113 minn (1) sa (5) tas-CRR.</p> <p>Nth mhux ikklassifikata għal derivattivi ta' kreditu inadempjenti skont l-Approċċ Standardizzat (l-Artikolu 134(6) tas-CRR) tiġi rrapportata f'din ir-ringiela taħt il-klassi ta' skoperturi "L-entrati oħrajn".</p> <p>Ara wkoll l-Artikolu 124(2) u l-Artikolu 152(2) Punt (b) tas-CRR.</p>
290-320	<p>Entrati fil-memorandum</p> <p>Ara wkoll l-ispejgazzjoni tal-iskop tal-entrati fil-memorandum fit-taqsimi ġenerali tas-CR SA.</p>
290	<p>Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali</p> <p>L-Artikolu 112 punt (i) tas-CRR.</p> <p>Din hija entrata fil-memorandum biss. Indipendentament mill-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' skoperturi garantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali skont l-Artikolu 124 u 126 tas-CRR, l-iskoperturi jitqassmu u jiġu rrapportati f'din ir-ringiela fuq il-bażi tal-kriterji dwar jekk l-iskoperturi humiex iggarantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali.</p>
300	<p>Skoperturi inadempjenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 100 %</p> <p>L-Artikolu 112 punt (j) tas-CRR.</p> <p>L-iskoperturi inklużi fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi fl-inadempjenza" li jkunu inklużi f'din il-klassi tal-iskoperturi jekk ma kinux fl-inadempjenza.</p>
310	<p>Skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali</p> <p>L-Artikolu 112 punt (i) tas-CRR</p> <p>Din hija entrata fil-memorandum biss. Indipendentament mill-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura għar-riskju ta' skoperturi garantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali skont l-Artikolu 124 u 125 tas-CRR, l-iskoperturi jitqassmu u jiġu rrapportati f'din ir-ringiela fuq il-bażi tal-kriterji dwar jekk l-iskoperturi humiex iggarantiti bi proprjetà immobbli.</p>
320	<p>Skoperturi inadempjenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 150 %</p> <p>L-Artikolu 112 punt (j) tas-CRR.</p> <p>L-iskoperturi inklużi fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi fl-inadempjenza" li jkunu inklużi f'din il-klassi tal-iskoperturi jekk ma kinux fl-inadempjenza.</p>

3.3. RISKJI TAL-KREDITU U TAL-KREDITU TAL-KONTROPARTI U KONSENJI BLA ĦLAS: L-APPROĊĊ IRB GħAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRII (CR IRB)

3.3.1. Ambitu tal-formola CR IRB

73. L-ambitu tal-formola CR IRB ikopri r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal:

i. Riskju ta' kreditu fil-portafoll bankarju, fost l-oħrajn:

— Riskju ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll bankarju;

▼ **M3**

- Riskju ta' dilwizzjoni għal riċevibbli mixtrija;
 - ii. Riskju ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll tan-negożjar;
 - iii. Konsenji bla ħlas li jirriżultaw mill-attivitajiet kummerċjali kollha.
74. L-ambitu tal-formola jirreferi għall-iskoperturi li għalihom l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju huma kkalkolati skont l-Artikoli 151 sa 157 Parti Thietta it-Titolu II il-Kapitolu 3 CRR (Approċċ IRB).
75. Il-formola CR IRB ma tkoprix id-dejta li ġejja:
- i. Skoperturi ta' ekwità, li huma rrapportati fil-formola CR EQU IRB;
 - ii. Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, li huma rrapportati fil-formoli CR SEC SA, CR SEC IRB u/jew CR SEC Dettalji;
 - iii. “L-assi oħrajn bla obbligu”, skont l-Artikolu 147(2) Punt (g) tas-CRR. Il-ponderazzjoni tar-riskju għal din il-klassi tal-iskoperturi trid tiġi stabbilita għal 100 % fi kwalunkwe ħin ħliet għall-flus fl-idejn, entrati ta' flus ekwivalenti u skoperturi li huma valuri residwi tal-assi mogħtija b'lokazzjoni, skont l-Artikolu 156 CRR. L-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal din il-klassi tal-iskoperturi huma rrapportati direttament fil-Formola CA;
 - iv. Riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, li huwa rrapportat fil-formola tar-Riskju tas-CVA;

Il-formola CR IRB ma teħtieġx tqassim ġeografiku ta' skoperturi IRB skont ir-residenza tal-kontroparti. Dan it-tqassim jiġi rrapportat fil-formola CR GB.

76. Sabiex jiġi ċċarat jekk l-istituzzjoni tużax l-istimi tagħha stess għal-LGD u/jew fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu, tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja għal kull klassi tal-iskoperturi rrapportata: “LE”

“LE” = f'każ li jintużaw l-istimi superviżorji tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (IRB ta' Fondazzjoni)

“IVA” = f'każ li jintużaw l-istimi proprji tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (IRB Avvanzat)

Fi kwalunkwe każ, għar-rapportar tal-portafolli fil-livell tal-konsumaturi, trid tiġi rrapportata “IVA”.

F'każ li istituzzjoni tuża stimi proprji tal-LGDs biex tikkalkola l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal parti mill-iskoperturi IRB tagħha kif ukoll tuża LGDs superviżorji biex tikkalkola l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-parti

▼ **M3**

l-oħra tal-iskoperturi IRB tagħha, iridu jiġu rrapportati t-Total tas-CR IRB għal pożizzjonijiet F-IRB u t-Total tas-CR IRB wieħed għal pożizzjonijiet ta' A-IRB.

3.3.2. Tqassim tal-formola CR IRB

77. CR IRB jikkonsisti f'żewġ formoli. CR IRB 1 jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iskoperturi IRB u l-metodi differenti għall-kalkolu tal-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju kif ukoll tqassim tal-iskoperturi totali skont it-tipi ta' skoperturi. CR IRB 2 tipprovdi tqassim tal-iskoperturi totali assenjati għal gradi jew puli tal-obbligant. Il-formoli CR IRB 1 u CR IRB 2 ikunu rrapportati b'mod separat għall-klassijiet tal-iskoperturi u sottoskoperturi li ġejjin:

1. Totali

(Il-formola Totali trid tiġi rrapportata għall-IRB ta' Fondazzjoni u, b'mod separat, għall-approċċ tal-IRB Avvanzat.)

2. Banek ċentrali u gvernijiet ċentrali

(L-Artikolu 147 (2) (a) CRR)

3. Istituzzjonijiet

(L-Artikolu 147 (2) punt (b) CRR)

4.1) Korporattivi — SME

(L-Artikolu 147 (2) punt (c) CRR)

4.2) Korporattivi — Għoti ta' self speċjalizzat

(L-Artikolu 147 (8) CRR)

4.3) Korporattivi — Oħrajn

(Il-korporattivi kollha skont l-Artikolu 147 (2) punt (c), mhux irrapportati f'4.1 u 4.2).

5.1) Fil-livell tal-konsumaturi — Iggarantiti b'SME tal-proprjeta' immobbli

(L-iskoperturi li jirriflettu l-Artikolu 147 (2) punt (d) flimkien mal-Artikolu 154 (3) CRR li huma ggarantiti minn proprjeta' immobbli).

5.2) Fil-livell tal-konsumaturi — Iggarantiti b'SME tal-proprjeta' immobbli

(Skoperturi li jirriflettu l-Artikolu 147 (2) Punt (d) CRR li huma ggarantiti bi proprjeta' immobbli u mhux irrapportati f'5.1).

5.3) Fil-livell tal-konsumaturi — Rotanti kwalifikanti

(L-Artikolu 147 (2) punt (d) flimkien mal-Artikolu 154 (4) CRR).

▼ **M3**

5.4) Fil-livell tal-konsumaturi — SME oħra

(L-Artikolu 147 (2) punt (d) mhux irrapportati f'5.1 u 5.3).

5.5) Fil-livell tal-konsumaturi — Oħrajn mhux SME

(L-Artikolu 147 (2) punt (d) CRR li ma kinux irrapportati f'5.2 u 5.3).

3.3.3. C 08.01 — Ir-riskji ta' kreditu u ta' kreditu tal-kontroparti u konsenji bla ħlas: Approċċ IRB għar-reqwiziti kapitali (CR IRB 1)

3.3.3.1. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	Istruzzjonijiet
010	<p>IS-SISTEMA TA' KLASSIFIKAZZJONI INTERNA/PD ASSENJATA LILL-KLASSIFIKAZZJONI JEW IL-GRUPP TA' OBBLIGANTI (%)</p> <p>Il-PD assenjata lill-grad jew lill-pula tal-obbligant li għandha tiġi rapportata tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 180 tas-CRR. Għal kull grad jew pula individwali, tiġi rapportata l-PD assenjata għal grad jew il-pula speċifika tal-obbligant. Għal ċifri li jikkorrispondu għal aggregazzjoni tal-grad jew il-pula tal-obbliganti (pereż. “skoperturi totali”) tiġi pprovduta l-medja ponderata skont l-iskopertura tal-PDs assenjati lill-grad jew il-pula tal-obbligant inklużi fl-aggregazzjoni. Il-valur tal-iskopertura (kolonna 110) jintuża għall-kalkolu tal-medja ponderata skont l-iskopertura tal-PD.</p> <p>Għal kull grad jew pula individwali, tiġi rapportata l-PD assenjata għall-grad jew pula speċifika tal-obbligant. Il-parametri rapportati kollha tar-riskju jiġi derivati mill-parametri tar-riskju użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva.</p> <p>La huwa maħsub u lanqas mixtieq li jkun hemm skala superviżorja prinċipali. Jekk l-istituzzjoni relatriċi tapplika sistema unika ta' klassifikazzjoni jew kapaċi tirrapporta skont skala interna prinċipali, tintuża din l-iskala.</p> <p>Inkella, is-sistemi differenti ta' klassifikazzjoni jiġu fużi u mqiegħda f'ordni skont il-kriterji li ġejjin: Il-grad tal-obbliganti tas-sistemi differenti ta' klassifikazzjoni jinġabru fi grupp u jitqiegħdu f'ordni mill-inqas PD assenjata għal kull grad ta' obbliganti sal-ogħla. Meta l-istituzzjoni tuża għadd kbir ta' gradi jew puli, jista' jintlaħaq qbil mal-awtoritajiet kompetenti fuq għadd mnaqqas ta' gradi jew puli li għandhom jiġu rrapportati.</p> <p>L-istituzzjonijiet jikkuntattjaw lill-awtorità kompetenti tagħhom minn qabel jekk jixtiequ jirrapportaw għadd differenti ta' gradi meta mqablin mal-għadd intern ta' gradi.</p> <p>Għall-finijiet ta' ponderazzjoni tal-medja tal-PD, jintuża l-valur tal-iskopertura rapportat fil-kolonna 110. L-iskoperturi kollha, inklużi skoperturi inadempjenti, għandhom jiġu kkunsidrati għall-fini tal-kalkolu tal-PD medja ponderata skont l-iskopertura (pereż. għal “skopertura totali”). Skoperturi inadempjenti huma daww assenjati fl-aħħar grad(i) ta' klassifikazzjoni b'PD ta' 100 %.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
020	<p>FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORIĠINALI</p> <p>L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur tal-iskopertura qabel jieħdu f'kun-siderazzjoni kwalunkwe aġġustament tal-valur, provvedimenti, effett dovut għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu jew fattur ta' konverżjoni tal-kreditu.</p> <p>Il-valur tal-iskopertura oriġinali jkun irrapportat b'konformità mal-Artikolu 24 tas-CRR u l-Artikolu 166(1) u (2) u minn (4) sa (7) tas-CRR.</p> <p>L-effett li jirriżulta mill-Artikolu 166 (3) tas-CRR (l-effett ta' netting fil-karta bilanċjali ta' self u depożiti) huwa rrapportat b'mod separat bħala Protezzjoni ta' Kreditu Ffinanzjata u għalhekk ma titnaqqas l-iskopertura Oriġinali.</p>
030	<p>LI MINNHOM: ENTITAJIET KBAR TAS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX IRREGOLATI PROPRJETÀ IMMOBBLI</p> <p>Diżaggregazzjoni tal-fattur ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura oriġinali għall-iskoperturi kollha definiti skont l-Artikolu 142 (4) u (5) CRR soġġett għall-korrelazzjoni ogħla skont l-Artikolu 153 (2) CRR.</p>
040-080	<p>TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA</p> <p>Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4 (57) tas-CRR li jnaqqsu r-riskju ta' kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi kif definiti iktar 'l isfel f'"IS-SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM".</p>
040-050	<p>PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX FINANZJATA</p> <p>Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata: Il-valuri kif inhuma definiti fl-Artikolu 4 (59) tas-CRR.</p> <p>Jekk il-kollateral għandu effett fuq l-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effetti ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura) jkun limitat għall-valur tal-iskopertura.</p>
040	<p>GARANZIJI:</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, jiġi pprovdut il-Valur Aġġustat (Ga) kif definit fl-Artikolu 236 tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, (l-Artikolu 183 tas-CRR, ħlief il-paragrafu 3), il-valur rilevanti użat fil-formola interna jiġi rrapportati.</p> <p>Il-garanziji jiġu rrapportati fil-kolonna 040 meta l-aġġustament ma jsirx fl-LGD. Meta l-aġġustament isir fl-LGD, l-ammont tal-garanzija jiġi rrapportat fil-kolonna 150.</p> <p>Rigward skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, il-valur ta' protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata jiġi rrapportat fil-kolonna 220.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
050	<p>DERIVATTIVI TA' KREDITU:</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: Jiġi pprovdut il-Valur Aġġustat (Ga) kif definit fl-Artikolu 216 tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD (l-Artikolu 183 tas-CRR), il-valur relevanti użat fl-iffomular intern għandhom jiġu rrapportati.</p> <p>Meta l-aġġustament isir fl-LGD, l-ammont tad-derivattivi ta' kreditu jiġi rrapportat fil-kolonna 160</p> <p>Rigward skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, il-valur tal-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata jiġi rrapportat fil-kolonna 220.</p>
060	<p>PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA OĦRA</p> <p>Jekk il-kollateral għandu effett fuq l-iskopertura (pereż. jekk jintuża għal tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu b'effetti ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura) jkun limitat għall-valur tal-iskopertura.</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, jiġi applikat l-Artikolu 232 tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, daww il-mitiganti tar-riskju ta' kreditu li jikkonformaw mal-kriterji fl-Artikolu 212 tas-CRR jiġu rrapportati. Il-valur relevanti użat fil-formola interna jiġi rrapportat.</p> <p>Għandhom jiġu rrapportati fil-kolonna 060 meta l-aġġustament ma jsirx fl-LGD. Meta aġġustament isir fl-LGD, l-ammont ikun rrapportat fil-kolonna 170</p>
070-080	<p>SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM</p> <p>Il-flussi ta' ħruġ jikkorrispondu għall-parti koperta tal-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskopertura Oriġinali, li titnaqqas mill-klassi ta' skoperturi tal-obbligant u, meta relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant, u sussegwentement assenjata għall-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant. Dan l-ammont jitqies bħala Fluss ta' dħul fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant.</p> <p>Jiġu kkunsidrati wkoll il-flussi ta' dħul u ta' ħruġ fl-istess klassijiet tal-iskoperturi u, fejn relevanti, il-grad jew il-pula tal-obbligant.</p> <p>Jittieħdu f'kunsiderazzjoni skoperturi li ġejjin minn flussi ta' dħul u ta' ħruġ possibbli minn u lejn formoli oħrajn.</p>
090	<p>SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI</p> <p>L-iskopertura assenjata fil-grad jew il-pula u l-klassi ta' skoperturi korrispondenti wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi ta' ħruġ u ta' dħul dovuti għal tekniki CRM b'effetti tas-sostituzzjoni fuq l-iskopertura.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
100, 120	<p>Li minnhom: L-Entrati Barra l-Karta Bilanċjali</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet tas-CR-SA</p>
110	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA</p> <p>Huwa rrapportat il-valur b'konformità mal-Artikolu 166 tas-CRR u l-Artikolu 230(1) sentenza 2 tas-CRR.</p> <p>Għall-istrumenti kif definiti fl-Anness I, huma applikati l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu (l-Artikolu 166 minn (8) sa (10) tas-CRR) ikun xi jkun l-approċċ magħżul mill-istituzzjoni.</p> <p>Għar-ringieli 040-060 (tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil u skoperturi minn netting bejn il-prodotti kuntrattwali) soġġetti għall-parti 3 titolu II kapitolu 6 tas-CRR, il-Valur tal-Iskopertura huwa l-istess bħall-valur għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti kalkolat skont il-metodu stabbiliti fil-parti 3 titolu II kapitolu 6 taqsimiet 3, 4, 5, 6 u 7 tas-CRR. Dawn il-valuri jiġu rrapportati f'din il-kolonna u mhux fil-kolonna 130 "Li minnhom: ġejjin minn riskju ta' kreditu tal-kontroparti".</p>
130	<p>Li minnhom: Li ġejjin minn riskju ta' kreditu tal-kontroparti</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet tas-CR-SA.</p>
140	<p>LI MINNHOM: ENTITAJIET KBAR TAS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX IRREGOLATI PROPRJETÀ IMMOBBLI</p> <p>Diżaggregazzjoni tal-valur tal-iskopertura għall-iskoperturi kollha definiti skont l-Artikolu 142 (4) u (5) CRR soġġetti għall-korrellazzjoni ogħla skont l-Artikolu 153 (2) CRR.</p>
150-210	<p>TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU MEQJUS FL-ESTIMI TAL-LGD ESKLUŻ TRATTAMENT DOPPJU TAL-INADEMPJENZA</p> <p>Tekniki CRM b'impatt fuq l-LGDs minħabba l-applikazzjoni tal-effett ta' sostituzzjoni tat-tekniki CRM ma jiġux inklużi f'dawn il-kolonna.</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: L-Artikoli 228(2), 230(1) u (2), 231 tas-CRR</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, għal skoperturi għal gvern ċentrali u banek ċentrali, istituzzjonijiet u korporattivi: L-Artikolu 161 paragrafu 3 tas-CRR. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-Artikolu 164 paragrafu 2 tas-CRR. — Rigward protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata, kollateral meħud f'kunsi-derazzjoni fl-istimi tal-LGD skont l-Artikolu 181 (1) punti (e) u (f) tas-CRR.
150	<p>GARANZIJI</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 040.</p>
160	<p>DERIVATTIVI TA' KREDITU</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet għall-kolonna 050.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
170	<p>JINTUŻAW STIMI PROPRJI TAL-LGDS: PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA OĦRA</p> <p>Il-valur relevanti użat fl-iffomular intern tal-istituzzjoni.</p> <p>dawk il-mitiganti tar-riskju ta' kreditu li jikkonformaw mal-kriterji fl-Artikolu 212 tas-CRR.</p>
180	<p>KOLLATERAL FINANZJARJU ELIĠIBBLI</p> <p>Għal operazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar inkludi strumenti finanzjarji u komoditajiet eliġibbli għal skoperturi tal-portafoll tan-negozjar skont l-Artikolu 299 paragrafu 2 punt minn (c) sa (f) tas-CRR. Minn (c) sa (f) tas-CRR Noti marbuta ma' Kreditu u netting fil-karta bilanċjali skont il-Parti 3 Titolu II Kapitolu 4 Taqsima 4 tas-CRR huma ttrattati bħala kollateral fi flus.</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: valuri b'konformità mal-Artikolu 193 minn (1) sa (4) u l-Artikolu 194(1) tas-CRR. Il-valur aġġustat (Cvam) kif stabbilit fl-Artikolu 223(2) tas-CRR huwa rrapportat.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD: kollateral finanzjarju meħud f'kunsiderazzjoni fl-istimi tal-LGD skont l-Artikolu 181 (1) punti (e) u (f) tas-CRR. L-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.</p>
190-210	<p>KOLLATERAL ELIĠIBBLI IEĦOR</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD: L-Artikolu 199 minn (1) sa (8) tas-CRR u l-Artikolu 229 tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD: kollateral ieħor meħud f'kunsiderazzjoni fl-istimi tal-LGD skont l-Artikolu 181(1) punti (e) u (f) tas-CRR.</p>
190	<p>KOLLATERAL FIŻIKU IEĦOR</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, jiġu rrapportati valuri f'konformità mal-Artikolu 199(2) sa (4) tas-CRR. Il-kiri ta' proprjetà immobbli huwa inkluż ukoll (ara l-Artikolu 199(7) tas-CRR). Ara wkoll l-Artikolu 229 tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD l-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun il-valur tas-suq stmat.</p>
200	<p>RIĊEVIBBLI LI MINNHOM:</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, jiġu rrapportati valuri b'konformità mal-Artikolu 199(6) u (8) tas-CRR. Il-lokazzjoni ta' proprjetà differenti mill-proprjetà immobbli hija inkluż wkoll (ara l-Artikolu 199(7) tas-CRR). Ara wkoll l-Artikolu 229(3) tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD l-ammont li għandu jiġi rrapportat għandu jkun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.</p>
210	<p>JIRRIŻULTAW MIR-RISKJU TA' KREDITU TAL-KONTRAPARTI</p> <p>Meta ma jintużawx l-istimi proprji tal-LGD, il-valuri huma rrapportati skont l-Artikoli 199 (5), 229 (2) tas-CRR.</p> <p>Meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, l-ammont li għandu jiġi rrapportat ikun il-valur tas-suq stmat tal-kollateral.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
220	<p>SOĠĠETTI GĦAT-TRATTAMENT DOPPJU TAL-INADEMPJENZA PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX FINANZJATA</p> <p>Garanzji u d-derivattivi ta' kreditu li jkopru skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza li jirriflettu l-Artikoli 202 u 217(1) tas-CRR. Ara wkoll il-kolonna 040 "Il-garanzji" u 050 "Id-derivattivi ta' kreditu".</p>
230	<p>LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%)</p> <p>Jiġi kkunsidrat l-impatt kollu tat-tekniki CRM fuq il-valuri LGD kif speċifikat fil-Parti 3 Titolu II Kapitoli 3 u 4 tas-CRR. Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rapportat jikkorrispondi għal dak magħżul skont l-Artikolu 161(4) tas-CRR.</p> <p>Għal skoperturi inadempjenti, jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 181 (1) Punt (h) tas-CRR.</p> <p>Id-definizzjoni tal-valur tal-iskopertura fil-kolonna 110 tintuża għall-kalkolu tal-medji pponderati skont l-iskopertura.</p> <p>L-effetti kollha jiġu kkunsidrati (b'hekk, il-minimu applikabbli għall-ipoteki jkun inkluż fir-rapportar).</p> <p>Għal istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ IRB iżda li ma jużawx l-istimi tagħhom stess tal-LGD, l-effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral finanzjarju huma riflessi f'E*, il-valur totalment aġġustat tal-iskopertura, u mbagħad rifless fl-LGD* skont l-Artikolu 228(2) CRR.</p> <p>L-LGD medju pponderat skont l-iskopertura assoċjat ma' kull PD "grad jew grupp ta' obbliganti" jirriżulta mill-medja tal-LGDs prudenzjali, assenjata lill-iskoperturi ta' dak il-grad/grupp tal-PD, ponderat skont il-valur tal-iskopertura rispettiv tal-Kolonna 110.</p> <p>Jekk jiġu applikati l-istimi proprji tal-LGD, jiġu kkunsidrati l-Artikolu 175 u l-Artikolu 181(1) u (2) tas-CRR.</p> <p>Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rapportat jikkorrispondi għal dak magħżul skont l-Artikolu 161(4) tas-CRR.</p> <p>Il-kalkolu tal-LGD medju pponderat skont l-iskopertura jiġi derivat mill-parametri tar-riskju realment użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva.</p> <p>Ma tiġix irrapportata dejta għal skoperturi ta' self speċjalizzati imsemmija fl-Artikolu 153(5).</p> <p>L-iskopertura u l-LGDs rispettivi għal entitajiet irregolati kbar tas-settur finanzjarju u entitajiet finanzjarji mhux regolati ma jkunux inklużi fil-kalkolu tal-kolonna 230, ikunu inklużi biss fil-kalkolu tal-kolonna 240.</p>
240	<p>LGD MEDJU PPONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (%) GĦAL ENTITAJIET KBAR TAS-SETTUR FINANZJARJU U ENTITAJIET FINANZJARJI MHUX REGOLATI</p> <p>LGD medju pponderat skont l-iskopertura (%) għall-iskoperturi kollha definiti skont l-Artikolu 142(4) u (5) CRR soġġetti għal korrelazzjoni ogħla skont l-Artikolu 153 (2) CRR.</p>

▼ M3

Kolonna	Istruzzjonijiet
250	<p>VALUR TAL-MATURITÀ MEDJU PONDERAT SKONT L-ISKOPERTURA (JIEM)</p> <p>Valur rapportat jirrifletti l-Artikolu 162 tas-CRR. Il-valur tal-iskopertura (Kolonna 110) jintuża għall-kalkolu tal-medji ponderati skont l-iskopertura. Il-maturità medja hija rrapportata f'jiem.</p> <p>Din id-dejta ma tiġix rrapportata għall-valur tal-iskoperturi li għalihom il-maturità mhijiex element fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. Dan ifisser li din il-kolonna ma timtelix għall-klassi tal-iskoperturi "fil-livell tal-konsumaturi".</p>
255	<p>AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJI QABEL IL-FATTUR TA' APPOĠĠ TAL-SMEs</p> <p>Għal Gvernijiet Ċentrali u Banek Ċentrali, Korporattivi u Istituzzjonijiet ara l-Artikolu 153 (1) u (3) tas-CRR. Għal-Livell tal-Konsumatur ara l-Artikolu 154 (1) tas-CRR.</p> <p>Il-fattur ta' appoġġ tal-SMEs skont l-Artikolu 501 tas-CRR ma jiġix ikkunsidrat.</p>
090	<p>(-) PROTEZZJONI TAL-KREDITU FINANZJATA</p> <p>Il-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata hija ddefnita fl-Artikolu 4(58) u rregolata fl-Artikoli 195, 197 u 200 tas-CRR.</p> <p>Noti marbuta ma' kreditu u netting tal-karta bilanċjali skont l-Artikoli 218-236 tas-CRR huma ttrattati bħala kollateral fi flus.</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet tas-CR SA (Rapportar tat-tekniki tas-CRM bl-effett ta' sostituzzjoni).</p>
100-110	<p>SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM:</p> <p>Flussi ta' dħul u ta' ħruġ fl-istess klassijiet tal-iskoperturi u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-klassifikazzjonijiet tal-obbligant ikunu rrapportati wkoll.</p>
100	<p>(-) IL-FLUSSI TA' ĦRUĠ TOTALI:</p> <p>L-Artikoli 222(3) u 235(1) u (2).</p> <p>Il-flussi ta' ħruġ jikkorrispondu għall-parti koperta tan-“Nett tal-iskopertura tal-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti”, li titnaqqas mill-klassi tal-iskoperturi tal-obbligant u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant, u sussegwentement assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant.</p> <p>Dan l-ammont jitqies bħala Fluss ta' dħul fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-grad tal-obbligant.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 090 [(-) Flussi ta' Ħruġ Totali] tal-formula CR SA Totali.</p>
110	<p>INFLUSSI TOTALI</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma titoli ta' dejn u li huma kollateral finanzjarju eliġibbli skont l-Artikolu 197(1) tas-CRR u meta jintuża l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju, ikunu rrapportati bħala flussi ta' dħul f'din il-kolonna.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 100 (Fluss ta' dħul Totali) tal-formula CR SA Totali.</p>
120	<p>SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJON</p> <p>L-iskopertura assenjata fil-ponderazzjoni tar-riskju u l-klassi tal-iskoperturi korrispondenti wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi ta' ħruġ u ta' dħul dovuti għal “Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (CRM) b'effetti ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura”.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 110 tal-formula CR SA Totali.</p>

▼ M3

Kolonna	
130	<p>(-) TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TAL-KREDITU LI JAFFETTWAW L-AMMONT TAL-ISKOPERTURA; VALUR AĠĠUSTAT BIL-METODU KOMPRESIV TAL-KOLLATERAL FINANZJARJU TAL-PROTEZZJONI FINANZJATA TAL-KREDITU (C_{VAM})</p> <p>Din l-entrata tinkludi wkoll noti marbutin ma' kreditu (l-Artikolu 218 tas-CRR).</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 120 u 130 tal-formula CR SA Total.</p>
140	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA TOTALMENT AĠĠUSTAT (E*)</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 246 tas-CRR, għaldaqstant mingħajr ma jiġu applikati ċ-ċifri ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 246(1) punt c) tas-CRR.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 150 tal-formola CR SA Totali.</p>
150-180	<p>DIŻAGGREGAZZJONI TAL-VALUR TAL-ISKOPERTURA TOTALMENT AĠĠUSTAT (E*) TAL-ENTRATI BARRA L-KARTA BILANĊJALI SKONT IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI</p> <p>L-Artikolu 246(1) punt c) tas-CRR jistabbilixxi li l-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħha multiplikat b'fattur ta' konverżjoni. Din iċ-ċifra ta' konverżjoni tkun ta' 100 % sakemm ma jiġix speċifikat b'xi mod ieħor fis-CRR.</p> <p>Ara l-kolonna 160 sa 190 tal-formola CR SA Total.</p> <p>Għal skopijiet ta' rapportar, il-valuri tal-iskopertura totalment aġġustati (E*) ikunu rrapportati skont l-erba' intervalli reċiprokament esklussivi li ġejjin tal-fatturi ta' konverżjoni: 0 %, [0 %, 20 %], [20 %, 50 %] u [50 %, 100 %].</p>
190	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 246 tas-CRR.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 200 tal-formola CR SA Totali.</p>
200	<p>(-) VALUR TAL-ISKOPERTURA MNAQQAS MILL-FONDI PROPRI</p> <p>L-Artikolu 258 tas-CRR jistipula li fil-każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħha hemm assenjat ponderazzjoni tar-riskju ta' l 250 %, l-istituzzjonijiet jistgħu, bħala alternattiva għall-inklużjoni tal-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, inaqqsu mill-fondi proprji l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni.</p>
210	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA SOĠĠETT GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU</p> <p>Il-valur tal-iskopertura nieqes il-valur tal-iskopertura mnaqqas minn fondi proprji.</p>
220-320	<p>TQASSIM TAL-VALUR TAL-ISKOPERTURA SOĠĠETT GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU SKONT IL-PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU</p>

▼ **M3**

Kolonna	
220-260	<p>KLASSIFIKATI</p> <p>L-Artikolu 242(8) tas-CRR jiddefinixxi pozzizzjonijiet klassifikati.</p> <p>Il-valuri tal-iskoperturi soġġetti għal ponderazzjonijiet tar-riskju huma mqassam skont l-iskali tal-kwalità kreditizja (CQS) kif previst għall-SA fl-Artikolu 251 (Tabella 1) tas-CRR.</p>
270	<p>1 250 % (MHUX KLASSIFIKATI)</p> <p>L-Artikolu 242(7) tas-CRR jiddefinixxi pozzizzjonijiet mhux klassifikati.</p>
280	<p>TRASPARENZA</p> <p>L-Artikoli 253, 254 u 256(5) tas-CRR.</p> <p>Il-kolonna tat-trasparenza fihom il-każijiet kollha ta' skoperturi mhux ikklassifikati fejn il-ponderazzjoni tar-riskju tinkiseb mill-portafoll sottostanti tal-iskoperturi (ponderazzjoni medja tar-riskju tal-pula, l-ogħla ponderazzjoni tar-riskju tal-pula, jew l-użu ta' proporzjon tal-konċentrazzjoni).</p>
290	<p>TRASPARENTI — LI MINNHOM: IT-TIENI TELF F'ABCP</p> <p>Il-valur tal-iskopertura soġġett għat-trattament ta' pozzizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f'segment tat-tieni telf jew aħjar fi programm ABCP huwa stabbilit f'254 tas-CRR.</p> <p>L-Artikolu 242(9) tas-CRR jiddefinixxi programm ta' Karta kummerċjali garantita b'assi (ABCP).</p>
300	<p>TRASPARENTI LI MINNHOM: PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU (%)</p> <p>Tingħata l-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat tal-valur tal-iskopertura.</p>
310	<p>APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA (IAA)</p> <p>L-Artikoli 109 (1) u 259 (3) tas-CRR. Il-valur tal-iskopertura ta' pozzizzjonijiet ta' titolizzazzjoni bl-approċċ ta' valutazzjoni interna.</p>
320	<p>IAA: PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU (%)</p> <p>Tingħata l-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat tal-valur tal-iskopertura.</p>
330	<p>AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GħAR-RISKJU</p> <p>It-total tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kalkolat skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR, qabel l-aġġustamenti dovuti għal diskrepanza fil-maturità jew ksur tad-dispozzjonijiet tad-diliġenza dovuta, u eskluż kwalunkwe ammont ta' skopertura għall-ponderazzjoni tar-riskju li jikkorrispondi għal skoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi ta' ħruġ f'formola oħra.</p>
340	<p>LI MINNU: TITOLIZZAZZJONIJIET SINTETIĊI</p> <p>Għal titolizzazzjonijiet sintetiċi, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna jinjora kwalunkwe diskrepanza fil-maturità.</p>

▼ M3

Kolonna	
350	<p>EFFETT KUMPLESSIV (AĠĠUSTAMENT) DOVUT GĦAL KSUR TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DILIĠENZA DOVUTA</p> <p>L-Artikoli 14(2), 406(2) u 407 tas-CRR jistipula li kull meta ċerti rekwiżiti ma jkunux issodisfati mill-istituzzjoni, l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimponu ponderazzjoni tar-riskju proporzjonata addizzjonali ta' mhux inqas minn 250 % tal-ponderazzjoni tar-riskju (limitata għal 1 250 %) li tkun tapplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni relevanti skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR. Tali ponderazzjoni ta' riskju addizzjonali ma tistax tiġi imposta biss fuq istituzzjonijiet investituri, iżda wkoll li l-oriġinaturi, l-isponsors u l-mutwanti oriġinali.</p>
360	<p>AĠĠUSTAMENT FL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU DOVUT GĦAL DISKREPANZI FIL-MATURITÀ</p> <p>Għal diskrepanzi fil-maturità fit-titolizzazzjonijiet sintetiċi jiġu inklużi RW*-RW(SP), kif definit fl-Artikolu 250 tas-CRR, ħliet fil-każ ta' segmenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % fejn l-ammont li għandu jkun rapportat huwa żero. Kun af li f'RW(SP) mhumiex inklużi biss l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju rrapportati fil-kolonna 330 iżda anki l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju li jikkorrispondu għall-iskoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi ta' ħruġ f'formoli oħrajn.</p>
370-380	<p>L-AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU: QABEL IL-LIMITU MASSIMU/WARA L-LIMITU MASSIMU</p> <p>L-ammont totali tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR, qabel (il-kolonna 370)/wara (il-kolonna 380) l-applikazzjoni tal-limiti speċifikati fl-Artikoli 252 — titolizzazzjoni ta' entrati attwalment f'inadempjenza jew assoċjati ma' entrati ta' riskju għoli partikolari — jew 256(4) — rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotanti b'dispożizzjonijiet ta' amortizzazzjoni bikrija- tas-CRR.</p>
390	<p>ENTRATA FIL-MEMORANDUM: AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU LI JIKKORRISPONDI GĦALL-FLUSSI TA' ĦRUĠ MIT-TITOLIZZAZZJONI TAL-SA GĦAL KLAJJJIET OĦRA TA' SKOPERTURA</p> <p>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju li ġej mill-iskoperturi mqassmin mill-ġdid lill-fornitur tal-mitigant tar-riskju, u għaldaqstant kalkolati fil-formola korrispondenti, li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-limitu massimu għall-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni.</p>

100. Il-formola CR SEC SA hija maqsuma fi tliet blokk ewlenin ta' ringieli li jiġbru dejta dwar l-iskoperturi oriġinati/sponsorjati/miżmumin jew mixtrijin minn oriġinaturi, investituri jew sponsors. Għal kull waħda minnhom, l-informazzjoni hija mqassma skont entrati tal-karta bilanċjali u entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi kif ukoll titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet.

101. L-iskoperturi totali (fid-data ta' rapportar) ukoll jitqassmu skont l-iskali tal-kwalità kreditizja applikati fit-tnejja (l-aħħar blokk ta' ringieli). L-oriġinaturi, l-isponsors kif ukoll l-investituri jirrapportaw din l-informazzjoni.

▼ M3

Ringieli	
010	<p>SKOPERTURI TOTALI</p> <p>L-iskoperturi totali jirreferu għall-ammont totali ta' titolizzazzjonijiet pendenti. Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni kollha rrapportata mill-oriġinaturi, l-isponsors u l-investituri fir-ringieli sussegwenti.</p>
020	<p>LI MINNHOM: RITITOLIZZAZZJONIJIET</p> <p>L-ammont totali ta' rititolizzazzjonijiet pendenti skont id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(63) u (64) tas-CRR.</p>
030	<p>ORIĠINATUR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni fuq l-entrati u d-derivattivi tal-karta bilanċjali u dawk barra l-karta bilanċjali u l-amortizzazzjoni bikrija ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' oriġinatur, kif definit fl-Artikolu 4(1)(13) tas-CRR.</p>
040-060	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>L-Artikolu 246(1) Punt (a) tas-CRR jistipula li għal dawk l-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju bl-Approċċ Standardizzat, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tal-karta bilanċjali jkun il-valur kontabilistiku tagħha wara l-applikazzjoni ta' aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu.</p> <p>L-entrati tal-karta bilanċjali jinqasmu skont titolizzazzjonijiet (ringiela 050) u rititolizzazzjonijiet (ringiela 060).</p>
070-090	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ta' entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi soġġetti għal fattur ta' konverżjoni skont il-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħha, nieqes kwalunkwe aġġustament speċifiku għar-riskju ta' kreditu ta' dik il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, multiplikat b'ċifra ta' konverżjoni ta' 100 % sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.</p> <p>Il-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti ta' strument derivattiv elenkat fl-Anness II tas-CRR, ikun determinat skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 6 tas-CRR.</p> <p>Għall-faċilitajiet ta' likwidità, il-faċilitajiet ta' kreditu u l-flus bil-quddiem tas-serviser, l-istituzzjonijiet jipprovdu l-ammont mhux prelevat.</p> <p>Għal swaps tar-rati tal-imgħax u ta' muniti, jipprovdu l-valur tal-iskopertura (skont l-Artikolu 246(1) tas-CRR) kif speċifikat fil-formola CR SA Total.</p> <p>Entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi jintqasmu skont titolizzazzjonijiet (ringiela 080) u rititolizzazzjonijiet (ringiela 090) bħal fl-Artikolu 251 Tabella 1 tas-CRR.</p>
100	<p>AMORTIZZAMENT ANTIĊIPAT</p> <p>Din ir-ringiela tapplika biss għal dawk l-oriġinaturi b'titolizzazzjonijiet tal-iskopertura ċirkolanti li fihom klawżoli ta' amortizzament antiċipati, kif stipulat fl-Artikolu 242(13) u (14) tas-CRR.</p>

▼ M3

Ringieli	
110	<p>INVESTITUR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar l-entrati u d-derivattivi tal-karta bilanċjali u dawk barra l-karta bilanċjali ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' investitur.</p> <p>Is-CRR ma jipprovdi definizzjoni espliċita għal investitur. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest għandha tinftiehem bħala istituzzjoni li għandha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li la hi l-oriġinatur u lanqas l-isponsor tagħha.</p>
120-140	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet użati għal entrati tal-karta bilanċjali għal oriġinaturi.</p>
150-170	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet użati għal entrati u derivattivi barra l-karta bilanċjali għal oriġinaturi.</p>
180	<p>SPONSOR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor entrati tal-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali u derivattivi ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' sponsor, kif definit fl-Artikolu 4(14) tas-CRR. Jekk sponsor ikun qiegħed jittitolizza l-assi tiegħu stess ukoll, huwa jimla r-ringieli tal-oriġinatur bl-informazzjoni dwar l-assi titolizzati tiegħu stess.</p>
190-210	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet użati għal entrati tal-karta bilanċjali għal oriġinaturi.</p>
220-240	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet użati għal entrati u derivattivi barra l-karta bilanċjali għal oriġinaturi.</p>
250-290	<p>IL-POŻIZZJONIJIET PENDENTI DIŻAGGREGATI SKONT IS-CQS FIL-BIDU</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet pendenti (fid-data ta' rapportar) skont l-iskali tal-kwalità kreditizja (previsti għall-SA fl-Artikolu 251 (Tabella 1) tas-CRR) applikati fid-data ta' oriġinazzjoni (bidu). Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, tkun rapportata l-iktar dejta bikrija ekwivalenti għas-CQS għad-dispożizzjoni.</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġu rrapportati biss għall-kolnii 190 sa 270 u l-kolnii 330 sa 340.</p>

3.8. C 13.00 — IR-RISKJU TA' KREDITU — IT-TITOLIZZAZZJONIJIET: L-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-KLASSIFIKAZZJONI INTERNA GĦAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI (CR SEC IRB)

3.8.1. Rimarki ġenerali

102. L-informazzjoni f'din il-formola tintalab għat-titolizzazzjonijiet kollha li għalihom ikun rikonoxxut riskju ta' trasferiment sinifikanti u fejn l-istituzzjoni relatriċi tkun involuta f'titolizzazzjoni trattata skont l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna.

▼ M3

103. L-informazzjoni li għandha tkun rapportata hija kontinġenti fuq ir-rwol tal-istituzzjoni rigward it-titolizzazzjoni. B'hekk, l-entrati speċifiċi ta' rapportar huma applikabbli għal oriġinaturi, sponsors u investituri.
104. Il-formola CR SEC IRB taqa' fl-istess ambitu bħas-CR SEC SA, tiġbor informazzjoni konġunta kemm fuq titolizzazzjonijiet tradizzjonali kif ukoll sintetiċi miżmuma fil-portafoll bankarju.

3.8.2. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
010	<p>AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURI TAT-TITOLIZZAZZJONI ORIĠINATI</p> <p>Għat-total tar-ringiela fuq l-entrati tal-karta bilanċjali, l-ammont rapportat f'din il-kolonna jikkorrispondi għall-ammont pendenti ta' skoperturi titolizzati fid-data ta' rapportar.</p> <p>Ara l-kolonna 010 tas-CR SEC SA.</p>
020-040	<p>TITOLIZZAZZJONIJIET SINTETIĊI: PROTEZZJONI TAL-KREDITU GĦALL-ISKOPERTURI TITOLIZZATI</p> <p>L-Artikoli 249 u 250 tas-CRR</p> <p>Id-diskrepanza fil-maturità ma titteħidx f'kunsiderazzjoni fil-valur aġġustat tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu involuti fl-istruttura ta' titolizzazzjoni.</p>
020	<p>(-) PROTEZZJONI FINANZJATA TAL-KREDITU (C_{VA})</p> <p>Il-proċedura dettaljata tal-kalkolu tal-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral (C_{VA}) li hija mistennija tkun rapportata f'din il-kolonna hija stabbilita fl-Artikolu 223(2) tas-CRR.</p>
030	<p>(-) IL-FLUSSI TA' ĦRUĠ TOTALI: IL-VALURI AĠĠUSTATI TAL-PROTEZZJONI TAL-KREDITU MHUX IFFINANZJATA (G*)</p> <p>Billi tiġi segwita r-regola ġenerali għal “flussi ta' dħul” u “flussi ta' ħruġ”, l-ammonti rrapportati fil-kolonna 030 tal-formola CR SEC IRB jidhru bħala “flussi ta' dħul” fil-formola korrispondenti tar-riskju ta' kreditu (CR SA jew CR IRB) u l-klassi tal-iskoperturi rilevanti għall-fornitur tal-protezzjoni (jiġifieri l-parti terza li lilha huwa ttrasferit is-segment permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata).</p> <p>Il-proċedura tal-kalkolu tal-ammont nominali aġġustat għar-“riskju tal-kambju” tal-protezzjoni tal-kreditu (G*) hija stabbilita fl-Artikolu 233(3) tas-CRR.</p>
040	<p>AMMONT NOZZJONALI MFADDAL JEW RIAKKWISTAT TA' PROTEZZJONI TAL-KREDITU</p> <p>Is-segmenti kollha li nżammu jew li nxtraw lura, pereż. pożizzjonijiet tal-ewwel telf imfaddlin, ikunu rrapportati bl-ammont nominali tagħhom.</p> <p>L-effett tat-telf impost superviżorju fil-protezzjoni tal-kreditu ma jitteħidx f'kunsiderazzjoni meta jiġi kkalkolat l-ammont imfaddal jew riakkwistat ta' protezzjoni tal-kreditu.</p>

▼ M3

Kolonna	
050	<p>POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORİĠINALI</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-istituzzjoni relatriċi, ikkal-kolati skont l-Artikolu 246(1)(b) u (e), u (2) tas-CRR, bla ma jiġu applikati fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu u l-gross tal-aġġustamenti u l-provvedimenti tal-valur. In-netting relevanti biss fir-rigward ta' kuntratti tad-derivattivi multipli provduti lill-istess SSPE, koperti minn ftehim ta' netting eliġibbli.</p> <p>Aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti li għandhom ikunu rrapportati f'din il-kolonna jirreferu biss għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Aġġustamenti tal-valur ta' pożizzjonijiet titolizzati mhumiex ikkunsidrati.</p> <p>Fil-każ ta' klawżoli ta' amortizzament antiċipati, l-istituzzjonijiet iridu jispeċifikaw l-ammont ta' "interest tal-oriġinatur" kif definit fl-Artikolu 256(2) tas-CRR.</p> <p>F'titolizzazzjonijiet sintetiċi, il-pożizzjonijiet miżmumin mill-oriġinatur fil-forma ta' entrati fil-karta bilanċjali u/jew imgħax tal-investitur (amortizzament antiċipat) ikunu r-riżultat tal-aggregazzjoni tal-kolonna 010 sa 040.</p>
060-090	<p>TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TA' KREDITU (CRM) B'EFFETTI TA' SOSTITUZZJONI FUQ L-ISKOPERTURA</p> <p>Ara l-Artikolu 4(1)(57) u l-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 4 tas-CRR.</p> <p>Dan il-blokk ta' kolonna jiġbor informazzjoni dwar tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu li jnaqqsu r-riskju tal-kreditu ta' skopertura jew skoperturi permezz tas-sostituzzjoni ta' skoperturi (kif indikat hawn għal Flussi ta' Dħul u ta' Ħruġ).</p>
060	<p>(-) PROTEZZJONI MHUX FINANZJATA TAL-KREDITU: IL-VALURI AĠĠUSTATI (G_A)</p> <p>Protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata hija definita fl-Artikolu 4(1)(59) tas-CRR.</p> <p>L-Artikolu 236 tas-CRR jiddeskrivi l-proċedura ta' kalkolu ta' G_A fil-każ ta' protezzjoni sħiħa/protezzjoni parzjali — superjorità ndaqs.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 040 u 050 tal-formola CR IRB.</p>
070	<p>(-) PROTEZZJONI TAL-KREDITU FINANZJATA</p> <p>Protezzjoni ta' kreditu finanzjata hija definita fl-Artikolu 4(1)(58) tas-CRR.</p> <p>Billi l-Metodu Simplifikat tal-Kollateral Finanzjarju mhuwiex applikabbli, hija biss il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata skont l-Artikolu 200 tas-CRR li tiġi rrapportata f'din il-kolonna.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 060 tal-formola CR IRB.</p>
080-090	<p>SOSTITUZZJONI TAL-ISKOPERTURA MINĦABBA CRM:</p> <p>Flussi ta' dħul u ta' ħruġ fl-istess klassijiet tal-iskoperturi u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-klassifikazzjonijiet tal-obbligant ikunu rrapportati wkoll.</p>

▼ M3

Kolonna	
080	<p>(-) IL-FLUSSI TA' ĦRUĠ TOTALI:</p> <p>L-Artikolu 236 tas-CRR.</p> <p>Il-flussi ta' ħruġ jikkorrispondu għall-parti koperta tan-“Nett tal-iskopertura tal-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti”, li titnaqqas mill-klassi tal-iskoperturi tal-obbligant u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant, u sussegwentement assenjata fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur u, fejn relevanti, il-ponderazzjoni tar-riskju jew il-grad tal-obbligant.</p> <p>Dan l-ammont jitqies bħala Fluss ta' dħul fil-klassi tal-iskoperturi tal-fornitur tal-protezzjoni u, fejn relevanti, il-ponderazzjonijiet tar-riskju jew il-grad tal-obbligant.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 070 tal-formola CR IRB.</p>
090	<p>INFLUSSI TOTALI</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 080 tal-formola CR IRB.</p>
100	<p>SKOPERTURA WARA LI S-SOSTITUZZJONI TAFFETTWA L-FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI</p> <p>L-iskopertura assenjata fil-ponderazzjoni tar-riskju u l-klassi tal-iskoperturi korrispondenti wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-flussi ta' ħruġ u ta' dħul dovuti għal “Tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (CRM) b'effetti ta' sostituzzjoni fuq l-iskopertura”.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 090 tal-formola CR IRB.</p>
110	<p>(-) TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU TAL-KREDITU LI JAFFETTAW L-AMMONT TAL-ISKOPERTURA; VALUR TAL-PROTEZZJONI TA' KREDITU FFINANZJATA AĠĠUSTAT BIL-METODU KOMPRESIV TAL-KOLLATERAL FINANZJARJU (CVAM)</p> <p>L-Artikoli minn 218 sa 222 tas-CRR Din l-entrata tinkludi wkoll noti marbutin ma' kreditu (l-Artikolu 218 tas-CRR).</p>
120	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA TOTALMENT AĠĠUSTAT (E*)</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 246 tas-CRR, għaldaqstant bla ma jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 246(1) punt c) tas-CRR.</p>
130-160	<p>DIŻAGGREGAZZJONI TAL-VALUR TAL-ISKOPERTURA TOTALMENT AĠĠUSTAT (E*) TAL-ENTRATI BARRA L-KARTA BILANĊJALI SKONT IL-FATTURI TA' KONVERŻJONI</p> <p>L-Artikolu 246(1) Punt c) tas-CRR jistipula li l-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħha multiplikat b'ċifra ta' konverżjoni. Din iċ-ċifra ta' konverżjoni tkun ta' 100 % sakemm ma jiġix speċifikat xi mod ieħor.</p> <p>F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1)(56) tas-CRR jiddefinixxi fattur ta' konverżjoni.</p> <p>Għal skopijiet ta' rapportar, il-valuri tal-iskopertura totalment aġġustati (E*) ikunu rrapportati skont l-erba' intervalli reċiprokament esklussivi li ġejjin tal-fatturi ta' konverżjoni: 0 %, (0 %, 20 %], (20 %, 50 %) u (50 %, 100 %].</p>

▼ M3

Kolonna	
170	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 246 tas-CRR.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mal-kolonna 110 tal-formola CR IRB.</p>
180	<p>(-) VALUR TAL-ISKOPERTURA MNAQQAS MILL-FONDI PROPRI</p> <p>L-Artikolu 266(3) tas-CRR jistipula li f'każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħha tapplika ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %, l-istituzzjonijiet jistgħu, bħala alternattiva għall-inklużjoni tal-pożizzjoni fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, inaqqsu mill-fondi proprji l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni.</p>
190	<p>VALUR TAL-ISKOPERTURA SOĠĠETT GĦAL PONDERAZZJONIJIET TAR-RISKJU</p>
200-320	<p>METODU ABBAŻI TAL-KLASSIFIKAZZJONIJIET (SKALI TAL-KWALITÀ KREDITIZJA)</p> <p>L-Artikolu 261 tas-CRR.</p> <p>Pożizzjonijiet ta' Titolizzazzjoni-IRB bi klassifikazzjoni inferita skont l-Artikolu 259(2) tas-CRR ikunu rrapportati bħala pożizzjonijiet bi klassifikazzjoni.</p> <p>Valuri tal-iskoperturi soġġetti għal ponderazzjonijiet tar-riskju huma mqasma skont l-iskali tal-kwalità kreditizja (CQS) kif previst għall-Approċċ IRB l-Artikolu 261(1) Tabella 4 tas-CRR.</p>
330	<p>METODU TAL-FORMULA SUPERVIŻORJA</p> <p>Għall-Metodu tal-Formula Superviżorja (SFM), l-Artikolu 262 tas-CRR.</p> <p>Il-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun l-ikbar mis-7 % jew il-ponderazzjoni tar-riskju li għandha tiġi applikata skont il-formuli pprovduti.</p>
340	<p>IL-METODU TAL-FORMULA SUPERVIŻORJA: IL-PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU</p> <p>Il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta skont l-Artikolu 264 tas-CRR. F'dan il-każ, l-istituzzjonijiet jindikaw il-“ponderazzjoni tar-riskju effettiv” tal-pożizzjoni meta tkun riċevuta l-protezzjoni sħiħa, skont dak stabbilit fl-Artikolu 264(2) tas-CRR (il-ponderazzjoni tar-riskju effettiv tilħaq l-ammont tal-iskopertura ponderata skont ir-riskju tal-pożizzjoni maqsuma bil-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni, multiplikat b'100).</p> <p>Meta l-pożizzjoni tibbenefika minn protezzjoni parzjali, l-istituzzjoni trid tapplika l-Metodu tal-Formula Superviżorja billi tuża t-“T” aġġustata skont kif hemm stabbilit fl-Artikolu 264(3) tas-CRR.</p> <p>Ponderazzjonijiet medju tar-riskju ponderat jkunu rrapportati f'din il-kolonna.</p>
350	<p>TRASPARENZA</p> <p>Il-kolonna tat-trasparenza fihom il-każijiet kollha ta' skoperturi mhux klassifikati meta l-ponderazzjoni tar-riskju tinkiseb mill-portafoll sottostanti ta' skoperturi (l-ogħla ponderazzjoni tar-riskju tal-pula).</p>

▼ M3

Kolonna	
	<p>L-Artikolu 263(2) u (3) tas-CRR jistipula trattament eċċezzjonali meta K_{irb} ma tkunx tista' tiġi kkalkolata.</p> <p>L-ammont mhux prelevat mill-faċilitajiet ta' likwidità jiġi rrapportat f'“Entrati u 'l barra mill-karta bilanċjali u derivattivi”.</p> <p>Dment li oriġinatur ikollu t-trattament eċċezzjonali meta K_{irb} ma tkunx tista' tiġi kkalkolata, f'dak il-każ il-kolonna 350 tkun il-kolonna t-tajba li għandha tintuża għar-rapportar tat-trattament ta' ponderazzjoni tar-riskju mogħti lill-valur tal-iskopertura ta' faċilità ta' likwidità soġġetta għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 263 tas-CRR.</p> <p>Għal amortizzazzjonijiet bikrin, ara l-Artikoli 256(5) u 265 tas-CRR.</p>
360	<p>IT-TRASPARENZA: IL-PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU</p> <p>Tingħata l-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat tal-valur tal-iskopertura.</p>
370	<p>APPROĊĊ TA' VALUTAZZJONI INTERNA</p> <p>L-Artikolu 259(3) u (4) tas-CRR jipprevedi l-“Approċċ ta' Valutazzjoni Interna” (IAA) għal pożizzjonijiet fi programmi ABCP.</p>
380	<p>IAA: IL-PONDERAZZJONI MEDJA TAR-RISKJU</p> <p>Ponderazzjonijiet medju tar-riskju ponderat jkunu rrapportati f'din il-kolonna.</p>
390	<p>(-) IT-TNAQQIS FL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERATA GĦAR-RISKJI DOVUT GĦAL AĠĠUSTAMENTI FIL-VALUR U L-PROVVEDIMENTI</p> <p>L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB isegwu l-Artikolu 266(1) (applikabbli biss għal oriġinaturi, meta l-iskopertura ma tkunx tnaqqset mill-fondi proprji) u (2) tas-CRR.</p> <p>Aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti (l-Artikolu 159 tas-CRR) għal telf ta' kreditu li sar skont il-qafas kontabilistiku li għalih hija soġġetta l-entità relatriċi. L-aġġustamenti tal-valur jinkludu kwalunke ammont rikonoxxut fil-qligħ jew it-telf għal telf ta' kreditu tal-assi finanzjarji sa mirikonoxximent inizjali tagħhom fil-karta bilanċjali (inkluż telf dovut għar-riskju tal-kreditu tal-assi finanzjarji mkejlin b'valur ġust li ma jtnaq-qasx mill-valur tal-iskopertura) flimkien mal-iskontijiet fuq skoperturi mixtrija meta inadempjenti skont l-Artikolu 166(1) tas-CRR. Provvedimenti jinkludu ammonti akkumulati ta' telf ta' kreditu f'entrati barra l-karta bilanċjali.</p>
400	<p>AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU</p> <p>Il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR qabel l-aġġustamenti dovuti għal diskrepanzi fil-maturità jew ksur tad-dispożizzjonijiet tad-diliġenza dovuta, u eskluż kwalunkwe ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju li jikkorrispondi għal skoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi ta' ħruġ f'formola oħra.</p>
410	<p>RWEA LI MINNHOM: TITOLIZZAZZJONIJIET SINTETIĊI</p> <p>Għal titolizzazzjonijiet sintetiċi b'diskrepanza fil-maturità, l-ammont li għandu jiġi rrapportat f'din il-kolonna jinjora kwalunkwe diskrepanza fil-maturità.</p>

▼ M3

Kolonna	
420	<p>EFFETT KUMPLESSIV (AĠĠUSTAMENT) DOVUT GĦAL KSUR TAD-DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DILIĠENZA DOVUTA</p> <p>L-Artikoli 14(2), 406(2) u 407 tas-CRR jistipulaw li kull meta ċerti rekwiżiti ma jkunux issodisfati mill-istituzzjoni, l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimponu ponderazzjoni tar-riskju proporzjonata addizzjonali ta' mhux inqas minn 250 % tal-ponderazzjoni tar-riskju (limitata għal 1 250 %) li tkun tapplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni relevanti fil-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR.</p>
430	<p>AĠĠUSTAMENT FL-AMMONT TAL-ISKOPERTURI PONDERATI GĦAR-RISKJU DOVUTI GĦAL DISKREPANZA FIL-MATURITÀ</p> <p>Għal diskrepanzi fil-maturità fit-titolizzazzjonijiet sintetiċi jiġu inklużi RW*-RW(SP), kif definit fl-Artikolu 250 tas-CRR, ħlief fil-każ ta' segmenti soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % fejn l-ammont li għandu jkun rapportat huwa żero. Kun af li f'RW(SP) mhumiex inklużi biss l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju rrapportati fil-kolonna 400 iżda anki l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju li jikkorrispondu għall-iskoperturi mqassmin mill-ġdid permezz ta' flussi ta' ħruġ f'formoli oħrajn.</p> <p>Valuri negattivi jkunu rrapportati f'din il-kolonna.</p>
440-450	<p>L-AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU: QABEL IL-LIMITU MASSIMU/WARA L-LIMITU MASSIMU</p> <p>L-ammont totali tal-iskoperturi ponderat għar-riskju kkalkolat skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3 tas-CRR, qabel (kol 440)/wara (kol 450) billi jiġu applikati l-limiti speċifikati fl-Artikolu 260 tas-CRR. Barra minn hekk, l-Artikolu 265 tas-CRR (rekwiżiti tal-fondi proprji addizzjonali għal titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotanti b'dispożizzjonijiet ta' amortizzazzjoni bikrija) irid jiġi kkunsidrat.</p>
460	<p>ENTRATA FIL-MEMORANDUM: AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU LI JIKKORRISPONDI GĦALL-FLUSSI TA' ĦRUĠ MIT-TITOLIZZAZZJONI IRB GĦAL KLAJJJIET OĦRAJN TA' SKOPERTURA</p> <p>L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju li ġej mill-iskoperturi mqassmin mill-ġdid lill-fornitur tal-mitigant tar-riskju, u għaldaqstant kalkolati fil-formola korrispondenti, li jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-limitu massimu għall-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni.</p>

105. Il-formola CR SEC IRB huwa maqsum fi tliet blokko ewlenin li jiġbru dejta dwar l-iskoperturi oriġinati/sponsorjati/miżmumin jew mixtrijin minn oriġinaturi, investituri jew sponsors. Għal kull waħda minnhom, l-informazzjoni titqassam skont entrati tal-karta bilanċjali u entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi, kif ukoll skont raggruppamenti ta' ponderazzjonijiet tar-riskju ta' titolizzazzjonijiet u rititolizzazzjonijiet.

106. L-iskoperturi totali (fid-data ta' rapportar) ukoll jitqassmu skont l-iskali tal-kwalità kreditizja applikati fit-tnejja (l-aħħar blokka ta' ringieli). L-oriġinaturi, l-isponsors kif ukoll l-investituri jirrapportaw din l-informazzjoni.

▼ M3

Ringieli	
010	<p>SKOPERTURI TOTALI</p> <p>L-iskoperturi totali jirreferu għall-ammont totali ta' titolizzazzjonijiet pendenti. Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni kollha rrapportata mill-orġinaturi, l-isponsors u l-investituri fir-ringieli sussegwenti.</p>
020	<p>LI MINNHOM: RITITOLIZZAZZJONIJIET</p> <p>L-ammont totali ta' rititolizzazzjonijiet pendenti skont id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(63) u (64) tas-CRR.</p>
030	<p>ORĠINATUR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni fuq l-entrati u d-derivattivi tal-karta bilanċjali u dawk barra l-karta bilanċjali u l-amortizzazzjoni bikrija ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' orġinatur, kif definit fl-Artikolu 4(1)(13) tas-CRR.</p>
040-090	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>L-Artikolu 246(1) lit b) tas-CRR jiddikjara li għal dawk l-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju bl-Approċċ IRB, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-karta bilanċjali jkun il-valur kontabilistiku bla ma jittieħed f'kunsiderazzjoni ebda aġġustament fir-riskju ta' kreditu li jkun sar.</p> <p>L-entrati fil-karta bilanċjali jitqassmu skont ir-raggruppamenti tal-ponderazzjoni tar-riskju ta' titolizzazzjonijiet (A-B-C), fir-ringieli 050-070, u rititolizzazzjonijiet (D-E), fir-ringieli 080-090, kif stipulat fl-Artikolu 261(1) Tabella 4 tas-CRR.</p>
100-150	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ta' entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi soġġetti għal fattur ta' konverżjoni skont il-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali jkun il-valur nominali tagħha, nieqes kwalunkwe aġġustament speċifiku tar-riskju ta' kreditu ta' dik il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, multiplikati b'fattur ta' konverżjoni ta' 100 % sakemm ma jkunx speċifikat xi mod ieħor.</p> <p>Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni barra l-karta bilanċjali li ġejjin minn strument derivattiv elenkat fl-Anness II tas-CRR, ikunu ddeterminati skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 6 tas-CRR. Il-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti ta' strument derivattiv elenkat fl-Anness II tas-CRR, ikun determinat skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 6 tas-CRR.</p> <p>Għall-faċilitajiet ta' likwidità, il-faċilitajiet ta' kreditu u l-flus bil-quddiem tas-serviser, l-istituzzjonijiet jipprovdu l-ammont mhux prelevat.</p> <p>Għal swaps tar-rati tal-imgħax u ta' muniti, jipprovdu l-valur tal-iskopertura (skont l-Artikolu 246(1) tas-CRR) kif speċifikat fil-formola CR SA Total.</p> <p>L-entrati barra l-karta bilanċjali jitqassmu skont ir-raggruppamenti tal-ponderazzjoni tar-riskju ta' titolizzazzjonijiet (A-B-C), fir-ringieli 110-130, u rititolizzazzjonijiet (D-E), fir-ringieli 140-150, kif stipulat fl-Artikolu 261(1) Tabella 4 tas-CRR.</p>

▼ M3

Ringieli	
160	<p>AMORTIZZAMENT ANTIĊIPAT</p> <p>Din ir-ringiela tapplika biss għal dawk l-originatori b'titolizzazzjonijiet tal-iskopertura rotanti li fihom dispożizzjonijiet ta' amortizzazzjoni bikrija, kif stipulat fl-Artikolu 242(13) u (14) tas-CRR.</p>
170	<p>INVESTITUR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar l-entrati u d-derivattivi tal-karta bilanċjali u dawk barra l-karta bilanċjali ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' investitur.</p> <p>Is-CRR ma jipprovdi definizzjoni espliċita għal investitur. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest għandha tinftiehem bħala istituzzjoni li għandha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li la hi l-originator u lanqas l-isponsor tagħha.</p>
180-230	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni bejn it-titolizzazzjonijiet (A-B-C) u rititolizzazzjonijiet (D-E) użati għal entrati tal-karta bilanċjali għall-originatori.</p>
240-290	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet (A-B-C) u r-rititolizzazzjonijiet (D-E) użati għal entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi għal originatori.</p>
300	<p>SPONSOR: SKOPERTURI TOTALI</p> <p>Din ir-ringiela tiġbor fil-qosor informazzjoni dwar entrati tal-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali u derivattivi ta' dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom l-istituzzjoni għandha r-rwol ta' sponsor, kif definit fl-Artikolu 4(1)(14) tas-CRR. Jekk sponsor ikun qiegħed jittitolizza l-assi tiegħu stess ukoll, huwa jimla r-ringieli tal-originator bl-informazzjoni dwar l-assi titolizzati tiegħu stess.</p>
310-360	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet (A-B-C) u r-rititolizzazzjonijiet (D-E) użati għal entrati u derivattivi tal-karta bilanċjali għal originatori.</p>
370-420	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni fost it-titolizzazzjonijiet (A-B-C) u r-rititolizzazzjonijiet (D-E) użati għal entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi għal originatori.</p>
430-540	<p>IL-POŻIZZJONIJIET PENDENTI DIŻAGGREGATI SKONT IS-CQS FIL-BIDU</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġbru informazzjoni dwar pożizzjonijiet pendenti (fid-data ta' rapportar) skont l-iskali tal-kwalità kreditizja (previsti għall-SA fl-Artikolu 261 Tabella 4 tas-CRR) applikati fid-data ta' oriġinazzjoni (bidu). Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni, tkun rapportata l-iktar dejta bikrija ekwivalenti għas-CQS għad-dispożizzjoni.</p> <p>Dawn ir-ringieli jiġu rrapportati biss għall-kolnii 170 sa 320 u l-kolnii 400 sa 410.</p>

▼ **M3**

3.9. C 14.00 — L-INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR IT-TITOLIZZAZZJONIJIET (ID-DETTALJI TAL-SEC)

3.9.1. Rimarki ġenerali

107. Din il-formola tiġbor informazzjoni fuq bażi tat-tranżazzjonijiet (kontra l-informazzjoni aggregata rrapportata fil-formoli tas-CR SEC SA, CR SEC IRB, MKR SA SEC u MKR SA CTP) fuq it-titolizzazzjonijiet kollha li fihom hija involuta l-istituzzjoni ta' rrapportar. Qed jintalbu l-karatteristiċi ewlenin ta' kull titolizzazzjoni, bħan-natura tal-pula sottostanti u r-reqwiziti tal-fondi proprji.

108. Din il-formola għandha tiġi rrapportata għal:

a. Titolizzazzjonijiet oriġinati/sponsorjati mill-istituzzjoni ta' rrapportar f'każ li żżomm tal-inqas pożizzjoni waħda fit-titolizzazzjoni. Dan ifisser li, irrelevanti minn jekk kienx hemm trasferiment ta' riskju sinifikanti jew le, l-istituzzjonijiet jirrapportaw informazzjoni fuq il-pożizzjonijiet kollha li jżommu (jew fil-portafoll bankarju jew fil-portafoll tan-negozjar). Il-pożizzjonijiet miżmuma jinkludu dawk il-pożizzjonijiet miżmuma minħabba l-Artikolu 405 tas-CRR.

b. Titolizzazzjonijiet oriġinati/sponsorjati mill-istituzzjoni ta' rrapportar matul is-sena tar-rapport⁽¹⁾, f'każ li ma jkollhom ebda pożizzjoni.

c. Titolizzazzjonijiet, li s-sottostanti aħħarin tagħhom huma obligazzjonijiet finanzjarji oriġinarjament maħruġa mill-istituzzjoni relatriċi u (parzjalment) akwistati minn veikolu ta' titolizzazzjoni. Dawn is-sottostanti jistgħu jinkludu bonds koperti jew obligazzjonijiet oħra u għandhom jiġu identifikati bħala tali f'kolonna 160.

d. Pożizzjonijiet miżmuma f'titolizzazzjonijiet fejn l-istituzzjoni ta' rrapportar la tkun oriġinatur u lanqas sponsor (jiġifieri investituri u mutwanti oriġinali).

109. Din il-formola għandha tiġi rrapportata minn gruppi konsolidati u istituzzjonijiet awtonomi⁽²⁾ li jnsabu fl-istess pajjiż fejn huma soġġetti għar-reqwiziti tal-fondi proprji. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet li jinvolvu iktar minn entità waħda tal-istess grupp konsolidat, isir tqasim tad-dettalji entità b'entità.

110. Permezz tal-Artikolu 406(1) tas-CRR, li jistipula li l-istituzzjonijiet li jinvestu f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiksbu ammont ġmielu ta' informazzjoni fuqhom sabiex jikkonformaw mar-reqwiziti ta' diliġenza dovuta, l-ambitu tar-rapportar tal-formola huwa applikat sa ċertu punt limitat għall-investituri. B'mod partikolari, jirrapportaw il-kolonna 010-040; 070-110; 160; 190; 290-400; 420-470.

111. L-istituzzjonijiet li għandhom ir-rwol ta' mutwanti oriġinali (li ma għandhomx ukoll ir-rwol ta' oriġinaturi jew sponsors fl-istess titolizzazzjoni) għandhom b'mod ġenerali jirrapportaw il-formola bħall-investituri.

⁽¹⁾ Id-dejta mitluba lill-istituzzjonijiet f'din il-formola tkun rrapportata fuq bażi akkumulata għas-sena naturali jew ir-rapport (jiġifieri mill-1 ta' Jannar tas-sena attwali).

⁽²⁾ "Istituzzjonijiet awtonomi" la huma parti minn grupp, u lanqas jikkonsolidaw lilhom infushom fl-istess pajjiż fejn huma soġġetti għal reqwiziti ta' fondi proprji.

▼ M3

3.9.2. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
005	<p>NUMRU TAR-RINGIELA</p> <p>In-numru tar-ringiela huwa identifikatur tar-ringiela u għandhu jkun uniku għal kull ringiela fit-tabella. Għandu jsegwi l-ordni numeriku 1, 2, 3, eċċ.</p>
010	<p>KODIĊI INTERN</p> <p>Kodiċi (alfanumeriku) intern użat mill-istituzzjoni biex jidentifika t-titolizzazzjoni. Il-kodiċi intern ikun assoċjat mal-identifikatur tat-titolizzazzjoni.</p>
020	<p>L-IDENTIFIKATUR TAT-TITOLIZZAZZJONI (Kodiċi/Isem)</p> <p>Il-kodiċi użat għar-reġistrazzjoni legali tat-titolizzazzjoni, jew, jekk mhux disponibbli, l-isem li bih it-titolizzazzjoni hija magħrufa fis-suq. Meta n-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli -ISIN- ikun disponibbli (jiġifieri għal tranżazzjonijiet pubbliċi), f'din il-kolonna jiġu rrapportati l-karattri li huma komuni għas-segmenti kollha tat-titolizzazzjoni.</p>
030	<p>L-IDENTIFIKATUR TAL-ORIĠINATUR (Kodiċi/Isem)</p> <p>Il-kodiċi mogħti mill-awtorità ta' sorveljanza lill-oriġinatur jew, jekk mhux disponibbli, isem l-istituzzjoni stess ikun rapportat għal din il-kolonna.</p> <p>Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet b'iktar minn bejniegħ wieħed, l-entità relatriċi tipprovdi l-identifikatur bl-entitajiet kollha fil-grupp ikkonsolidat tagħha (bħala oriġinatur, sponsor jew mutwanti oriġinali) li huma involuti fit-tranżazzjoni. Kull meta l-kodiċi ma jkunx disponibbli jew ma jkunx magħruf mill-entità relatriċi, jiġi rrapportat isem l-istituzzjoni.</p>
040	<p>TIP TA' TITOLIZZAZZJONI: (TRADIZZJONALI/SINETTIKA)</p> <p>Irrapporta l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “T” għal Tradizzjonali; — “S” għal Sintetika. <p>Id-definizzjonijiet ta' “titolizzazzjoni tradizzjonali” u “titolizzazzjoni sintetika” huma pprovduti fl-Artikolu 242(10) u (11) tas-CRR.</p>
050	<p>TRATTAMENT KONTABILISTIKU: L-ISKOPERTURI TITOLIZZATI JINŻAMMU JEW JITNEĦĦEW MILL-KARTA BILANĊJALI?</p> <p>L-oriġinaturi, l-isponsors u l-mutwanti oriġinali jirrapportaw waħda mill-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “K” jekk kompletament rikonoxxuti — “P” jekk huwa parzjalment dekontablizzat — “R” jekk huwa kompletament dekontablizzat — “N” jekk mhux applikabbli. <p>Din il-kolonna tiġbor fil-qosor it-trattament kontabilistiku tat-tranżazzjoni.</p> <p>Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi, l-oriġinaturi jirrapportaw li l-iskoperturi titolizzati tneħħew mill-karta bilanċjali.</p>

▼ M3

Kolonna	
	<p>Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet ta' obligazzjonijiet, l-oriġinaturi ma jirrapportawx din il-kolonna.</p> <p>L-opzjoni “P” (tneħħew parzjalment) tiġi rrapportata meta l-assi titolizzati jkunu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali sal-Punt li l-entità relatriċi tkompli bl-involvement kif irregolata f'IAS 39.30-35.</p>
060	<p>TRATTAMENT TA' SOLVENZA: IL-POŻIZZJONIJET TA' TITOLIZZAZZJONI SOĠĠETTI GĦAR-REKWIŻITI TA' FONDI PROPRI?</p> <p>Oriġinaturi biss jirrapportaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “N” mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji; — “B” portafoll bankarju; — “T” portafoll tan-negozjar; — “A” parzjalment fiż-żewġ portafolli. <p>L-Artikoli 109, 243 u 244 tas-CRR</p> <p>Din il-kolonna tiġbor fil-qosor it-trattament ta' solvenza tal-iskema ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur. Tindika jekk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji humiex ikkalkolati skont skoperturi titolizzati jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (portafoll bankarju/portafoll tan-negozjar).</p> <p>Jekk ir-rekwiżiti tal-fondi proprji huma bbażati fuq <i>skoperturi titolizzati</i> (għaliex mhumiex trasferiment ta' riskju sinifikanti), il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu jkun rapportat fil-formola tas-CR SA, f'każ li jintuża l-Approċċ Standardizzat, jew fil-formola CR IRB, f'każ li l-istituzzjoni tuża l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna.</p> <p>Min-naħa l-oħra, jekk ir-rekwiżiti tal-fondi proprji huma bbażati fuq <i>pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmumin fil-portafoll bankarju</i> (għaliex huma trasferiment ta' riskju sinifikanti), il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' kreditu għandu jkun rapportat fil-formola CR SEC SA jew fil-formola CR SEC IRB. Fil-każ ta' <i>pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmumin fil-portafoll tan-negozjar</i>, il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju tas-suq jiġi rrapportat fil-formoli MKR SA TDI (riskju ta' pożizzjoni ġenerali standardizzat) u MKR SA SEC jew MKR SA CTP (riskju ta' pożizzjoni speċifiku standardizzat) jew MKR IM (formoli interni).</p> <p>Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' obligazzjonijiet, l-oriġinaturi ma għandhomx jirrapportaw din il-kolonna.</p>
070	<p>TITOLIZZAZZJONI JEW RITITOLIZZAZZJONI?</p> <p>Skont id-definizzjonijiet ta' “titolizzazzjoni” u “rititolizzazzjoni” pprovduti fl-Artikolu 4(1)(61) u minn (62) sa (64) tas-CRR, irrapporta t-tip ta' titolu sottostanti billi tuża l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “S” għal titolizzazzjoni; — “R” għal rititolizzazzjoni.
080-100	<p>ŻAMMA</p> <p>L-Artikoli minn 404 sa 410 tas-CRR</p>

▼ M3

Kolonna	
080	<p>IT-TIP TA' ŻAMMA APPLIKATA</p> <p>Għal kull skema ta' titolizzazzjoni oriġinata, jiġi rrapportat it-tip relevanti ta' żamma tal-interess ekonomiku nett, kif previst fl-Artikolu 405 tas-CRR:</p> <p>A — Taqsima vertikali (pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni): “<i>żamma ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali ta' kull segment mibjugħ jew trasferit lill-investituri</i>”.</p> <p>V — Taqsima vertikali (skoperturi titolizzati): żamma ta' mhux inqas minn 5 % tar-riskju ta' kreditu ta' kull waħda mill-iskoperturi titolizzati, jekk ir-riskju ta' kreditu mġarrab fir-rigward tat-tali skoperturi titolizzati dejjem jikklassifika <i>pari passu</i> mar-riskju ta' kreditu, jew huwa subordinat għat-tali riskju ta' kreditu li ġie titolizzat fir-rigward ta' dawk l-istess skoperturi.</p> <p>B — Skoperturi ċirkolanti: “<i>fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi ċirkolanti, żamma tal-interess tal-oriġinatur ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati</i>”.</p> <p>C — Fil-karta bilanċjali: “<i>żamma ta' skoperturi magħżula b'mod aleatorju, ekwivalenti għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati, fejn tali skoperturi normalment kienu jkunu titolizzati fit-titolizzazzjoni, bil-kondizzjoni li n-numru ta' skoperturi potenzjalment titolizzati ma jkunx inqas minn 100 fil-bidu</i>”.</p> <p>D — L-ewwel telf: “<i>żamma tas-segment tal-ewwel telf u, jekk neċessarju, segmenti oħra li jkollhom l-istess profil ta' riskju jew wieħed aktar gravi minn dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri u li ma jimmaturawx qabel dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri, sabiex b'kollox iż-żamma tammonta għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati</i>”.</p> <p>E — Eżentati. Dan il-kodiċi jiġi rrapportat għal dawk it-titolizzazzjonijiet affettwati mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 405(3) tas-CRR.</p> <p>N — Mhux applikabbli. Dan il-kodiċi jiġi rrapportat għal dawk it-titolizzazzjonijiet affettwati mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 404 tas-CRR.</p> <p>U — Fi ksur jew mhux magħrufin. Dan il-kodiċi jiġi rrapportat meta r-rapportar ma jkunx żgur liema tip ta' żamma qiegħed jiġi applikat jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.</p>
090	<p>% TAŻ-ŻAMMA FID-DATA TA' RAPPORTAR</p> <p>Iż-żamma ta' <i>interess materjali ekonomiku nett mill-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwanti oriġinali</i> tat-titolizzazzjoni ma tkunx inqas minn 5 % (fid-data tal-bidu).</p> <p>Minkejja l-Artikolu 405(1) tas-CRR, il-kejl taż-żamma fl-oriġinazzjoni jista' tipikament jiġi interpretat li hu meta ġew titolizzati l-ewwel darba l-iskoperturi u mhux meta nħolqu għall-ewwel darba l-iskoperturi (pereżempju, mhux meta ġie estiż għall-ewwel darba s-self sottostanti). Il-kejl taż-żamma fil-bidu jfisser li 5 % huwa l-perċentwal taż-żamma li huwa meħtieġ fil-mument meta tkejjel it-tali livell ta' żamma u meta ġie ssodisfat ir-rekwiżit (pereżempju, meta l-iskoperturi ġew titolizzati għall-ewwel darba); kejl mill-ġdid u riaġġustament dinamiċi tal-perċentwal miżmum matul il-ħajja tat-tranżazzjoni mhumiex meħtieġa bilfors.</p> <p>Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ li l-kodiċijiet “E” (eżentati) jew “N” (mhux applikabbli) jkunu rrapportati taħt il-kolonna 080 (Tip ta' żamma applikat).</p>

▼ M3

Kolonna	
100	<p>KONFORMITÀ MAR-REKWIŻIT TAŻ-ŻAMMA?</p> <p>L-Artikolu 405(1) tas-CRR</p> <p>Irrapporta l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <p>Y — Iva;</p> <p>N — Le.</p> <p>Din il-kolonna ma tkunx irrapportata fil-każ li l-kodiċijiet “E” (eżentati) jew “N” (mhux applikabbli) jkunu rrapportati taħt il-kolonna 080 (Tip ta' żamma applikat).</p>
110	<p>IRWOL TAL-ISTITUZZJONI: (ORIĠINATUR/SPONSOR/MUTWANTI ORIĠINALI/INVESTITUR)</p> <p>Irrapporta l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “O” għal Oriġinatur; — “S” għal Sponsor; — “L” għal Mutwanti Oriġinali; — “I” għal Investitur. <p>Ara d-definizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(13) (Oriġinatur) u fl-Artikolu 4(1)(14) (Sponsor) tas-CRR. L-investituri huma supponuti li huma dawk l-istituzzjonijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 406 u 407 tas-CRR.</p>
120-130	<p>PROGRAMMI LI MHUMIEX ABCP</p> <p>Minħabba l-karattru speċjali tagħhom għaliex jinvolvu bosta pożizzjonijiet uniċi ta' titolizzazzjoni, il-programmi ABCP (definiti fl-Artikolu 242(9) tas-CRR) huma eżentati mir-rapportar fil-kolonna 120 u 130.</p>
120	<p>DATA TAL-ORIĠINAZZJONI (mm/yyyy)</p> <p>Ix-xahar u s-sena tad-data tal-bidu (jiġifieri d-data ta' skadenza jew id-data tal-għeluq tal-grupp) tat-titolizzazzjoni jiġu rrapportati fil-format li ġej: “mm/yyyy”.</p> <p>Għal kull skema ta' titolizzazzjoni, id-data tal-oriġinazzjoni ma tistax tinbidel bejn id-dati tar-rapportar. Fil-każ partikolari ta' skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli miftuħin, id-data tal-oriġinazzjoni tkun id-data tal-ewwel ħruġ tat-titoli.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rrapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p>
130	<p>AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURI TITOLIZZATI FID-DATA TAL-ORIĠINAZZJONI</p> <p>Din il-kolonna tiġbor l-ammont (skont il-fatturi ta' qabel il-konverżjoni tal-iskoperturi oriġinali) tal-portafoll titolizzat fid-data tal-oriġinazzjoni.</p> <p>F'każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli miftuħin, jiġi rrapportat l-ammont li jirreferi għad-data tal-oriġinazzjoni tal-ewwel ħruġ tat-titoli. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali, ma jkun inkluż l-ebda assi ieħor tal-pula ta' titolizzazzjoni. Fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni b'bosta bejjiegħa (jiġifieri b'iktar minn oriġinatur wieħed) huwa biss l-ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-entità relatriċi fil-portafoll titolizzat li jkun irrapporat. Fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obligazzjonijiet, huma biss l-ammonti maħruġin mill-entità relatriċi li jiġu rrapportati.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rrapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p>

▼ M3

Kolonna	
140-220	<p>SKOPERTURI TITOLIZZATI</p> <p>Il-kolonna minn 140 sa 220 jitolbu informazzjoni dwar bosta karatteristiċi tal-portafoll titolizzat mill-entità relatriċi.</p>
140	<p>AMMONT TOTALI</p> <p>L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur tal-portafoll titolizzat fid-data ta' rapportar, jiġifieri l-ammont pendenti tal-iskoperturi titolizzati. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali, ma jkun inkluż l-ebda assi ieħor tal-pula ta' titolizzazzjoni. Fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni b'bosta bejjiegħa (jiġifieri b'iktar minn oriġinatur wieħed) huwa biss l-ammont li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-entità relatriċi fil-portafoll titolizzat li jkun irrapportat. Fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli magħluqin (jiġifieri l-portafoll ta' assi titolizzati ma jistax jikber wara d-data tal-oriġinazzjoni), l-ammont ser jitnaqqas b'mod progressiv.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p>
150	<p>SEHEM TAL-ISTITUZZJONI (%)</p> <p>Jiġi rrapportat is-sehem tal-istituzzjoni (perċentwal b'żewġ deċimali) fid-data ta' rapportar fil-portafoll titolizzat. Iċ-ċifra li trid tiġi rapportata f'din il-kolonna hija, b'mod prestabbilit, 100 % ħlief għal skemi ta' titolizzazzjoni b'iktar minn bejjiegħ wieħed. F'dak il-każ, l-entità relatriċi tirrapporta l-kontribuzzjoni attwali tagħha għall-portafoll titolizzat (ekwivalenti għall-kolonna 140 f'termini relattivi).</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p>
160	<p>TIP</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar it-tip ta' assi (minn "1" sa "8") jew obligazzjonijiet ("9" u "10") tal-portafoll titolizzat. L-istituzzjoni trid tirrapporta wieħed mill-kodiċijiet numeriċi li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Ipoteki residenzjali; 2 — Ipoteki kummerċjali; 3 — Riċevibbli tal-karti tal-kreditu; 4 — Lokazzjoni; 5 — Self għal korporattivi jew SMEs (trattati bħala korporattivi); 6 — Self għal konsum; 7 — Riċevibbli tan-negozju; 8 — Assi oħrajn; 9 — Bonds koperti; 10 — Obligazzjonijiet oħrajn. <p>F'każ li l-pula ta' skoperturi titolizzati tkun taħlita tat-tipi preċedenti, l-istituzzjoni tindika l-iktar tip importanti. F'każ ta' rititolizzazzjonijiet, l-istituzzjoni tirreferi għall-pula sottostanti aħħarija ta' assi. It-tip "10" (Obligazzjonijiet oħrajn) jinkludi bonds tat-teżor u noti marbuta ma' kreditu.</p> <p>Għal skemi ta' titolizzazzjoni abbażi ta' puli magħluqin, it-tip ma jistax jinbidel bejn id-dati tar-rapportar.</p>

▼ M3

Kolonna	
170	<p>Approċċ APPLIKAT (SA/IRB/MIX)</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-approċċ li fid-data tar-rapportar l-istituzzjoni tapplika għall-iskoperturi titolizzati.</p> <p>Irrapporta l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — “S” għal Approċċ Standardizzat; — “I” għal Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna; — “M” għal taħlita taż-żewġ approċċi (SA/IRB). <p>Jekk skont SA, tiġi rrapportata “P” fil-kolonna 050, f'dak il-każ il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jkun rrapportat fil-formola CR SEC SA.</p> <p>Jekk fl-IRB, tiġi rrapportata “P” fil-kolonna 050, f'dak il-każ il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jkun rrapportat fil-formola CR SEC IRB.</p> <p>Jekk skont taħlita ta' SA u IRB, tiġi rrapportata “P” fil-kolonna 050, f'dak il-każ il-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jkun rrapportat fil-formoli CR SEC SA u CR SEC IRB.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rrapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. Minkejja dan, din il-kolonna ma tapplikax għal obligazzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet. L-isponsors ma jirrapportawx din il-kolonna.</p>
180	<p>GĦADD TA' SKOPERTURI</p> <p>L-Artikolu 261(1) tas-CRR</p> <p>Din il-kolonna hija obligatorja biss għal dawk l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ IRB għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (u li, b'hekk, jirrapportaw “I” fil-kolonna 170). L-istituzzjoni għandha tirrapporta l-ammont effettiv ta' skoperturi.</p> <p>Din il-kolonna ma tkunx rrapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obligazzjonijiet jew meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi). Din il-kolonna ma timteliex meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. Din il-kolonna ma timteliex mill-investituri.</p>
190	<p>PAJJIŻ</p> <p>Irrapporta l-kodiċi (ISO 3166-1 alpha-2) tal-pajjiż ta' oriġini tas-sottostanti aħħari tat-tranżazzjoni, jiġifieri l-pajjiż tal-obbligant immedjat tal-iskoperturi titolizzati oriġinali (trasparenti). F'każ li l-pula tat-titolizzazzjoni tikkonsisti f'pajjiżi differenti, l-istituzzjoni tindika l-iktar pajjiż importanti. Jekk l-ebda pajjiż ma jaqbeż il-limitu ta' 20 % fuq il-bażi tal-ammont ta' assi/obligazzjonijiet, f'dak il-każ tiġi rrapportata “OT” (oħrajn).</p>
200	<p>ELGD (%)</p> <p>It-telf fil-każ ta' inadempjenza medju ponderat skont l-iskopertura (ELGD) jiġi rrapportat biss minn dawk l-istituzzjonijiet li japplikaw il-Metodu tal-Formula Superviżorja (u li, b'hekk, jirrapportaw “I” fil-kolonna 170). L-ELGD jiġi kkalkolat kif indikat fl-Artikolu 262(1) tas-CRR.</p>

▼ M3

Kolonna	
	<p>Din il-kolonna ma tkunx rapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet jew meta r-reqwiziti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq l-iskoperturi titolizzati (fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' assi). Din il-kolonna ma timteliex meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni. L-isponsors ma jirrapportawx din il-kolonna.</p>
210	<p>(-) AĠĠUSTAMENTI TAL-VALUR U L-PROVVEDIMENTI</p> <p>Aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti (l-Artikolu 159 tas-CRR) għal telf ta' kreditu li sar skont il-qafas kontabilistiku li għalih hija soġġetta l-entità relatriċi. L-aġġustamenti tal-valur jinkludu kwalunke ammont rikonnoxxut fil-qligħ jew it-telf għal telf ta' kreditu tal-assi finanzjarji sa mirikonnoxximent inizjali tagħhom fil-karta bilanċjali (inkluż telf dovut għar-riskju tal-kreditu tal-assi finanzjarji mkejlin b'valur ġust li ma jtnaq-qasx mill-valur tal-iskopertura) flimkien mal-iskontijiet fuq skoperturi mixtrija meta inadempjenti skont l-Artikolu 166(1) tas-CRR. Provvedimenti jinkludu ammonti akkumulati ta' telf ta' kreditu f'entrati barra l-karta bilanċjali.</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-aġġustamenti u l-provvedimenti tal-valur applikati għall-iskoperturi titolizzati. Din il-kolonna ma tkunx rapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet.</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni tkun rapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p> <p>L-isponsors ma jirrapportawx din il-kolonna.</p>
220	<p>REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI QABEL IT-TITOLIZZAZZJONI (%)</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar ir-reqwiziti ta' fondi proprji tal-portafoll titolizzati f'każ li ma kien hemm ebda titolizzazzjoni flimkien mat-telf mistenni relatat ma' dawk ir-riskji (K_{irb}), bħala perċentwal (b'żewġ deċimali) fuq it-total tal-iskoperturi titolizzati tad-data tal-oriġinazzjoni. K_{irb} huwa definit fl-Artikolu 242 (4) tas-CRR.</p> <p>Din il-kolonna ma tkunx rapportata fil-każ ta' titolizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet. F'każ tat-titolizzazzjoni tal-assi, din il-biċċa informazzjoni tkun rapportata anki meta l-entità relatriċi ma jkollha ebda pożizzjoni fit-titolizzazzjoni.</p> <p>L-isponsors ma jirrapportawx din il-kolonna.</p>
230-300	<p>STRUTTURA TAT-TITOLIZZAZZJONI</p> <p>Din il-blokka ta' sitt kolonni tiġbor informazzjoni dwar l-istruttura tat-titolizzazzjoni skont pożizzjonijiet tal-karta bilanċjali/barra l-karta bilanċjali, segmenti (superjuri/intermedji/tal-ewwel telf) u l-maturità.</p> <p>Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet b'iktar minn bejniegħ wieħed, għas-segment tal-ewwel telf, jiġi rrapportat biss l-ammont li jikkorrispondi jew li huwa attribwit għall-istituzzjoni relatriċi.</p>
230-250	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĠJALI</p> <p>Din il-blokka ta' kolonni tiġbor informazzjoni dwar entrati tal-karta bilanċjali mqasma skont segmenti (superjuri/intermedji/l-ewwel telf).</p>

▼ **M3**

Kolonna	
230	<p>SUPERJURI</p> <p>Is-segmenti kollha li ma jikkwalifikawx bħala intermedji jew l-ewwel telf ikunu inklużi f'din il-kategorija.</p>
240	<p>INTERMEDJU</p> <p>Ara l-Artikoli 243(3) (titolizzazzjonijiet tradizzjonali) u 244(3) (titolizzazzjonijiet sintetiċi) tas-CRR.</p>
250	<p>L-EWWEL TELF</p> <p>Segment tal-ewwel telf huwa definit fl-Artikolu 242(15) tas-CRR.</p>
260-280	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Din il-blokka ta' kolonna tiġbor informazzjoni dwar entrati barra l-karta bilanċjali u derivattivi mqasma skont segmenti (superjuri/intermedji/l-ewwel telf).</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal entrati tal-karta bilanċjali.</p>
290	<p>L-EWWEL DATA TA' TERMINAZZJONI PREVEDIBBLI</p> <p>Id-data ta' terminazzjoni probabbli tat-titolizzazzjoni sħiħa fid-dawl tal-klawżoli kuntrattwali tagħha u l-kundizzjonijiet finanzjarji mistennija attwalment. B'mod ġenerali, tkun l-ewwel waħda li tasal mid-dati li ġejjin:</p> <p>(i) id-data meta tista' tiġi eżegwita għall-ewwel darba opzjoni ta' eżerċitar eżawrijenti (definita fl-Artikolu 242(2) tas-CRR) filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-maturità tal-iskopertura/i sottostanti kif ukoll ir-rata ta' prepagement mistennija jew l-attivitatiet potenzjali ta' rinegozjar;</p> <p>(ii) id-data li fiha l-oriġinatur jista' għall-ewwel darba jeżerċita xi opzjoni ta' eżerċitar oħra inkorporata fil-klawżoli kuntrattwali tat-titolizzazzjoni li jirriżultaw fit-tifdija totali tat-titolizzazzjoni.</p> <p>Il-jum, ix-xahar u s-sena tal-ewwel data ta' terminazzjoni prevedibbli jkunu rrapportati. Il-ġurnata eżatta tiġi rrapportata jekk din id-dejta tkun disponibbli, inkella l-ewwel jum tax-xahar jiġi rrapportat.</p>
300	<p>DATA TA' MATURITÀ LEGALI FINALI</p> <p>Id-data li fiha skont il-liġi jridu jitħallsu lura l-kapital u l-imgħax kollha tat-titolizzazzjoni (fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni).</p> <p>Il-jum, ix-xahar u s-sena tad-data ta' maturità finali legali jiġu rrapportati. Il-ġurnata eżatta tiġi rrapportata jekk din id-dejta tkun disponibbli, inkella l-ewwel jum tax-xahar jiġi rrapportat.</p>
310-400	<p>POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI: FATTURI TA' QABEL IL-KONVERŻJONI TAL-ISKOPERTURA ORIĠINALI</p> <p>Din il-blokka ta' kolonna tiġbor informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont pożizzjonijiet tal-karta bilanċjali/barra l-karta bilanċjali u s-segmenti (superjuri/intermedji/tal-ewwel telf) fid-data ta' rrapportar.</p>

▼ M3

Kolonna	
310-330	<p>ENTRATI FIL-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal entrati tal-karta bilanċjali.</p>
340-360	<p>ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Hawnhekk jiġu applikati l-istess kriterji ta' klassifikazzjoni għas-segmenti użati għal entrati barra l-karta bilanċjali.</p>
370-400	<p>ENTRATI FIL-MEMORANDUM: ENTRATI U DERIVATTIVI BARRA L-KARTA BILANĊJALI</p> <p>Din il-blokka ta' kolonna tiġbor iktar informazzjoni dwar it-total tal-entrati barra l-karta bilanċjali u d-derivattivi (li diġà huma rrapportati skont tqassim differenti fil-kolonna 340-360).</p>
370	<p>SOSTITUTI TAL-KREDITU DIRETTI (DCS)</p> <p>Din il-kolonna tapplika għal dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma mill-oriġinatur u garantiti minn sostituti tal-kreditu diretti (DCS).</p> <p>Skont l-Anness I tas-CRR l-entrati barra l-karta bilanċjali ta' riskju sħiħ li ġejjin jitqiesu bħala DCS:</p> <ul style="list-style-type: none"> — <i>Garanziji bil-karattru ta' sostituti tal-kreditu.</i> — <i>Itri ta' kreditu irrevokabbli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu.</i>
380	<p>IRS/CRS</p> <p>IRS tfisser Swaps tar-Rati tal-Imgħax, filwaqt li CRS tfisser Swaps tar-Rati tal-Muniti. Dawn id-derivattivi huma elenkati fl-Anness II tas-CRR.</p>
390	<p>FAĊILITAJIET TA' LIKWIDITÀ ELIĠIBBLI</p> <p>Il-faċilitajiet ta' likwidità (LF) definiti fl-Artikolu 242(3) tas-CRR iridu jissodisfaw lista ta' sitt kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 255(1) tas-CRR li għandhom jitqiesu bħala eliġibbli (ikun xi jkun il-metodu applikat mill-istituzzjoni -SA jew IRB-).</p>
400	<p>OĦRAJN (INKLUŻI LF MHUX ELIĠIBBLI)</p> <p>Din il-kolonna hija ddedikata għall-entrati barra l-karta bilanċjali li jifdal bħala faċilitajiet ta' likwidità mhux eliġibbli (jiġifieri dawk l-LF li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 255(1) tas-CRR).</p>
410	<p>L-AMORTIZZAMENT ANTIĊIPATA: FATTUR TA' KONVERŻJONI APPLIKAT</p> <p>L-Artikoli 242(12) u 256(5) (SA) u l-Artikolu 265(1) (IRB) tas-CRR jistabbilixxu sett ta' fatturi ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-ammont tal-interess tal-investituri (sabiex jiġu kkalkolati l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju).</p> <p>Din il-kolonna tapplika għal skemi ta' titolizzazzjoni bi klawżoli ta' amortizzazzjoni bikrija (jiġifieri titolizzazzjonijiet rotanti).</p>

▼ M3

Kolonna	
	<p>Skont l-Artikolu 256(6) tas-CRR, iċ-ċifra ta' konverżjoni li għandha tiġi applikata tkun iddeterminata mil-livell tal-medja ta' tliet xhur tal-marġni ta' eċċess reali.</p> <p>Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, din il-kolonna ma tkunx rapportata. Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mar-ringiela 100 fis-CR SEC SA u r-ringiela 160 fil-formola CR SEC IRB.</p>
420	<p>(-) VALUR TAL-ISKOPERTURA MNAQQAS MILL-FONDI PROPRJI</p> <p>Din il-biċċa informazzjoni hija relatata mill-qrib mal-kolonna 200 fil-formola CR SEC SA u l-kolonna 180 fil-formola CR SEC IRB.</p> <p>F'din il-kolonna tiġi rrapportata ċifra negattiva.</p>
430	<p>TOTAL TAL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU QABEL IL-LIMITU MASSIMU</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju qabel il-livell limitu applikabbli għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (jiġifieri f'każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju sinifikanti). F'każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni mingħajr trasferiment tar-riskju sinifikanti (jiġifieri ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ikkalkolat skont skoperturi titolizzati), f'din il-kolonna ma tiġi rrapportata ebda dejta.</p> <p>Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, din il-kolonna ma tkunx rapportata.</p>
440	<p>TOTAL TAL-AMMONT TAL-ISKOPERTURA PONDERAT GĦAR-RISKJU WARA L-LIMITU MASSIMU</p> <p>Din il-kolonna tiġbor informazzjoni dwar l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara l-limitu massimu applikabbli għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (jiġifieri fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju sinifikanti). Fil-każ ta' skemi ta' titolizzazzjoni mingħajr trasferiment tar-riskju sinifikanti (jiġifieri rekwiżiti tal-fondi proprji kkalkolati skont skoperturi titolizzati), f'din il-kolonna ma tiġi rrapportata ebda dejta.</p> <p>Fil-każ tat-titolizzazzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, din il-kolonna ma tkunx rapportata.</p>
450-510	<p>POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI — PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR</p>
450	<p>CTP JEW MHUX CTP?</p> <p>Irrapporta l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:</p> <p>C — Portafoll tan-Negożjar ta' Korrelazzjoni (CTP);</p> <p>N — Mhux CTP</p>
460-470	<p>IL-POŻIZZJONIJIET NETTI — TWAL/QOSRA</p> <p>Ara l-kolonna 050/060 tal-MKR SA SEC jew MKR SA CTP, rispettivament.</p>
480	<p>REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI TOTALI (SA) — RISKJU SPEĊIFIKU</p> <p>Ara l-kolonna 610 tal-MKR SA SEC, jew il-kolonna 450 tal-MKR SA CTP, rispettivament.</p>

▼ M3

4. IL-FORMOLI TAR-RISKJU OPERATTIV
- 4.1. C 16.00 — IR-RISKJU OPERATTIV (OPR)
 - 4.1.1. Il-Kummenti Ġenerali
 112. Din il-formola tipprovdi informazzjoni dwar il-kalkolu tar-reqwiziti ta' fondi proprji skont l-Artikoli minn 312 sa 324 tas-CRR għar-Riskju Operazzjonali skont l-Approċċ tal-Indikatur Bażiku (BIA), l-Approċċ Standardizzat (TSA), l-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA) u l-Approċċi ta' Kejl Avvanzat (AMA). Istituzzjoni ma tistax tapplika TSA u ASA għal-linji operatorji, servizzi bankarji għall-konsumatur u servizzi bankarji kummerċjali fl-istess ħin fil-livell individwali.
 113. L-istituzzjonijiet li jużaw il-BIA, TSA u/jew ASA jikkalkolaw ir-reqwizit tal-fondi proprji tagħhom, fuq il-bażi tal-informazzjoni fi tmiem is-sena finanzjarja. Meta ċ-ċifri awditjati ma jkunux disponibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw stimi tan-negozju. Jekk jintużaw ċifri awditjati, l-istituzzjonijiet jirrapportaw iċ-ċifri awditjati li ma għandhomx jinbidlu. Devjazzjonijiet minn dan il-prinċipju ta' "nuqqas ta' bidla" huma possibbli, pereżempju jekk matul dak il-perjodu jkunu ssodisfati ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal akkwizzizzjonijiet jew disponimenti riċenti ta' entitajiet jew attivitajiet.
 114. Jekk istituzzjoni tista' tiġġustifika mal-awtorità kompetenti tagħha li — minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali bħal fużjoni jew disponiment ta' entitajiet jew attivitajiet — l-użu ta' medja ta' tliet snin għall-kalkolu tal-indikatur relevanti jwassal għal stima preġudikata għar-reqwizit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lill-istituzzjoni sabiex timmodifika l-kalkolu b'mod li jieħu f'kunsiderazzjoni t-tali avvenimenti. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tista', fuq inizjattiva tagħha stess, titlob lil istituzzjoni sabiex timmodifika l-kalkolu. Meta istituzzjoni tkun ilha topera għal inqas minn tliet snin, tista' tuża stimi tan-negozju progressivi fil-kalkolu tal-indikatur relevanti, diment li tibda tuża d-dejta storika malli tkun lesta.
 115. Skont il-kolonna, din il-formola tippreżenta informazzjoni, għall-aktar tliet snin riċenti, dwar l-ammont tal-indikatur relevanti tal-attivitajiet bankarji soġġetti għal riskju operazzjonali u dwar l-ammont ta' self u avvanzi (tal-aħħar applikabbli biss fil-każ ta' ASA). Imbagħad, tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar l-ammont tar-reqwizit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali. Jekk applikabbli, iridu jingħataw dettalji dwar liema parti minn dan l-ammont hija dovuta għal mekkaniżmu ta' allokkazzjoni. Rigward l-AMA, l-entrati fil-memorandum jiddiedu sabiex jiġi ppreżentat dettall tal-effett tat-telf mistenni, id-diversifikazzjoni u t-tekniki ta' mitigazzjoni fuq ir-reqwizit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali.
 116. Skont ir-ringieli, l-informazzjoni hija ppreżentata b'metodu ta' kalkolu tar-reqwizit tal-fondi proprji tar-riskju operazzjonali fejn jiġu ppreżentati l-linji tan-negozju għat-TSA u ASA.
 117. Din il-formola tiġi ppreżentata mill-istituzzjonijiet kollha soġġetti għal reqwizit ta' fondi proprji tar-riskju operazzjonali.

▼ M3

4.1.2. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
010-030	<p>INDIKATUR RELEVANTI</p> <p>L-istituzzjonijiet li jużaw l-indikatur relevanti biex jikkalkolaw ir-reqwizit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali (BIA, TSA u ASA) jirrapportaw l-indikatur relevanti għas-snin rispettivi fil-kolonna 010 sa 030. Barra minn hekk, fil-każ ta' użu kombinat ta' approċċi differenti kif imsemmi fl-Artikolu 314 tas-CRR, l-istituzzjonijiet jirrapportaw ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, l-indikatur relevanti għall-attivitajiet soġġetti għal AMA. Dan huwa wkoll il-każ għall-banek AMA l-oħra kollha.</p> <p>Minn hawn 'il quddiem, it-terminu “indikatur relevanti” jirreferi għas-“somma tal-elementi” fi tmiem is-sena finanzjarja kif definit fl-Artikolu 316 Punt 1, Tabella 1 tas-CRR.</p> <p>Jekk l-istituzzjoni għandha inqas minn 3 snin dejta fuq l-“indikatur relevanti” għad-dispożizzjoni, id-dejta storika disponibbli (ċifri awditjati) tkun assenjata skont il-prijorità fil-kolonna korrispondenti fit-tabella. Jekk, pereżempju, hemm disponibbli biss dejta storika għal sena waħda, din tiġi rrapportata fil-kolonna 030. Jekk dan jitqies raġonevoli, imbagħad l-istimi progressivi jiddaħħlu fil-kolonna 020 (stima tas-sena li jmiss) u l-kolonna 010 (stima tas-sena +2).</p> <p>Barra minn hekk, jekk ma hemm ebda dejta storika dwar “l-indikatur relevanti” għad-dispożizzjoni, l-istituzzjoni tista' tuża stimi tan-negozju progressivi.</p>
040-060	<p>SELF U AVVANZI (FIL-KAŻ TA' APPLIKAZZJONI TAL-ASA)</p> <p>Dawn il-kolonna jintużaw biex jirrapportaw l-ammonti tas-self u l-avvanzi għal-linja operatorji “ibbankjar kummerċjali” u “Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur”, kif imsemmi fl-Artikolu 319 (1) punt (b) tas-CRR. Dawn l-ammonti jintużaw biex jiġi kkalkolat l-indikatur relevanti alternattiv li jwassal għar-reqwiziti ta' fondi proprji li jikkorrispondu għall-attivitajiet soġġetti għall-ASA (l-Artikolu 319(1) punt a) tas-CRR).</p> <p>Għal-linja operatorja tal-“ibbankjar kummerċjali”, it-titoli miżmumin fil-portafoll mhux tan-negozjar ikunu inklużi wkoll.</p>
070	<p>REKWIŻIT TA' FONDI PROPRJI</p> <p>Ir-reqwizit ta' fondi proprji huwa kkalkolat skont l-approċċ użat, billi jiġu segwiti l-Artikoli 312 sa 324 tas-CRR. L-ammont li jirriżulta huwa rrapportat fil-kolonna 070.</p>
071	<p>AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURA TAR-RISKJI OPERAZZJONALI</p> <p>L-Artikolu 92(4) tas-CRR. Ir-reqwiziti ta' fondi proprji fil-kolonna 070 multiplikati bi 12.5.</p>
080	<p>LI MINNHOM: DOVUTI GĦAL MEKKANIŻMU TA' ALLOKAZZJONI</p> <p>L-Artikolu 18(1) tas-CRR (relat tal-inklużjoni fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 312(2) tas-CRR) tal-metodoloġija użata għall-allokazzjoni tal-kapital tar-riskju operattiv bejn l-entitajiet differenti tal-grupp u ta' jekk u kif l-effetti tad-diversifikazzjoni huma mistennija jiġu</p>

▼ M3

Kolonna	
	kkalkolati fis-sistema ta' kejl tar-riskji użata minn istituzzjoni prinċipali ta' kreditu tal-UE u s-sussidjarji tagħha jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE.
090-120	ENTRATI AMA FIL-MEMORANDUM LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPORATI JEKK APPLIKABBLI
090	<p>REKWIŻIT TAL-FONDI PROPRJI QABEL IT-TNAQQIS DOVUT GĦAL TELF MISTENNI, DIVERSIFIKAZZJONI U TEKNIKI TAL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU</p> <p>Ir-rekwiżit ta' fondi proprji rrapportat fil-kolonna 090 huwa wieħed mill-kolonna 070 iżda kkalkolat qabel ma jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti tat-tnaqqis dovuti għal telf mistenni, diversifikazzjoni u tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji (ara iktar 'l isfel).</p>
100	<p>(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAL-TELF MISTENNI MĠARRAB FI PRATTIKI TAN-NEGOZJU</p> <p>Fil-kolonna 100 huwa rrapportat it-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' fondi proprji dovut għal telf mistenni mġarrab fil-prattiki tan-negozju interni (kif imsemmi fl-Artikolu 322(2) punt a) tas-CRR).</p>
110	<p>(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻITI TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAL DIVERSIFIKAZZJONI</p> <p>L-effett ta' diversifikazzjoni fil-kolonna 110 huwa d-differenza bejn is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolata b'mod separat għal kull klassi ta' riskju operazzjonali (jiġifieri sitwazzjoni ta' "dipendenza perfetta") u r-rekwiżit ta' fondi proprji diversifikati kkalkolat billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni korrelazzjonijiet u dipendenzi (jiġifieri suppożizzjoni ta' inqas minn "dipendenza perfetta" bejn il-klassijiet ta' riskju). Is-sitwazzjoni ta' "dipendenza perfetta" sseħħ fil-"każ predefinit", jiġifieri meta l-istituzzjoni ma tużax struttura ta' korrelazzjonijiet espliċiti bejn il-klassijiet ta' riskju, u b'hekk il-kapital tal-AMA jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-miżuri individwali ta' riskju operattiv tal-klassijiet ta' riskju magħżulin. F'dan il-każ, il-korrelazzjoni bejn il-klassijiet ta' riskju hija supponuta bħala 100 % u l-valur fil-kolonna jrid jiġi stabbilit għal zero. Min-naħa l-oħra, meta l-istituzzjoni tikkalkola struttura ta' korrelazzjonijiet espliċiti bejn il-klassijiet ta' riskju, trid tinkludi f'din il-kolonna d-differenza bejn il-kapital tal-AMA kif ġej mill-"każ predefinit" u dik miksuba wara li tiġi applikata l-istruttura ta' korrelazzjonijiet bejn il-klassijiet ta' riskju. Il-valur jirrifletti l-"kapaċità ta' diversifikazzjoni" tal-formola tal-AMA, jiġifieri l-abilità tal-formola sabiex jaqbad l-okkorrenza mhux simultanja ta' avvenimenti severi ta' telf tar-riskju operattiv. Fil-kolonna 110 irid jiġi rrapportat l-ammont li bih l-istruttura ta' korrelazzjoni supponuta tnaqqas il-kapital tal-AMA relatat mas-suppożizzjoni ta' korrelazzjoni ta' 100 %.</p>
120	<p>(-) TNAQQIS TAR-REKWIŻIT TAL-FONDI PROPRJI DOVUT GĦAL TEKNIKI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU (ASSIGURAZZJONI U MEKKANIŻMI OĦRAJN TA' TRASFERIMENT TAR-RISKJU)</p> <p>Fil-kolonna 120 huwa rrapportat l-impatt tal-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħrajn ta' trasferiment tar-riskju skont l-Artikolu 323(1) sa (5) tas-CRR.</p>

▼ M3

Ringieli	
010	<p>ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠGETTI GĦALL-APPROĊĊ TAL-INDIKATUR BAŻIKU (BIA)</p> <p>Din ir-ringiela tippreżenta l-ammonti li jikkorrispondu għal attivitajiet soġġetti għall-BIA biex jiġi kkalkolat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskju operazzjonali (l-Artikoli 315 u 316 tas-CRR).</p>
020	<p>L-ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠGETTI GĦAL APPROĊĊI STANDARDIZZATI (TSA)/STANDARDIZZATI ALTERNATTIVI</p> <p>Għandu jiġi rrapportat ir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkolat skont it-TSA u l-ASA (l-Artikoli 317 sa 319 tas-CRR).</p>
030-100	<p>SOĠĠGETTI GĦAT-TSA</p> <p>Fil-każ li jintuża t-TSA, l-indikatur relevanti għal kull sena rispettiva għandu jitqassam fir-ringieli 030 sa 100 bejn il-linji operatorji definiti fl-Artikolu 317, Tabella 2 tas-CRR. L-immappjar tal-attivitajiet fil-linji operatorji jsegwi l-prinċipji deskritti fl-Artikolu 318 tas-CRR.</p>
110-120	<p>SOĠĠGETTI GĦALL-ASA</p> <p>L-istituzzjonijiet li jużaw l-ASA (l-Artikolu 319 tas-CRR) jirrapportaw għas-snin rispettivi l-indikatur relevanti b'mod separat għal kull linja operatorja fir-ringieli 030 sa 050 u minn 080 sa 100 u fir-ringieli 110 u 120 għal linji operatorji "IServizzi bankarji kummerċjali" u "Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur".</p> <p>Ir-ringieli 110 u 120 jippreżentaw l-ammont ta' indikatur relevanti ta' attivitajiet soġġetti għall-ASA b'distinzzjoni bejn dawk li jikkorrispondu għal-linja operatorja "Ibankjar kummerċjali" u dawk li jikkorrispondu għal-linja operatorja "Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur" (l-Artikolu 319 tas-CRR). Jista' jkun hemm ammonti għar-ringieli li jikkorrispondu għall-"Ibankjar kummerċjali" u "Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur" bit-TSA (ringieli 060 u 070) kif ukoll fir-ringieli 110 u 120 tal-ASA (pereż. jekk sussidjarja hija soġġetta għat-TSA filwaqt li l-entità prinċipali hija soġġetta għall-ASA).</p>
130	<p>ATTIVITAJIET BANKARJI SOĠĠGETTI GĦAL APPROĊĊI TA' KEJL AVVANZAT AMA</p> <p>Tiġi rrapportata d-dejta relevanti għall-istituzzjonijiet tal-AMA (l-Artikolu 312 punt 2 u l-Artikolu 321 sa 323 tas-CRR).</p> <p>Fil-każ ta' użu mħallat ta' approċċi differenti kif indikat fl-Artikolu 314 tas-CRR, tiġi rrapportata l-informazzjoni dwar indikatur relevanti għal attivitajiet soġġetti għall-AMA. Dan huwa wkoll il-każ għall-banek AMA l-oħra kollha.</p>

4.2. C 17.00 — IR-RISKJU OPERATTIV: IT-TELF U L-IRKUPRU SKONT IL-LINJI OPERATORJI U T-TIPI TA' AVVENIMENTI FL-AĦĦAR SENA (ID-DETTALJI TAL-OPR)

4.2.1. Il-Kummenti Ġenerali

118. Din il-formola tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar it-telf gross u l-irkupru gross irreġistrati minn istituzzjoni fl-aħħar sena skont it-tipi ta' avvenimenti u l-linji operatorji.

119. "Telf gross" ifisser telf li jirriżulta minn avveniment ta' riskju operazzjonali jew tip ta' avveniment — kif imsemmi fl-Artikolu 322(3)(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 — qabel l-irkupri ta' kwalunkwe tip, mingħajr preġudizzju għal 122.

▼ M3

120. “Irkupru” jfisser okkorrenza indipendenti relatata mat-telf tar-riskju operazzjonali oriġinali li hija separata fiż-żmien, li fiha fondi jew ta' dħul ta' benefiċċji ekonomiċi huma riċevuti minn partijiet primi jew terzi, bħal assiguratari jew partijiet oħra.
121. “Avvenimenti ta' telf irkuprat malajr” ifissru avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jwasslu għal telf li huwa parzjalment jew kompletament irkuprat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. F'każ ta' avveniment ta' telf irkuprat malajr, il-parti tat-telf li ma tkunx irkuprata b'mod sħiħ biss (jiġifieri t-telf nett tal-irkupru ta' malajr parzjali) tiġi inkluża fid-definizzjoni ta' telf gross. Bħala konsegwenza, l-avvenimenti ta' telf li jkunu wasslu għat-telf li jiġu rkuprat kompletament fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol ma jiġux inklużi fid-definizzjoni ta' telf gross, lanqas fir-rappurtar tad-Dettalji tal-OPR.
122. “Data tal-kontabilità” tfisser id-data meta telf jew riżerva/provvediment ikun ġie għall-ewwel darba rikonoxxut fid-dikjarazzjoni tal-Profit u t-Telf, kontra telf tar-riskju operazzjonali. Din id-data loġikament issegwi “d-Data tal-okkorrenza” (jiġifieri d-data meta jseħħ l-avveniment tar-riskju operattiv jew ta' meta beda) u d-“Data ta' skoperta” (jiġifieri d-data li fiha l-istituzzjoni saret taf bl-avveniment tar-riskju operazzjonali).
123. L-Għadd ta' avvenimenti huwa l-għadd ta' avvenimenti tar-riskju operazzjonali li jitqies għall-ewwel darba fiż-żmien ta' rappurtar.
124. L-Ammont totali ta' telf huwa s-somma alġebrajka tal-elementi li ġejjin:
- i. L-ammonti ta' telf gross pertinenti għall-avvenimenti tar-riskju operazzjonali li “jitqiesu għall-ewwel darba” fi żmien il-perjodu ta' rappurtar (eż. ħlasijiet diretti, provvedimenti, ħlasijiet);
 - ii. L-ammonti ta' telf gross pertinenti għal aġġustamenti ta' telf pożittiv magħmula fi żmien il-perjodu ta' rappurtar (eż. żieda ta' provvedimenti, avvenimenti ta' telf relatati, ħlasijiet addizzjonali) ta' avvenimenti tar-riskju operazzjonali li jkunu “tqiesu għall-ewwel darba” f'perjodi ta' rappurtar preċedenti; kif ukoll
 - iii. L-ammonti ta' telf gross pertinenti għal aġġustamenti ta' telf negattivi li saru fil-perjodu ta' rappurtar — minħabba t-tnaqqis ta' provvedimenti — ta' avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jkunu “tqiesu għall-ewwel darba” f'perjodi preċedenti ta' rappurtar.
125. L-Għadd ta' avvenimenti konvenzjonalment jinkludi wkoll l-avvenimenti rrappurtati għall-ewwel darba fil-perjodi ta' rappurtar preċedenti u li jkunu għadhom ma ġewx irrappurtati f'rapporti ta' sorveljanza preċedenti. L-Ammont totali ta' telf konvenzjonalment jinkludi wkoll l-elementi bħal tal-Paragrafu 124, pertinenti għal perjodi ta' rappurtar preċedenti u li jkunu għadhom ma ġewx irrappurtati f'rapporti ta' sorveljanza preċedenti.

▼ M3

126. It-Telf uniku massimu huwa l-akbar ammont uniku fost dawk inklużi f'124.i jew 124.ii hawn fuq.
127. Is-Somma tal-ikbar ħames telfiet hija s-somma tal-ikbar ħames ammonti fost dawk inklużi f'124.i jew 124.ii hawn fuq.
128. L-Irkupru tat-telf totali huwa s-somma tal-irkupri kollha rrapportati fil-perjodu ta' rappurtar u pertinenti għal avvenimenti ta' riskju operazzjonali li tqiesu għall-ewwel darba fi żmien il-perjodu ta' rappurtar jew f'perjodi preċedenti ta' rappurtar.
129. Iċ-ċifri rrapportati f'Ġunju tas-sena rispettiva huma ċifri interim, filwaqt li ċ-ċifri finali huma rrapportati f'Diċembru. Għalhekk iċ-ċifri f'Ġunju għandhom perjodu ta' referenza ta' sitt xhur (jiġifieri mill-1/1 sat-30/6 tas-sena kalendarja) filwaqt li ċ-ċifri f'Diċembru għandhom perjodu ta' referenza ta' tna-x-il xahar (jiġifieri mill-1/1 sal-31/12 tas-sena kalendarja).
130. L-informazzjoni hija ppreżentata billi jitqassam it-telf gross fuq limiti interni bejn il-linji operatorji (kif definit fl-Artikolu 317 tas-CRR, Tabella 2 tas-CRR inklużi l-linja operatorja addizzjonali "Entrati korporattivi" kif imsemmi fl-Artikolu 322 (3) punt b) tas-CRR) u tipi ta' avvenimenti (kif definiti fl-Artikolu 324 tas-CRR), peress li huwa possibbli li t-telf li jikkorrispondi għal avveniment wieħed jitqassmu fost bosta linji operatorji.
131. Il-kolonna jippreżentaw it-tipi ta' avvenimenti differenti u t-total għal kull linja operatorja, flimkien ma' entrata fil-memorandum li turi l-inqas livell limitu intern applikat fil-ġbir tad-dejta dwar it-telf, u jiżvela f'kull linja operatorja l-inqas u l-ogħla limitu jekk hemm iktar minn livell limitu wieħed.
132. Ir-ringieli jippreżentaw il-linji tan-negozju, u f'kull linja tan-negozju, l-informazzjoni dwar l-għadd ta' avvenimenti, l-ammont tat-telf totali, it-telf uniku massimu, is-somma tal-ikbar ħames telfiet u l-irkupru ta' telf totali.
133. Għal-linji tan-negozju totali, id-dejta dwar l-għadd ta' avvenimenti u l-ammont totali ta' telf huma wkoll mitluba għal ċerti firxiet ibbażati fuq ċerti limiti stabbiliti minn qabel, 10 000, 20 000, 100 000, u 1 000 000. Il-limiti huma stabbiliti f'ammonti tal-Euro u huma inklużi għall-fini ta' komparabilità tat-telf irrappurtat fost l-istituzzjonijiet; għaldaqstant mhuwiex neċessarju li dawn ikunu jirrelataw mal-livelli ta' telf minimu użati għall-ġbir ta' dejta interna dwar it-telf, li għandha tiġi rrapportata fit-taqsima oħra tal-formola.
134. Meta s-somma alġebrajka tal-elementi tal-ammont totali ta' telf, kif indikat fil-paragrafu 124 hawn fuq, tiddetermina valur negattiv għal xi kombinazzjonijiet ta' linji tan-negozju/tipi ta' avvenimenti, il-valur ta' 0 jiġi rrapportat fiċ-ċelloli pertinenti.

▼ **M3**

135. Din il-formola tkun rapportata mill-istituzzjonijiet billi jużaw l-AMA jew it-TSA/ASA għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom.
136. Sabiex jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet previsti bl-Artikolu 5, il-punt (b) (2) (b), l-istituzzjonijiet jużaw l-aħħar statistika kif disponibbli fuq il-paġna web ta' Żvelar Superviżorju tal-EBA biex jiksbu “s-somma tat-totali tal-karta bilanċjali individwali tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan l-istess Stat Membru”.
137. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 5(b)(2)(b) ta' dan ir-Regolament jistgħu jirrapportaw biss l-informazzjoni li ġejja għas-somma tat-tipi kollha ta' avvenimenti (kolonna 080) tal-formola dwar id-Dettalji tal-OPR:
- (a) għadd ta' avvenimenti (ringiela 910),
 - (b) ammont ta' telf totali (ringiela 920),
 - (c) it-telf uniku massimu (ringiela 930);
 - (d) is-somma tal-ikbar ħames telfiet (ringiela 940) u
 - (e) l-irkupru ta' telf totali (ringiela 950).

4.2.2. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
010-070	<p>TIPI TA' AVVENIMENTI</p> <p>L-istituzzjonijiet jirrapportaw it-telf fil-kolonna 010 sa 070 rispettivi skont it-tipi ta' avvenimenti kif definit fl-Artikolu 324 tas-CRR.</p> <p>L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom skont it-TSA jew l-ASA jistgħu jirrapportaw it-telf li għalih it-tip ta' avveniment mhuwiex identifikat fil-kolonna 080.</p>
080	<p>TIPI TA' AVVENIMENTI TOTALI</p> <p>Fil-kolonna 080, għal kull linja tan-negozju, l-istituzzjonijiet jirrapportaw in-“numru ta' avvenimenti” totali u t-total tal-“ammont ta' telf totali” bħala l-aggregazzjoni sempliċi tan-numru ta' avvenimenti ta' telf u l-ammonti totali ta' telf gross irrapportati fil-kolonna minn 010 sa 070. It-“telf uniku massimu” fil-kolonna 080 huwa l-massimu tat-“telf gross uniku massimu” rapportat fil-kolonna 010 sa 070. Għas-somma tal-ikbar ħames telfiet, fil-kolonna 080 tiġi rapportata s-somma tal-ikbar ħames telfiet flinja operatorja waħda.</p>
090-100	<p>ENTRATA FIL-MEMORANDUM: LIMITU APPLIKAT FIL-ĠBIR TA' DEJTA</p> <p>L-istituzzjonijiet jirrapportaw fil-kolonna 090 u 100 il-livelli minimi ta' telf li qed jużaw għall-ġbir ta' dejta interna dwar it-telf b'konformità mal-Artikolu 322(3) punt c) tas-CRR, l-aħħar sentenza tas-CRR. Jekk l-istituzzjoni tapplika biss limitu wieħed għal kull linja tan-negozju, il-kolonna 090 biss timtela. Fil-każ fejn ikun hemm limiti differenti applikati ġewwa l-istess linja tan-negozju regolatorja, l-ogħla limitu applikabbli (kolonna 100) jimtela wkoll.</p>

▼ M3

Ringieli	
010-850	<p>IL-LINJI OPERATORJI: IL-FINANZI KORPORATTIVI, IN-NEGOZJAR U L-BEJGĦ, IS-SENSERIJA FIL-LIVELL TAL-KONSUMATUR, L-IBBANKJAR KUMMERĊJALI, L-OPERAZZJONIJIET BANKARJI GĦALL-KONSUMATUR, IL-PAGAMENT U S-SALDU, IS-SERVIZZI TA' AĠENZJA, L-IMMANIĠĠJAR TAL-ASSI, L-ENTRATI KORPORATTIVI</p> <p>Għal kull linja operatorja kif definiti fl-Artikolu 317(4) Tabella 2 tas-CRR, inkluża l-linja operatorja addizzjonali “Entrati korporattivi” kif imsemmija fl-Artikolu 322(3) punt b) tas-CRR, u għal kull tip ta' avveniment, l-istituzzjoni tirrapporta, skont il-limiti, l-informazzjoni li ġejja: in-numru ta' avvenimenti, l-ammont totali ta' telf, it-telf uniku massimu, is-somma tal-ikbar ħames telfiet u l-irkupru ta' telf totali. Għal avveniment ta' telf li jolqot lil iktar minn linja operatorja waħda, l-ammont totali ta' telf” jitqassam bejn il-linji operatorji kollha milqutin.</p>
910-950	<p>LINJI OPERATORJI TOTALI</p> <p>Għal kull tip ta' avveniment (il-kolonna minn 010 sa 080), trid tiġi rrapportata l-informazzjoni li ġejja (l-Artikolu 322 (3) punti b), c) u e) tas-CRR dwar il-linji operatorji totali (ir-ringieli minn 910 sa 950):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Numru ta' avvenimenti (ringiela 910): in-numru ta' avvenimenti ogħla mil-limitu intern skont it-tipi ta' avvenimenti għal-linji tan-negozju totali jiġu rrapportati. Din iċ-ċifra tista' tkun inqas mill-aggregazzjoni tal-għadd ta' avvenimenti skont il-linji operatorji peress li l-avvenimenti b'bosta impatti (impatti f'linji ta' negozju differenti) jitqiesu bħala wieħed. — Għadd ta' avvenimenti. Li minnhom, $\geq 10\ 000$ u $< 20\ 000$, $\geq 20\ 000$ u $< 100\ 000$, $\geq 100\ 000$ u $< 1\ 000\ 000$, $\geq 1\ 000\ 000$ (ringieli 911 sa 914): l-għadd ta' avvenimenti interni inklużi fil-firxiet definiti f'ringieli pertinenti jiġu rrapportati. — Ammont ta' telf totali (ringiela 920): l-ammont totali ta' telf huwa l-aggregazzjoni sempliċi tal-ammont totali ta' telf għal kull linja operatorji. — L-ammont totali ta' telf, li minnu, $\geq 10\ 000$ u $< 20\ 000$, $\geq 20\ 000$ u $< 100\ 000$, $\geq 100\ 000$ u $< 1\ 000\ 000$, $\geq 1\ 000\ 000$ (ringieli 921 sa 924): l-ammont ta' telf totali inkluż fil-firxiet definiti fir-ringieli pertinenti jiġi rrapportat. — It-telf uniku massimu (ringiela 930): it-telf uniku massimu huwa t-telf massimu fuq il-limitu intern għal kull tip ta' avveniment u bejn il-linji tan-negozju kollha. Dawn iċ-ċifri jistgħu jkunu ogħla mill-ogħla telf uniku reġistrat f'kull linja operatorja jekk avveniment jaffettwa linji tan-negozju differenti. — Somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf (ringiela 940): hija rrapportata s-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf gross għal kull tip ta' avveniment u bejn il-linji operatorji kollha. Din is-somma tista' tkun ogħla mill-ogħla somma tal-ikbar ħames telfiet reġistrati f'kull linja operatorja. Din is-somma trid tiġi rrapportata jkun xi jkun l-għadd ta' telfiet. — Irkupru ta' telf totali (ringiela 950): l-ammont ta' telf totali huwa l-aggregazzjoni sempliċi tal-ammont ta' telf totali għal kull linja tan-negozju.

▼ M3

Ringieli	
910-950/080	<p>IL-LINJI TAN-NEGOZJU TOTALI — IT-TIPI TOTALI TA' AVVENIMENTI</p> <ul style="list-style-type: none"> — Numru ta' avvenimenti: għal kull ringiela minn 910 sa 914, l-għadd ta' avvenimenti ugwali għall-aggregazzjoni orizzontali tal-għadd ta' avvenimenti fir-ringiela korrispondenti, peress li f'dawk iċ-ċifri l-avvenimenti b'impatti f'linji tan-negozju differenti jkunu diġà tqiesu bħala avveniment wieħed. L-għadd fir-ringiela 910 mhux bilfors ikun daqs l-aggregazzjoni vertikali tal-għadd ta' avvenimenti li huma inklużi fil-kolonna 080, peress li avveniment wieħed jista' jkollu impatt f'linji operatorji differenti fl-istess ħin. — L-ammont totali ta' telf: għal kull ringiela mill-920 sal-924, l-ammont totali ta' telf huwa daqs l-aggregazzjoni orizzontali tal-ammonti totali ta' telf skont it-tip ta' avveniment fir-ringiela korrispondenti. L-ammont totali ta' telf fir-ringiela 920 huwa daqs l-aggregazzjoni vertikali tal-ammonti totali ta' telf skont il-linja tan-negozju fil-kolonna 080. — It-telf uniku massimu: kif issemma' qabel, meta avveniment ikollu impatt f'linji operatorji differenti, jista' jkun li l-ammont għal "Telf uniku massimu" fil-"Linji Operatorji totali" għal dak it-tip partikolari ta' avveniment huwa ogħla mill-ammonti tat-"Telf uniku massimu" f'kull linja operatorja. B'hekk, l-ammont f'din iċ-ċellola jkun daqs l-ogħla wieħed mill-valuri tat-"Telf uniku massimu" fil-"Linji Operatorji totali", li mhux bilfors ikun daqs l-ogħla valur tat-"Telf uniku massimu" bejn il-linji operatorji fil-kolonna 080. — Is-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf: hija s-somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf fil-matriċi kollha, li jfisser li mhux bilfors trid tkun daqs il-valur massimu tas-"somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf" fil-"Linji Operatorji totali" u lanqas il-valur massimu tas-"somma tal-ikbar ħames avvenimenti ta' telf" fil-kolonna 080. — L-irkupru ta' telf totali: huwa daqs l-aggregazzjoni orizzontali tal-irkupru totali ta' telf skont it-tip ta' avveniment fir-ringiela 950 kif ukoll l-aggregazzjoni vertikali tal-irkupri totali ta' telf skont il-linja tan-negozju fil-kolonna 080.

5. IL-FORMOLI TAR-RISKJU TAS-SUQ

138. Dawn l-istruzzjonijiet jirreferu għar-rapportar tal-formola tal-kalkolu tar-rewżiti tal-fondi proprji bl-approċċ standardizzat għar-riskju tal-kambju (MKR SA FX), riskju tal-komoditajiet (MKR SA COM) riskju tar-rata tal-imġax (MKR SA TDI, MKR SA SEC, MKR SA CTP) u riskju tal-ekwiż (MKR SA EQU). Barra minn hekk, f'din il-parti hemm inklużi l-istruzzjonijiet għar-rapportar tal-formola tal-kalkolu tar-rewżiti ta' fondi proprji skont l-approċċ tal-formola interna (MKR IM).

139. Ir-riskju ta' pożizzjoni fuq strument ta' dejn negozjat jew ekwiż (jew derivattiv ta' dejn jew ta' ekwiż) jinqasam f'żewġ komponenti sabiex jiġi kkalkolat il-kapital meħtieġ kontrib. L-ewwel għandu jkun il-komponent tar-riskju speċifiku — dan huwa r-riskju ta' tibdil fil-prezz tal-istrument ikkonċernat minħabba fatturi relatati ma' dak li joħroġha jew, fil-każ ta' derivattiva, dak li joħroġ l-istrument li fuqha tkun ibbażata. It-tieni komponent ikopri r-riskju ġenerali tiegħu — dan huwa r-riskju ta' bidla fil-prezz fl-istrument dovut (fil-każ ta' strument ta' dejn negozjat jew derivattiv tad-dejn) għal bidla fil-livell tar-rati tal-imġax jew (fil-każ ta' ekwiż jew derivattiv tal-ekwiż) għal ċaqliq wiesa' fis-suq tal-ekwiż mhux relatat ma' xi wieħed mill-attributi speċifiċi tat-titoli individwali. It-trattament ġenerali tal-istrumenti speċifiċi u l-proċeduri ta' netting jinsabu fl-Artikoli 326 sa 333 tas-CRR.

▼ M3

5.1. C 18.00 — IR-RISKJU TAS-SUQ: L-APPROĊĊ STANDARDIZZAT GĦAR-RISKJU TA' POŻIZZJONI FI STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJATI (MKR SA TDI)

5.1.1. Il-Kummenti Ġenerali

140. Din il-formola tkopri l-pożizzjonijiet u r-reqwiziti relatati ta' fondi proprji għal riskji tal-pożizzjoni fuq strumenti ta' dejn negozjat bl-approċċ standardizzat (l-Artikoli 102 u 105(1) tas-CRR). Ir-riskji u l-metodi differenti disponibbli bis-CRR huma kkunsidrati skont ir-ringieli. Ir-riskju speċifiku assoċjat mal-iskoperturi inklużi fl-MKR SA SEC u MKR SA CTP irid jiġi rrapportat biss fil-formola Totali tal-MKR SA TDI. Ir-reqwiziti ta' fondi proprji rrapportati f'dawn il-formoli jkunu trasferiti fiċ-ċellola {325;060} (titolizzazzjonijiet) u {330;060} (CTP) rispettivament..

141. Il-formola trid timtela b'mod separat għat-“Total”, flimkien ma' lista predefinita tal-muniti li ġejjin: EUR, ALL, BGN, CZK, DKK, EGP, GBP, HRK, HUF, ISK, JPY, LTL, MKD, NOK, PLN, RON, RUB, RSD, SEK, CHF, TRY, UAH, USD u formola residwa għall-muniti l-oħra kollha.

5.1.2. Istruzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	
010-020	<p>IL-POŻIZZJONIJIET KOLLHA (TVAL U QOSRA)</p> <p>L-Artikoli 102 u 105(1) tas-CRR. Dawn huma pożizzjonijiet gross u mhux innettjati skont l-istrumenti, iżda jeskludu pożizzjonijiet tas-sottoskrizzjonijiet jew subsottoskritti minn partijiet terzi (L-Artikolu 345, it-tieni sentenza tas-CRR). Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet tval u qosra, applikabbli wkoll għal dawn il-pożizzjonijiet grossi, ara l-Artikolu 328 (2) tas-CRR.</p>
030-040	<p>POŻIZZJONIJIET NETTI (TVAL U QOSRA)</p> <p>L-Artikoli 327 sa 329 u 334 tas-CRR Rigward id-distinzjoni bejn Pożizzjonijiet tval u qosra ara l-Artikolu 328 (2) tas-CRR.</p>
050	<p>POŻIZZJONIJIET SOĠĠETTI GĦAL ALLOKAZZJONI KAPITALI</p> <p>Dawk il-pożizzjonijiet netti li, skont l-approċċi differenti kkunsidrati fil-Parti 3 Titolu IV Kapitolu 2 tas-CRR, jirċievu allokazżjoni ta' kapital.</p>
060	<p>REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI</p> <p>L-allokazżjoni ta' kapital għal kwalunkwe pożizzjoni rilevanti skont il-Parti 3 Titolu IV Kapitolu 2 tas-CRR.</p>
070	<p>AMMONT TOTALI TA' SKOPERTURA GĦAR-RISKJU</p> <p>L-Artikolu 92 (4) lit. b tas-CRR. Riżultat tal-multiplikazzjoni tar-reqwiziti ta' fondi proprji bi 12.5.</p>

Ringieli	
010-350	<p>STRUMENTI TA' DEJN NEGOZJAT FIL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR</p> <p>Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat fil-Portafoll tan-Negozjar u r-reqwiziti tal-fondi proprji korrispondenti tagħhom għar-riskju ta' pożizzjoni skont l-Artikolu 92 (3) punt b) (i) CRR u l-Parti 3 Titolu IV Kapitolu 2 tas-CRR huma rrapportati skont il-kategorija tar-riskju, il-maturità u l-approċċ użat.</p>

▼ M3

Ringieli	
011	RISKJU ĠENERALI
012	Derivattivi Id-derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar b'kunsiderazzjoni tal-Artikoli 328 sa 331, jekk applikabbli.
013	Assi u obligazzjonijiet oħra Strumenti minbarra derivattivi inklużi fil-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar.
020-200	APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ IL-MATURITÀ Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat soġġetti għal approċċ ibbażat fuq il-maturità skont l-Artikolu 339 (1) sa (8) tas-CRR u r-reqwiziti korrispondenti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 339 (9) tas-CRR. Il-pożizzjoni tinqasam f'żoni 1, 2 u 3 u dawn skont il-maturità tal-investimenti.
210-240	RISKJU ĠENERALI L-APPROĊĊ IBBAŻAT FUQ ID-DURATA Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat soġġetti għall-approċċ ibbażat fuq id-durata skont l-Artikolu 340 (1) sa (6) tas-CRR u r-reqwiziti korrispondenti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 340 (7) tas-CRR. Il-pożizzjoni tinqasam f'żoni 1, 2 u 3.
250	RISKJU SPEĊIFIKU Is-somma tal-ammonti rapportati fir-ringieli 251, 325 u 330. Pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjat soġġetti għal allokkazzjoni ta' kapital għal riskju speċifiku u l-allokkazzjoni ta' kapital korrispondenti tagħhom skont l-Artikolu 92 (3) lit. b u 335, 336 (1) sa (3), 337 u 338 tas-CRR. Kun af ukoll bl-aħħar sentenza fl-Artikolu 327 (1) tas-CRR.
251-321	Rekwiżit ta' fondi proprji għal strumenti tad-dejn mhux ta' titolizzazzjoni Is-somma tal-ammonti rapportati fir-ringieli minn 260 sa 321. Ir-reqwizit ta' fondi proprji tal-n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti li mhumiex ikklassifikati b'mod estern irid jiġi kkalkolat billi jingħaddu l-ponderazzjonijiet tar-riskju tal-entitajiet ta' referenza (l-Artikolu 332 (1) Punt e) para 1 u 2 CRR — “trasparenza”). Il-valur ta' n-th għad-derivattivi ta' kreditu inadempjenti li huma klassifikati b'mod estern (l-Artikolu 332 (1) Punt e) para 3 CRR) ikun irrapportat b'mod separat fil-linja 321. Ir-rapportar ta' pożizzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 336 (3) CRR: Hemm trattament speċjali għal bonds kwalifikanti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 10 % fil-portafoll bankarju skont l-Artikolu 129(3) CRR (bonds koperti). Ir-reqwiziti speċifiċi tal-fondi proprji huma nofs il-perċentwal tat-tieni kategorija tat-tabella 1 tal-Artikolu 336 tas-CRR. Dawk il-pożizzjonijiet kellhom jiġu assenjati lir-ringieli 280-300 skont it-terminu residwu għall-maturità finali. Jekk ir-riskju ġenerali tal-pożizzjonijiet tar-rata tal-imgħax huwa ħħeġġjat minn derivattivi ta' kreditu, ikunu applikati l-Artikoli 346 u 347.
- (a) l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jew meħtieġa japplikaw il-metodu ta' ekwità għal investimenti f'sussidjarji tal-assigurazzjoni u mhux finanzjarji b'konformità mal-Artikolu 18(5) tas-CRR;
 - (b) l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati jużaw il-metodu ta' konsolidazzjoni proporzjonali għal sussidjarji finanzjarji b'konformità mal-Artikolu 18(2) tas-CRR;
 - (c) l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jużaw il-metodu ta' konsolidazzjoni proporzjonali għall-investment f'impriżi konġunti b'konformità mal-Artikolu 18(4) tas-CRR.

4. IL-PORTAFOLLI TAL-KONTABILITÀ

4.1. Assi

12. “Portafolli tal-kontabilità” tfisser strumenti finanzjarji aggregati skont ir-regoli ta' valwazzjoni. Dawn l-aggregazzjonijiet ma jinkludux investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati, bilanċi riċevibbli fuq talba kklassifikati bħala “Flus, bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali u depożiti liberi oħra” kif ukoll dawk l-istrumenti finanzjarji klassifikati bħala “Miżmumin għall-bejgħ” ippreżentati fl-entrati “Assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ” u “Obbligazzjonijiet inklużi fil-gruppi tad-disponiment ikklassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ”.
13. Għall-assi finanzjarji jintużaw il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq l-IFRS:
- (a) “Assi finanzjarji miżmumin għan-negozju”;
 - (b) “Assi finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf”;
 - (c) “Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ”;
 - (d) “Selfiet u Riċevibbli”;
 - (e) “Investimenti miżmuma sal-maturità”.
14. Għall-assi finanzjarji jintużaw il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq il-GAAP Nazzjonali:
- (a) “Assi finanzjarji tan-negozjar”;
 - (b) “Assi finanzjarji mhux derivati u mhux tan-negozjar imkejlin b'valur ġust permezz tal-profitt jew telf”;

▼ **M3**

- (c) “Assi finanzjarji mhux derivattivi u mhux tan-negozjar imkejlin b'valur ġust għall-ekwità”;
 - (d) “Strumenti ta' dejn mhux ta' negozjar imkejla bil-metodu bbażat fuq il-kost”; kif ukoll
 - (e) “Assi finanzjarji mhux derivattivi mhux ta' negozjar oħrajn”.
15. “Assi finanzjarji tan-negozjar” għandha l-istess tifsira bħal fil-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, id-derivattivi li ma jinżammux għall-kontabilità għall-iħħeġġjar jiġu rrapportati f'din l-entrata bla ma jiġi kkunsidrat il-metodu applikat għall-kejl ta' dawn il-kuntratti. L-istituzzjonijiet jinkludu kuntratti tad-derivattivi fil-karta bilanċjali biss meta dawn il-kuntratti jkunu rikonoxxuti skont il-qafas kontabilistiku rilevanti.
16. Għall-assi finanzjarji, “metodi bbażati fuq il-kost” jinkludu dawk ir-regoli dwar il-valwazzjoni li skonthom jitkejjel l-assi finanzjarju skont il-kost flimkien mal-imgħax dovut, nieqes it-telf mill-indeboliment.
17. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, “Assi finanzjarji oħrajn mhux derivattivi u mhux tan-negozjar” jinkludu assi finanzjarji li ma jikkwalifikawx sabiex jiġu inklużi f'portafolli tal-kontabilità oħrajn. Dan il-portafoll tal-kontabilità jinkludi, fost l-oħrajn, assi finanzjarji li jitkejlu bl-inqas fost l-ammont tagħhom bir-rikonoxximent inizjali jew bil-valur ġust tagħhom (hekk imsejjaħ “L-Inqas mill-Kost jew is-Suq” jew “LOCOM”).
18. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, l-istituzzjonijiet li huma awtorizzati jew meħtieġa japplikaw ċerti regoli dwar il-valwazzjoni għall-istrumenti finanzjarji fl-IFRS, jippreżentaw il-portafolli tal-kontabilità rilevanti, sa fejn huma applikati.
19. “Derivattivi — Kontabilità għall-iħħeġġjar” jinkludu derivattivi miżmumin għall-kontabilità għall-iħħeġġjar skont il-qafas kontabilistiku rilevanti.

4.2. Obbligazzjonijiet

20. Il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq l-IFRS jintużaw għal obbligazzjonijiet finanzjarji:
- (a) “Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju”;
 - (b) “Obbligazzjonijiet finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profit jew telf”;
 - (c) “Obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzati”.
21. Il-portafolli tal-kontabilità li ġejjin ibbażati fuq il-GAAP Nazzjonali jintużaw għal obbligazzjonijiet finanzjarji:
- (a) “Obbligazzjonijiet finanzjarji tan-negozju”; u
 - (b) “Obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi mhux tan-negozjar imkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost”.

▼ **M3**

22. Skont il-GAAP Nazżjonali, l-istituzzjonijiet li huma awtorizzati jew meħtieġa japplikaw ċerti regoli dwar il-valwazzjoni għal strumenti finanzjarji fl-IFRS jippreżentaw il-portafolli tal-kontabilità rilevanti, sa fejn huma applikati.
23. Kemm skont l-IFRS kif ukoll skont il-GAAP Nazżjonali, “Derivattivi — Kontabilità għall-iħħeġġjar” tinkludi derivattivi miżmumin għall-kontabilità tal-iħħeġġjar skont il-qafas kontabilistiku rilevanti.

5. STRUMENTI FINANZJARJI

5.1. **Assi finanzjarji**

24. L-ammont riportat ifisser l-ammont li jiġi rrapportat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali. L-ammont riportat tal-assi finanzjarji jinkludi l-imgħax dovut.
25. L-assi finanzjarji jitqassmu fost il-klassijiet li ġejjin ta' strumenti: “Flus fl-idejn”, “Derivattivi”, “Strumenti ta' ekwità”, “Titoli ta' dejn”, u “Self u avvanzj”.
 26. “Titoli ta' dejn” huma strumenti ta' dejn miżmumin mill-istituzzjoni maħruġin bħala titoli li mhumiex self skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.
 27. “Self u avvanzj” huma strumenti tad-dejn f'idejn l-istituzzjonijiet li mhumiex titoli; din l-entrata tinkludi “self” skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI kif ukoll l-avvanzi li ma jstgħux jiġu kklassifikati bħala “self” skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI. “Avvanzi li mhumiex self” huma kkaratterizzati iktar fil-paragrafu 41(g) tal-Parti I ta' dan l-Anness. B'hekk, “strumenti ta' dejn” tinkludi “self u avvanzj” kif ukoll “titoli ta' dejn”.

5.2. **Obbligazzjonijiet finanzjarji**

28. L-ammont riportat ifisser l-ammont li jiġi rrapportat fin-naħa tal-obbligazzjonijiet tal-karta bilanċjali. L-ammont riportat ta' obbligazzjonijiet finanzjarji jinkludi l-imgħax dovut.
29. L-obbligazzjonijiet finanzjarji jitqassmu fost il-klassijiet ta' strumenti li ġejjin: “Derivattivi”, “Pożizzjonijiet qosra”, “Depożiti”, “Titoli ta' dejn maħruġin” u “Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn”.
 30. “Depożiti” huma definiti bl-istess mod bħala fir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.
 31. “Titoli ta' dejn maħruġin” huma strumenti tad-dejn maħruġin bħala titoli mill-istituzzjoni li mhumiex depożiti skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.
 32. “Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn” tinkludi l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha minbarra derivattivi, pożizzjonijiet qosra, depożiti u titoli ta' dejn maħruġin.
 33. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazżjonali kompatibbli, “Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn” tista' tinkludi garanziji finanzjarji meta jitkejlju bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf [IAS 39.47(a)] jew inkella bl-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes l-amortizzament

▼ M3

kumulattiv [IAS 39.47(c)(ii)]. L-impenji ta' self jiġu rrapportati bħala "Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn" meta huma speċifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-profiti jew it-telf [IAS 39.4(a)] jew meta jkunu impenji biex jipprovdu self b'rata tal-imgħax inqas minn dik tas-suq [IAS 39.4(b), 47(d)]. Provvedimenti minn dawn il-kuntratti [IAS 39.47(c)(i), (d)(i)] huma rrapportati bħala provvedimenti għal "Impenji u garanziji mogħtija".

34. "Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn" jistgħu jinkludu wkoll dividendi li għandhom jiġu pagabbli fir-rigward ta' entrati ta' sospiża u tranżitu, u ammonti pagabbli fir-rigward ta' saldi futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli jew tranżazzjonijiet tal-kambju (pagabbli għal tranżazzjonijiet rikonoxxuti qabel id-data tal-pagament).

6. ID-DIŻAGGREGAZZJONI SKONT IL-KONTROPARTI

35. Meta jkun hemm bżonn ta' diżaggregazzjoni skont il-kontroparti, jintużaw is-setturi tal-kontroparti li ġejjin:

- (a) banek ċentrali;
- (b) gvernijiet pubbliċi: gvernijiet ċentrali, il-gvernijiet statali jew reġjonali u l-gvernijiet lokali, inklużi l-korpi amministrattivi u l-impriżi mhux kummerċjali, iżda esklużi l-kumpaniji pubbliċi u l-kumpaniji privati miżmuma minn dawn l-amministrazzjonijiet li jkollhom attività kummerċjali (li tiġi rrapportata taħt "korporazzjonijiet mhux finanzjarji"); il-fondi tas-sigurtà soċjali; u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-Komunità Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank għall-Iklasijiet Internazzjonali;
- (c) istituzzjonijiet ta' kreditu: kwalunkwe istituzzjoni koperta mid-definizzjoni fl-Artikolu 4(1)(1) tas-CRR ("impriża li n-negozju tagħha jkun li tiegħu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti f'isimha stess") u l-banek ta' żvilupp multilaterali;
- (d) korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn: il-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu bħal ditti tal-investment, fondi tal-investment, kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi tal-pensjonijiet, intrapriżi għal investment kollettiv, u kmamar tal-ikklerjar kif ukoll intermedjarji finanzjarji u awżiljarji finanzjarji li jifdal;
- (e) korporazzjonijiet mhux finanzjarji: korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet mhux impenjati f'intermedjazzjoni finanzjarja iżda involuti prinċipalment fil-produzzjoni ta' prodotti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.
- (f) L-unitajiet domestiċi: individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi, u produtture ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji b'mod esklussiv għall-konsum fl-aħħar mill-aħħar minnhom stess, u bħala produtture ta' prodotti tas-suq u servizzi mhux finanzjarji u finanzjarji, dejjem jekk l-attivitajiet tagħhom mhumiex dawk ta' kważi-korporazzjonijiet. Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jaqdu lil unitajiet domestiċi u li huma impenjati l-iktar fil-produzzjoni ta' prodotti tas-suq u servizzi maħsubin għal gruppi partikolari ta' unitajiet domestiċi huma inklużi.

▼ **M3**

36. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti hija bbażata b'mod esklussiv fuq l-għamla tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrbin b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed issir fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kienet l-iktar rilevanti, jew determinanti, għall-istituzzjoni sabiex tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħrajn, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrbin b'mod konġunt mis-settur tal-kontropartijiet, pajjiż ta' residenza u kodiċijiet NACE għandha tkun motivata mill-karatteristiċi tal-iktar obbligant rilevanti jew determinanti.

PARTI 2

ISTRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLA

1. KARTA BILANĊJALI

1.1. **Assi (1.1)**

1. “Flus fl-idejn” tinkludi parteċipazzjonijiet ta' karti tal-flus u muniti nazżjonali u barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw b'mod komuni biex isiru pagamenti.
2. “Bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali” tinkludi bilanċi riċevibbli wara talba fil-banek ċentrali.
3. “Depożiti liberi oħrajn” tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba ma' istituzzjonijiet ta' kreditu.
4. “Investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati” tinkludi l-investimenti f'kumpaniji assoċjati, impriżi konġunti u sussidjarji li mhumiex konsolidati bis-sħiħ jew b'mod proporzjonali. L-ammont riportat ta' investimenti kontabbilizzati billi ntuża l-metodu tal-ekwità jinkludi l-avvjament relatat.
5. L-assi li mhumiex assi finanzjarji u li minħabba n-natura tagħhom ma setgħux jiġu kklassifikati f'entrati speċifiċi tal-karta bilanċjali jkunu rrapportati f'“Assi oħra”. Assi oħra jistgħu jinkludu deheb, fidda u komoditajiet oħrajn; anki meta jinżamu bl-iskop li jiġu kkummerċjalizzati.
6. “Assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ” għandha l-istess tifsira bħal fl-IFRS 5.

1.2. **Obbligazzjonijiet (1.2)**

7. Provvedimenti għal “Pensjonijiet u obbligi ta' benefiċċji definiti oħrajn għal wara l-impjegati” jinkludu l-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' benefiċċju definiti netti.
8. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazżjonali kompatibbli, provvedimenti għal “Benefiċċji fit-tul oħrajn għall-impjegati” jinkludu l-ammont tad-defiċits fil-pjanijiet ta' benefiċċji fit-tul għall-impjegati elenkat f'IAS 19.153. L-ispiża dovuta minn benefiċċji għal żmien qasir tal-impjegati [IAS 19.11(a)], pjanijiet ta' kontribuzzjoni definita [IAS 19.51(a)] u benefiċċji għat-terminazzjoni tal-impjegat [IAS 19.169(a)] tkun inkluża f'“Obbligazzjonijiet oħrajn”.

▼ **M3**

9. “Kapital azzjonarju ripagabbli fuq talba” tinkludi l-istrumenti kapitali maħruġin mill-istituzzjoni li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kklassifikati f'ekwità. L-istituzzjonijiet jinkludu f'din l-entrata l-ishma kooperattivi li ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu klassifikati f'ekwità.
10. Obbligazzjonijiet li mhumiex obbligazzjonijiet finanzjarji u li minħabba n-natura tagħhom ma jistgħux jiġu klassifikati f'entrati speċifiċi tal-karta bilanċjali jiġu rrapportati f'“Obbligazzjonijiet oħrajn”.
11. “Obbligazzjonijiet inklużi fi gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ” għandhom l-istess tifsira bħal fl-IFRS 5.
12. “Fondi għal riskju bankarju ġenerali” huma ammonti li ġew assenjati b'konformità mal-Artikolu 38 tal-BAD. Meta jkunu rikonoxxuti, jidhru b'mod separat jew bħala obbligazzjonijiet taħt “provvedimenti” jew fi ħdan l-ekwità taħt “riżervi oħrajn”.

1.3. L-Ekwità (1.3)

13. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, l-istrumenti ta' ekwità li huma strumenti finanzjarji jinkludu dawk il-kuntratti li jaqgħu taħt l-ambitu tal-IAS 32.
14. “Kapital mhux imħallas li ġie prelevat” jinkludi l-ammont riportat ta' kapital maħruġ mill-istituzzjoni li ġie prelevat għall-abbonati iżda mhux imħallas fid-data ta' referenza.
15. “Komponent ta' ekwità tal-istrumenti finanzjarji komposti” jinkludi l-komponent tal-ekwità tal-istrumenti finanzjarji komposti (jiġifieri, l-istrumenti finanzjarji li fihom komponent kemm ta' obbligazzjoni kif ukoll ta' ekwità) maħruġa mill-istituzzjoni, meta segregati skont il-qafas kontabilistiku rilevanti (inklużi strumenti finanzjarji komposti b'derivattivi inkorporati multipli li l-valuri tagħhom huma interdipendenti).
16. “Strumenti ta' ekwità oħrajn maħruġin” jinkludu strumenti ta' ekwità li huma strumenti finanzjarji ħlief “Kapital” u “Komponent ta' ekwità ta' strumenti finanzjarji komposti”.
17. “Ekwità oħra” tinvolvi l-istrumenti kollha ta' ekwità li mhumiex strumenti finanzjarji inklużi, fost l-oħrajn, tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq ishma saldati b'ekwità [IFRS 2.10].
18. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, “Riżervi ta' rivalwazzjoni” jinkludu l-ammont ta' riżervi li jirriżultaw mill-adozzjoni għall-ewwel darba għal IAS, jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, li ma ġewx rilaxxati għal tip ieħor ta' riżervi.
19. “Riżervi oħrajn” huma maqsumin bejn “Riżervi jew telf akkumulat ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati” u “Oħrajn”. “Riżervi jew telf akkumulat ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati” jinkludu l-ammont akkumulat ta' introjtu u spejjeż iġġenerati mill-investimenti msemmijin iktar 'il fuq permezz

▼ M3

tal-profitt jew it-telf tal-aħħar snin. “Oħrajn” jinkludi riżervi differenti minn dawk divulgati b'mod separat f'entrati oħrajn u jistgħu jinkludu riżerva legali u riżerva statutorja.

20. “Ishma tat-teżor” ikopru l-istrumenti finanzjarji kollha li għandhom il-karatteristiċi tal-istrumenti proprji ta' ekwità li ġew riakkwistati mill-istituzzjoni.

2. IR-RAPPORT TA' PROFITT JEW TELF (2)

21. Introjtu mill-imgħax u spejjeż tal-imgħax minn strumenti finanzjarji miżmuma għan-negozju, u minn strumenti finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf, ikunu rrapportati jew b'mod separat minn qligħ u telf ieħor taħt l-entrati “introjtu mill-imgħax” u “spejjeż tal-imgħax” (“prezz nadif”) jew bħala parti mill-qligħ jew telf minn dawn il-kategoriji ta' strumenti (“prezz maħmuġ”).

22. L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-entrati li ġejjin diżaggregati skont il-portafolli tal-kontabilità:

(a) “Introjtu mill-imgħax”;

(b) “Spejjeż tal-imgħax”;

(c) “Introjtu mid-dividendi”;

(d) “Qligħ jew telf fuq lid-dekontabilizzar tal-assi finanzjarji u obbligazzjonijiet mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf, nett”;

(e) “Indeboliment jew (-) tregġiġh lura tal-indeboliment fuq assi finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf”.

23. “Introjtu mill-imgħax. Derivattivi — Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax” u “Spejjeż tal-imgħax. Derivattivi — Kontabilità għall-iħħeġġjar, riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax” tinkludi l-ammonti relatati ma' dawk id-derivattivi klassifikati fil-kategorija “kontabilità għall-iħħeġġjar” li jkopru riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Dawn ikunu rrapportati bħala introjtu u spejjeż tal-imgħax fuq bażi grossa, biex jippreżentaw l-introjtu u l-ispejjeż korretti tal-imgħax mill-entrati ħħeġġjati li huma marbutin magħhom.

24. L-ammonti relatati ma' dawk id-derivattivi klassifikati fil-kategorija “miżmuma għan-negozju” li huma strumenti għall-iħħeġġjar minn perspettiva ekonomika iżda mhux kontabilistika jistgħu jiġu rrapportati bħala introjtu u spejjeż tal-imgħax biex jippreżentaw l-introjtu u l-ispejjeż korretti tal-imgħax mill-istrumenti finanzjarji li huma ħħeġġjati. Dawn l-ammonti jkunu inklużi bħala parti mill-entrati “Introjtu mill-imgħax. Assi finanzjarji miżmuma għan-negozju” u “Spejjeż tal-imgħax”. “Obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju”,

25. “Introjtu mill-imgħax — assi oħrajn” jinkludi ammonti ta' introjtu mill-imgħax mhux inklużi fl-entrati l-oħrajn. Din l-entrata tista' tinkludi introjtu mill-imgħax relatat ma' flus u bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti liberi oħrajn u assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ kif ukoll introjtu mill-imgħax nett minn assi ta' benefiċċju definit nett.

▼ M3

26. “Spejjeż tal-imgħax — obligazzjonijiet oħrajn” jinkludu ammonti ta' spejjeż tal-imgħax mhux inklużi fl-entrati l-oħrajn. Din l-entrata tista' tinkludi spejjeż tal-imgħax relatati ma' obligazzjonijiet inklużi fi gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, spejjeż minn żidiet fl-ammont riportat ta' provvediment li jirrifletti l-mogħdija taż-żmien jew l-ispejjeż tal-imgħax netti minn obligazzjonijiet netti ta' benefiċċju definit.
27. “Profitt jew telf minn assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx” jinkludi profitt jew telf iġġenerat minn assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ li ma jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma tkomplewx.
28. Introjtu mid-dividendi minn assi finanzjarji miżmuma għan-negozju u minn assi finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf ikunu rrappurtati jew bħala “introjtu mid-dividendi” b' mod separat minn qligħ jew telf ieħor minn dawn il-kategoriji jew inkella bħala parti mill-qligħ jew telf minn dawn il-kategoriji ta' strumenti. Introjtu ta' dividendi minn sussidjarji, assoċjati u impriżi konġunti li jaqgħu barra l-ambitu tal-konsolidazzjoni jiġi rrappurtat fis-“Sehem tal-profitt jew (-) telf ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati” u, skont l-IAS 28.10, l-ammont riportat tal-investment jiġi mnaqqas għal dak kontabilizzat taħt il-metodu tal-ekwità. Taħt l-IFRS, qligħ jew telf fuq id-dekontabilizzar ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati jiġi rrappurtat fis-“Sehem tal-profitt jew (-) telf ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati”.
29. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, indeboliment fuq “Assi finanzjarji skont il-kost” jinkludi telf minn indeboliment li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-indeboliment fl-IAS 39.66.
30. Għal “Qligħ jew (-) telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, nett” l-istruzzjonijiet jirrapurtaw il-bidliet fil-valur ġust fuq strumenti għall-iħħeġġjar u entrati iħħeġġjati, inkluż ir-riżultat tal-ineffettività minn ħeġġijiet tal-fluss tal-flus u minn ħeġġijiet ta' investment nett f'operazzjonijiet barranin.
3. IR-RAPPORT TAL-INTROJTU KOMPRESIV (3)
31. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, “Taxxa fuq l-introjtu relatata ma' entrati li mhumiex se jiġu rikklassifikati” u “Taxxa fuq l-introjtu relatata ma' entrati li jistgħu jiġu rikklassifikati għal profitt jew (-) telf” [IAS 1.91 (b), IG6] ikunu rrappurtati bħala partiti separati.
4. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TAL-ASSI FINANZJARJI SKONT L-ISTRUMENT U SKONT IS-SETTUR TAL-KONTROPARTI (4)
32. L-assi finanzjarji jiġu diżaggregati skont l-istrument u — meta jkun hemm bżonn — skont il-kontroparti.
33. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, strumenti ta' ekwità jkunu rrappurtati b'diżaggregazzjoni speċifika (“li minnhom”) biex jiġu identifikati strumenti mkejlin skont il-kost u setturi speċifiċi tal-kontropartijiet biss. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD,

▼ M3

strumenti ta' ekwità jkunu rrapportati b'diżaggregazzjoni speċifika (“li minnhom”) biex jiġu identifikati setturi tal-kontroparti mhux kwotati u speċifiċi biss.

34. Għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, l-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur ġust tal-assi indeboliti u l-assi mhux indeboliti b'mod rispettiv, u l-ammont kumulattiv tat-telf minn indeboliment fil-profitt jew it-telf fid-data tar-rappurtar. Is-somma tal-valur ġust tal-assi mhux indeboliti u l-valur ġust tal-assi indeboliti tkun l-ammont riportat ta' dawn l-assi.
 35. Skont l-IFRS jew GAAP Nazzjonali kompatibbli, għal assi finanzjarji klassifikati bħala “Selfiet u riċevibbli” jew bħala “Miżmumin sal-maturità”, ikun irrapportat l-ammont riportat gross ta' assi mhux indeboliti u ta' assi indeboliti. Il-provvedimenti jkunu diżaggregati skont “Provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji estimati b'mod individwali”, “Provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji estimati b'mod kollettivi” u “Provvedimenti kollettivi għal telf imġarrab iżda mhux irrapportat”. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, għal assi finanzjarji klassifikati bħala “assi finanzjarju nonderivattiv mhux tan-negozjar imkejjet b'metodu bbażat fuq il-kost”, ikun irrapportat l-ammont riportat gross ta' assi mhux indeboliti u ta' assi indeboliti.
 36. “Provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji stmati b'mod individwali” tinkludi ammont kumulattiv ta' indeboliment relatat ma' assi finanzjarji li ġew stmati b'mod individwali.
 37. “Provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji stmati b'mod kollettivi” jinkludu l-ammont kumulattiv ta' indeboliment kollettivi ikkalkolat fuq self insinifikanti li huwa indebolit fuq bażi individwali u li għalih l-istituzzjoni tiddeċiedi li tuża approċċ statistiku (bażi tal-portafoll). Dan l-approċċ ma jipprekludix it-tweġġ ta' evalwazzjoni tal-indeboliment individwali ta' self li huwa insinifikanti b'mod individwali u b'hekk ir-rappurtar tiegħu bħala provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji stmati b'mod individwali.
 38. “Provvedimenti kollettivi għal telf imġarrab iżda mhux irrapportat” tinkludi l-ammont kumulattiv ta' indeboliment kollettivi iddeterminat fuq assi finanzjarji li mhumex indeboliti fuq bażi individwali. Għal “provvedimenti għal telf imġarrab iżda mhux irrapportat”, jistgħu jiġu segwiti IAS 39.59(f), AG87 u AG90.
 39. Is-somma tal-assi mhux indeboliti u l-assi indeboliti netti mill-provvedimenti kollha tkun daqs l-ammont riportat.
 40. Il-Formola 4.5 tinkludi l-ammont riportat ta’ “Self u avvanzj” u “Titoli ta' dejn” li jissodisfaw id-definizzjoni ta' “dejn subordinat” fil-paragrafu 54 ta' din il-Parti.
5. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TAS-SELF U AVVANZI BIL-QUDDIEM SKONT IL-PRODOTT (5)
41. L-“ammont riportat” ta' self u avvanzj jkun irrapportat skont it-tip ta' prodott nett mill-provvedimenti dovuti minħabba indeboliment. Il-bilanċi riċevibbli fuq talba, ikklassifikati bħala “Flus, depożiti ta' flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn” jiġu wkoll irrapportati f'din il-formola b'mod indipendenti “mill-portafoll kontabilistiku” li jkunu inklużi fih, jiġu allokati għall-prodotti li ġejjin:

▼ M3

- (a) “fuq talba (sejħa) u avviżi ta' qasir żmien (kont kurrenti)” tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba (sejħa), u avviżi ta' qasir żmien, kontijiet kurrenti u bilanċi simili li jistgħu jinkludu self li huwa depożiti mil-lum għall-għada għall-mutwatarju, tkun xi tkun il-forma legali tagħhom. Tinkludi wkoll “overdrafts” li huma bilanċi tad-dejn fuq bilanċi tal-kont kurrenti;
- (b) “Dejn fuq il-karta tal-kreditu” jinkludi kreditu mogħti jew permezz ta' karti tad-debitu mdewwem jew permezz ta' karti tal-kreditu [Regolament tal-BĊE dwar il-BSI].
- (c) “Riċevibbli tan-negożju” jinkludi self lil debituri oħrajn mogħti fuq il-bażi ta' kambjala jew dokumenti oħrajn li jagħtu d-dritt li jiġi riċevut ir-rikavat ta' tranżazzjonijiet għall-bejgħ ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi. Din l-entrata tinkludi t-tranżazzjonijiet ta' fatturament kollha (kemm b'rikors kif ukoll mingħajr);
- (d) “Lokazzjonijiet finanzjarji” tinkludi l-ammont riportat ta' riċevibbli ta' lokazzjoni finanzjarja. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazżjonali kompatibbli, “riċevibbli ta' lokazzjoni finanzjarja” huma kif definiti fl-IAS 17;
- (e) “Self ta' retroriakkwist” jinkludi finanzjament mogħti bħala tpartit għal titoli mixtrijin skont ftehimiet ta' riakkwist jew mislufa skont ftehimiet ta' self ta' titoli;
- (f) “Self b'terminu ieħor” jinkludi bilanċi tad-dejn b'maturitajiet jew terimini fissi b'mod kuntrattwali li mhumiex inklużi f'entrati oħrajn;
- (g) “Avvanzi li mhumiex self” jinkludu avvanzi li ma jistgħux jiġu klassifikati bħala “self” skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI. Din l-entrata tinkludi, fost l-oħrajn, ammonti gross riċevibbli fir-rigward ta' entrati ta' sospiża (bħal fondi li qed jistennew investiment, trasferiment jew saldu) u entrati ta' tranżitu (bħal ċekkijiet u forom oħrajn ta' ħlas li ntbagħtu għall-ġbir);
- (h) “Self ipotekarju [Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli]” jinkludi self formalment iggarantit b'kollateral tal-proprjetà immobbli irrelevantement mill-proporzjon ta' self/kollateral tagħhom (imsejħin b'mod komuni “self-għall-valur”);
- (i) “Self kollateralizzat ieħor” inkluż self formalment iggarantit b'kollateral, irrelevantement mill-proporzjon ta' self/kollateral tagħhom (l-hekk imsejjaħ “self-għall-valur”), minbarra “Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli”, “Lokazzjonijiet finanzjarji” u “Self ta' retroriakkwist”. Dan il-kollateral jinkludi titoli mirhuna, flus u kollateral ieħor;
- (j) “Kreditu għall-konsum” tinkludi self mogħti l-iktar għall-konsum personali ta' prodotti u servizzi [Regolament tal-BĊE dwar il-BSI];

▼ M3

- (k) “Self għax-xiri ta' djar” jinkludi kreditu estiż għal unitajiet domestiċi għall-fini ta' investiment fi djar għall-użu personali u kiri, inkluż bini u restawrar [ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI];
- (l) “Self għall-finanzjament ta' proġetti” tinkludi self li huwa rkuprat biss mill-introjt tal-proġetti ffinanzjati minnu.
6. DIŻAGGREGAZZJONI TA' SELF U AVVANZI LIL KORPORAZZJONIJIET MHUX FINANZJARJI SKONT IL-KODIĊIJET NACE (6)
42. L-ammont riportat gross ta' self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji jiġi klassifikat skont is-settur tal-attivitajiet ekonomiċi billi jintużaw il-kodiċijiet fir-Regolament NACE (“Kodiċijiet NACE”) fuq il-bażi tal-attività prinċipali tal-kontroparti.
43. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrbin b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed issir skont il-paragrafu 36 tal-Parti 1.
44. Ir-rapportar ta' kodiċijiet NACE jsir bl-ewwel livell ta' diżaggregazzjoni (skont it-“taqsima”).
45. Għal strumenti tad-dejn b'kost amortizzat jew bil-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv, “Ammont riportat gross” tfisser l-ammont riportat eskluż “Indeboliment akkumulat”. Għal strumenti tad-dejn bil-valur ġust permezz tal-profitt u t-telf, “Ammont riportat gross” ifisser l-ammont riportat esklużi “Bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu”.
46. “Indeboliment akkumulat” ikun irrappurtat għal assi finanzjarji b'kost amortizzat jew bil-valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor. Ċifri ta' “bidliet akkumulati bil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu” jkunu rrappurtati għal assi finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-profitt jew tat-telf. “Indeboliment akkumulat” jinkludi provvedimenti speċifiċi għal assi finanzjarji stmati b'mod individwali u kollettiv kif definiti fil-paragrafi 36 u 37 kif ukoll “Provvedimenti kollettivi għal telf imġarrab iżda mhux irrappurtat” kif definit fil-paragrafu 38 iżda ma jinkludux ammonti ta' “Tħassir akkumulat” kif definit fil-paragrafu 49 ta' din il-Parti.
7. L-ASSI FINANZJARJI SOĠĠETTI GĦALL-INDEBOLIMENT LI HUMA SKADUTI JEW INDEBOLITI (7)
47. Strumenti tad-dejn li huma skaduti iżda mhux indeboliti fid-data ta' referenza tar-rapportar ikunu rrappurtati fil-portafolli tal-kontabilità soġġetti għal indeboliment. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazzjonali kompatibbli, dawn il-portafolli tal-kontabilità jinvolvu l-kategoriji “Disponibbli għall-bejgħ”, “Selfiet u riċevibbli”, u “Miżmumin sal-maturità”. Skont il-GAAP Nazzjonali abbażi tal-BAD, dawn il-portafolli tal-kontabilità jinvolvu wkoll “Strumenti tad-dejn mhux tan-negożjar imkejlin b'metodu bbażat fuq il-kost” u “Assi finanzjarji oħrajn mhux derivattivi u mhux tan-negożjar”.
48. L-assi li jikkwalifikaw bħala skaduti meta l-kontropartijiet ikunu naqsu milli jagħmlu pagament meta dan ikun dovut skont kuntratt. L-ammonti totali ta' tali assi jkunu rrappurtati u diżaggregati skont l-għadd ta' jiem mill-egdem skadenza ta' pagament parzjali. L-analiżi tal-iskadenza ma tinkludi l-ebda assi indeboliti. L-ammont riportat ta' assi finanzjarji indeboliti jkun irrappurtat b'mod separat mill-assi skaduti.

▼ M3

49. Il-kolonna “Tħassir akkumulat” tinkludi l-ammont kumulattiv ta' kapital u mgħax skadut ta' kwalunkwe strument tad-dejn li l-istituzzjoni ma għadhiex tirrikonoxxi għaliex jitqiesu li ma jistgħux jinġabru, irrelevanti mill-portafoll li kienu inklużi fih. Dawn l-ammonti jkunu rrapportati sakemm jiġu totalment eżawriti d-drittijiet kollha tal-istituzzjoni (sal-iskadenza tal-perjodu tal-preskrizzjoni, maħfra jew kawżi oħrajn) jew sal-irkupru.

50. “Tħassir” jista' jkun ikkaġunat kemm minn tnaqqis tal-ammont riportat tal-assi finanzjarji rikonoxxuti direttament fil-profitt jew it-telf kif ukoll mit-tnaqqis fl-ammonti tal-kontijiet ta' provvedimenti għat-telf ta' kreditu mġarrab kontra l-ammont riportat ta' assi finanzjarji.

8. ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI (8)

51. Peress li “Depożiti” huma definiti bl-istess mod bħal fir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI, id-depożiti tat-tfaddil irregolati jkunu klassifikati skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI u jitqassmu kif xieraq lill-kontroparti. B'mod partikolari, depożiti tat-tfaddil liberi mhux trasferibbli, li għad li jistgħu jinfedew b'mod legali fuq talba, huma soġġetti għal penali u restrizzjonijiet importanti u għandhom karatteristiċi li huma ferm qrib depożiti mil-lum għall-għada, u huma klassifikati bħala depożiti li jinfedew wara avvż.

52. “Titoli ta' dejn maħruġin” ikunu diżaggregati fit-tipi ta' prodotti li ġejjin:

(a) “Ċertifikati ta' depożitu” huma titoli li jippermettu lid-detenturi jipprelevaw fondi minn kont;

(b) “Titoli appoġġati b'assi” skont l-Artikolu 4(1)(61) tas-CRR;

(c) “Bonds koperti” skont l-Artikolu 129(1) tas-CRR;

(d) “Kuntratti ibridi” jinvolve kuntratti b'derivattivi inkorporati;

(e) “Titoli ta' dejn oħrajn maħruġin” jinkludu titoli ta' dejn mhux irreġistrati fil-linji ta' qabel u taġmel distinzjoni bejn strumenti konvertibbli u dawk mhux konvertibbli.

53. “L-Obbligazzjonijiet finanzjarji subordinati” maħruġin jiġu ttrattati b'mod identiku bħall-obbligazzjonijiet finanzjarji l-oħrajn imħallsa. Obbligazzjonijiet subordinati maħruġin fil-forma ta' titoli huma klassifikati bħala “Titoli ta' dejn maħruġin”, filwaqt li obbligazzjonijiet subordinati fil-forma ta' depożiti huma klassifikati bħala “Depożiti”.

54. Il-Formola 8.2 tinkludi l-ammont riportat ta' “Depożiti” u “Titoli ta' dejn maħruġin” li jissodisfaw id-definizzjoni ta' dejn subordinat ikklassifikat skont il-portafoll tal-kontabilità. Strumenti ta' “dejn subordinat” jipprovdu pretensjoni sussidjarja fuq l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew issodisfati l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla [Regolament tal-BĊE dwar il-BSI].

▼ **M3**

9. L-IMPENJI TA' SELF, IL-GARANZIJI FINANZJARJI U IMPENJI OĦRAJN (9)
55. Skoperturi barra l-karta bilanċjali jinkludu l-entrati barra l-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I tas-CRR. Skoperturi barra l-karta bilanċjali jkunu diżaggregati f'impenji ta' self mogħtija, garanziji finanzjarji mogħtija, u impenji oħrajn mogħtija.
56. Informazzjoni dwar impenji ta' self, garanziji finanzjarji, u impenji oħrajn mogħtija u riċevuti tinkludi kemm impenji revokabbli kif ukoll irrevokabbli.
57. “Impenji ta' self” huma impenji sodi biex jiġi pprovdut kreditu b'termini u kundizzjonijiet speċifikati minn qabel, ħlief dawk li huma derivattivi għaliex jistgħu jiġu saldati netti fi flus jew billi jiġi fornit jew jinħareġ strument finanzjarju ieħor. L-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR jiġu klassifikati bħala “Impenji ta' self”:
- (a) “Depożiti forward”.
- (b) “Faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevati” li jinkludu ftehimiet ta' “self” jew jipprovdu “faċilitajiet ta' aċċettazzjoni” b'termini u kundizzjonijiet speċifikati minn qabel.
58. “Garanziji finanzjarji” huma kuntratti li jeħtieġu li l-emittent jaġġmel pagamenti speċjali biex jirrimborża lura lid-detentur għal telf li jgħarrab, għaliex debitur speċifiku jonqos milli jaġġmel pagament meta jmissu skont it-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn. Skont l-IFRS jew GAAP Nazzjonali kompatibbli, dawn il-kuntratti jissodisfaw id-definizzjoni tal-IAS 39.9 u IFRS 4.A ta' kuntratti ta' garanzija finanzjarja. L-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR jiġu kklassifikati bħala “garanziji finanzjarji”:
- (a) “Garanziji bil-karattru ta' sostitut ta' kreditu”;
- (b) “Derivattivi ta' kreditu” li jissodisfaw id-definizzjoni ta' garanzija finanzjarja;
- (c) “Ittri ta' kreditu irrevokabbli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu”;
59. “Impenji oħrajn” jinkludu l-entrati li ġejjin tal-Anness I tas-CRR:
- (a) “Porzjon mhux imħallas tal-ishma u t-titoli mħallsa parzjalment”;
- (b) “Dokumenti ta' krediti maħruġa jew ikkonfermati”;
- (c) Entrati barra l-karta bilanċjali ta' finanzjament tan-negozju;
- (d) “Dokumenti ta' krediti li fihom konsenji sottostanti jaġixxu bħala kollateral u tranżazzjonijiet oħrajn awtolikwidanti”;

▼ M3

- (e) “Garanziji u indennizzi” (inklużi bonds tal-offerta u l-prestazzjoni) u “garanziji li ma għandhomx il-karattru ta' sostituti tal-kreditu”;
 - (f) “Garanziji marittimi, bonds doganali u fiskali”;
 - (g) Faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti (NIFs) u faċilitajiet ċirkolanti ta' sottoskrizzjonij (RUFs).
 - (h) “Faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud” li jinvolvu ftehimiet ta' “għoti b'self” jew forniment ta' “faċilitajiet ta' aċċettazzjoni” meta t-termini u l-kundizzjonijiet ma jkunux speċifikati minn qabel;
 - (i) “Faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud” li jinvolvu ftehimiet ta' “xiri ta' titoli” jew “forniment ta' garanziji”;
 - (j) “Faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud għal garanziji tal-offerti u l-prestazzjoni”;
 - (k) “Elementi oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ” fl-Anness I tas-CRR.
60. Skont l-IFRS jew GAAP Nazzjonali kompatibbli, l-entrati li għejjin huma rikonoxxuti fil-karta bilanċjali u, b'hekk, ma għandhomx jiġu rappurtati bħala skoperturi barra l-karta bilanċjali:
- (a) “Derivattivi ta' kreditu” li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanziji finanzjarji huma “derivattivi” skont IAS 39;
 - (b) “Aċċettazzjonijiet” huma obbligi minn istituzzjoni sabieħ mal-maturità jitħallas il-valur nominali ta' kambjala, normalment ikopri l-bejgħ tal-prodotti. Konsegwentement, huma kklassifikati bħala “riċevibbli tan-negożju” fuq il-karta bilanċjali;
 - (c) “Il-ġira tal-kambjala” li ma tissodisfax il-kriterji għad-dekontabilizzar skont IAS 39;
 - (d) “Tranżazzjonijiet b'rikors” li ma jissodisfawx il-kriterji għad-dekontabilizzar skont I-IAS 39;
 - (e) “Assi mixtrijin skont ftehimiet ta' xiri dirett forwards” huma “derivattivi” taħt IAS 39;
 - (f) “Ftehimiet ta' bejgħ u riakkwist ta' assi kif definiti fl-Artikolu 12 (3) u (5) tad-Direttiva 86/635/KEE”. F'dawn il-kuntratti, iċ-ċessjonarju għandu l-għażla, iżda mhux l-obbligu, li jrodd lura l-assi bi prezz maqbul minn qabel f'data speċifikata (jew li għad trid tiġi speċifikata). Għaldaqstant, dawn il-kuntratti jissodisfaw id-definizzjoni tad-derivattivi skont IAS 39.9.
61. “Li minnhom: inadempjenti” jinkludu l-ammont nominali ta' dawk l-impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn mogħtija, li ġarrbet il-kontroparti tagħhom fl-inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR.

▼ M3

62. Għal skoperturi barra l-karta bilanċjali, l-“Ammont nominali” huwa l-ammont li jirrappreżenta l-aħjar l-iskopertura massima tal-istituzzjoni għal riskju ta' kreditu bla ma jittieħed f'kunsiderazzjoni xi kollateral miżmum jew tisħiħ ieħor tal-kreditu. B'mod partikolari, għal garanziji finanzjarji mogħtija, l-ammont nominali huwa l-ammont massimu li l-entità jista' jkollha tħallas jekk il-garanzija tiġi eżerċitata. Għal impenji ta' self, l-ammont nominali huwa l-ammont mhux prelevat li l-istituzzjoni ħadet l-impenn li tagħti b'self. L-ammonti nominali huma l-valuri tal-iskoperturi qabel ma jiġu applikati l-fatturi ta' konverżjoni u t-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.
63. Fil-formola 9.2, għal impenji ta' self riċevuti, l-ammont nominali huwa l-ammont totali mhux prelevat li l-kontroparti impenjat li tislef lill-istituzzjoni. Għal impenji oħrajn riċevuti, l-ammont nominali huwa l-ammont totali impenjat mill-parti l-oħra fit-tranżazzjoni. Għal garanziji finanzjarji riċevuti, l-“ammont massimu tal-garanzija li jista' jiġi kkunsidrat” huwa l-ammont massimu li l-kontroparti jista' jkollha tħallas jekk il-garanzija tiġi eżerċitata. Meta garanzija finanzjarja riċevuta tkun inħarġet minn aktar minn garanti wieħed, l-ammont garantit jiġi riportat darba biss f'din il-formola; l-ammont garantit jiġi allokati lill-garanti li huwa l-aktar rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

10. ID-DERIVATTIVI (10 U 11)

64. L-ammont riportat u l-ammont nozzjonali tad-derivattivi miżmuma għan-negozjar u d-derivattivi miżmuma għal kontabilità għall-iħħeġġjar ikunu rrappurtati diżaggregati skont it-tip ta' riskju sottostanti, it-tip ta' suq (barra l-borża versus swieq regolati) u t-tip ta' prodott.
65. L-istituzzjonijiet jirrappurtaw id-derivattivi miżmuma għal kontabilità għall-iħħeġġjar diżaggregat skont it-tip ta' ħeġġjar.
66. Derivattivi inklużi fi strumenti ibridi li ġew separati mill-kuntratt ospitanti jkunu rrappurtati fil-Formoli 10 u 11 skont in-natura tad-derivattivi. L-ammont tal-kuntratt ospitanti mhuwiex inkluż f'dawn il-formoli. Madankollu, jekk l-istrument ibridu jitkejjel bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf, il-kuntratt sħiħ ikun inkluż fil-kategorija ta' strumenti miżmuma għan-negozju jew finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf (u, b'hekk, id-derivattivi inkorporati mhuwiex irrappurtati f'10 u 11).

10.1. Il-klassifikazzjoni tad-derivattivi skont it-tip ta' riskju

67. Id-derivattivi kollha jkunu klassifikati fil-kategoriji ta' riskju li ġejjin:
- (a) Ir-rata tal-imgħax: Id-derivattivi tar-rata tal-imgħax huma kuntratti relatati ma' strument finanzjarju li jġarrab l-imgħax li l-flussi ta' flus tiegħu huma ddeterminati b'kuntratt ta' rata tal-imgħax ta' referenza jew rata tal-imgħax oħra bħala għażla fuq kuntratt tal-futuri għax-xiri ta' kambjala tat-Teżor. Din il-kategorija hija limitata għal dawk in-negozjati fejn il-konsenji kollha jkunu skoperti għal rata tal-imgħax f'munita waħda biss. B'hekk, teskludi kuntratti li jinvolvu l-iskambju ta' iktar minn munita barranija waħda bħal swaps bejn il-muniti u għażliet ta' muniti, u kuntratti oħrajn li l-karatteristika tar-riskju predominanti tagħhom hija r-riskju tal-kambju, li għandhom ikunu rrappurtati bħala kuntratti ta' kambju. Kuntratti tar-rata tal-imgħax jinkludu ftehimiet ta' rati ta' mgħax forward, swaps bejn muniti differenti tar-rati tal-imgħax, futuri tar-rati tal-imgħax, għażliet tar-rati tal-imgħax (inklużi limiti massimi, minimi, collars u firxiet), swaps ta' tpartit tar-rati tal-imgħax u ċertifikati tar-rati tal-imgħax.

▼ M3

- (b) Ekwità: Derivattivi ta' ekwità huma kuntratti li għandhom redditu, jew sehem mir-redditu tagħhom, marbut mal-prezz ta' ekwità partikolari jew ma' indiċi ta' prezzijiet ta' ekwità.
- (c) Munita barranija u deheb: Dawn id-derivattivi jinkludu kuntratti li jinvolvu t-partit ta' muniti fis-suq forward u l-iskopertura għad-deheb. Għalhekk, ikopru forwards diretti, swaps tal-kambju, swaps ta' muniti (inklużi swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-valuti), futuri tal-munita, għażliet tal-munita, swaptions ta' t-partit tal-munita u ċertifikat tal-munita. Derivattivi tal-kambju jinkludu n-negożjati kollha li jinvolvu skopertura għal iktar minn munita waħda, kemm jekk frati tal-imgħax jew rati tal-kambju. Kuntratti tad-deheb jinkludu n-negożjati kollha li jinvolvu skopertura għal dik il-kommodità.
- (d) Kreditu: Derivattivi ta' kreditu huma kuntratti li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' garanziji finanzjarji u li fihom il-pagament ikun marbut primarjament ma' xi miżura ta' kredibbiltà kredizja ta' kreditu ta' referenza partikolari. Il-kuntratti jispeċifikaw t-partit ta' pagamenti li fihom tal-inqas waħda miż-żewġ konsenji hija determinata mill-eżekuzzjoni tal-kreditu ta' referenza. Il-pagamenti jistgħu jkunu skattati minn għadd ta' avvenimenti, inklużi inadempjenza, tniżżil fil-klassifikazzjoni jew bidla stipulata fil-firxa tal-kreditu tal-assi ta' referenza.
- (e) Komodità: Dawn id-derivattivi huma kuntratti li għandhom redditu, jew sehem mir-redditu tagħhom, marbut mal-prezz ta', jew ma' indiċi tal-prezzijiet ta', komodità bħal metall prezzjuż (minbarra deheb), żejt, injam jew prodotti agrikoli.
- (f) Oħrajn: Dawn id-derivattivi huma kwalunkwe kuntratt tad-derivattivi ieħor, li ma jinvolvi skopertura għal riskju tal-kambju, ir-rata tal-imgħax, tal-ekwità, tal-komodità jew ta' kreditu bħal derivattivi klimatiċi jew derivattivi tal-assigurazzjoni.
68. Meta derivattiv ikun influwenzat minn iktar minn tip wieħed ta' riskju sottostanti, l-istrument ikun allokat għall-iktar tip ta' riskju sensitiv. Għal derivattivi b'bosta skoperturi, f'każijiet ta' inċertezza, in-negożjati jkunu allokat i fl-ordni ta' preċedenza li ġejja:
- (a) Kommoditajiet: It-tranżazzjonijiet derivattivi kollha li jinvolvu skopertura għal komodità jew indiċi tal-komodità, kemm jekk jinvolvu skopertura konġunta jew le f'kommoditajiet u kwalunkwe kategorija ta' riskju oħra li tista' tinkludi kambju, rata tal-imgħax jew ekwità, ikunu rrapportati f'din il-kategorija.
- (b) Ekwitajiet: Bl-eċċezzjoni ta' kuntratti bi skopertura konġunta għal komoditajiet u ekwitajiet, li għandhom jiġu rrapportati bħala komoditajiet, it-tranżazzjonijiet derivattivi kollha b'rabta mal-prestazzjoni tal-ekwitajiet jew indiċijiet tal-ekwitajiet ikunu rrapportati fil-kategorija tal-ekwità. Negożjati tal-ekwità bi skopertura għal kambju jew rati tal-imgħax għandhom ikunu inklużi f'din il-kategorija.
- (c) Munita barranija u deheb: Din il-kategorija tinkludi t-tranżazzjonijiet derivattivi kollha (bl-eċċezzjoni ta' dawk diġà rrapportati fil-kategoriji tal-komodità jew tal-ekwità) bi skopertura għal iktar minn munita waħda, sew jekk tappartjeni għal strumenti finanzjarji li jġarrbu l-imgħax jew inkella rati tal-kambju.

▼ M3

10.2. L-ammonti li għandhom ikunu rrapportati għal derivattivi

69. L-“ammont riportat” għad-derivattivi kollha (iħħeġġjar jew negozjati) huwa l-valur ġust. Derivattivi b'valur ġust pożittiv (ogħla minn zero) huma “assi finanzjarji” u derivattivi b'valur ġust negattiv (taħt iż-zero) huma “obbligazzjonijiet finanzjarji”. L-“ammont riportat” ikun irrappurtat b'mod separat għal derivattivi b'valur ġust pożittiv (“assi finanzjarji”) u għal dawk b'valur ġust negattiv (“obbligazzjonijiet finanzjarji”). Fid-data ta' rikonoxximent inizjali, derivattiv ikun ikklassifikat bħala “assi finanzjarju” jew “obbligazzjoni finanzjarja” skont il-valur ġust inizjali tiegħu. Wara r-ikonoxximent inizjali, hekk kif il-valur ġust ta' derivattiv jitle' jew jinżel, it-termini tattpartit jistgħu jsiru jew favorevoli għall-istituzzjoni (u d-derivattiv ikun klassifikat bħala “assi finanzjarju”) jew mhux favorevoli (u d-derivattiv ikun klassifikat bħala “obbligazzjoni finanzjarja”).
70. L-“Ammont nozzjonali” huwa n-nominali gross tan-negozjati kollha konklużi u li għadhom mhumieq saldati fid-data ta' referenza. B'mod partikolari, dawn li ġejjin jitqiesu li jiddeterminaw l-ammont nozzjonali:
- (a) Għal kuntratti b'ammonti ta' kapital nominali jew nozzjonali varjabbli, il-bażi għar-rappurtar hija l-ammonti ta' kapital nominali jew nozzjonali fid-data ta' referenza;
 - (b) Il-valur tal-ammont nozzjonali li għandu jkun irrappurtat għal kuntratt tad-derivattivi b'komponent multiplikatur huwa l-ammont nozzjonali effettiv tal-kuntratt jew il-valur nominali;
 - (c) Tibdil: L-ammont nozzjonali ta' swap huwa l-ammont ta' kapital sottostanti li fuqu jkun ibbażat l-imgħax, il-kambju jew dħul jew infiq ieħor;
 - (d) Kuntratti marbutin ma' ekwità u komodità: L-ammont nozzjonali li għandu jkun irrappurtat għal kuntratt ta' ekwità jew komodità huwa l-kwantità tal-prodott tal-komodità jew ta' ekwità kuntrattat għax-xiri jew il-bejgħ multiplikat bil-prezz tal-kuntratt ta' unità. L-ammont nozzjonali li għandu jkun irrappurtat għal kuntratti ta' komodità b'iktar minn tpartita waħda tal-kapital huwa l-ammont kuntrattwali multiplikat bin-numru ta' tpartit li jifdal ta' prinċipal fil-kuntratt;
 - (e) Derivattivi tal-kreditu: L-ammont tal-kuntratt li għandu jkun irrappurtat għal derivattivi ta' kreditu huwa l-valur nominali tal-kreditu ta' referenza rilevanti;
 - (f) Għażliet diġitali għandhom gwadanji predefiniti li jistgħu jkunu jew ammont monetarju jew għadd ta' kuntratti ta' sottostanti. L-ammont nozzjonali għal għażliet diġitali huwa definit jew bħala l-ammont monetarju predefinit jew il-valur ġust tat-titolu sottostanti fid-data ta' referenza.
71. Il-kolonna “Ammont nozzjonali” tad-derivattivi tinkludi, għal kull partita, is-somma tal-ammonti nozzjonali tal-kuntratti kollha li fihom l-istituzzjoni hija kontroparti, b'mod indipedenti minn jekk id-derivattivi jitqisux assi jew obbligazzjonijiet fuq il-profil tal-karta bilanċjali. L-ammonti nozzjonali kollha jkunu rrapportati kemm jekk il-valur ġust tad-derivattivi huwa pożittiv, negattiv jew zero. Mhuwiex permess li jsir nettjar fost l-ammonti nozzjonali.

▼ **M3**

72. “L-ammont nozzjonali” jiġi rrapportat skont it-“total” u skont “li minnhom: mibjugħa” għall-partiti: “Għażliet OTC”, “Għażliet tas-suq regolat”, “Kommodità” u “Oħrajn”. L-entrata “li minnhom mibjugħin” tinkludi l-ammonti nozzjonali (prezz tal-eżerċitar) tal-kuntratti li fihom il-kontropartijiet (detenturi tal-għażliet) tal-istituzzjoni (bejjiegħa tal-għażla) għandhom id-dritt li jeżerċitaw l-għażla u għall-entrati relatati ma' derivattivi tar-riskju ta' kreditu, l-ammonti nozzjonali tal-kuntratti li fihom l-istituzzjoni (bejjiegħa ta' protezzjoni) biegħet (tagħti) protezzjoni lill-kontropartijiet tagħhom (xerrejja ta' protezzjoni).

10.3. Id-derivattivi klassifikati bħala “ħeġġijiet ekonomiċi”

73. Derivattivi li mhumiex strumenti effettivi għall-iħħeġġjar skont IAS 39 għandhom ikunu inklużi fil-portafoll ta' “miżmuma għan-negozju”. Dan japplika wkoll għal derivattivi miżmuma għal skopijiet ta' ħeġġjar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti f'IAS 39 sabiex ikunu strumenti effettivi għall-iħħeġġjar kif ukoll għal derivattivi marbutin ma' strumenti ta' ekwità mhux ikkwotati li l-valur ġust tagħhom ma jistax jitkejjel b'mod kredibbli.
74. Derivattivi “miżmuma għan-negozju” li jissodisfaw id-definizzjoni ta' “ħeġġijiet ekonomiċi” jkunu rrapportati b'mod separat għal kull tip ta' riskju. L-entrata “ħeġġijiet ekonomiċi” tinkludi dawk id-derivattivi li huma klassifikati bħala “miżmuma għan-negozju” iżda li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4(1)(86) tas-CRR. Din l-entrata ma tinkludix derivattivi għan-negozjar għan-nom proprju.

10.4. Id-diżaggregazzjoni tad-derivattivi skont is-settur tal-kontroparti

75. L-ammont riportat u l-ammont totali nozzjonali tad-derivattivi miżmuma għan-negozjar, u anki tad-derivattivi miżmuma għal kontabilità għall-iħħeġġjar, li huma nnegozjati fis-suq OTC, ikunu rrapportati mill-kontroparti billi jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

- (a) “istituzzjonijiet ta' kreditu”,
- (b) “korporazzjonijiet finanzjarji oħra”, u
- (c) “il-bqija” li tinkludi l-kontropartijiet kollha l-oħrajn.

76. Id-derivattivi OTC kollha, bla ma jitqies it-tip ta' riskju li huma relatati miegħu, ikunu diżaggregati skont dawn il-kontropartijiet. Id-diżaggregazzjoni tal-kontropartijiet għal derivattivi tar-riskju ta' kreditu tirreferi għas-settur fejn tinsab il-kontroparti tal-istituzzjoni fil-kuntratt (xerrejja jew bejjiegħa tal-protezzjoni).

11. IL-MOVIMENTI FIL-PROVVEDIMENTI GĦAL TELF U INDEBOLIMENT TA' KREDITU TA' STRUMENTI TA' EKWITÀ (12)

77. “Żidiet dovuti għal ammonti mwarrbin għal telf minn self smat matul il-perjodu” jkunu rrapportati meta, għall-kategorija ewlenija ta' assi jew il-kontroparti, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonossiment tal-ispejjeż netti; jiġifieri, għall-kategorija jew kontroparti inkwistjoni, iż-żidiet fl-indeboliment għall-perjodu jeċċedu t-tnaqqis. “Tnaqqis dovut għal ammonti mregġġhin lura għal telf minn self smat matul il-perjodu” jkunu rrapportati meta, għall-kategorija ewlenija ta' assi jew il-kontroparti, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonossiment tal-introjtu nett; jiġifieri għall-kategorija jew il-kontroparti inkwistjoni, it-tnaqqis tal-indeboliment għall-perjodu jeċċedi ż-żidiet.

▼ **M3**

78. Kif spjegat fil-paragrafu 50 ta' din il-Parti, “tħassir” jista' jsir jew birikonoxximent dirett fid-dikjarazzjoni tal-introjtu t-tnaqqis fl-ammont tal-assi finanzjarju (bla ma jintuża kont ta' provvediment) jew billi jitnaqqas l-ammont tal-kontijiet ta' provvediment relatat ma' assi finanzjarju. “Tnaqqis dovut għal ammonti meħudin kontra provvedimenti” tfisser tnaqqis fl-ammont akkumulat ta' provvedimenti dovuti għal “tħassir” li jsir matul il-perjodu għaliex l-istrumenti ta' dejn relatati jitqiesu li ma jistgħux jinġabru. “Aġġustamenti tal-valur irreġistrati direttament fir-rapport tal-introjtu” huma “tħassir” li jsir matul il-perjodu direttament kontra l-ammont tal-assi finanzjarju relatat.

12. IL-KOLLATERAL U L-GARANZIJI RIĊEVUTI (13)

12.1. **Id-diżaggregazzjoni ta' self u ta' pagamenti akkont bil-quddiem skont il-kollateral u garanziji (13.1)**

79. It-twegħid u l-garanziji li jappoġġaw is-self u l-avvanzi jiġu rrapportati skont it-tip ta' twegħid: is-self ipotekarju u self kollateralizzat ieħor, u permezz ta' garanziji finanzjarji. Is-self u l-avvanzi jkunu diżaggregati skont il-kontropartijiet.

80. Fil-Formola 13.1, ikun irrappurtat l-“ammont massimu tal-kollateral jew garanzija li jistgħu jiġu kkunsidrati”. Is-somma tal-ammonti ta' garanzija finanzjarja u/jew kollateral murija fil-kolonni relatati tal-formola 13.1 ma taqbiżx l-ammont riportat tas-self relatat.

81. Għar-rappurtar ta' self u pagamenti akkont bil-quddiem skont it-tip ta' rahan, jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) taħt “Self ipotekarju [Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli]”, “Residenzjali” tinkludi self garantit minn proprjetà immobbli residenzjali u self “Kummerċjali” garantit minn twegħid ta' proprjetà immobbli kummerċjali; fiż-żewġ każijiet kif definit fis-CRR;

(b) taħt “Self kollateralizzat ieħor”, “Flus [Strumenti tad-dejn maħruġin]” jinkludu rhuna ta' depożiti fl-istituzzjoni jew titoli ta' dejn maħruġin minnha, u “il-Bqija” tinkludi rhuna ta' titoli jew assi oħra. It-terminu istituzzjoni jrid jinftehem hawnhekk bħala referenza għall-istituzzjoni li tipprovdi l-istrument ta' dejn li għandu jintuża bħala kollateral (li fil-fatt tipprovdi) u li tirċievi s-self u l-avvanz; mhux għall-istituzzjoni ta' rapportar, li hija dik li tirċievi l-kollateral u l-għotjiet u l-avvanz;

(c) “Garanziji finanzjarji riċevuti” tinkludi kuntratti li jeħtieġu li l-emittent jagħmel pagamenti speċifikati biex irodd lura lill-istituzzjoni telf li ġarrab, minħabba li debitur speċifikat jonqos milli jagħmel pagament meta jkun dovut skont it-termini oriġinali jew modifikati ta' strument ta' dejn.

82. Għal self u pagamenti akkont bil-quddiem li għandhom fl-istess ħin iktar minn tip wieħed ta' kollateral jew garanzija, l-ammont tal-“Kollateral/garanzija massimi li jistgħu jiġu kkunsidrati” jkun allokat skont il-kwalità tiegħu billi jitqiegħdu l-ewwel dawk tal-aqwa kwalità.

12.2. **Il-kollateral miksub bit-teħid f'pussess matul il-perjodu [miżmum fid-data ta' rappurtar] (13.2)**

83. Din il-formola tinkludi l-ammont riportat tal-kollateral li nkiseb bejn il-bidu u tmiem il-perjodu ta' referenza u li jkun għadu rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza.

▼ **M3**

- 12.3. **Il-kollateral miksub bit-teħid f'pussess [assi tanġibbli] akkumulat (13.3)**
84. “Preklużjoni [assi tanġibbli]” hija l-ammont kumulattiv riportat ta' assi tanġibbli miksubin billi jittieħed f'pussess kollateral li jkun għadu rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza esklużi dawk ikklassifikati bħala “Proprietà, impjant u tagħmir”.
13. **ĠERARKIJA TAL-VALUR ĠUST: L-ISTRUMENTI FINANZJARJI BIL-VALUR ĠUST (14)**
85. L-istituzzjonijiet jirrapportaw il-valur ta' strumenti finanzjarji mkejlin bil-valur ġust skont il-ġerarkija pprovduta f'IFRS 13.72.
86. “Bidla fil-valur ġust għall-perjodu” tinkludi qligħ jew telf minn kejl mill-ġdid fil-perjodu tal-istrumenti li jkomplu jeżistu fid-data tar-rappurtar. Dawn il-qligħ u t-telf huma rrapportati għall-inklużjoni fir-rapport dwar l-introjt; għaldaqstant, l-ammonti rrapportati jkunu ta' qabel it-taxxi.
87. “Bidla akkumulata fil-valur ġust qabel it-taxxi” tinkludi l-ammont ta' qligħ jew telf minn kejl mill-ġdid tal-istrumenti akkumulati mir-rikonoxximent inizjali sad-data ta' referenza.
14. **ID-DEKONTABILIZZAR U L-OBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI ASSOĊJATI MA' ASSI FINANZJARJI TTRASFERITI (15)**
88. Il-Formola 15 tinkludi informazzjoni dwar assi finanzjarji trasferiti li parti minnhom jew kollha kemm huma ma jikkwalifikawx għad-dekontabilizzar, u assi finanzjarji b'rikonoxximent irtirat kompletament li għalihom l-istituzzjoni żżomm id-drittijiet ta' servizzjar.
89. L-obbligazzjonijiet assoċjati jkunu rrapportati skont il-portafoll li fih kienu inklużi l-assi finanzjarji trasferiti relatati fin-naħa tal-assi u mhux skont il-portafoll li fih kienu inklużi fin-naħa tal-obbligazzjonijiet.
90. Il-kolonna “Ammonti b'rikonoxximent irtirat għal skopijiet kapitali” tinkludi l-ammont riportat tal-assi finanzjarji rikonoxxuti għal skopijiet kontabilistiċi iżda b'rikonoxximent irtirat għal skopijiet prudenzjali għaliex l-istituzzjoni qed tittrattahom bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għal skopijiet kapitali b'konformità mal-Artikolu 109 tas-CRR, minħabba li r-riskju ta' kreditu ġie trasferit skont l-Artikoli 243 u 244 tas-CRR.
91. “Ftehimiet ta' riakkwist” (“repos”) huma tranżazzjonijiet li fihom l-istituzzjoni tirċievi flus bi tpartit għal assi finanzjarji mibjugħa bi prezz partikolari b'impenn ta' riakkwist tal-istess assi (jew identiċi) bi prezz fiss f'data speċifika fil-ġejjieni. Tranżazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral fi flus għandhom jitqiesu ukoll bħala “Ftehimiet ta' riakkwist” (“repos”). L-ammonti riċevuti mill-istituzzjoni bi tpartit għal assi finanzjarji trasferiti lil parti terza (“akkwired temporanju”) ikunu klassifikati taħt “ftehimiet ta' riakkwist” meta jkun hemm impenn biex titreġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċement għażla biex isir hekk. Ftehimiet ta' riakkwist jinkludu wkoll operazzjonijiet tat-tip repo li jistgħu jinkludu:

▼ **M3**

- (a) Ammonti riċevuti bi tpartit għal titoli trasferiti b'mod temporanju lil parti terza fil-forma ta' titoli mogħtija b'self kontra kollateral fi flus;
- (b) Ammonti riċevuti bħala tpartit għal titoli trasferiti b'mod temporanju lil parti terza fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/xiri lura.
92. “Ftehimiet ta' riakkwist” (“repos”) u “self ta' retroriakkwist” (“retro-repos”) jinvolvu flus riċevuti jew mogħtija b'self mill-istituzzjoni.
93. Fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni, meta l-assi finanzjarji ttrasferiti jiġu dekontabilizzati, l-istituzzjonijiet jiddikjaraw il-qliġh (telf) iġġenerat mill-entrata fir-rapport tal-introjtu li jikkorrispondi għall-“portafolli tal-kontabilità” li fihom kienu inklużi l-assi finanzjarji qabel id-dekontabilizzar tagħhom.
15. **ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' ENTRATI SPEĊIFIĊI FIR-RAPPORT TAL-INTROJTU (16)**
94. Għal entrati magħżulin tar-rapport tal-introjtu jkunu rrapportati diżaggregazzjonijiet ulterjuri tal-qliġh (jew introjtu) u t-telf (jew spejjeż).
- 15.1. **L-introjtu mill-imgħax u spejjeż skont l-istrument u s-settur tal-kontroparti (16.1)**
95. L-imgħaxijiet ikunu diżaggregati kemm skont l-introjtu mill-imgħax fuq assi finanzjarji u assi oħrajn kif ukoll spejjeż tal-imgħax fuq obligazzjonijiet finanzjarji u oħrajn. L-introjtu mill-imgħax fuq assi finanzjarji jinkludi introjtu mill-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozju, titoli ta' dejn, u self u pagamenti akkont bil-quddiem. L-ispejjeż tal-imgħax fuq obligazzjonijiet finanzjarji jinkludu spejjeż tal-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozju, depożiti, titoli ta' dejn maħruġa u obligazzjonijiet finanzjarji oħrajn. Għall-iskop tal-formola 16.1, pożizzjonijiet qosra jiġu kkunsidrati f'obligazzjonijiet finanzjarji oħrajn. L-istrumenti kollha fil-portafolli varji jittieħdu f'kunsiderazzjoni h'ief dawk inklużi fl-entrati “Derivattivi — Kontabilità għall-iħħeġġjar” mhux użati għall-iħħeġġjar tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.
96. L-imgħax fuq derivattivi miżmuma għan-negozju jinkludi l-ammonti relatati ma' dawk id-derivattivi miżmuma għan-negozju li jikkwalifikaw bħala “ħeġġijiet ekonomiċi” li huma inklużi bħala introjtu jew spejjeż tal-imgħax biex jiġu korretti l-introjtu u l-ispiża tal-istrumenti finanzjarji għall-iħħeġġjar minn perspettiva ekonomika iżda mhux kontabilistika.
- 15.2. **Il-qliġh jew it-telf fuq id-dekontabilizzar tal-assi u obligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla b'valur ġust permezz tal-proffitt jew it-telf skont l-istrument (16.2)**
97. Il-qliġh u t-telf fuq id-dekontabilizzar tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-proffitt jew it-telf ikunu diżaggregati skont it-tip ta' strument finanzjarju u skont il-portafoll kontabilistiku. Għal kull entrata, ikun irrapportat il-qliġh jew telf realizzat nett li ġej mit-tranżazzjoni dekontabilizzata. L-ammont nett jirrappreżenta d-differenza bejn il-qliġh u t-telf realizzat.
- 15.3. **Il-qliġh jew it-telf fuq assi finanzjarji u obligazzjonijiet miżmuma għan-negozju skont l-istrument (16.3)**
98. Il-qliġh u t-telf fuq assi finanzjarji u obligazzjonijiet miżmuma għan-negozju ikunu diżaggregati skont it-tip ta' strument; kull entrata tad-diżaggregazzjoni tkun l-ammont nett realizzat kif ukoll mhux realizzat (il-qliġh nieqes it-telf) tal-istrument finanzjarju.

▼ **M3****15.4. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozju skont ir-riskju (16.4)**

99. Il-qligħ u t-telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju jkunu wkoll diżaggregati skont it-tip ta' riskju; kull entrata tad-diżaggregazzjoni tkun l-ammont nett realizzat kif ukoll mhux realizzat (il-qligħ nieqes it-telf) tar-riskju sottostanti (ir-rata tal-imgħax, l-ekwità, il-munita barranija, il-kreditu, tal-komoditajiet u oħrajn) assoċjat mal-iskopertura, inklużi d-derivattivi relatati. Il-qligħ u t-telf minn differenzi tal-kambju jkunu inklużi fl-entrata li fiha huma inklużi l-bqija tal-qligħ u t-telf li ġej mill-istrument konvertit. Il-qligħ u t-telf fuq assi u obbligazzjonijiet minbarra derivattivi jkunu inklużi kif ġej:

- (a) Strumenti tar-rata tal-imgħax: inkluż in-negozjar ta' self u avvanzi, depożiti u titoli ta' dejn (miżmuma jew maħruġin);
- (b) Strumenti ta' ekwità: strumneti ta' ekwità: inkluż in-negozjar ta' ishma, kwoti ta' UCITS u strumenti oħrajn ta' ekwità;
- (c) Riskji tal-munita barranija: inkluż in-negozjar esklussiv fil-munita barranija;
- (d) Strumenti tar-riskju ta' kreditu: inkluż in-negozjar ta' noti marbutin mal-kreditu;
- (e) Kommoditajiet: din l-entrata tinkludi biss derivattivi, għaliex il-komoditajiet miżmumin bi skop ta' negozjar jkunu rrapportati taħt "Assi oħrajn" u mhux taħt "Assi finanzjarji miżmuma għan-negozju".
- (f) Oħrajn: inkluż in-negozjar ta' strumenti finanzjarji li ma jistgħux ikunu klassifikati f'diżaggregazzjonijiet oħrajn.

15.5. Il-qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust għall-profitt jew telf skont l-istrument (16.5)

100. Il-qligħ u t-telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf ikunu diżaggregati skont it-tip ta' strument. L-istituzzjonijiet jirrapportaw in-nett irrealizzat u mhux irrealizzat kif ukoll l-ammont ta' bidla fil-valur ġust fil-perjodu minħabba l-bidliet fir-riskju ta' kreditu (riskju ta' kreditu proprju tal-mutwatarju jew l-emittent).

15.6. Il-qligħ jew telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar (16.6)

101. Il-qligħ u t-telf mill-kontabilità għall-iħħeġġjar ikunu diżaggregati skont it-tip ta' kontabilità għall-iħħeġġjar: ħeġġ fuq il-valur ġust, ħeġġ tal-flussi tal-flus u ħeġġijiet ta' investimenti netti f'operazzjonijiet barranin. Il-qligħ u t-telf relatati ma' ħeġġ fuq il-valur ġust ikunu diżaggregati bejn l-istrument għall-iħħeġġjar u l-element iħħeġġjat.

15.7. L-indeboliment fuq assi finanzjarji u mhux finanzjarji (16.7)

102. "Żidiet" ikunu rrapportati meta, għall-portafoll tal-kontabilità jew il-kategorija ewlenija ta' assi, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonnoxximent ta' spejjeż netti. "Treġġigħ lura" jkun irrapportat meta, għall-portafoll tal-kontabilità jew il-kategorija ewlenija ta' assi, l-istima tal-indeboliment għall-perjodu tirriżulta fir-rikonnoxximent tal-introjtu nett.

▼ M3

16. IR-RIKONĊILJAZZJONI BEJN IL-KONTABILITÀ U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA' KONSOLIDAZZJONI TAS-CRR (17)
103. “Il-kamp ta' applikazzjoni kontabilistiku ta' konsolidazzjoni” jinkludi l-ammont riportat ta' assi, obbligazzjonijiet u ekwità kif ukoll l-ammonti nominali tal-iskoperturi barra l-karta bilanċjali mħejjija billi jintuża l-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni tal-kontabilità; jiġifieri jiġu inklużi fil-konsolidazzjoni l-impriżi tal-assigurazzjoni u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji.
104. F'din il-formola, l-entrata “Investimenti fsussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati” ma tinkludix is-sussidjarji peress li bil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni tal-kontabilità s-sussidjarji kollha huma kompletament ikkonsolidati
105. “Assi b'kuntratti ta' riassigurazzjoni u assigurazzjoni” tinkludi assi b'riassigurazzjoni ċeduti kif ukoll, jekk ikun hemm, assi relatati ma' kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni maħruġin.
106. “Obbligazzjonijiet b'kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni” tinkludi obbligazzjonijiet b'kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni maħruġin.
17. ID-DIŻAGGREGAZZJONI ĠEOGRAFIKA (20)
107. Il-Formola 20 ikun irrappurtat meta l-istituzzjoni taqbeż il-limitu deskritt fl-Artikolu 5.1(a)(iv). Id-diżaggregazzjoni ġeografika skont il-post tal-attivitajiet fil-Formoli minn 20.1 sa 20.3 taqbeż distinzjoni bejn “attivitajiet domestiċi” u “mhux domestiċi”. “Post” tfisser il-ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni tal-entità ġuridika li rrikonossiet l-assi jew l-obbligazzjoni korrispondenti; għall-fergħat, tfisser il-ġurisdizzjoni tar-residenza tagħha. Għal dawn l-iskopijiet, “Domestiċi” tinkludi l-attivitajiet rikonossuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni.
108. Il-Formoli minn 20.4 sa 20.7 fihom informazzjoni “pajjiż b'pajjiż” fuq il-bażi tar-residenza tal-kontroparti immedjata. Id-diżaggregazzjoni pprovduta tinkludi skoperturi jew obbligazzjonijiet b'residenti f'kull pajjiż barrani li fih l-istituzzjoni għandha skoperturi. Skoperturi jew obbligazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet supranazzjonali ma jiġux assenjati lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni iżda għaż-żona ġeografika “Pajjiżi oħra”.
109. Fil-formola 20.4 għal strumenti tad-dejn, “ammont riportat gross” ikun irrappurtat kif definit fil-paragrafu 45 tal-Parti 2. Għal derivattivi u strumenti ta' ekwità, l-ammont li għandu jiġi rrappurtat huwa l-ammont riportat. “Li minnhom: Self u avvanzi improduttivi” jiġu rrappurtat kif definit fil-paragrafi 145 sa 157 ta' dan l-Anness. “Trażżin ta' dejn” tinkludi kull kuntratt ta' dejn għall-iskop tal-formola 19 li għalihom miżuri ta' trażżin, kif definit fil-punti 163 sa 179 ta' dan l-Anness, huma estenzi. Il-Formola 20.7 tkun irrappurtata bil-klassifikazzjoni skont il-Kodiċijiet NACE abbażi ta' “pajjiż b'pajjiż”. Il-Kodiċijiet NACE jkunu rrappurtati bl-ewwel livell ta' diżaggregazzjoni (skont it-“taqsima”).
18. ASSI TANĠIBBLI U INTANĠIBBLI: ASSI SOĠĠETTI GĦAL LOKAZZJONI OPERATORJA (21)
110. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu fl-Artikolu 9(e) l-assi tanġibbli li ngħataw b'lokazzjoni mill-istituzzjoni (lokatur) lil partijiet terzi fi ftehimiet li jikkwalifikaw bħala lokazzjonijiet operatorji skont il-qafas kontabilistiku rilevanti jinqasmu bit-total tal-assi tanġibbli.

▼ M3

111. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazżjonali kompatibbli, l-assi li ġew lokati mill-istituzzjonijiet (bħala lokatur) lil partijiet terzi f'lokazzjonijiet operatorji jkunu rrapportati diżaggregati skont il-metodu ta' kejl.
19. L-IMMANIĠĠGAR TAL-ASSI, IL-KUSTODJA U FUNZJONIJIET OĦRA TA' SERVIZZ (22)
112. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu fl-Artikolu 9(f), l-ammont ta' "introjtu nett minn tariffi u kummissjonijiet" huwa l-valur assolut tad-differenza bejn "introjtu minn tariffi u kummissjonijiet" u "spejjeż tat-tariffi u kummissjonijiet". Għall-istess skopijiet, l-ammont ta' "imgħax nett" huwa l-valur assolut tad-differenza bejn "introjtu mill-imgħax" u "spejjeż tal-imgħax".
- 19.1. **L-introjtu u l-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjonijiet skont l-attività (22.1)**
113. L-introjtu u l-ispejjeż tat-tariffi u l-kummissjonijiet ikunu rrapportati skont it-tip ta' attività. Skont l-IFRS jew il-GAAP Nazżjonali kompatibbli, din il-formola tinkludi l-introjtu u l-ispejjeż tat-tariffi u l-kummissjonijiet ħliet:
- (a) ammonti kkunsidrati għall-kalkolu tal-imgħax effettiv tal-istrumenti finanzjarji [IFRS 7.20.(c)] u
- (b) ammonti li ġejjin minn strumenti finanzjarji li jitkejlu bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf [IFRS 7.20.(c).(i)].
114. Il-kostijiet ta' tranżazzjoni attribwibbli direttament għall-akkwist jew għall-ħruġ ta' strumenti finanzjarji mhux imkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf ma jiġux inklużi; dawn jiffurmaw parti mill-valur tal-akkwist/ħruġ inizjali ta' dawn l-istrumenti, u huma ammortizzati bħala profitt jew telf tul il-ħajja residwali tagħhom billi tintuża r-rata effettiva tal-imgħax [ara IAS 39.43].
115. L-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet direttament attribwibbli għall-akkwiżizzjoni jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji mkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf ikunu inklużi bħala parti minn "Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet miżmuma għan-negozju, netti" jew "Qligħ jew telf fuq assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf, netti". Ma jkunux parti mill-valur inizjali tal-akkwiżizzjoni jew ħruġ ta' dawn l-istrumenti u huma rikonoxxuti minnufih fil-profitt jew it-telf.
116. L-istituzzjonijiet jirrapportaw introjtu u spejjeż tat-tariffi u l-kummissjonijiet skont il-kriterji li ġejjin:
- (a) "Titoli. Ħarġiet" tinkludi tariffi u kummissjonijiet riċevuti għall-involvement fl-oġġinazzjoni jew il-ħruġ ta' titoli mhux oġġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;
- (b) "Titoli. Ordnijiet ta' trasferiment" tinkludi tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mir-riċevuta, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni fisem il-klijenti ta' ordnijiet għax-xiri jew bejgħ ta' titoli;
- (c) "Titoli. Oħrajn" tinkludi tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjonijiet li jipprovdu servizzi oħrajn relatati ma' titoli mhux oġġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;

▼ M3

- (d) “Ikklerjar u saldu” tinkludi introjtu (spejjeż) minn tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlubin lilha) meta tieħu sehem f'faċilitajiet tal-kontroparti, tal-ikklerjar u tas-saldu;
- (e) “Immaniġġar tal-assi”, “Kustodja”, “Servizzi amministrattivi ċentrali għal intrapriżi ta' investiment kollettiv”, “Tranżazzjonijiet fiduċjarji”, “Servizzi ta' pagament” jinkludu introjtu (spejjeż) minn tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlubin lilha) meta tipprovdi dawn is-servizzi;
- (f) “Finanzjament strutturat” tinkludi tariffi u kummissjonijiet riċevuti għall-involvement fl-oriġinazzjoni jew il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji minbarra titoli oriġinati jew maħruġin mill-istituzzjoni;
- (g) “Tariffi tas-servizzjar minn attivitajiet ta' titolizzazzjoni” tinkludi, min-naħa tad-dħul, id-dħul minn tariffi u kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoni li tipprovdi servizzi ta' servizzjar tas-self u min-naħa tal-ispejjeż, l-ispiża tat-tariffi u l-kummissjonijiet mitluba lill-istituzzjoni mill-fornituri ta' servizzjar tas-self;
- (h) “Impenji ta' self mogħtija” u “Garanziji finanzjarji mogħtija” jinkludu l-ammont, rikonoxxut bħala introjtu matul il-perjodu, tal-amortizzazzjoni tat-tariffi u l-kummissjoni għal dawn l-attivitajiet inizzjalment rikonoxxuti bħala “obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn”;
- (i) “Impenji ta' self riċevuti” u “Garanziji finanzjarji riċevuti” jinkludu l-ispiża tat-tariffi u l-kummissjonijiet rikonoxxuta mill-istituzzjoni bħala konsegwenza tal-imposta li saret mill-kontroparti li tat l-impenn ta' self jew il-garanzija finanzjarja;
- (j) “Oħrajn” tinkludi l-bqija tal-introjtu (spejjeż) mit-tariffi u l-kummissjonijiet iġġenerati mill-istituzzjoni (mitlub lilha) bħal dawk derivati minn “impenji oħrajn”, minn servizzi tal-kambju (bħall-kambju ta' karti tal-flus jew muniti barranin) u mill-forniment (riċevuta) ta' pariri u servizzi oħrajn ibbażati fuq tariffi.

19.2. L-assi involuti fis-servizzi pprovduti (22.2)

117. Operat relatat mal-immaniġġar tal-assi, funzjonijiet ta' kustodja, u servizzi oħrajn ipprovduti mill-istituzzjoni jkun irrappurtat billi jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) “Immaniġġar ta' assi” tirreferi għal assi li jappartjenu direttament għall-klijenti, li għalihom l-istituzzjoni qed tipprovdi l-immaniġġar. “L-immaniġġar ta' assi” jiġi rrapportat skont it-tip ta' klijent: impriżi ta' investiment kollettiv, fondi tal-pensjoni, portafolli tal-klijenti ġestiti fuq bażi diskrezzjonali, u strumenti oħra ta' investiment;
 - (b) “L-assi ta' kustodja” tirreferi għas-servizzi ta' salvagwardja u amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji għan-nom tal-klijenti pprovduti mill-istituzzjoni u għas-servizzi relatati mal-kustodja bħall-immaniġġar ta' flus u ta' kollateral. “L-assi ta' kustodja” jkunu rrapportati skont it-tip ta' klijenti li għalihom l-istituzzjoni qed iżżomm l-assi, b'distinzzjoni bejn intrapriżi għall-investiment

▼ M3

kollettiv u oħrajn. L-entrata “li minnhom: fdati f’idejn entitajiet oħra” tirreferi għall-ammont ta’ assi inkluż fl-assi ta’ kustodja li għalihom l-istituzzjoni tat il-kustodja effettiva lil entitajiet oħrajn;

- (c) “Servizzi amministrattivi ċentrali għall-investment kollettiv” tirreferi għas-servizzi amministrattivi pprovduti mill-istituzzjoni lil intrapriżi għal investment kollettiv. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, is-servizzi tal-aġent tat-trasferiment; tal-kompilazzjoni ta’ dokumenti tal-kontabilità; tat-tnejjija ta’ prospett, rapporti finanzjarji u d-dokumenti l-oħra kollha maħsuba għall-investituri; tat-twettiq tal-korrispondenza permezz ta’ distribuzzjoni ta’ rapporti finanzjarji u d-dokumenti l-oħra kollha maħsuba għall-investituri; tat-twettiq ta’ konsenji u tifdijiet u ż-żamma tar-reġistru tal-investituri; kif ukoll tal-kalkolu tal-valur nett tal-assi;
- (d) “Tranżazzjonijiet fiduċjarji” tirreferi għall-attivitajiet meta l-istituzzjoni taġixxi f’isimha stess iżda għan-nom u bir-riskju tal-klijenti tagħha. Spiss, fi tranżazzjonijiet fiduċjarji, l-istituzzjoni tipprovdni servizzi, bħal servizzi ta’ mmaniġġar tal-assi ta’ kustodja lil entità strutturata jew portafolli tal-immaniġġar fuq bażi diskrezzjonarja. It-tranżazzjonijiet fiduċjarji kollha jkunu rrapportati b’mod esklussiv f’din l-entrata bla ma jiġi kkunsidrat jekk l-istituzzjoni tipprovdix servizzi addizzjonali oħrajn;
- (e) “Servizzi ta’ pagament” tirreferi għall-ġbir f’isem il-klijenti ta’ pagamenti ġġenerati mill-istrumenti ta’ dejn li la huma rikonoxxuti fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni u lanqas ma oriġinaw minnha;
- (f) “Riżorsi tal-klijenti mqassmin iżda mhux immaniġġati” tirreferi għal prodotti maħruġin minn entitajiet barra l-grupp li l-istituzzjoni qassmet lill-klijenti attwali tagħha. Din l-entrata tkun irrapportata skont it-tip ta’ prodott;
- (g) L-“ammont tal-assi involuti fis-servizzi pprovduti” tinkludi l-ammont ta’ assi li fir-rigward tagħhom qed taġixxi l-istituzzjoni, billi jintuża l-valur ġust. Bażijiet ta’ kejl oħrajn inkluż valur nominali jistgħu jintużaw jekk ma jkunx disponibbli l-valur ġust. F’dawk il-każijiet li fihom l-istituzzjoni tipprovdni servizzi lil entitajiet, bħal ma huma l-intrapriżi għal investment kollettiv, il-fondi tal-pensjonijiet, l-assi kkonċernati jistgħu jintwerew bil-valur li bih dawn l-entitajiet jirrapportaw l-assi fil-karta bilanċjali tagħhom stess. L-ammonti rrapportati jinkludu l-imgħax dovut, jekk xieraq.

20. L-IMGĦAXIJIET F’ENTITAJIET STRUTTURATI MHUX IKKONSOLIDATI (30)

118. “Appoġġ ta’ likwidità prelevat” tfisser is-somma tal-ammont riportat tas-self u tal-pagamenti akkont bil-quddiem mogħtija lil entitajiet strutturati mhux konsolidati u l-ammont riportat ta’ titoli ta’ dejn miżmuma li nħarġu minn entitajiet strukturati mhux konsolidati.

21. PARTIJIET RELATATI (31)

119. L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-ammonti u/jew it-tranżazzjonijiet relatati mal-karta bilanċjali u l-iskoperturi barra l-karta bilanċjali meta l-kontroparti tkun parti relatata.

▼ **M3**

120. Tranżazzjonijiet intragrupp u bilanċi pendenti intragrupp ikunu eliminati. Taħt “Sussidjarji u entitajiet oħrajn tal-istess grupp”, l-istituzzjonijiet jinkludu bilanċi u tranżazzjonijiet ma' sussidjari li ma' ġewx eliminati jew għaliex is-sussidjarji mhumiex ikkonsolidati bis-sħiħ bl-ambitu ta' konsolidazzjoni jew għaliex, b'konformità mal-Artikolu 19 tas-CRR, is-sussidjarji huma esklużi mill-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali għaliex huma immaterjali jew għaliex, għall-istituzzjonijiet huma parti minn grupp ikbar, is-sussidjarji huma tal-kumpanija prinċipali finali mhux tal-istituzzjoni. Taħt “Assoċjati u impriżi konġunti”, l-istituzzjonijiet jinkludu l-porzjonijiet tal-bilanċi u t-tranżazzjonijiet ma' impriżi konġunti u assoċjati tal-grupp li l-entità tappartjeni fihom li ma' ġewx eliminati meta jkun applikat jew il-metodu ta' konsolidazzjoni proporzjonali jew tal-ekwiżità.

21.1. Partijiet relatati: ammonti pagabbli lil u ammonti riċevibbli minn (31.1)

121. Għal “Impenji ta' self, garanziji finanzjarji u impenji oħrajn riċevuti”, l-ammont li jkun irrappurtat huwa s-somma tan-“nominal” tal-impenji tas-self riċevuti, il-“kollateral/garanziji massimi li jistgħu jiġu kkunsidrati” tal-garanziji finanzjarji riċevuti u n-“nominal” tal-impenji l-oħrajn riċevuti.

21.2. Partijiet relatati: spejjeż u introjtu ġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' (31.2)

122. “Il-qliġh jew it-telf fuq id-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji” tinkludi l-qliġh u t-telf kollu fuq id-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji ġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati. Din l-entrata tinkludi l-qliġh u t-telf fuq id-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji, li ġew iġġenerati minn tranżazzjonijiet ma' partijiet terzi u li huma parti mill-partiti li ġejjin tar-“Rapport tal-introjtu”:

- (a) “Il-qliġh jew it-telf fuq id-dekontabilizzar ta' investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati”;
- (b) “Il-qliġh jew it-telf fuq id-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji minbarra dawk miżmuma għall-bejgħ”;
- (c) “Profitt jew telf minn assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment klassifikati bħala miżmumin għall-bejgħ li ma' jikkwalifikawx bħala operazzjonijiet li ma' tkomplewx”, u;
- (d) “Profitt jew telf wara t-taxxa minn operazzjonijiet li ma' tkomplewx”.

22. L-ISTRUTTURA TAL-GRUPP (40)

123. L-istituzzjonijiet jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati sad-data ta' rapportur. Is-sussidjarji kollha tkun xi tkun l-attività li jwettqu jkunu rrappurtati. Titoli kklassifikati bħala “Assi finanzjarji miżmumin għan-negozju”, “Assi finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf”, “Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ” u Ishma tat-Teżor, jiġifieri ishma proprji ta' istituzzjoni ta' rapportar li huma fil-pussess tiegħu, jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-formola.

▼ M3

22.1. **Struttura ta' grupp: "entità b'entità" (40.1)**

124. L-informazzjoni li ġejja tkun irrappurtata fuq bażi ta' "entità b'entità":

- (a) Il-"kodiċi LEI" jinkludi l-kodiċi LEI tad-destinatarju ta' investment.
- (b) Il-"kodiċi tal-entità" jinkludi l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kodiċi tad-destinatarju tal-investment. Il-kodiċi tal-entità hu identifikatur tar-ringiela u jkun uniku għal kull ringiela fil-formola 40.1.
- (c) "Isem tal-entità" jinkludi isem id-destinatarju ta' investment.
- (d) Id-"data tad-dħul" tfisser id-data li fiha d-destinatarju ta' investment ikun daħal fl-"ambitu tal-grupp";
- (e) "Kapital azzjonarju" tfisser l-ammont totali ta' kapital maħruġ mid-destinatarju ta' investment fid-data ta' referenza;
- (f) "Ekwità tad-Destinatarju ta' Investment", "Assi totali tad-Destinatarju ta' Investment" u "Profitt jew (telf) tad-Destinatarju ta' Investment" jinkludu l-ammonti ta' dawn l-entrati fl-aħħar rapporti finanzjarji tad-destinatarju ta' investment;
- (g) "Residenza tad-destinatarju ta' investment" tfisser il-pajjiż ta' residenza tad-destinatarju ta' investment.
- (h) "Is-settur tal-entità li fiha jsir investment" tfisser is-settur tal-kontroparti kif definit fil-paragrafu 35 tal-Parti 1;

Il-"kodiċi NACE" jkun ipprovdut fuq il-bażi tal-attività prinċipali tad-destinatarju ta' investment. Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji l-kodiċijiet NACE jiġu rrappurtati bl-ewwel livell ta' diżaggregazzjoni (skont it-"taqsima"); għal korporazzjonijiet finanzjarji l-kodiċijiet NACE jiġu rrappurtati b'dettall tat-tieni livell (skont "id-diviżjoni");

- (j) "Imgħax tal-ekwità akkumulat (%)" huwa l-perċentwal tal-istrumenti ta' sjieda miżmumin mill-istituzzjoni mid-data ta' referenza;
- (k) "Drittijiet tal-vot (%)" tfisser il-perċentwal ta' drittijiet tal-vot assoċjati mal-istrumenti ta' sjieda miżmumin mill-istituzzjoni mid-data ta' referenza.
- (l) "Struttura tal-grupp [relazzjoni]" tindika r-relazzjoni bejn il-kumpanija prinċipali u d-destinatarju ta' investment (sussidjarja, impriża konġunta jew assoċjata)
- (m) "Trattament kontabilistiku [Grupp Kontabilistiku]" tindika t-trattament kontabilistiku bl-ambitu kontabilistiku tal-konsolidazzjoni (konsolidazzjoni sħiħa, konsolidazzjoni proporzjonali, metodu tal-ekwità, jew oħrajn);

▼ **M3**

- (n) “Trattament kontabilistiku [Grupp tas-CRR]” tindika t-trattament kontabilistiku bl-ambitu tas-CRR ta' konsolidazzjoni (konsolidazzjoni sħiħa, konsolidazzjoni proporzjonali, metodu tal-ekwità jew oħrajn);
- (o) “Ammont riportat” tfisser l-ammont irrappurtat fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni għal destinatarji ta' investiment li la huma konsolidati totalment u lanqas b'mod proporzjonali;
- (p) “Kost ta' akkwiżizzjoni” tfisser l-ammont imħallas mill-investituri;
- (q) “Rabta tal-avvjament mad-destinatarju ta' investiment” tfisser l-ammont ta' avvjament irrappurtat fuq il-karta bilanċjali konsolidata tal-istituzzjoni għad-destinatarju ta' investiment fl-entrati “avvjament” jew “investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u assoċjati”;
- (r) “Valur ġust tal-investimenti li għalihom hemm kwotazzjonijiet tal-prezzijiet ippubblikati” tfisser il-prezz fid-data ta' referenza; dan jingħata biss jekk l-istrumenti jiġu kkwotati.

22.2. **Struttura ta' grupp: “strument bi strument” (40.2)**

125. L-informazzjoni tkun irrappurtata fuq bażi ta' “strument bi strument”:

- (a) “Kodiċi tas-sigurtà” tinkludi l-kodiċi ISIN tas-sigurtà. Għal titoli mingħajr il-kodiċi ISIN assenjat, tinkludi kodiċi ieħor li jidentifika t-titolu b'mod uniku. “Kodiċi ta' sigurtà” u “Kodiċi tal-kumpanija azzjonarja” huma identifikatur ta' ringiela mħallat, u flimkien ikunu uniċi għal kull ringiela fil-formula 40.2;
- (b) “Kodiċi tal-kumpanija azzjonarja” huwa l-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-entità fil-grupp li jżomm l-investiment;
- (c) Il-“Kodiċi tal-entità”, “Imgħax tal-ekwità akkumulat (%)”, “Ammont riportat” u “Kost tal-akkwiżizzjoni” huma definiti hawn fuq. L-ammonti jikkorrispondu għat-titolu miżmum mill-kumpanija azzjonarja relatata.

23. **IL-VALUR ĠUST (41)**23.1. **Ġerarkija tal-valur ġust: strumenti finanzjarji b'kost amortizzat (41.1)**

126. L-informazzjoni dwar il-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji mkejlin bil-kost amortizzat, billi tintuża l-ġerarkija f'IFRS 7.27 A tkun irrappurtata f'din il-formola.

23.2. **L-użu tal-għażla ta' valur ġust (41.2)**

127. L-informazzjoni dwar l-użu tal-għażla ta' valur ġust għal assi finanzjarji u obbligazzjonijiet speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profit jew it-telf tkun irrappurtata f'din il-formola. “Kuntratti ibridi” tinkludi l-ammont riportat tal-istrumenti finanzjarji ibridi, ikklassifikati fl-intier tagħhom, f'dawn il-portafolli tal-kontabilità; jiġifieri tinkludi l-istrumenti ibridi mhux separati fit-totalità tagħhom.

▼ **M3****23.3. L-istrumenti finanzjarji ibridi mhux speċifikati bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf (41.3)**

128. F'din il-formola tiġi rrapportata informazzjoni dwar strumenti finanzjarji ibridi bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kuntratti ibridi mkejlin bil-valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf taħt l-“għażla tal-valur ġust” li huma rrapportati fil-Formola 41.2.

129. “Miżmumin għan-negozju” tinkludi l-ammont riportat tal-istrumenti finanzjarji ibridi klassifikati, flimkien, bħala “assi finanzjarji miżmumin għan-negozju” jew “obligazzjonijiet finanzjarji miżmumin għan-negozju”; jiġifieri tinkludi l-istrumenti ibridi mhux separati fit-totalità tagħhom.

130. Ir-ringieli l-oħrajn jinkludu l-ammont riportat tal-kuntratti ospitanti li ġew separati mid-derivattivi inkorporati skont il-qafas kontabilistiku rilevanti. L-ammonti riportati tad-derivattivi inkorporati separati minn dawn il-kuntratti ospitanti, skont il-qafas kontabilistiku rilevanti, ikunu rrapportati fil-Formoli 10 u 11.

24. ASSI INTANĠIBBLI U INTANĠIBBLI: AMMONT RIPORTAT SKONT IL-METODU TA' KEJL (42)

131. “Proprjeta, impjant u tagħmir”, “Proprjeta għall-investment” u “Assi intanġibbli oħrajn” ikunu rrapportati skont il-kriterji użati fil-kejl tagħhom.

132. “Assi intanġibbli oħrajn” jinkludu l-assi intanġibbli kollha l-oħrajn minbarra l-avvjament.

25. IL-PROVVEDIMENTI (43)

133. Din il-formola tinkludi rikonċiljazzjoni bejn l-ammont riportat tal-entrata “Provvedimenti” fil-bidu u t-tmiem tal-perjodu skont l-għamla taċ-ċaqliq.

26. IL-PJANIJIET TA' BENEFIĊĠJU DEFINIT U L-BENEFIĊĠI TAL-IMPJEGATI (44)

134. Dawn il-formoli jinkludu informazzjoni akkumulata tal-pjanijiet kollha ta' benefiċċju definit tal-istituzzjoni. Meta jkun hemm iktar minn pjan wieħed ta' benefiċċju definit, ikun irrappurtat l-ammont aggregat tal-pjanijiet kollha.

26.1. Il-komponenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit (44.1)

135. “Komponenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet netti tal-pjan ta' benefiċċju definit” turi r-ikonċiljazzjoni tal-valur preżenti akkumulat tal-obbligazzjonijiet (assi) netti ta' benefiċċju definit kif ukoll id-drittijiet ta' rimborż [IAS 19.140 (a), (b)].

136. “Assi ta' benefiċċju definit netti” tinkludi, fil-każ ta' surplus, l-ammonti tas-surplus li jkunu rikonoxxuti fil-karta bilanċjali peress li mhumiex affettwati mil-limiti stabbiliti f'IAS 19.63. L-ammont ta' din l-entrata u l-ammont rikonoxxut fl-entrata tal-memo “Valur ġust ta' kwalunkwe dritt għal rimborż rikonoxxut bħala assi” huma inklużi fl-entrata “Assi oħrajn” tal-karta bilanċjali.

26.2. Iċ-ċaqliq fl-obbligi ta' benefiċċju definit (44.2)

137. “Ċaqliq fl-obbligi ta' benefiċċju definit” turi r-ikonċiljazzjoni tal-bilanċi tal-ftuħ u l-bilanċi riportati tal-valur preżenti akkumulat tal-obbligi ta' benefiċċju definit kollha tal-istituzzjoni. L-effetti tal-elementi differenti elenkati f'IAS 19.141 matul il-perjodu huma ppreżentati separati.

▼ **M3**

138. L-ammont ta' "Bilanċ riportat [valur kurrenti]" fil-formola għaċ-ċaqliq f'obbligi ta' benefiċċju definit ikun daqs l-"Obbligi ta' benefiċċju definit bil-valur preżenti".

26.3. **L-entrati tal-memo [relatati ma' spejjeż tal-persunal] (44.3)**

139. Għar-rappurtar ta' entrati tal-memorandum relatati ma' spejjeż tal-persunal, jintużaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Il-pensjoni u spejjeż simili" jinkludu l-ammont rikonoxxut fil-perjodu bħala spejjeż tal-persunal għal kwalunkwe obbligu ta' benefiċċju tal-impjeg suċċessiv (kemm pjani ta' kontribuzzjonijiet definiti kif ukoll pjani ta' benefiċċji definiti) u kontribuzzjonijiet għall-fondi tas-sigurtà soċjali.

(b) "Pagamenti bbażati fuq l-azzjonijiet" tinkludi l-ammont rikonoxxut fil-perjodu bħala spejjeż tal-persunal għal pagamenti bbażati fuq l-azzjonijiet.

27. **ID-DIŻAGGREGAZZJONI TA' ENTRATI SPEĊIFIĊI TAR-RAPPORT TAL-INTROJTU (45)**

27.1. **Il-qligħ jew it-telf mid-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji minbarra dawk miżmuma għall-bejgħ (45.2)**

140. Il-qligħ u t-telf mid-dekontabilizzar ta' assi mhux finanzjarji minbarra dawk miżmuma għall-bejgħ, jiġu diżaggregati skont it-tip ta' assi; kull partita tkun tinkludi l-qligħ jew telf fuq l-assi (bħal propjeta, softwer, hardwer, deheb, investment) li ġie dekontabilizzat.

27.2. **Introjtu u spejjeż operatorji oħrajn (45.3)**

141. Introjtu u spejjeż operatorji oħra jiġu diżaggregati skont l-entrati li ġejjin: aġġustamenti fil-valur ġust fuq assi ta' tanġibbli mkejla permezz tal-mudell tal-valur ġust; introjtu mill-kera u spejjeż operatorji diretti minn propjeta għall-investment; l-introjtu u l-ispejjeż tal-lokazzjonijiet operatorji ħliet il-propjeta għall-investment u l-bqija tal-introjtu u spejjeż operatorji.

142. "Lokazzjonijiet operatorji minbarra propjeta għall-investment" tinkludi, għall-kolonna "introjtu", ir-rikavat miksub, u għall-kolonna "spejjeż" il-kostijiet imġarrbin mill-istituzzjoni bħala lokatur fl-attivitajiet ta' lokazzjoni operatorja tagħha minbarra dawk b'assi klassifikati bħala propjeta ta' investment. L-ispejjeż għall-istituzzjoni bħala lokatarja jkunu inklużi fl-entrata "Spejjeż amministrattivi oħrajn".

143. Qligħ jew telf minn kejl mill-ġdid ta' parteċipazzjonijiet f'metalli prezzjużi u komoditajiet oħrajn imkejlin bil-valur ġust nieqes il-kost tal-bejgħ ikunu rrapportati fost l-entrati inklużi fl-"Introjtu operatorju ieħor. Oħrajn" jew "Spejjeż operatorji oħrajn. Oħrajn"

28. **IR-RAPPORT TAL-BIDLIET FL-EKWITÀ (46)**

144. Ir-rapport tal-bidliet fl-ekwità jiddivulga r-rikonċiljazzjoni bejn l-ammont riportat fil-bidu tal-perjodu (bilanċ tal-ftuħ) u tmiem il-perjodu (bilanċ riportat) għal kull komponent tal-ekwità.

▼ M3

29. SKOPERTURI IMPRODUTTIVI (18)
145. Għall-finijiet tal-formola 18, skoperturi improduttivi huma dawk li jissodisfaw kwalunkwe kriterju minn:
- (a) skoperturi materjali li jkunu ilhom li skadew aktar minn 90 ġurnata;
 - (b) id-debitur jiġi ivvalutat bħala li x'aktarx mhux se jħallas totalment l-obbligi ta' kreditu tiegħu mingħajr realizzazzjoni tal-kollateral, irrilevanti mill-eżistenza ta' xi ammont dovut li jkun skada jew ikun skadut b'għadd ta' ġranet.
146. Din il-kategorizzazzjoni bħala skoperturi improduttivi tapplika minkejja l-klassifikazzjoni ta' skopertura bħala inadempjenti għal skopijiet regolatorji skont l-Artikolu 178 tas-CRR jew bħala indebolita għall-finijiet tal-kontabbiltà skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.
147. Skoperturi li fir-rigward tagħhom huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR u skoperturi li jkunu nstabu indeboliti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli dejjem jitqiesu bħala skoperturi improduttivi. Skoperturi bi "provvedimenti kollettivi għal telf imġarrab iżda mhux irrappurtat" imsemmija fil-paragrafu 38 ta' dan l-Anness ma jitqisux bħala skoperturi improduttivi sakemm ma jissodisfawx il-kriterji sabiex jiġu kkunsidrati bħala skoperturi improduttivi.
148. L-iskoperturi jiġu kategorizzati għall-ammont sħiħ tagħhom u mingħajr ma titqies l-eżistenza ta' xi kollateral. Il-materjalità tiġi vvalutata b'konformità mal-Artikolu 178 tas-CRR.
149. Għall-finijiet tal-formola 18, "skoperturi" tinkludi l-istrumenti ta' dejn kollha (self u avvanzi li jinkludu bilanċji ta' flus fl-idejn f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda u titoli ta' dejn) u skoperturi barra l-karta bilanċjali, ħlief dawk miżmuma għan-negożju ta' skoperturi. Skoperturi barra l-karta bilanċjali jinkludu l-entrati revokabbli u irrevokabbli li ġejjin:
- (a) impenji ta' self mogħtija;
 - (b) garanziji finanzjarji mogħtija;
 - (c) impenji oħrajn mogħtija.
- Skoperturi jinkludu assi mhux kurrenti u gruppi tad-disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ b'konformità mal-IFRS 5.
150. Għall-iskop tal-mudell 18, skopertura tkun "skaduta" meta kwalunkwe ammont ta' kapital, imgħax jew tariffa ma jkunx tħallas fid-data li jkun dovut.
151. Għall-fini tal-formola 18, "debitur" tfisser debitur skont it-tifsira tal-Artikolu 178 tas-CRR.
152. Impenn jitqies bħala skopertura improduttiva għall-ammont nominali tiegħu fejn, meta jkun prelevat jew użat mod ieħor, dan iwassal għal skoperturi li jippreżentaw riskju li ma jitħallasx lura kompletament mingħajr realizzazzjoni tal-kollateral.

▼ M3

153. Garanzji finanzjarji mogħtija jiġu kkunsidrati bħala skoperturi improduttivi għal ammont nominali tagħhom fejn il-garanzija finanzjarja tkun tinsab friskju li tiġi msejħa mill-kontroparti (“il-parti ggarantita”), inkluż, b'mod partikolari, fejn l-iskopertura ggarantita sottostanti tissodisfa l-kriterji sabiex titqies bħala improduttiva, kif imsemmi fil-paragrafu 145. Fejn il-parti ggarantita tkun skadiet fuq l-ammont dovut skont il-kuntratt ta' garanzija finanzjarja, l-istituzzjoni ta' rrapportar tivvaluta jekk ir-riċevibbli li jirriżulta jissodisfax kriterji ta' improduttività.
154. Skoperturi kklassifikati bħala improduttivi f'konformità mal-paragrafu 145 jiġu kklassifikati bħala jew improduttivi fuq bażi individwali (“ibbażati fuq it-tranżazzjonijiet”) jew bħala improduttivi għall-iskopertura ġenerali ta' debitur partikolari (“bbażati fuq debitur”). Għall-kategorizzazzjoni ta' skoperturi improduttivi fuq bażi individwali jew għal xi debitur, l-approċċi ta' kategorizzazzjoni li ġejjin jintużaw għat-tipi differenti ta' skoperturi improduttivi:
- (a) għal skoperturi improduttivi kklassifikati bħala inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 tas-CRR, jiġi applikat l-approċċ ta' kategorizzazzjoni tal-Artikolu 178;
 - (b) għal skoperturi li huma kklassifikati bħala improduttivi minħabba indeboliment skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, jiġu applikati l-kriterji ta' rikonoxximent għal indeboliment skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;
 - (c) għal skoperturi improduttivi oħra li la huma kklassifikati bħala inadempjenti u lanqas bħala indeboliti, jiġu applikati dispożizzjonijiet tal-Artikolu 178 tas-CRR għal skoperturi inadempjenti.
155. Fejn istituzzjoni jkollha skoperturi tal-karta bilanċjali għal debitur li jkunu skadew b'aktar minn 90 jum u l-ammont gross riportat tal-iskoperturi skaduti jirrappreżenta aktar minn 20 % tal-ammont gross riportat tal-iskoperturi kollha fuq il-karta bilanċjali għal dak id-debitur, l-iskoperturi kollha fuq jew barra l-karta bilanċjali għal dak id-debitur jitqiesu bħala improduttivi. Meta debitur jappartjeni għal grupp, tiġi vvalutata l-ħtieġa li skoperturi għal entitajiet oħra tal-grupp jitqiesu wkoll bħala improduttivi, fejn dawn mhumiex diġà meqjusa bħala indeboliti jew inadempjenti skont l-Artikolu 178 tas-CRR, ħlief għal skoperturi affettwati minn tilwim iżolat li ma jkunx relatat mas-solvenza tal-kontroparti.
156. L-iskoperturi jitqiesu li waqfu milli jkunu improduttivi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) l-iskopertura tissodisfa l-kriterji ta' ħruġ applikati mill-istituzzjoni relatriċi, għad-diskontinwità tal-indeboliment u l-klassifikazzjoni ta' inadempjenza;
 - (b) is-sitwazzjoni tad-debitur tkun tġiebet sal-punt li ripagament sħiħ, skont l-kundizzjonijiet oriġinali jew fejn applikabbli, immodifikati, huwa probabbli li jsir;
 - (c) id-debitur ma jibqagħlux ammonti skaduti b'aktar minn 90 jum.

▼ M3

Skopertura tibqa' kklassifikata bħala improduttiva sakemm dawk il-kundizzjonijiet ma jintlaħqux, anke jekk l-iskopertura tkun diġà ssodisfat id-diskontinwità tal-kriterji applikati mill-istituzzjoni ta' rrapportar għall-klassifikazzjoni ta' indeboliment u inadempjenza skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR rispettivament.

Il-klassifikazzjoni ta' skoperturi inadempjenti bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ skont l-IFRS 5 ma twaqqafx il-klasifikazzjoni tagħhom bħala skoperturi inadempjenti, peress li assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ huma inklużi fl-ambitu tad-definizzjoni ta' skoperturi improduttivi.

157. Fejn hemm skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin⁽¹⁾, dawk l-iskoperturi jitqiesu bħala li ma għadhomx improduttivi meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) skoperturi mhumiex meqjusa bħala indeboliti jew inadempjenti;

(b) tkun għaddiet sena minn meta ġew applikati l-miżuri ta' trażżin;

(c) ma jkunx hemm, wara miżuri ta' trażżin, xi ammont skadut jew tħassib dwar ripagament sħiħ tal-iskopertura skont il-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin. In-nuqqas ta' tħassib jiġi stabbilit wara li l-istituzzjoni tanalizza s-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur. It-tħassib jista' jitqies bħala li ma għadux jeżisti meta d-debitur ikun ħallas, permezz tal-pagamenti regolari tiegħu skont il-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin, total ugwali għall-ammont li kien preċedentement skadut (fejn kien hemm ammonti skaduti) jew li jkun tħassar (fejn ma kien hemm l-ebda ammont skadut) skont il-miżuri ta' trażżin jew id-debitur ikun wera mod ieħor il-kapaċità tiegħu li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' wara t-trażżin.

Dawk il-kundizzjonijiet ta' ħruġ speċifiċi japplikaw flimkien mal-kriterji applikati minn istituzzjonijiet ta' rrapportar għal skoperturi indeboliti u inadempjenti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli u l-Artikolu 178 tas-CRR rispettivament.

158. Skoperturi skaduti jiġu rrapportati separatament fil-kategoriji produttivi u mhux produttivi għall-ammont sħiħ tagħhom. Skoperturi produttivi skaduti b'inqas minn 90 jum jiġu rrapportati b'mod separat għall-ammont sħiħ tagħhom.

159. Skoperturi improduttivi jiġu rrapportati diżaggregati skont il-faxex ta' żmien ta' skadenza. Skoperturi li ma jkunux skaduti jew li jkunu skaduti b'90 jum jew inqas, iżda li madankollu jiġu identifikati bħala improduttivi minħabba l-probabbiltà ta' ripagament mhux komplet jiġu rrapportati f'kolonna apposta. Skoperturi li jippreżentaw kemm ammonti skaduti u probabbiltà ta' ripagament mhux komplet jiġu allokati skont il-faxex ta' żmien ta' skadenza konsistenti mal-għadd ta' jiem li jkunu skaduti.

Bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali u depożiti fuq talba oħrajn għandhom jiġu rrapportati fir-ringiela 070 kif ukoll fir-ringiela 080 u 100 tal-mudell 18.

⁽¹⁾ Skoperturi mhux produttivi b'miżuri ta' tolleranza jirreferu għal skoperturi elenkati fil-paragrafu 180.

▼ **M3**

Skoperturi improduttivi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ b'konformità mal-IFRS 5 m'għandhomx jiġu rrapportati fil-formola 18.

160. L-iskoperturi li ġejjin jiġu identifikati f'kolonni separati:

- (a) skoperturi li huma kkunsidrati bħala indeboliti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, ħlief meta jkun skoperturi b'telf imġarrab iżda mhux irrappurtat;
- (b) skoperturi li fir-rigward tagħhom huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178 tas-CRR.

161. “Indeboliment akkumulat” u “bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu” jkun rrapportati skont il-paragrafu 46. “Indeboliment akkumulat” tfisser it-tnaqqis fl-ammont riportat tal-iskopertura jew direttament jew permezz tal-użu ta' kont ta' provvediment. Indeboliment akkumulat rappurtat dwar skoperturi improduttivi ma jkunux jinkludu telf imġarrab iżda mhux rappurtat. Telf imġarrab iżda mhux rappurtat għandu jiġi rappurtat f'indeboliment akkumulat fuq skoperturi produttivi. “Bidliet akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu” jkun rrapportati għal skoperturi speċifikati bil-valur ġust permezz ta' profitt u telf skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

162. Informazzjoni dwar kollateral miżmum u garanziji finanzjarji riċevuti dwar skoperturi improduttivi jiġu rrapportati b'mod separat. L-ammonti rrapportati għal kollateral riċevuti u garanziji finanzjarji riċevuti jiġu kkalkulati skont il-paragrafi 79 sa 82. Għalhekk, is-somma tal-ammonti rrapportati kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji finanzjarji tkun limitata bl-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

30. SKOPERTURI MRAŻŻNA (19)

163. Għall-iskop tal-formola 19, skoperturi mrażżna huma kuntratti ta' dejn li fir-rigward tagħhom ikunu ġew applikati miżuri ta' trażżin. Miżuri ta' trażżin jikkonsistu f'konċessjonijiet favur debitur li jkun qed jesperjenza jew wasal biex jesperjenza diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tiegħu (“diffikultajiet finanzjarji”).

230	Assi vinkolati + Assi mhux vinkolati									

F 36.02 — DEJTA AVVANZATA PARTI II (AE-ADV-2)

	Sorsi ta' interess ta' garanzija	Assi/Obbligazzjonijiet	Tip ta' Kollateral — Klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi										
			Self fuq talba	Strumenti ta' ishma azzjonarji	Titoli ta' Dejn								
					Totali	li minnhom: bonds koperti		li minnhom: titoli abbażi ta' assi		li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji	
						li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp	li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp						
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100				
010	Finanzjament mill-bank ċentrali (ta' kull tip, inkluż eż. repos)	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
020		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
030	Derivattivi kkummerċjati skambjati	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
040		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
050	Derivattivi barra l-Borża	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
060		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
070	Ftehimiet tariakkwist	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
080		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
090	Depożiti kollateralizzati għajr ftehimiet ta' riakkwist	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
100		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
110	Titoli ta' bonds koperti maħruġa	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
120		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											

	Sorsi ta' interess ta' garanzija	Assi/Obbligazzjonijiet	Tip ta' Kollateral — Klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi										
			Self fuq talba	Strumenti ta' ishmarazzjonarji	Titoli ta' Dejn								
					Totali	li minnhom: bonds koperti		li minnhom: titoli abbażi ta' assi		li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji	
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100				
130	Titoli abbażi ta' assi maħruġa	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
140		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
150	Titoli ta' dejn maħruġa għajr bonds koperti u ABSs.	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
160		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>											
170	Sorsi oħra ta' interess ta' garanzija	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>											
180		<i>Obbligazzjonijiet jew titoli kontinġenti mislufa</i>											
190	Total ta' kollateral vinkolat riċevut												
200	<i>li minnhom eliġibbli għal banek ċentrali</i>												
210	Total ta' kollateral mhux vinkolat riċevut												
220	<i>li minnhom eliġibbli għal banek ċentrali</i>												
230	Kollateral vinkolat + mhux vinkolat riċevut												

▼ M1

	Sorsi ta' interess ta' garanzija	Assi/Obbligazzjonijiet	Tip ta' Kollateral — Klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi								Totali
			Self u avvanzi għajr self fuq talba						Kollateral riċevut ieħor	Titoli ta' dejn proprji għajr bonds proprji koperti jew ABSs	
			Banek ċentrali u amministrazzjonijiet pubbliċi	Korporazzjonijiet finanzjarji	Korporazzjonijiet nonfinanzjarji		Unitajiet domestiċi				
					li minnhom self ipotekarju	li minnhom self ipotekarju					
110	120	130	140	150	160	170	180	190			
010	Finanzjament mill-bank ċentrali (ta' kull tip, inkluż eż. repos)	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
020		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
030	Derivattivi kkummerċjati skambjati	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
040		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
050	Derivattivi barra l-Borża	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
060		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
070	Ftehimiet tariakkwist	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
080		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
090	Depożiti kollateralizzati għajr ftehimiet ta' riakkwist	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
100		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
110	Titoli ta' bonds koperti maħruġa	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
120		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									

	Sorsi ta' interess ta' garanzija	Assi/Obbligazzjonijiet	Tip ta' Kollateral — Klassifikazzjoni skont it-tip ta' assi								Totali
			Self u avvanzi għajr self fuq talba						Kollateral riċevut ieħor	Titoli ta' dejn proprji għajr bonds proprji koperti jew ABSs	
			Banek ċentrali u amministrazzjonijiet pubbliċi	Korporazzjonijiet finanzjarji	Korporazzjonijiet nonfinanzjarji		Unitajiet domestiċi				
					li minnhom self ipotekarju	li minnhom self ipotekarju					
110	120	130	140	150	160	170	180	190			
130	Titoli abbażi ta' assi maħruġa	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
140		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
150	Titoli ta' dejn maħruġa għajr bonds koperti u ABSs.	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
160		<i>Obbligazzjonijiet imqabbla</i>									
170	Sorsi oħra ta' interess ta' garanzija	<i>Kollateral vinkolat riċevut</i>									
180		<i>Obbligazzjonijiet jew titoli kontinġenti mislufa</i>									
190	Total ta' kollateral vinkolat riċevut										
200	<i>li minnhom eliġibbli għal banek ċentrali</i>										
210	Total ta' kollateral mhux vinkolat riċevut										
220	<i>li minnhom eliġibbli għal banek ċentrali</i>										
230	Kollateral vinkolat + mhux vinkolat riċevut										

▼ **M3***L-ANNEX XVII***RAPPURTAR DWAR L-INTERESS TA' GARANZIJA TAL-ASSI***Werrej*

STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. STRUTTURA U KONVENZJONIJIET
 - 1.1. STRUTTURA
 - 1.2. STANDARDS TAL-KONTABILITÀ
 - 1.3. IL-KONVENZJONI DWAR L-ENUMERAZZJONI
 - 1.4. IL-KONVENZJONI DWAR IS-SINJALI
 - 1.5. LIVELL TA' APPLIKAZZJONI
 - 1.6. PROPORZJONALITÀ
 - 1.7. DEFINIZZJONI TA' INTERESS TA' GARANZIJA

STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLA

2. PARTI A: ĦARSA ĠENERALI LEJN L-INTERESS TA' GARANZIJA
 - 2.1. FORMOLA: AE-ASS. ASSI TAL-ISTITUZZJONI TAR-RAPPURTAR
 - 2.1.1. RIMARKI ĠENERALI
 - 2.1.2. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
 - 2.1.3. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
 - 2.2. FORMOLA: AE-COL. KOLLATERAL RIĊEVUT MILL-ISTITUZZJONI TAR-RAPPURTAR
 - 2.2.1. RIMARKI ĠENERALI
 - 2.2.2. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
 - 2.2.3. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
 - 2.3. FORMOLA: AE-NPL. BONDS U ABSS PROPRJI KOPERTI MAĦRUĠA U GĦADHOM MHUX MIRHUNA
 - 2.3.1. RIMARKI ĠENERALI
 - 2.3.2. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
 - 2.3.3. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
 - 2.4. FORMOLA: AE-SOU. SORSI TA' INTERESS TA' GARANZIJA
 - 2.4.1. RIMARKI ĠENERALI
 - 2.4.2. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
 - 2.4.3. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
3. PARTI B: DATA TAL-MATURITÀ
 - 3.1. RIMARKI ĠENERALI

▼M3

- 3.2. FORMOLA: AE-MAT. DATA TA' MATURITÀ
- 3.2.1. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
- 3.2.2. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
- 4. PARTI C: INTERESS TA' GARANZIJA KONTINĠENTI
- 4.1. RIMARKI ĠENERALI
- 4.1.1. XENARJU A: TNAQQIS TA' 30 % TA' ASSI VINKOLATI
- 4.1.2. XENARJU B: DEPREZZAMENT TA' 10 % F'MUNITI SINIFIKANTI
- 4.2. FORMOLA: AE-CONT. INTERESS TA' GARANZIJA KONTINĠENTI
- 4.2.1. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
- 4.2.2. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
- 5. PARTI D: BONDS KOPERTI
- 5.1. RIMARKI ĠENERALI
- 5.2. FORMOLA: AE-CB. ĦRUĠ TA' BONDS KOPERTI
- 5.2.1. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-ASSI-Z
- 5.2.2. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
- 5.2.3. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
- 6. PARTI E: DEJTA AVVANZATA
- 6.1. RIMARKI ĠENERALI
- 6.2. FORMOLA: AE-ADV 1. FORMOLA AVVANZATA GĦAL ASSI TAL-ISTITUZZJONI TAR-RAPPURTAR
- 6.2.1. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
- 6.2.2. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI
- 6.3. FORMOLA: AE-ADV2. FORMOLA AVVANZATA GĦAL KOLLATERAL RIĊEVUT MILL-ISTITUZZJONI TAR-RAPPURTAR
- 6.3.1. STRUZZJONIJIET DWAR RINGIELI SPEĊIFIĊI
- 6.3.2. STRUZZJONIJIET DWAR KOLONNI SPEĊIFIĊI

STRUZZJONIJIET ĠENERALI

- 1. STRUTTURA U KONVENZJONIJIET
- 1.1. Struttura
 - 1. Il-qafas jikkonsisti f'ħames settijiet ta' formoli li jinkludu total ta' disa' formoli skont l-iskema li ġejja:
 - (a) Parti A: Ħarsa ġenerali lejn l-interess ta' garanzija:
 - Formola AE-ASS. Assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar
 - Formola AE-COL. Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar

▼ **M3**

— AE-NPL. Bonds proprji koperti u titoli abbażi ta' assi (minn hawn 'il quddiem ABSs) maħruġa u għadhom mhux mirhuna

— AE-SOU. Sorsi ta' interess ta' garanzija

(b) Parti B: Data tal-maturità:

— Formola AE-MAT. Data tal-maturità

(c) Parti C: Interess ta' garanzija kontinġenti

— Formola AE-CONT. Interess ta' garanzija kontinġenti

(d) Parti D: Bonds koperti

— Formola AE-CB. Ħruġ ta' bonds koperti

(e) Parti E: Dejta avvanzata

— Formola AE-ADV-1. Formola avvanzata għal assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar

— Formola AE-ADV-2. Formola avvanzata għal kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar

2. Għal kull formola huma pprovduti referenzi legali kif ukoll aktar informazzjoni dettaljata dwar aspetti aktar ġenerali tar-rappurtar.

1.2. Standards tal-kontabilità

3. L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-ammonti riportati skont il-qafas ta' kontabbiltà li jużaw għar-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikoli 9 sa 11. Istituzzjonijiet li mhumiex meħtieġa jirrapportaw informazzjoni finanzjarja jużaw il-qafas ta' kontabbiltà rispettiv tagħhom.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness "IAS" u "IFRS" jirreferu għall-istandards internazzjonali tal-kontabilità kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. Għal istituzzjonijiet li jirrapportaw skont l-istandards tal-IFRS, iridu jiġu inklużi r-referenzi tal-istandards rilevanti tal-IFRS.

1.3. Il-konvenzjoni dwar l-enumerazzjoni

5. In-notazzjoni ġenerali li ġejja tintuża f'dawn l-istruzzjonijiet biex tirreferi għall-kolonna, ringieli u ċelloli ta' formola: {Formola; Ringiela; Kolonna}. Sinjal tal-asterisk jintuża biex jindika li l-validazzjoni tapplika għar-ringiela jew il-kolonna kollha. Pereżempju {AE-ASS; *, 2} tirreferi għall-punt tad-dejta ta' kwalunkwe ringiela għal kolonna 2 tal-formola AE-ASS.

6. Fil-każ ta' validazzjonijiet f'formola din in-notazzjoni li ġejja hija użata sabiex tirreferi għal punti tad-dejta minn dak il-mudell: {Ringiela; Kolonna}.

1.4. Il-konvenzjoni dwar is-sinjali

7. Il-formoli fl-Anness XVI isegwu l-konvenzjoni tas-sinjali deskritta fil-paragrafi 9 u 10 tal-Parti I tal-Anness V.

▼ M3

1.5. Livell ta' applikazzjoni

8. Il-livell ta' applikazzjoni tar-rappurtar dwar l-interess ta' garanzija tal-assi jsegwi dak tar-reqwiziti ta' rappurtar fuq fondi proprji skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (CRR). Konsegwentement, l-istituzzjonijiet li mhumiex soġġetti għal reqwiziti prudenzjali skont l-Artikolu 7 tas-CRR mhumiex meħtieġa jirrapportaw informazzjoni dwar l-interess ta' garanzija tal-assi.

1.6. Proporzjonalità

9. Għall-fini tal-Artikolu 16a(2)(b), il-livell tal-interess ta' garanzija tal-assi jiġi kkalkolat kif ġej:

— L-ammont riportat ta' assi u kollateral vinkolati = {AE-ASS;010;010} + {AE-COL;130;010}.

— Assi u kollateral totali = {AE-ASS;010;010} + {AE-ASS;010;060} + {AE-COL;130;010} + {AE-COL;130;040}.

— Proporzjon tal-interess ta' garanzija tal-assi = (Ammont riporat tal-assi vinkolati u l-kollateral)/(Assi totali u kollateral)

10. Għall-fini tal-Artikolu 16a(2)(a) is-somma tal-assi totali tiġi kkalkolata kif ġej:

— Assi totali = {AE-ASS;010;010} + {AE-ASS;010;060}

1.7. Definizzjoni ta' interess ta' garanzija

11. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u l-Anness XVI assi tiġi ttrattata bħala vinkolata b' interess ta' garanzija jekk tkun ġiet mirhuna jew jekk tkun suġġetta għal kwalunkwe forma ta' arranġament biex jiggarrantixxi, jikkollateralizza jew isaħħaħ il-kreditu ta' kwalunkwe tranżazzjoni li ma tistax tiġi liberament meħlusa minnu.

Huwa importanti li wieħed jinnota, li l-assi mirhuna li huma suġġetti għal xi restrizzjonijiet fl-irtirar, bħal pereżempju assi li jeħtieġu approvazzjoni minn qabel jiġu rtirati jew sostitwiti b'assi oħrajn, għandhom jitqiesu vinkolati. Id-definizzjoni mhix ibbażata fuq definizzjoni legali espliċita, bħal trasferiment ta' titolu, iżda pjuttost fuq prinċipji ekonomiċi, minħabba li l-oqfsa legali jistgħu jvarjaw f'dan ir-rigward madwar il-pajjiżi. Id-definizzjoni hija madankollu marbuta mill-qrib ma' kundizzjonijiet kuntrattwali. L-EBA tara li t-tipi ta' kuntratti segwenti huma koperti tajjeb bit-tifsira (din hi lista mhux eżawrjenti):

— tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantit, inklużi kuntratti u ftehimiet ta' xiri mill-ġdid, self ta' titoli u forom oħra ta' self garantit;

— ftehimiet kollaterali varji, pereżempju kollateral imqiegħed għall-valur tas-suq ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi;

— garanziji finanzjarji li jkunu kollateralizzati. Ta' min jinnota li, jekk ma jkun hemm l-ebda impediment għal irtirar ta' kollateral, bħal approvazzjoni minn qabel, għall-parti mhux użata tal-garanzija, allura l-ammont użat biss għandu jiġi allokati (fuq bażi ta' allokazzjoni pro-rata);

▼ **M3**

- kollateral imqiegħed f'sistemi tal-ikklerjar, is-CCPs u istituzzjonijiet oħra tal-infrastruttura bħala kundizzjoni għall-aċċess għas-servizz. Dan jinkludi fondi ta' inadempjenza u l-marġni inizjali;
- faċilitajiet tal-bank ċentrali. Assi pożizzjonati minn qabel m'għandhomx jitqiesu vinkolati, sa fejn il-bank ċentrali ma jippermettix l-irtirar ta' kwalunkwe assi mqiegħda mingħajr approvazzjoni minn qabel. Rigward garanziji finanzjarji mhux użati, il-parti mhux użata, jiġifieri 'l fuq mill-ammont minimu meħtieġ mill-bank ċentrali, għandha tkun allokata fuq bażi pro-rata fost l-assi li jitqiegħdu fil-bank ċentrali;
- assi sottostanti minn strutturi ta' titolizzazzjoni, fejn ir-rikonoxximent tal-assi finanzjarji ma ġiex irtirat mill-assi finanzjarji tal-istituzzjoni. L-assi li huma sottostanti għal titoli miżmuma ma jgħoddux bħala vinkolati, sa fejn dawn it-titoli jkunu mirhuna jew ipprovduti bħala kollateral bi kwalunkwe mod biex jiggarantixxu tranżazzjoni;
- assi f'pools koperti użati għall-ħruġ ta' bonds koperti. L-assi li huma sottostanti għal bonds koperti jgħoddu bħala vinkolati, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjoni jkollha l-bonds koperti korrispondenti (“own-issued bonds”);
- bħala prinċipju ġenerali, l-assi li jkunu qed jitpoġġew f'faċilitajiet li ma jintużawx u li jistgħu ikunu liberament irtirati m'għandhomx jitqiesu vinkolati.

STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-FORMOLA**2. PARTI A: ĦARSA ĠENERALI LEJN L-INTERESS TA' GARANZIJA**

12. Il-formoli tal-ħarsa ġenerali fuq l-interess ta' garanzija jiddistingwu bejn assi li huma użati biex isostnu l-finanzjament jew għall-ħtiġijiet kollaterali fid-data tal-karta bilanċjali (“interest ta' garanzija f'punt tal-ħin”) minn dawk l-assi li huma disponibbli għall-ħtiġijiet ta' finanzjament potenzjali.
13. Il-formoli tal-ħarsa ġenerali juri l-ammont ta' assi vinkolati u mhux soġġetti tal-istituzzjoni tar-rappurtar f'format tabulari skont il-prodotti. L-istess kategorizzazzjoni tapplika wkoll għal kollateral riċevut u titoli ta' dejn maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet.

2.1. Formola: AE-ASS. Assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar**2.1.1. Rimarki ġenerali**

14. Dan il-paragrafu jstabilixxi struzzjonijiet li japplikaw għat-tipi ewlenin ta' tranżazzjoni li huma rilevanti meta jkunu qed jimtlew il-formoli AE:

It-tranżazzjonijiet kollha li jżidu l-livell ta' interess ta' garanzija ta' istituzzjoni għandhom żewġ aspetti li jiġu rrapportati b'mod indipendenti fil-formoli AE. Tranżazzjonijiet bħal dawn jiġu rrapportati kemm bħala sors ta' interess ta' garanzija kif ukoll bħala assi vinkolati jew kollateral.

L-eżempji li ġejjin jiddeskrivu kif għandha tiġi rrapportata tip ta' tranżazzjoni ta' din il-Parti iżda l-istess regoli japplikaw għall-formoli AE l-oħra.

▼ **M3****(a) Depożitu kollateralizzat**

Depożitu kolletteralizzat jiġi rrapportata kif ġej:

- (i) l-ammont riportat tad-depożitu jiġi rreġistrat bħala sors ta' interess ta' garanzija f' {AE-SOU; r070; c010};
- (ii) jekk il-kollateral huwa assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar: l-ammont riportat tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c010} u {AE-SOU; r070; c030}; il-valur ġust tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c040};
- (iii) jekk l-istituzzjoni ta' rappurtar tkun irċeviet il-kollateral, il-valur ġust tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-COL; *, c010}, {AE-SOU; r070; c030} and {AE-SOU; r070; c040}.

(b) Repo/repos inversi

Ftehim ta' riakkwist (minn hawn 'il quddiem "repo") huwa rrapportat kif ġej:

- (i) l-ammont riportat tar-repo huwa rrapportat bħala sors ta' interess ta' garanzija f' {AE-SOU; r050; c010};
- (ii) il-kollateral tar-repo għandu jintwera:
- (iii) jekk il-kollateral huwa assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar: l-ammont riportat tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c010} u {AE-SOU; r050; c030}; il-valur ġust tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c040};
- (iv) jekk il-kollateral ikun ġie riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar permezz ta' ftehim ta' riakkwist invers (repo invers), il-valur ġust tiegħu hu rrapportat f' {AE-COL; *, c010}, {AE-SOU; r050; c030} and in {AE-SOU; r050; c040}.

(c) Finanzjament mill-bank ċentrali

Minħabba li l-finanzjament kollateralizzat mill-bank ċentrali huwa biss każ speċifiku ta' depożit kolletteralizzat jew transazzjoni repo fejn il-kontroparti hija bank ċentrali, ir-regoli f'i) u ii) hawn fuq japplikaw.

Għal operazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli li jkun identifikat kollateral speċifiku għal kull operazzjoni, minħabba li l-kollaterali jkunu miġbura flimkien, l-eleku tal-kollaterali trid issir fuq bażi proporzjonali, ibbażat fuq il-kompożizzjoni tal-grupp ta' kollateral.

Assi li jkunu ġew pożizzjonati minn qabel ma' banek ċentrali mhuwiex assi vinkolati sa fejn il-bank ċentrali ma jippermettix l-irtirar ta' kwalunkwe assi mqiegħda mingħajr approvazzjoni minn qabel. Għal garanziji finanzjarji mhux użati, il-parti mhux użata, jiġifieri l-ammont 'il fuq mill-minimu meħtieġ mill-bank ċentrali, jiġi allokati fuq bażi pro-rata fost l-assi li jitqiegħdu fil-bank ċentrali.

(d) Self ta' titoli

Fil-każ ta' self ta' titoli b'kollateral fi flus kontanti japplikaw ir-regoli għal repos/repos inversi.

▼ **M3**

Self ta' titoli mingħajr kollateral fi flus jiġi rrapportat kif ġej:

- (i) il-valur ġust tat-titoli missellfa huwa rrapportat bħala sors ta' interess ta' garanzija f' {AE-SOU; r150; c010}. Meta s-sellief ma jirċievi l-ebda titoli bi tpaċċija għal titoli mislufa iżda minflok jirċievi tariffa, {AE-SOU; r150; c010} huwa rrapportat bħala zero;
- (ii) jekk it-titoli mislufa bħala kollateral huma riċevuti mill-istituzzjoni tar-rappurtar: il-valur riportat tagħhom jiġi rrapportat f' {AE-COL; *, c010} u {AE-SOU; r150; c030}; il-valur ġust tagħhom jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c040};
- (iii) jekk it-titoli mislufa bhala kollateral huma riċevuti mill-istituzzjoni tar-rappurtar, il-valur ġust tagħhom jiġi rrapportat f' {AE-COL; *, c010}, {AE-SOU; r150; c030} and {AE-SOU; r150; c040}.

(e) **Derivattivi (obligazzjoni)**

Derivattivi kollateralizzati b'valur ġust negattiv huma rrapportati kif ġej:

- (i) l-ammont riportat tad-derivattiva jiġi rrapportat bħala sors ta' interess ta' garanzija f' {AE-SOU; r020; c010};
- (ii) il-kollateral (marġni inizjali meħtieġa biex tinfetaħ il-pożizzjoni u kwalunkwe kollateral li jitqiegħed għall-valur tas-suq ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi) huma rrapportati kif ġej:

- (i) jekk ikun assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar: l-ammont riportat tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c010} u {AE-SOU; r020; c030}; il-valur ġust tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-ASS; *, c040};
- (ii) jekk huwa kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar, il-valur ġust tiegħu jiġi rrapportat f' {AE-COL; *, c010}, {AE-SOU; r020; c030} and {AE-SOU; r020; c040}.

(f) **Bonds koperti**

Bonds koperti għar-rappurtar tal-interess ta' garanzija tal-assi kollu huma strumenti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/UE, irrispettivament minn jekk dawn l-istrumenti jidhru il-forma legali ta' garanzija jew le.

Ma japplikaw l-ebda regoli speċifiċi għal bonds koperti fejn m'hemm x iż-żamma ta' parti mit-titoli maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar.

F'każ ta' żamma ta' parti tal-ħruġ u sabiex ikun evitat l-għadd doppju, japplika t-trattament propost hawn taħt:

- (i) meta l-bonds koperti proprji ma jiġux mirhuna, l-ammont tal-pool ta' kopertura li jsostni dawk it-titoli miżmuma u li ma jkunx għadu ġie mirhun jiġi rrapportat bħala assi mingħajr interess ta' garanzija fil-formoli AE-ASS. Informazzjoni addizzjonali dwar il-bonds koperti miżmuma u għadhom mhux mirhuna (assi sottostanti, valur ġust u l-eliġibbiltà ta' dawk disponibbli għal interess ta' garanzija u nominali ta' dawk mhux disponibbli għal interess ta' garanzija) huwa rrapportat fil-formola AE-NPL;

▼ M3

- (ii) meta l-bonds koperti proprji huma mirhuna, l-ammont tal-pool ta' kopertura li jsostni dawk it-titoli miżmuma u mirhuna ikun inkluż fil-formola AE-ASS bħala assi b'interess ta' garanzija.

It-tabella li ġejja tistabbilixxi kif għandu jiġi rrapportat ħruġ ta' bond kopert ta' EUR 100 li minnhom 15 % huma miżmuma u mhux mirhuna u 10 % huma miżmuma u mirhuna bħala kollateral fi tranżazzjoni repo ta' EUR 11 ma' bank ċentrali, fejn il-pool ta' kopertura tinkludi self mhux garantit u l-ammont riportat tas-self huwa ta' EUR 150.

SOURCES OF ENCUMBRANCE				
Tip	Ammont	Ċelloli	Self ta' interess tal-garanzja	Ċelloli
Bonds koperti	75 % (100) = 75	{Sorsi AE, r110, c010}	75 % (150) = 112,5	{Assi AE, r100, c10} {Sorsi AE, r110, c030}
Finanzjament tal-Bank ċentrali	11	{Sorsi AE, r060, c010}	10 % (150) = 15	{Assi AE, r100, c10} {Sorsi AE, r060, c030}
MINGĦAJR INTERESS TA' GARANZIJA				
Tip	Ammont	Ċelloli	Self mingħajr interess ta' garanzija	Ċelloli
Bonds koperti proprja miżmuma	15 % 100 = 15	{AE-Mhux mirhuna, r010, c040}	15 % (150) = 22,5	{Assi AE, r100, c60} {AE-Mhux mirhuna, r020, c010}

(g) Titolizzazzjonijiet

Titolizzazzjonijiet tfisser titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li oriġinaw fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 4(61) tas-CRR.

Għat-titolizzazzjonijiet li jibqgħu fil-karta bilanċjali (non-derikonoxxuti), japplikaw ir-regoli għal bonds koperti.

Għal titolizzazzjonijiet derikonoxxuti, ma hemm l-ebda interess ta' garanzija fejn l-istituzzjoni jkollha xi titoli. Dawn it-titoli se jidhru fil-portafoll tan-negozjar jew fil-portafoll bankarju tal-istituzzjonijiet tar-rappurtar bħal kull titolu ieħor maħruġ minn parti terza.

2.1.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	Assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar IAS 1.9 (a), Gwida għall-Implimentazzjoni (IG) 6 Assi totali tal-istituzzjoni tar-rappurtar irreġistrati fil-karta bilanċjali tiegħu.

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
020	<p>Self fuq talba IAS 1.54 (i)</p> <p>Dan jinkludi l-bilanċi riċevibbli fuq talba f'banek ċentrali u istituzzjonijiet oħra. Flus fl-idejn, jiġifieri, iż-żamma fiċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus u muniti nazzjonali u barranin li normalment jintużaw biex isiru l-ħlasijiet huma inklużi fir-ringiela "assi oħra".</p>
030	<p>Strumenti ta' ishma azzjonarji Strumenti azzjonarji miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar kif definit fl-IAS 32.1.</p>
040	<p>Titoli ta' dejn Anness V, Parti 1, paragrafu 26.</p> <p>Strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar maħruġin bħala titoli li mhumiex self skont ir-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI.</p>
050	<p>li minnhom: bonds koperti Titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE.</p>
060	<p>li minnhom: titolizzazzjonijiet Titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma titolizzazzjonijiet, kif definit fl-Artikolu 4(61) tas-CRR.</p>
070	<p>li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi.</p>
080	<p>li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji Titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni ta' rappurtar maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji, kif definit fl-Anness V, Parti I, paragrafu 35(c) u (d).</p>
090	<p>li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji Titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni ta' rappurtar maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji kif definit fl-Anness V, Parti I, paragrafu 35(e).</p>
100	<p>Self u avvanzi għajr self fuq talba Self u avvanzi, jiġifieri, strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet tar-rappurtar li mhumiex titoli, għajr bilanċi riċevibbli fuq talba.</p>
110	<p>li minnhom: self ipotekarju Self u avvanzi oħra għajr self fuq talba u li huma self b'ipoteka skont id-definizzjoni fl-Anness V, parti 2, 41(h).</p>
120	<p>Assi ohrain Assi oħra tal-istituzzjoni tar-rappurtar irreġistrati fil-karta bilanċjali għajr dawk imsemmija fir-ringieli ta' hawn fuq u differenti minn titoli ta' dejn proprju u strumenti ta' ekwità ta' dejn proprju li ma jistgħux jiġu derikonoxxuti mill-karta bilanċjali permezz ta' istituzzjoni mhux tal-IFRS. F'dan il-każ, strumenti ta' dejn proprju jkunu inklużi fir-ringiela 240 tal-formola AE-COL u l-istrumenti ta' ekwità proprja esklużi mir-rappurtar tal-interess ta' garanzija tal-assi.</p>

▼ M3

2.1.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Ammont riportat ta' assi vinkolati</p> <p>L-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma vinkolati skont id-definizzjoni li hemm ta' interess ta' garanzija tal-assi. Ammont riportat ifisser l-ammont rappurtat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali.</p>
020	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Ammont riportat ta' assi vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma maħruġa minn kwalunkwe entità fil-ambitu prudenzjali tal-konsolidament.</p>
030	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Ammont riportat ta' assi vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
040	<p>Il-valur ġust ta' assi vinkolati</p> <p>IFRS 13 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) għal istituzzjonijiet mhux tal-IFRS.</p> <p>Il-valur ġust tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma vinkolati skont id-definizzjoni pprovduta ta' interess ta' garanzija. Valur ġust ta' strument finanzjarju huwa l-prezz li jkun riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl. (Ara l-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust.)</p>
050	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Il-valur ġust ta' titoli ta' dejn vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
060	<p>L-ammont riportat ta' assi mhux vinkolati</p> <p>L-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex vinkolati skont id-definizzjoni provduta ta' interess ta' garanzija tal-assi. Ammont riportat t'fisser l-ammont rappurtat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali.</p>
070	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Ammont riportat ta' assi mhux vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinħarġu minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
080	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Ammont riportat ta' assi mhux vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrapportaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
090	<p>Il-valur ġust ta' assi mhux vinkolati</p> <p>IFRS 13 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/34/UE għal istituzzjonijiet non-IFRS.</p> <p>Il-valur ġust tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni ta' rappurtar li mhumiex vinkolati skont id-definizzjoni provduta ta' interess ta' garanzija tal-assi. Il-valur ġust ta' strument finanzjarju, huwa l-prezz li jkun riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl. (Ara l-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust.)</p>
100	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Valur ġust ta' titoli ta' dejn mhux vinkolati miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrapportaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>

(*) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

2.2. Formola: AE-COL. Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar

2.2.1. Rimarki ġenerali

15. Għal kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar u t-titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti proprji jew ABS, il-kategorija tal-assi "mhux vinkolati" hija maqsuma bejn dawk "disponibbli għal interess ta' garanzija" jew potenzjalment eliġibbli biex tiġi vinkolata u dawk "mhux disponibbli għal interess ta' garanzija".
16. Assi huma "mhux disponibbli għal interess ta' garanzija" meta jkunu ġew riċevuti bħala kollateral u l-istituzzjoni tar-rappurtar ma tkunx permessa tbigħ jew tirhan mill-ġdid il-kollateral, hliief fil-każ ta' inadempjenza min-naħa tas-sid tal-kollateral. Titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti proprji jew titolizzazzjonijiet huma nondisponibbli għal interess ta' garanzija meta jkun hemm xi restrizzjoni fit-termini tal-ħruġ biex jinbiegħu jew jiġu mirhuna mill-ġdid it-titoli miżmuma.
17. Għall-iskop tar-rappurtar dwar l-interess ta' garanzija tal-assi, titoli mislufa bi skambju għal tariffa mingħajr ma jipprovdi kollateral fi flus jew kollateral mhux fi flus huma rrapurtati bħala kollateral riċevut.

▼ M3

2.2.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
130	Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar Il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar.
140	Self fuq talba Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li tinkludi self fuq talba. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 020 tal-formola AE-ASS.)
150	Strumenti ta' ishma azzjonarji Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li tinkludi strumenti azzjonarji. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 030 tal-formola AE-ASS.)
160	Titoli ta' dejn Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li tinkludi titoli ta' dejn. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 040 tal-formola AE-ASS.)
170	li minnhom: bonds koperti Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi bonds koperti. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 050 tal-formola AE-ASS.)
180	li minnhom: titolizzazzjonijiet Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi titolizzazzjonijiet. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 060 tal-formola AE-ASS.)
190	li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 070 tal-formola AE-ASS.)
200	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 080 tal-formola AE-ASS.)
210	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 090 tal-formola AE-ASS.)
220	Self u avvanzji għajr self fuq talba Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi self u avvanzji għajr self fuq talba. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 100 tal-formola AE-ASS.)
230	Kollateral riċevut ieħor Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li jinkludi assi oħra. (Ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet ir-ringiela 120 tal-formola AE-ASS.)
240	Titoli ta' dejn proprji maħruġin għajr bonds proprji koperti jew ABSs Titoli ta' dejn proprji maħruġa miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex bonds proprji koperti maħruġa jew titolizzazzjonijiet proprji maħruġa. Minħabba li t-titoli ta' dejn proprji miżmuma jew riakkwistiti maħruġa, skont l-IAS 39.42, inaqqsu l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati, dawn it-titoli mhumiex inklużi fil-kategorija tal-assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar (ir-ringiela 010 tal-formola AE-ASS). Titoli ta' dejn proprji li ma jistgħux jiġu derikonoxxuti mill-karta bilanċjali minn istituzzjoni mhux tal-IFRS ikunu inklużi f'din ir-ringiela.

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
	<p>Bonds koperti maħruġa proprji jew titolizzazzjonijiet maħruġin proprji ma jiġux irrappurtati f'din il-kategorija minħabba li japplikaw regoli differenti għal dawk il-każijiet sabiex jiġi evitat l-għadd doppju:</p> <p>(a) meta titoli ta' dejn proprji jiġu mirhuma, l-ammont tal-pool ta' kopertura/assi sottostanti li qed isostnu dawk it-titoli miżmuma u mirhunat jiġi rrapportat fil-formola AE-ASS bħala assi vinkolati;</p> <p>(b) meta t-titoli ta' dejn proprji għadhom mhux mirhuna l-ammont tal-pool ta' kopertura/assi sottostanti li qed isostnu dawk it-titoli miżmuma u għadhom mhux mirhuna jiġi rrapportat bħala assi mhux vinkolati fil-formoli AE-ASS. Informazzjoni addizzjonali dwar dan it-tieni tip ta' titoli ta' dejn proprji għadhom mhux mirhuna (assi sottostanti, valur ġust u eliġibbiltà ta' dawk disponibbli għal interess ta' garanzija u nominali ta' dawk mhux disponibbli għal interess ta' garanzija) huwa rrapportat fil-formola AE-NPL.</p>
250	<p>ASSI TOTALI, KOLLATERALI RIĊEVUT U TITOLI TA' DEJN PROPRJI MAĦRUĠA</p> <p>L-assi kollha tal-istituzzjoni tar-rappurtar irregjstrati fil-karta bilanċjali tagħha, il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar u t-titoli ta' dejn proprji maħruġa miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex bonds koperti proprji maħruġa jew titolizzazzjonijiet proprji maħruġa.</p>

2.2.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Valur ġust ta' kollateral vinkolat riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa</p> <p>Il-valur ġust tal-kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa/miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma vinkolati skont id-definizzjoni produta ta' interess ta' garanzija tal-assi.</p> <p>Il-valur ġust ta' strument finanzjarju, huwa l-prezz li jkun riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl. (Ara l-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust.)</p>
020	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Il-valur ġust tal-kollateral vinkolat riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa/miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma maħruġa minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.</p>
030	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Il-valur ġust tal-kollateral vinkolat riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa/miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrapportaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
040	<p>Il-valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa disponibbli għal interess ta' garanzija</p> <p>Il-valur ġust tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhuwiex vinkolat iżda disponibbli għal interess ta' garanzija minħabba li l-istituzzjoni tar-rappurtar titħalla tbigħ jew tirhanu mill-ġdid jekk ma jkunx hemm inadempjenza min-naħa tas-sid tal-kollateral. Dan jinkludi wkoll il-valur ġust ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa, għajr bonds proprji koperti jew titolizzazzjonijiet li mhuwiex vinkolati iżda disponibbli għal interess ta' garanzija.</p>
050	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Il-valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti proprji jew titoli sostnuti minn assi disponibbli għal interess ta' garanzija li jinħarġu minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.</p>
060	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Il-valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds proprji koperti jew titolizzazzjonijiet disponibbli għal interess ta' garanzija li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju guridizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
070	<p>Nominali ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa mhux disponibbli għal interess ta' garanzija</p> <p>Ammont nominali tal-kollateral riċevut miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhuwiex vinkolati u mhux disponibbli għal interess ta' garanzija. Dan jinkludi wkoll l-ammont nominali ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti proprji jew titolizzazzjonijiet miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhuwiex vinkolati kif ukoll mhux disponibbli għal interess ta' garanzija.</p>

2.3. Formola: AE-NPL. Bonds u ABSs proprji koperti maħruġa u għadhom mhux mirhuna

2.3.1. Rimarki ġenerali

18. Biex jiġu evitati kalkoli doppji, tapplika r-regola li ġejja fir-rigward ta' bonds koperti proprji u titolizzazzjonijiet proprji maħruġa u li jinżammu mill-istituzzjoni tar-rappurtar:

- (a) meta dawk it-titoli jkunu mirhuna l-ammont tal-pool ta' kopertura/assi sottostanti li jsostnuhom għandu jiġi rrapportat bħala formola AE-ASS ta' assi vinkolati. Is-sors tal-finanzjament fil-każ ta' rahan ta' bonds u titolizzazzjonijiet koperti proprji huwa t-tranżazzjoni ġdida li fiha t-titoli qed jiġu mirhuna (finanzjament mill-banek ċentrali jew tip ieħor ta' finanzjament sikur) u mhux il-ħruġ oriġinali ta' bonds koperti jew titolizzazzjonijiet.

▼ M3

- (b) meta dawk it-titoli mhumiex mirhuna, l-ammont tal-pool ta' kopertura/assi sottostanti li qed isostnu dawk it-titoli jiġi rrapportat bħala assi mhux vinkolati fil-formola AE-ASS.

2.3.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	Bonds u ABSs proprji koperti maħruġa u għadhom mhux mirhuna Bonds koperti proprji u titolizzazzjonijiet maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u mhux vinkolati.
020	Bonds koperti maħruġa miżmuma Bonds koperti proprji maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u mhux vinkolati.
030	Titolizzazzjonijiet maħruġa miżmuma Titolizzazzjonijiet proprji maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u mhux vinkolati.
040	Superjuri Segmenti superjuri ta' titolizzazzjonijiet proprji maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u li mhumiex vinkolati. Ara l-Artikolu 4(67) tas-CRR.
050	Mezzana Segmenti mezzana ta' titolizzazzjonijiet proprji maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u mhux vinkolati. Is-segmenti kollha li mhumiex segmenti superjuri, jiġifieri l-aħħar biex jassorbu t-telf jew segmenti tal-ewwel telf, jitqiesu segmenti mezzana. Ara l-Artikolu 4(67) tas-CRR.
060	L-ewwel telf Segmenti tal-ewwel telf ta' titolizzazzjonijiet proprji maħruġa li huma miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar u mhux vinkolati. Ara l-Artikolu 4(67) tas-CRR.

2.3.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	L-ammont riportat tal-pool sottostanti tal-assi Ammont riportat tal-pool ta' kopertura/assi sottostanti li jsostnu bonds proprji koperti u titolizzazzjonijiet proprji miżmuma u li għadhom mhumiex mirhuna.
020	Il-valur ġust ta' titoli ta' dejn maħruġa disponibbli għal interess ta' garanzija Valur ġust tal-bonds proprji koperti u titolizzazzjonijiet proprji miżmuma li mhumiex vinkolati iżda disponibbli għal interess ta' garanzija.
030	Li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali Valur ġust tal-bonds proprji koperti u titolizzazzjonijiet proprji miżmuma li jissodisfaw kull waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) mhumiex vinkolati; (ii) huma disponibbli għal interess ta' garanzija; (iii) huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess.

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
	L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-bank ċentrali għal entrata, pereżempju ġuriżdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-bank ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.
040	Nominali ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa mhux disponibbli għal interess ta' garanzija Ammont nominali tal-bonds proprji koperti u titolizzazzjonijiet proprji miżmuma li mhumiex vinkolati u wkoll mhux disponibbli għal interess ta' garanzija.

2.4. Formola: AE-SOU. Sorsi ta' interess ta' garanzija

2.4.1. Rimarki ġenerali

19. Din il-formola tipprovdi informazzjoni dwar l-importanza għall-istituzzjoni tar-rappurtar ta' sorsi differenti ta' interess ta' garanzija, inklużi dawk mingħajr finanzjament assoċjat bħala impenji ta' self jew garanziji finanzjarji riċevuti u self ta' titoli mingħajr kollateral mhux fi flus.

20. L-ammonti totali ta' assi u kollateral riċevuti fil-formoli AE-ASS u fl-AE-COL jissodisfaw ir-regola ta' validazzjoni li ġejja: {AE-SOU; r170; c030} = {AE-ASS; r010; c010} + {AE-COL; r130; c010} + {AE-COL; r240; c010}.

2.4.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	Ammont riportat ta' xi obligazzjonijiet finanzjarji Ammont riportat ta' xi obligazzjonijiet finanzjarji kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn l-obbligazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija assi għal dik l-istituzzjoni.
020	Derivattivi L-ammont riportat tad-derivattivi kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar li huma obbligazzjonijiet finanzjarji, jiġifieri, b'valur ġust negattiv, sa fejn dawn id-derivattivi jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.
030	li minnhom: barra l-borża L-ammont riportat tad-derivattivi kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar li huma obbligazzjonijiet finanzjarji li huma nnegozjati barra l-Borża, sa fejn dawn id-derivattivi jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi.
040	Depożiti L-ammont riportat tad-depożiti kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn id-depożiti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.
050	Ftehimiet ta' riakkwist L-ammont riportat tal-ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
	Ftehimiet ta' riakkwist (repos) huma tranżazzjonijiet li fihom l-istituzzjoni tar-rappurtar tirċievi flus bi skambju għal assi finanzjarji mibjugħa bi prezz partikolari b'impenn ta' riakkwist tal-istess assi (jew identiċi) bi prezz fiss f'data speċifika fil-ġejjieni. Il-varjanti li ġejjin ta' operazzjonijiet tip repo huma kollha meħtieġa biex jiġu rappurtati bħala ftehimiet ta' riakkwist: ammonti riċevuti bi skambju għal titoli temporanji trasferiti lil parti terza fil-forma ta' titoli mislufa kontra kollateral fi flus u — ammonti riċevuti bi skambju għal titoli temporanji trasferiti lil parti terza fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/riakkwist.
060	<p>li minnhom: banek ċentrali</p> <p>L-ammont riportat tal-ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar ma' banek ċentrali sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi.</p>
070	<p>Depożiti kollateralizzati għajr ftehimiet ta' riakkwist</p> <p>L-ammont riportat ta' depożiti kollateralizzati għajr ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn id-depożiti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
080	<p>li minnhom: banek ċentrali</p> <p>L-ammont riportat tad-depożiti kollateralizzati minbarra ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar ma' banek ċentrali sa fejn dawn id-depożiti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
090	<p>Titoli ta' dejn maħruġa</p> <p>L-ammont riportat ta' titoli ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn it-titoli maħruġa jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p> <p>Il-parti miżmuma ta' kwalunkwe ħruġ issegwi t-trattament stipulat fil-punt (vi) tal-paragrafu 15 tal-Parti A sabiex il-perċentwali ta' titoli ta' dejn biss jitpoġġa barra mill-entitajiet tal-grupp ikunu inklużi f'din il-kategorija.</p>
100	<p>li minnhom: bonds koperti maħruġa</p> <p>L-ammont riportat ta' bonds koperti li l-assi tagħhom huma oriġinati mill-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn it-titoli maħruġa jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
110	<p>li minnhom: titolizzazzjonijiet maħruġa</p> <p>L-ammont riportat ta' titolizzazzjonijiet maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn it-titoli maħruġa jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
120	<p>Sorsi oħra ta' interess ta' garanzija</p> <p>L-ammont ta' tranżazzjonijiet kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar minbarra obligazzjonijiet finanzjarji, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
130	<p>Nominali ta' impenji ta' self riċevuti</p> <p>L-ammont nominali tal-impenji ta' self riċevuti mill-istituzzjoni tar-rappurtar, sa fejn dawn l-impenji riċevuti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
140	<p>Nominali ta' garanziji finanzjarji riċevuti</p> <p>L-ammont nominali tal-garanziji finanzjarji riċevuti mill-istituzzjoni tar-rappurtar, sa fejn dawn il-garanziji riċevuti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
150	<p>Il-valur ġust ta' titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus</p> <p>Il-valur ġust tat-titoli mislufa mill-istituzzjoni tar-rappurtar b'kollateral mhux fi flus, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolve interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
160	<p>Oħrajn</p> <p>L-ammont ta' tranżazzjonijiet kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar għajr l-obbligazzjonijiet finanzjarji, li ma jaqgħux taħt l-entrati ta' hawn fuq, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolve interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
170	<p>TOTAL TAS-SORSI TA' INTERESS TA' GARANZIJA</p> <p>L-ammont tat-tranżazzjonijiet kollateralizzati kollha tal-istituzzjoni tar-rappurtar sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolve interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>

2.4.3. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Obbligazzjonijiet imqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa</p> <p>L-ammont tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti (impenji ta' self riċevuti u garanziji finanzjarji riċevuti) u tat-titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolve interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p> <p>Obbligazzjonijiet finanzjarji jiġu rrapportati bl-ammont riportat tagħhom; obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu rrapportati bil-valur nominali tagħhom; u titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus jiġu rrapportati bil-valur ġust tagħhom.</p>
020	<p>li minnhom: minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>L-ammont tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mqabbla, l-obbligazzjonijiet kontinġenti (impenji ta' self riċevuti u garanziji finanzjarji riċevuti) u t-titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus, sa fejn il-kontroparti tkun kwalunkwe entità oħra fl-ambitu pridenzjali tal-konsolidazzjoni u t-transazzjoni tinvolvi għar-rappurtar istituzzjoni interess ta' garanzija tal-assi.</p> <p>Għal regoli li japplikaw għal tipi ta' ammonti, ara l-istruzzjonijiet għal kolonna 010.</p>
030	<p>Assi, kollateral riċevut u titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u ABSs vinkolati</p> <p>L-ammont tal-assi, kollateral riċevut u titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet li huma vinkolati bħala riżultat tat-tip differenti ta' transazzjonijiet speċifikati fir-ringieli.</p> <p>Biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-kriterji fil-formoli AE-ASS u AE-COL, l-assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar irreġistrati fil-karta bilanċjali huma rrapportati bl-ammont riportat tagħhom, il-kollateral użati mill-ġdid riċevut u t-titoli proprji vinkolati maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet jiġu rrapportati bil-valur ġust tagħhom.</p>
040	<p>li minnhom: kollateral riċevut u użat mill-ġdid</p> <p>Il-valur ġust tal-garanziji riċevuti li jintuża mill-ġdid/vinkolat bħala riżultat ta' tipi differenti ta' transazzjonijiet speċifikati fir-ringieli.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
050	<p>Li minnhom: titoli ta' dejn proprji vinkolati</p> <p>Valur ġust ta' titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet, li huma vinkolati bħala riżultat tat-tip differenti ta' transazzjonijiet speċifikati fir-ringieli.</p>

3. PARTI B: DATA TAL-MATURITÀ

3.1. Rimarki ġenerali

21. Il-formola inkluża fil-Parti B turi ħarsa ġenerali fuq l-ammont ta' assi vinkolati u kollateral riċevut użat mill-ġdid li jaqgħu taħt intervalli definiti tal-maturità li jifdal tal-obbligazzjonijiet imqabbla.

3.2. Formola: AE-MAT. Data ta' maturità

3.2.1. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Assi vinkolati</p> <p>Għall-iskop ta' din il-formola, assi vinkolati jinkludu dawn kollha:</p> <p>(a) l-assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar (ara l-istruzzjoni għar-ringiela 010 tal-formola AE-ASS), li jiġu rrapportati bl-ammont riportat tagħhom;</p> <p>(b) titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti jew titolizzazzjonijiet (ara l-istruzzjoni għar-ringiela 240 tal-formola AE-COL), li jiġu rrapportati bil-valur ġust.</p> <p>Dawn l-ammonti huma mqassma fost is-sett ta' "buckets" ta' maturità li jifdal speċifikati fil-kolonna skont il-maturità li jifdal tas-sors tal-interess ta' garanzija tagħha (obbligazzjoni mqabbla, obbligazzjoni kontinġenti jew tranżazzjoni ta' self ta' titoli).</p>
020	<p>Kollateral riċevut użat mill-ġdid (receiving leg)</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 130 tal-formola AE-COL u AE-SOU u l-kolonna 040 tal-formola AE-SOU.</p> <p>L-ammonti jiġu rrapportati bil-valur ġust u mqassma fost is-sett ta' "buckets" ta' maturità li jifdal speċifikati fil-kolonna skont il-maturità li jifdal tat-tranżazzjoni li ġġenerat għall-entità li tirċievi l-kollateral li qed jintuża mill-ġdid (receiving leg).</p>
030	<p>Kollateral riċevut użat mill-ġdid (re-using leg)</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 130 tal-formola AE-COL u AE-SOU u l-kolonna 040 tal-formola AE-SOU.</p> <p>Dawn l-ammonti huma rrapportati bil-valur ġust u mqassma fost is-sett ta' "buckets" ta' maturità li jifdal speċifikati fil-kolonna skont il-maturità li jifdal tas-sors tal-interess ta' garanzija tagħha (reusing leg): obbligazzjoni mqabbla, obbligazzjoni kontinġenti jew tranżazzjoni ta' self ta' titoli</p>

3.2.2. Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Maturità miftuħa</p> <p>Fuq talba, mingħajr data ta' maturità speċifika</p>
020	<p>Perjodu mil-lum għal għada</p> <p>Data ta' skadenza aktar kmieni jew ugwali għal jum</p>

▼ M3

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
030	> jum <= ġimgħa Data aktar tard minn jum u aktar kmieni minn jew ugwali għal ġimgħa
040	> ġimgħa <= ġimgħatejn Data aktar tard minn ġimgħa u aktar kmieni minn jew ugwali għal ġimgħatejn
050	> ġimgħatejn <= xahar Data aktar tard minn ġimgħatejn u aktar kmieni minn jew ugwali għal xahar
060	> xahar <= 3 xhur Data aktar tard minn xahar u aktar kmieni minn jew ugwali għal 3 xhur
070	> 3 xhur <= 6 xhur Data aktar tard minn 3 xhur u aktar kmieni minn jew ugwali għal 6 xhur
080	> 6 xhur <= sena Data aktar tard minn 6 xhur u aktar kmieni minn jew ugwali għal sena
090	> sena <= sentejn Data aktar tard minn sena u aktar kmieni minn jew ugwali għal sentejn
100	> sentejn <= 3 snin Data aktar tard minn sentejn u aktar kmieni minn jew ugwali għal 3 snin
110	> 3 snin <= 5 snin Data aktar tard minn 3 snin u aktar kmieni minn jew ugwali għal 5 snin
120	> 5 snin <= 10 snin Data aktar tard minn 5 snin u aktar kmieni minn jew ugwali għal 10 snin
130	> 10 snin Data aktar tard minn 10 snin

4. PARTI C: INTERESS TA' GARANZIJA KONTINĠENTI

4.1. Rimarki ġenerali

22. Din il-formola teħtieġ li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-livell ta' interess ta' garanzija tal-assi f'għadd ta' xenarji ta' stress.
23. Interess ta' garanzija kontinġenti jirreferi għal assi addizzjonali li jistgħu jeħtieġu li jiġu vinkolati meta l-istituzzjonijiet tar-rappurtar jiffaċċaw żviluppi avversi kkawżati minn avveniment estern li fuq l-istituzzjoni tar-rappurtar ma għandhom l-ebda kontroll (inkluż tnaqqis fil-klassifikazzjoni, tnaqqis ta' valur ġust tal-assi vinkolati jew telf ġenerali ta' fiduċja). F'dawn il-każijiet, l-istituzzjoni tar-rappurtar se jeħtieġ li tagħmel interess ta' garanzija fuq assi addizzjonali bħala konsegwenza ta' tranżazzjonijiet diġà eżistenti. L-ammont addizzjonali ta' assi vinkolati jkun nett tal-impatt ta' tranżazzjonijiet spekulattivi tal-istituzzjoni kontra l-avvenimenti deskritti fix-xenarji ta' stress imsemmija.
24. Din il-formola tinkludi ż-żewġ xenarji li ġejjin għar-rappurtar ta' interess ta' garanzija kontinġenti li huma stipulati f'faktar dettall fil-punti 4.1.1. u 4.1.2. L-informazzjoni rappurtata tkun l-istima raġonevoli tal-istituzzjoni bbażata fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli.

▼ M3

- (a) Tnaqqis tal-valur ġust tal-assi vinkolati bi 30 %. Dan ix-xenarju jkopri biss bidla fil-bażi l-valur ġust sottostanti tal-assi, u l-ebda bidla oħra li jista' jkollha impatt fuq l-ammont riportat tiegħu bħal qligħ jew telf jew ħsara potenzjali tar-rata tal-kambju. L-istituzzjoni tar-rappurtar tista' mbagħad tiġi mġiegħla żżid il-kollateral sabiex iżżomm il-valur tal-kollateral kostanti.
- (b) Deprezzament ta' 10 % f'kull munita li fiha l-istituzzjoni jkollha obbligazzjonijiet aggregati li jammontaw għal 5 % jew aktar ta' obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni.

25. Ix-xenarji jiġu rrapportati b'mod indipendenti minn xulxin, u deprezzamenti sinifikanti tal-valuta wkoll jiġu rrapportati b'mod indipendenti mid-deprezzamenti ta' muniti sinifikanti oħra. Għaldaqstant l-istituzzjonijiet ma għandhomx jieħdu f'kunsiderazzjoni l-korrelazzjonijiet bejn ix-xenarji.

4.1.1. Xenarju A: Tnaqqis ta' 30 % ta' assi vinkolati

- 26. Wieħed jassumi li l-assi vinkolati kollha jonqsu bi 30 % fil-valur. Il-ħtieġa ta' kollateral addizzjonali li jirriżulta minn tnaqqis bħal dan tqis il-livelli eżistenti ta' kollateralizzazzjoni żejda, b'tali mod li l-livell minimu ta' kollateralizzazzjoni biss jinżamm. Il-ħtieġa ta' kollateral addizzjonali tqis ukoll ir-rekwiżiti kuntrattwali tal-kuntratti u l-ftehimiet milquta, inklużi l-iskattaturi tal-limiti.
- 27. Il-kuntratti u l-ftehimiet biss, fejn hemm obbligu legali li jiġi pprovdut kollateral addizzjonali jiġu inklużi. Dan jinkludi kwistjonijiet ta' ħruġ ta' bonds koperti fejn hemm rekwiżit legali li jinżammu livelli minimi ta' kollateralizzazzjoni żejda iżda l-ebda rekwiżit li jinżammu livelli ta' klassifikazzjoni eżistenti dwar bonds koperti.

4.1.2. Xenarju B: Deprezzament ta' 10 % f'muniti sinifikanti

- 28. Munita hija sinifikanti jekk l-istituzzjoni tar-rappurtar ikollha obbligazzjonijiet aggregati f'dik il-munita li jammontaw għal 5 % jew aktar tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni
- 29. Il-kalkolu ta' deprezzament ta' 10 % iqis kemm iż-żewġ bidliet fuq in-naħa tal-assi u tal-obbligazzjonijiet, jiġifieri jaċċenna d-diskrepanzi bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet. Pereżempju, tranżazzjoni repo f'USD bbażata fuq assi USD ma tikkawżax aktar interess ta' garanzija, filwaqt li transazzjoni repo f'USD abbażi ta' assi EUR jikkawża interess ta' garanzija addizzjonali.
- 30. It-tranżazzjonijiet kollha li jkollhom element trasversali bejn il-muniti jkunu koperti minn dan il-kalkolu.

4.2. Formola: AE-CONT. Interest ta' garanzija kontinġenti

4.2.1. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

- 31. Ara l-istruzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi tal-formola AE-SOU fil-punt 1.5.1. Il-kontenut tal-kolonni tal-formola AE-CONT mhuwiex differenti mill-formola AE-SOU.

▼ M3

4.2.2. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Obbligazzjonijiet imqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa L-istess struzzjonijiet u dejta bħall-kolonna 010 tal-formola AE-SOU.</p> <p>L-ammont tal-obbligazzjonijiet finanzjarji mqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti (impenji ta' self riċevuti u garanziji finanzjarji riċevuti) u tat-titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p> <p>Kif imsemmi f'kull ringiela fil-formola, obbligazzjonijiet finanzjarji jiġu rrapportati bl-ammont riportat tagħhom, l-obbligazzjonijiet kontinġenti fin-nominal tagħhom u t-titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus bil-valur ġust tagħhom.</p>
020	<p>A. Ammont addizzjonali tal-assi vinkolati</p> <p>Ammont addizzjonali ta' assi li jsiru vinkolati minħabba dispożizzjoni legali, regolatorja jew kuntrattwali li jistgħu jiġu attivati f'każ li jokorri x-xenarju A.</p> <p>Skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fil-Parti A ta' dan l-Anness, dawn l-ammonti jiġu rrapportati bl-ammont riportat tagħhom jekk l-ammont ikun relatat ma' assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar jew bil-valur ġust tagħhom jekk relatati ma' kollateral riċevut. Ammonti li jeċċedu l-assi mhux vinkolati u l-kollateral tal-istituzzjoni jiġu rrapportati bil-valur ġust.</p>
030	<p>B. Ammont addizzjonali tal-assi vinkolati. Valuta sinifikanti 1</p> <p>Ammont addizzjonali ta' assi li jsiru vinkolati minħabba dispożizzjoni legali, regolatorja jew kuntrattwali li jistgħu li jistgħu jiġu attivati f'każ ta' deprezzament tal-valuta sinifikanti numru 1 fix-xenarju B.</p> <p>Ara r-regoli għal tipi ta' ammonti fir-ringiela 020.</p>
040	<p>B. Ammont addizzjonali tal-assi vinkolati. Valuta sinifikanti 2</p> <p>Ammont addizzjonali ta' assi li jsiru vinkolati minħabba dispożizzjoni legali, regolatorja jew kuntrattwali li jistgħu jiġu attivati f'każ ta' deprezzament tal-valuta sinifikanti numru 2 fix-xenarju B.</p> <p>Ara r-regoli għal tipi ta' ammonti fir-ringiela 020.</p>

5. PARTI D: BONDS KOPERTI

5.1. Rimarki ġenerali

32. L-informazzjoni f'din il-formola hija rrapportata għall-bonds kollha koperti konformi mal-UCITS maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar. Il-bonds koperti li huma konformi mal-USITS huma l-bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE. Dawn huma bonds koperti maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar jekk l-istituzzjoni tar-rappurtar tkun relatata mal-bond kopert suġġetta bil-liġi għal superviżjoni pubblika speċjali maħsuba biex tiproteġi t-titolari ta' bonds u jekk għal tali bond kopert huwa meħtieġ li flejjes ġejjin mill-ħruġ ta' dawk il-bonds ikunu investiti skont il-liġi f'assi li, matul il-perjodu kollu ta' validità ta' bonds, huma kapaċi li jkopru pretensjonijiet marbuta mal-bonds u li, f'każ ta' ħsara tal-emittent, jintużaw fuq bażi ta' prijorità fir-rigward tar-rimborż tal-kapital u l-ħlas tal-imgħax akkumulat.

▼ M3

33. Bonds koperti maħruġa minn jew f'isem istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex bonds koperti konformi mal-USITS ma jiġux rappurtati skont il-formuli AE-CB.

34. Ir-rappurtar ikun ibbażat fuq sistema statutorja ta' bonds koperti, jiġifieri l-qafas legali li japplika għall-programm ta' bonds koperti.

5.2. Formola: AE-CB. Ħruġ ta' bonds koperti

5.2.1. Istruzzjonijiet dwar l-assi-z

assi-z	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Identifikatur tal-pool ta' kopertura (miftuħ)</p> <p>L-identifikatur tal-pool ta' kopertura jikkonsisti fl-isem jew abbrevjazzjoni mhux ambigwa tal-entità tal-ħruġ tal-pool ta' kopertura u d-denominazzjoni tal-pool ta' kopertura li individwalment huwa suġġett għal-miżuri protettivi rilevanti tal-bonds koperti.</p>

5.2.2. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Ammont nominali</p> <p>Ammont nominali huwa s-somma ta' pretensjonijiet għall-ħlas ta' kapital, determinati skont ir-regoli statutorji rispettivi tar-reġim ta' bonds koperti li japplikaw għad-determinazzjoni ta' kopertura suffiċjenti.</p>
020	<p>Valur preżenti (swap)/Valur tas-suq</p> <p>Il-valur preżenti (swap) huwa s-somma ta' pretensjonijiet għall-ħlas ta' kapital u interess, kif skontat minn kurva tar-rendita ta' kambju speċifiku mingħajr riskju, stabbilit skont ir-regoli statutorji rispettivi tar-reġim ta' bonds koperti li japplikaw għad-determinazzjoni ta' kopertura suffiċjenti.</p> <p>Għall-kolonna 080 u 210 li jirreferu għal pożizzjonijiet ta' derivattivi ta' pool ta' kopertura, l-ammont li għandu jiġi rappurtat huwa l-valur tas-suq tiegħu.</p>
030	<p>Valur speċifiku għall-assi</p> <p>Il-valur li huwa speċifiku għall-assi huwa l-valur ekonomiku tal-assi tal-pool ta' kopertura, kif jistgħu jkunu deskritti b'valur ġust skont l-IFRS 13, valur tas-suq osservabbli minn tranżazzjonijiet eżegwiti fi swieq likwidi, jew li jkunu ta' valur preżenti li jiskontaw il-flussi futuri tal-flus ta' assi permezz ta' kurva tar-rata tal-imgħax speċifika għall-assi.</p>
040	<p>Ammont riportat</p> <p>Ammont riportat ta' obligazzjoni ta' bond kopert jew assi ta' pool ta' kopertura huwa l-valur tal-kontabbiltà fl-emittent tal-bonds koperti.</p>

5.2.3. Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Konformità mal-Artikolu 129 tas-CRR? [IVA/LE]</p> <p>L-istituzzjonijiet jispeċifikaw jekk il-pool ta' kopertura jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 129 tas-CRR sabiex ikunu eliġibbli għal trattament preferenzjali stipulati fl-Artikolu 129(4) u (5) ta' dak ir-Regolament.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
012	<p>Jekk IVA, indika l-klassi tal-assi primarju tal-pool ta' kopertura</p> <p>Jekk il-pool ta' kopertura huwa eliġibbli għal trattament preferenzjali stipulat fl-Artikolu 129(4) u (5) tas-CRR (wieġeb IVA fil-kolonna 011), il-klassi ta' assi primarju tal-pool ta' kopertura tkun indikata f'din il-kaxxa. Il-klassifikazzjoni fl-Artikolu 129(1) ta' dak ir-Regolament tintuża għal dan l-iskop u l-kodiċijiet “a”, “b”, “c”, “d”, “e”, “f” u “g” jiġu indikati skont dan. Kodiċi “h” se tkun applikata meta l-klassi tal-assi primarju tal-pool ta' kopertura ma taqa taħt l-ebda kategoriji preċedenti.</p>
020-140	<p>Obbligazzjonijiet ta' bonds koperti</p> <p>Obbligazzjonijiet ta' bonds koperti huma obbligazzjonijiet tal-entità tal-ħruġ magħmula billi jinħarġu bonds koperti u jestendu għall-pożizzjonijiet kollha kif definit fir-reġim statutorju rispettiv ta' bonds koperti li huma suġġetti għall-miżuri protettivi rilevanti ta' bonds koperti (dan jista' pereżempju jinkludi titoli fiċ-ċirkulazzjoni kif ukoll il-pożizzjoni ta' kontropartijiet tal-emittent ta' bonds koperti f'pożizzjonijiet fid-derivattivi, mill-perspettiva ta' emittent ta' bonds koperti, b'valur tas-suq negattiv attribwit għall-pool ta' kopertura u trattati bħala obbligazzjonijiet ta' bonds koperti skont ir-reġim statutorju rilevanti ta' bonds koperti).</p>
020	<p>Id-data tar-rappurtar</p> <p>L-ammonti ta' obbligazzjonijiet ta' bonds koperti, esklużi l-pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pools ta' kopertura, skont il-firxiet differenti ta' dati futuri.</p>
030	<p>+ 6 xhur</p> <p>Id-data “+ 6 xhur” hija l-punt fiż-żmien 6 xhur wara d-data ta' referenza ta' rappurtar. L-ammonti jiġu pprovduti bl-assunzjoni ta' ebda tibdil f'obbligazzjonijiet ta' bonds koperti meta mqabbla mad-data ta' referenza tar-rappurtar ħliet għal amortizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' skeda tal-ħlas fissa, għal ammonti pendenti f'dati futuri l-maturità mistennija għandha tintuża b'mod konsistenti.</p>
040-070	<p>+ 12-il xahar – + 10 snin</p> <p>Fir-rigward ta' “+ 6 xhur” (il-kolonna 030) għall-punt fiż-żmien rispettiv mid-data tar-rappurtar ta' referenza.</p>
080	<p>Pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pools ta' kopertura b'valur tas-suq negattiv</p> <p>Il-valur tas-suq negattiv nett tal-pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pools ta' kopertura li mill-perspettiva tal-emittent ta' bonds koperti għandhom valur tas-suq nett negattiv. Pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pools ta' kopertura huma tali pożizzjonijiet fid-derivattivi li b'konfermità mar-reġim statutorju rilevanti ta' bonds koperti jkunu ġew inklużi fil-pool ta' kopertura u huma soġġetti għall-miżuri protettivi rispettivi ta' bonds koperti b'mod li tali pożizzjonijiet derivattivi b'valur tas-suq negattiv jeħtieġu kopertura minn assi eliġibbli ta' pool ta' kopertura.</p> <p>Il-valur tas-suq nett negattiv għandu jiġi rrapportat għad-data ta' referenza tar-rappurtar biss.</p>
090-140	<p>Klassifikazzjoni tal-kreditu esterna fuq bond kopert</p> <p>Informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni fuq il-bond kopert rispettiv, kif teżisti fid-data tar-rappurtar, trid tiġi pprovduta.</p>
090	<p>Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 1</p> <p>Jekk klassifikazzjoni tal-kreditu ta' mill-inqas aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu waħda teżisti fid-data tar-rappurtar, l-isem ta' waħda minn dawn l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tiġi pprovduta hawnhekk. Jekk jeżistu klassifikazzjonijiet tal-kreditu minn aktar minn tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fid-data tar-rappurtar, it-tliet aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tingħatalhom l-informazzjoni jkunu magħżula abbażi tal-prevalenza tas-suq rispettiva tagħhom.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
100	<p>Klassifikazzjoni tal-kreditu 1</p> <p>Il-klassifikazzjoni tal-kreditu maħruġa mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rrapportata fil-kolonna 090 dwar il-bond kopert fid-data ta' referenza ta' rappurtar. Jekk jeżistu klassifikazzjonijiet tal-kreditu għal perjodu twil u qasir mill-istess aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, tiġi rrapportata l-klassifikazzjoni tal-kreditu fit-tul. Il-klassifikazzjoni ta' kreditu li tid tiġi rrapportata għandha tinkludi kwalunkwe modifikaturi.</p>
110, 130	<p>Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 2 u aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 3</p> <p>Għall-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 1 (il-kolonna 090) għal aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ulterjuri li ħarġu klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq il-bond kopert fid-data ta' referenza ta' rappurtar.</p>
120, 140	<p>Klassifikazzjoni tal-kreditu 2 u klassifikazzjoni tal-kreditu 3</p> <p>Għall-klassifikazzjoni tal-kreditu (il-kolonna 100) għal klassifikazzjonijiet ta' kreditu maħruġa minn aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 2 u 3 dwar il-bond kopert eżistenti fid-data ta' referenza tar-rappurtar.</p>
150-250	<p>Pool ta' kopertura</p> <p>Il-pool ta' kopertura jikkonsisti fil-pożizzjonijiet kollha, inklużi l-pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pool ta' kopertura, mill-perspettiva tal-emittent tal-bond kopert, b'valur tas-suq nett pożittiv, li huma suġġetti għall-miżuri protettivi rispettivi tal-bonds koperti.</p>
150	<p>Id-data tar-rappurtar</p> <p>L-ammonti tal-assi fil-pool ta' kopertura, esklużi pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pool ta' kopertura. Dan l-ammont jinkludi rekwiżiti minimi ta' kollateralizzazzjoni żejda flimkien ma' kull kollateralizzazzjoni żejda addizzjonali li taqbeż il-minimu, sal-punt suġġett għall-miżuri protettivi rispettivi tal-bonds koperti.</p>
160	<p>+ 6 xhur</p> <p>Id-data tar-rappurtar "+ 6 xhur" hija l-punt fiż-żmien 6 xhur wara d-data ta' referenza tar-rappurtar. L-ammonti jiġu pprovduti bl-assunzjoni ta' ebda tibdil fil-pool ta' kopertura meta mqabbla mad-data tar-rappurtar ħlief għal amortizzazzjoni. Fin-nuqqas ta' skeda tal-ħlas fissa, għal ammonti pendenti f'dati futuri l-maturità mistennija għandha tintuża b'mod konsistenti.</p>
170-200	<p>+ 12-il xahar – + 10 snin</p> <p>Fir-rigward ta' "+ 6 xhur" (il-kolonna 160) għall-punt fiż-żmien rispettiv mid-data tar-rappurtar ta' referenza.</p>
210	<p>Pożizzjonijiet fid-derivattivi ta' pools ta' kopertura b'valur tas-suq nett pożittiv</p> <p>Il-valur tas-suq nett pożittiv ta' pożizzjonijiet fid-derivattivi ta' pools ta' kopertura li, mill-perspettiva tal-emittent tal-bond kopert, ikollhom valur tas-suq nett pożittiv. Pożizzjonijiet fid-derivattivi ta' pools ta' kopertura huma tip ta' pożizzjonijiet fid-derivattivi nett li b'konformità mar-reġim statutorju rilevanti ta' bonds koperti jkunu ġew inklużi fil-pool ta' kopertura u huma soġġetti għal miżuri protettivi rispettivi ta' bonds koperti b'mod li tali pożizzjonijiet derivattivi b'valur pożittiv fis-suq ma jkunux jagħmlu parti mill-proprjetà ġenerali tal-insolvenza tal-emittent tal-bonds koperti.</p> <p>Il-valur tas-suq nett pożittivi għandu jiġi rrapportat biss għad-data ta' rappurtar.</p>
220-250	<p>Ammont ta' kopertura li jaqbeż il-minimu tar-rekwiżiti ta' kopertura</p> <p>Ammonti tal-pool ta' kopertura, inklużi pożizzjonijiet fid-derivattivi tal-pool ta' kopertura b'valuri tas-suq nett pożittivi, feċċess ta' rekwiżiti ta' kopertura minima (kollateralizzazzjoni żejda).</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
220	Skont ir-reġim rilevanti statutorju tal-bonds koperti Ammonti ta' kollateralizzazzjoni żejda meta mqabbla mal-kopertura minima meħtieġa mir-reġim statutorju rilevanti tal-bonds ta' koperti.
230-250	Skont il-metodoloġija tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu biex tinżamm il-klassifikazzjoni tal-kreditu estern kurrenti fuq bonds koperti Ammonti ta' kollateralizzazzjoni żejda meta mqabbla mal-livell li, skont informazzjoni dwar il-metodoloġija tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rispettiva għad-dispożizzjoni tal-emittent tal-bonds koperti, għandhom għall-inqas ikunu meħtieġa biex isostnu l-klassifikazzjoni ta' kreditu eżistenti maħruġa mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.
230	Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu 1 Ammonti ta' kollateralizzazzjoni żejda meta mqabbla mal-livell li skont l-informazzjoni dwar il-metodoloġija tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 1 (il-kolonna 090) għad-dispożizzjoni tal-emittent tal-bonds koperti, għandhom għall-inqas ikunu meħtieġa biex isostnu l-klassifikazzjoni tal-kreditu 1 (il-kolonna 100).
240-250	Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 2 u aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 3 L-istruzzjonijiet għall-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 1 (il-kolonna 230) japplikaw ukoll għall-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 2 (il-kolonna 110) u l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu 3 (il-kolonna 130).

6. PARTI E: DEJTA AVVANZATA

6.1. Rimarki ġenerali

35. Il-parti E ssegwi l-istess struttura bħal fil-ħarsa ġenerali fuq il-formola tal-interess ta' garanzija fil-Parti A b'mudelli differenti għall-interess ta' garanzija tal-assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar u għall-kollateral riċevut: AE-ADV u AE-ADV 2 rispettivament. Konsegwentement, obligazzjonijiet imqabbla, jikkorrispondu għall-obbligazzjonijiet li huma garantiti mill-assi vinkolati u ma tista' teżisti l-ebda relazzjoni wieħed għal wieħed.

6.2. Formola: AE-ADV 1. Formola avanzata għal assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar

6.2.1. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010-020	Finanzjament mill-bank ċentrali (ta' kull tip, inkluż repos) It-tipi kollha ta' obligazzjonijiet tal-istituzzjoni tar-rappurtar fejn il-kontroparti tat-tranżazzjoni huwa bank ċentrali. Assi li jkunu ġew pożizzjonati minn qabel ma' banek ċentrali ma jiġux trattati bħala assi vinkolati sa fejn il-bank ċentrali ma jippermettix l-irtirar ta' xi assi mqiegħda mingħajr approvazzjoni minn qabel. Għal garanziji finanzjarji mhux użati, il-parti mhux użata, jiġifieri, l-ammont 'il fuq mill-minimu meħtieġ mill-bank ċentrali, jiġu allokati fuq bażi pro-rata fost l-assi li jitqiegħdu fil-bank ċentrali.
030-040	Derivattivi kkummerċjati skambjati L-ammont riportat tad-derivattivi kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar li huma obbligazzjonijiet finanzjarji, sa fejn dawn id-derivattivi huma kkwotati jew negozjati f'kambju ta' investment rikonoxxut jew speċifikat u dawn jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
050-060	<p>Derivattivi barra l-Borża</p> <p>L-ammont riportat tad-derivati kollateralizzati tal-istituzzjoni tar-rappurtar li huma obbligazzjonijiet finanzjarji, sa fejn dawn id-derivattivi jkunu nnegozjati barra l-borża u jinkludu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni. (L-istess istruzzjoni fir-ringiela 030 tal-formola AE-SOU)</p>
070-080	<p>Ftehimiet ta' riakkwist</p> <p>L-ammont riportat tal-ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar fejn il-kontroparti tat-tranżazzjoni ma tkunx bank ċentrali, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni. Għal ftehimiet ta' riakkwist bejn tliet partijiet, għandu jiġi segwit l-istess trattament bħal ftehimiet ta' riakkwist sa fejn dawn jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għall-istituzzjoni tar-rappurtar.</p>
090-100	<p>Depożiti kollateralizzati minbarra ftehimiet ta' riakkwist</p> <p>L-ammont riportat tad-depożiti kollateralizzati għajr ftehimiet ta' riakkwist tal-istituzzjoni tar-rappurtar fejn il-kontroparti tat-tranżazzjoni ma tkunx bank ċentrali, sa fejn dawn id-depożiti jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p>
110-120	<p>Titoli ta' bonds koperti maħruġa</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet fir-ringiela 100 tal-formola AE-ASS.</p>
130-140	<p>Titolizzazzjonijiet maħruġa</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet fir-ringiela 110 tal-formola AE-ASS.</p>
150-160	<p>Titoli ta' dejn maħruġa għajr bonds koperti u ABSs</p> <p>L-ammont riportat tat-titoli ta' dejn maħruġa mill-istituzzjoni tar-rappurtar għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet sa fejn dawn it-titoli maħruġa jinvolvu interess ta' garanzija tal-assi għal dik l-istituzzjoni.</p> <p>Fil-każ li istituzzjoni tar-rappurtar kienet tkun żammet xi titoli ta' dejn maħruġa, jew mid-data tal-ħruġ jew wara bħala riżultat ta' riakkwist, dawn it-titoli miżmuma ma għandhomx jiġu inklużi taħt din l-entrata. Barra minn hekk, il-kollateral assenjat lilhom għandu jiġu kklassifikat bħala mhux vinkolat għall-iskop ta' din il-formola.</p>
170-180	<p>Sorsi oħra ta' interess ta' garanzija</p> <p>Ara l-istruzzjonijiet fir-ringiela 120 tal-formola AE-ASS.</p>
190	<p>Total tal-assi vinkolati</p> <p>Għal kull tip ta' assi speċifikata fir-ringieli tal-formola AE-ADV 1, l-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma vinkolati.</p>
200	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Għal kull tip ta' assi speċifikati fir-ringieli tal-formola AE-ADV 1, l-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huma vinkolati u li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju ġurisdizzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
210	<p>Total ta' assi mhux vinkolati</p> <p>Għal kull tip ta' assi speċifikati fir-ringieli tal-formola AE-ADV1, l-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex vinkolati. Ammont riportat tfisser l-ammont rappurtat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali.</p>

▼ M3

Ringieli	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
220	<p>li minnhom: eliġibbli tal-banek ċentrali</p> <p>Għal kull tip ta' assi speċifikati fir-ringieli tal-formola AE-ADV1, l-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhumiex vinkolati u li huma eliġibbli għal operazzjonijiet ma' dawk il-banek ċentrali li għalihom l-istituzzjoni tar-rappurtar għandha aċċess. L-istituzzjonijiet tar-rappurtar li ma jistgħux b'mod pożittiv jistabbilixxu eliġibbiltà tal-banek ċentrali għal entrata, pereżempju guriżazzjonijiet li joperaw mingħajr definizzjoni ċara ta' assi eliġibbli għal repo ta' bank ċentrali jew li m'għandhomx aċċess għal suq repo tal-banek ċentrali li jiffunzjona kontinwament, jistgħu jastjenu milli jirrappurtaw l-ammont assoċjat għal dik l-entrata, jiġifieri jħallu s-sezzjoni tar-rappurtar vojta.</p>
230	<p>Assi vinkolati + assi mhux vinkolati</p> <p>Għal kull tip ta' assi speċifikati fir-ringieli tal-formola AE-ADV1, l-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar.</p>

6.2.2. Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	<p>Self fuq talba</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 020 tal-formola AE-ASS.</p>
020	<p>Strumenti ta' ishma azzjonarji</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 030 tal-formola AE-ASS.</p>
030	<p>Totali</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 040 tal-formola AE-ASS.</p>
040	<p>li minnhom: bonds koperti</p> <p>Ara kif deskritt fl-istruzzjonijiet għar-ringiela 050 tal-formola AE-ASS.</p>
050	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Bonds koperti kif deskritt fl-istruzzjonijiet għar-ringiela 050 tal-formola AE-ASS li huma maħruġa minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.</p>
060	<p>li minnhom: titolizzazzjonijiet</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 060 tal-formola AE-ASS.</p>
070	<p>li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp</p> <p>Titolizzazzjonijiet kif deskritt fl-istruzzjonijiet għar-ringiela 060 tal-formola AE-ASS li huma maħruġa minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.</p>
080	<p>li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 070 tal-formola AE-ASS.</p>
090	<p>li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 080 tal-formola AE-ASS.</p>
100	<p>li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji</p> <p>Ara l-istruzzjoni għar-ringiela 090 tal-formola AE-ASS.</p>
110	<p>Banek ċentrali u amministrazzjonijiet pubbliċi</p> <p>Self u avvanzi għajr self fuq talba lil bank ċentrali jew amministrazzjoni pubblika.</p>
120	<p>Korporazzjonijiet finanzjarji</p> <p>Self u avvanzi għajr self, fuq talba lil korporazzjonijiet finanzjarji.</p>

▼ M3

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
130	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji Self u avvanzi għajr self fuq talba lil korporazzjonijiet nonfinanzjarji.
140	li minnhom: self ipotekarju Self u avvanzi għajr self fuq talba ggarantiti b'ipoteka mogħtija lil korporazzjonijiet nonfinanzjarji.
150	Unitajiet domestiċi Self u avvanzi għajr self fuq talba mogħtija lill-unitajiet domestiċi.
160	li minnhom: self ipotekarju Self u avvanzi għajr self fuq talba ggarantiti b'ipoteka mogħtija lill-unitajiet domestiċi.
170	Assi oħrajn Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 120 tal-formola AE-ASS.
180	Totali Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 010 tal-formola AE-ASS.

6.3. Formola: AE-ADV2. Formola avvanzata għal kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar

6.3.1. Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi

36. Ara l-punt 6.2.1 minħabba li l-istruzzjonijiet huma simili għaż-żewġ formuli.

6.3.2. Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
010	Self fuq talba Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 140 tal-formola AE-COL.
020	Strumenti ta' ishma azzjonarji Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 150 tal-formola AE-COL.
030	Totali Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 160 tal-formola AE-COL.
040	li minnhom: bonds koperti Ara l-istruzzjonijiet fir-ringiela 170 tal-formola AE-COL.
050	li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa bonds koperti maħruġa minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.
060	li minnhom: titolizzazzjonijiet Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 180 tal-formola AE-COL.
070	li minnhom: maħruġa minn entitajiet oħra tal-grupp Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa titolizzazzjonijiet maħruġin minn kwalunkwe entità fl-ambitu prudenzjali tal-konsolidazzjoni.
080	li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 190 tal-formola AE-COL.
090	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 200 tal-formola AE-COL.

▼ **M3**

Kolonna	Ir-referenzi u l-istruzzjonijiet legali
100	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet nonfinanzjarji Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 210 tal-formola AE-COL.
110	Banek ċentrali u amministrazzjonijiet pubbliċi Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa self u avvanzi għajr self fuq talba lil bank ċentrali jew amministrazzjoni pubblika.
120	Korporazzjonijiet finanzjarji Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa self u avvanzi għajr self fuq talba lil korporazzjonijiet finanzjarji.
130	Korporazzjonijiet mhux finanzjarji Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa self u avvanzi għajr self fuq talba lil korporazzjonijiet nonfinanzjarji.
140	li minnhom: self ipotekarju Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar li huwa self u avvanzi għajr self fuq talba ggarantit b'ipoteka mogħti lil korporazzjonijiet nonfinanzjarji.
150	Unitajiet domestiċi Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar f'forma ta' self u avvanzi oħra għajr self fuq talba mogħti lill-unitajiet domestiċi.
160	li minnhom: self ipotekarju Kollateral riċevut mill-istituzzjoni tar-rappurtar f'forma ta' self u avvanzi għajr self fuq talba ggarantit b'ipoteka mogħtija lill-unitajiet domestiċi.
170	Assi oħrajn Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 230 tal-formola AE-COL.
180	Titoli ta' dejn proprji maħruġin għajr bonds proprji koperti jew ABSs Ara l-istruzzjonijiet għar-ringiela 240 tal-formola AE-COL.
190	Totali Ara l-istruzzjonijiet għar-ringieli 130 u 140 tal-formola AE-COL.